# IL-KATEKIŻMU TAL-KNISJA KATTOLIKA

IT-TIELET PARTI

# IL-ĦAJJA FI KRISTU

KKK 1691-2557

WERREJ TAT-TIELET PARTI

# IL-ĦAJJA FI KRISTU

1691-2557


.......... 5


L-EWWEL SEZZJONI
IL-VOKAZZJONI TAL-BNIEDEM. IL-ĦAJJA FL-ISPIRTU


L-EWWEL KAPITLU: ID-DINJITÀ TAL-PERSUNA UMANA .......... 9

**L-ewwel artiklu: Il-bniedem, xbieha ta' Alla** .......... 9
Fil-qosor .......... 10

**It-tieni artiklu: Il-vokazzjoni tagħna għall-hena** .......... 11

I. Il-beatitudnijiet .......... 11
II. Ix-xewqa tal-hena .......... 12
III. L-hena nisrani .......... 12
Fil-qosor .......... 13

**It-tielet artiklu: Il-libertà tal-bniedem** .......... 14

I. Libertà u responsabbiltà .......... 14
II. Il-libertà tal-bniedem fil-pjan tas-salvazzjoni .......... 15
Fil-qosor .......... 16

**Ir-raba' artiklu: Il-moralità tal-għemil tal-bniedem** .......... 16

I. L-għejjun tal-moralità .......... 16
II. Għemil tajjeb u għemil ħażin .......... 17
Fil-qosor .......... 18

**Il-ħames artiklu: Il-moralità tal-passjonijiet tal-bniedem** .......... 18

I. Il-passjonijiet .......... 18
II. Passjonijiet u ħajja morali .......... 19
Fil-qosor .......... 20

**Is-sitt artiklu: Il-kuxjenza morali** .......... 20

I. Il-ġudizzju tal-kuxjenza .......... 20
II. Il-formazzjoni tal-kuxjenza .......... 21
III. L-għażliet tal-kuxjenza .......... 22
IV. Ġudizzju żbaljat .......... 22
Fil-qosor .......... 23

**Is-seba' artiklu: Il-virtujiet** .......... 24

I. Il-virtujiet tal-bniedem .......... 24
L-għażla bejn il-virtujiet kardinali - Il-virtujiet u l-grazzja.

II. Il-virtujiet teologali ........ 26
Il-fidi - It-tama - L-imħabba.
III. Id-doni u l-frott tal-Ispirtu ........ 29
Fil-qosor ........ 29

**It-tmien artiklu: Id-dnub** ........ 30

I. Il-ħniena u d-dnub ........ 30
II. X'inhu d-dnub ........ 31
III. Il-ħafna suriet tad-dnub ........ 32
IV. Il-gravità tad-dnub: dnub mejjet u dnub venjal ........ 32
V. It-tkattir tad-dnubiet ........ 34
Fil-qosor ........ 35

IT-TIENI KAPITLU: IL-KOMUNITÀ TAL-BNEDMIN ........ 35

**L-ewwel artiklu: Il-persuna u soċjetà** ........ 36

I. Il-karattru komunitarju tal-vokazzjoni tal-bniedem ........ 36
II. Il-konverżjoni u s-soċjetà ........ 37
Fil-qosor ........ 38

**It-tieni artiklu: It-tisħib fil-ħajja soċjali** ........ 38

I. L-awtorità ........ 38
II. Il-ġid komuni (ta' kulħadd) ........ 40
III. Responsabbiltà u parteċipazzjoni ........ 41
Fil-qosor ........ 42

**It-tielet artiklu: Il-ġustizzja soċjali** ........ 43

I. Ir-rispett tal-persuna umana ........ 43
II. Egwaljanzi u differenzi bejn il-bnedmin ........ 44
III. Is-solidarjetà bejn il-bnedmin ........ 45
Fil-qosor ........ 45

IT-TIELET KAPITLU: IS-SALVAZZJONI TA' ALLA: IL-LIĠI TAL-GRAZZJA ........ 46

**L-ewwel artiklu: Il-Liġi morali** ........ 46

I. Il-Liġi morali naturali ........ 47
II. Il-Liġi l-qadima ........ 48
III. Il-Liġi l-ġdida jew Liġi evanġelika ........ 49
Fil-qosor ........ 51

**It-tieni artiklu: Grazzja u ġustifikazzjoni** ........ 52

I. Il-ġustifikazzjoni ........ 52
II. Il-grazzja ........ 54
III. Il-mertu ........ 56
IV. Il-qdusija nisranija ........ 57
Fil-qosor ........ 58

**It-tielet artiklu: Il-Knisja, Omm u Għalliema** ........ 59

I. Il-ħajja morali u l-maġisteru tal-Knisja ........ 60
II. Il-preċetti tal-Knisja ........ 61
III. Ħajja morali u xhieda missjunarja ........ 62
Fil-qosor ........ 62

L-għaxar kmandamenti ........ 64

IT-TIENI SEZZJONI
L-GĦAXAR KMANDAMENTI

“Mgħallem, x’tajjeb għandi nagħmel?” - Id-Dekalogu fl-Iskrittura - Id-Dekalogu u t-Tradizzjoni tal-Knisja - L-għaqda tad-Dekalogu - Id-Dekalogu u l-Liġi naturali - L-obbligu tad-Dekalogu - “Mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn” ........ 66
Fil-qosor ........ 70

L-EWWEL KAPITLU: “ĦOBB IL-MULEJ ALLA TIEGĦEK, B’QALBEK KOLLHA, B’RUĦEK KOLLHA, U BIL-QAWWA TIEGĦEK KOLLHA” ........ 71

**L-ewwel artiklu: L-ewwel kmandament** ........ 71

I. “Tadura l-Mulej Alla tiegħek u lilu biss taqdi” ........ 71
Il-fidi - It-tama - L-imħabba.
II. “Lilu biss tagħti qima” ........ 73
L-adorazzjoni - It-talb - Is-sagrifiċċju - Wegħdiet u voti - Id-dmir soċjali tar-reliġjon u d-dritt għal-libertà reliġjuża.
III. “Ma jkollokx Alla ieħor għajri” ........ 76
Is-superstizzjoni - L-idolatrija - Teħbir u seħer - L-irreliġjon - L-ateiżmu - L-anjostiċiżmu.
IV. “Tagħmilx għalik xbihat minquxa....” ........ 80
Fil-qosor ........ 80

**It-tieni artiklu: It-tieni kmandament** ........ 81

I. Isem il-Mulej hu qaddis ........ 81
II. L-isem ta’ Alla msemmi fil-batal ........ 83
III. L-isem nisrani ........ 83
Fil-qosor ........ 84

**It-tielet artiklu: It-tielet kmandamenti** ........ 85

I. Jum is-Sibt ........ 85
II. Jum il-Mulej ........ 86
Jum il-qawmien mill-imwiet: il-ħolqien ġdid - Il-Ħadd: Il-milja tas-Sibt - L-Ewkaristija f’Jum il-Ħadd - L-obbligu tal-Ħadd - Jum ta’ grazzja u ta’ mistrieħ mix-xogħol.
Fil-qosor ........ 89

IT-TIENI KAPITLU: “ĦOBB ‘L GĦAJREK BĦALEK INNIFSEK” ........ 90

**Ir-raba’ artiklu: Ir-raba’ kmandament** ........ 90

I. Il-familja fil-pjan ta’ Alla ........ 91
In-natura tal-familja - Il-familja nisranija.
II. Il-familja u soċjetà ........ 92
III. Id-dmirijiet tal-membri tal-familja ........ 93
Id-Dmirijiet tal-ulied - Id-Dmirijiet tal-ġenituri.
IV. Il-familja u s-Saltna ........ 96
V. L-awtoritajiet fis-soċjetà ċivili ........ 97
Id-dmirijiet tal-awtoritajiet ċivili - Dmirijiet taċ-ċittadini - Il-komunità politika u l-Knisja.
Fil-qosor ........ 99

**Il-ħames artiklu: Il-ħames kmandament** ........ 100

I. Ir-rispett għall-ħajja tal-bniedem ........ 101
Ix-xhieda tal-Iskrittura - Difiża leġittma - L-omiċidju volontarju - L-abort - L-ewtanasja - Is-suwiċidju.
II. Ir-rispett għad-dinjità tal-persuni ........ 105
Ir-rispett għar-ruħ ta' ħaddieħor: l-iskandlu - Ir-rispett tas-saħħa - Ir-rispett tal-persuna umana u r-riċerka xjentifika - Ir-rispett għas-sħuħija tal-ġisem - Ir-rispett għall-mejtin.
III. Il-ħarsien tal-paċi ........ 108
Il-paċi - Nevitaw il-gwerra.
Fil-qosor ........ 111

**Is-sitt artiklu: Is-sitt kmandament** ........ 112

I. "Raġel u mara ħalaqhom" ........ 112
II. Il-vokazzjoni għall-kastità ........ 113
L-integrità tal-persuna - Is-sħuħija tal-għotja tiegħek innifsek - Is-suriet diversi tal-kastità - Id-dnubiet kontra l-kastità - Kastità u omosesswalità.
III. L-imħabba tal-miżżewġin ........ 117
Il-fedeltà tal-miżżewġin - Il-frott taż-żwieġ - Id-don tal-ulied.
IV. L-offiżi kontra d-dinjità taż-żwieġ ........ 121
Id-divorzju - Offiżi oħra kontra d-dinjità taż-żwieġ.
Fil-qosor ........ 123

**Is-seba' artiklu: Is-seba' kmandament** ........ 124

I. Il-ġid tad-dinja li hu għal kulħadd u l-proprjetà privata tal-ġid ........ 124
II. Ir-rispett tal-persuna u ta' ġidha ........ 125
Ir-rispett għall-ġid ta' ħaddieħor - Ir-rispett għas-sħuħija tal-ħolqien.
III. Id-duttrina soċjali tal-Knisja ........ 127
IV. L-attività ekonomika u l-ġustizzja soċjali ........ 128
V. Ġustizzja u solidarjetà bejn in-nazzjonijiet ........ 130
VI. L-imħabba għall-foqra ........ 132
Fil-qosor ........ 132

**It-tmien artiklu: It-tmien kmandament** ........ 135

I. Tgħix fil-verità ........ 135
II. "Ix-xhieda għall-verità" ........ 136
II. In-nuqqasijiet kontra l-verità ........ 137
IV. Ir-rispett għall-verità ........ 139
V. L-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali ........ 139
VI. Verità, ġmiel u arti sagra ........ 140
Fil-qosor ........ 141

**Id-disa' artiklu: Id-disa' kmandament** ........ 142

I. Is-safa tal-qalb ........ 143
II. It-taqbida għas-safa ........ 144
Fil-qosor ........ 145

**L-għaxar artiklu: L-għaxar kmandament** ........ 146

I. Id-diżordni ta' kull ġibda ........ 146
II. Ix-xewqat tal-ispirtu ........ 147
III. Il-faqar tal-qalb ........ 148
IV. "Irrid nara 'l Alla ........ 148
Fil-qosor ........ 149

IT-TIELET PARTI

# IL-ĦAJJA FI KRISTU

1691 "Agħraf, o Nisrani, il-kobor tiegħek; int li sseħibt ma' Alla fin-natura tiegħu, la terġax lura fil-post baxx ta' dari b'ħajja mhux xierqa. Ftakar ta' liema Ras u ta' liema Ġisem int membru. Żomm f'moħħok li inti nqlajt minn taħt is-setgħa tad-dlamijiet u għaddejt fid-dawl u s-Saltna ta' Alla".[1]

1692 Is-Simbolu tal-fidi jistqarr il-kobor tad-doni ta' Alla lill-bniedem fl-opra tal-ħolqien, u wisq aktar tal-fidwa u t-tqaddis. Dak li l-fidi tistqarr, jagħtuhulna s-sagramenti: l-Insara, permezz tas-sagramenti "li tawhom twelid ġdid", saru "wlied Alla" *(Ġw 1,12; 1 Ġw 3,1)*, "imseħbin fin-natura ta' Alla" (*2 Piet 1,4*). L-Insara, huma u jagħrfu d-dinjità ġdida tagħhom bil-fidi, issa huma msejħin biex jgħixu "ħajja li tixraq l-Evanġelju ta' Kristu" *(Fil 1,27)*. Bis-sagramenti u t-talb jirċievu l-grazzja ta' Kristu u d-doni tal-Ispirtu li jagħtuhom il-ħila li jirċevuha.

1693 Kristu Ġesù dejjem għamel dak li kien jogħġob lill-*Missier*.[2] Għex dejjem f'għaqda sħiħa miegħu. Hekk ukoll id-dixxipli tiegħu, huma mistednin jgħixu taħt il-ħarsa tal-Missier, "li jara dak li hu moħbi",[3] biex "ikunu perfetti bħalma hu perfett il-Missier li hu fis-smewwiet" *(Mt 5,47)*.

1694 L-Insara, li saru ħaġa waħda ma' *Kristu* permezz tal-Magħmudija,[4] huma "mejtin għad-dnub imma ħajjin għal Alla fi Kristu Ġesù" *(Rum 6,11)* u hekk huma mseħbin fil-ħajja ta' Kristu rxoxt.[5] Huma u jimxu wara Ġesù u jkunu magħqudin miegħu *(Ġw 15,5)*, l-Insara jistgħu jfittxu li jkunu "jixbhu lil Alla bħala wlied maħbuba u jimxu fl-imħabba"*(Ef 5,1)* billi bi ħsibijiethom, bi kliemhom u b'għemilhom juru li huma "jaħsbu kif kien jaħseb Kristu Ġesù" *(Fil 2,5)* u jimxu fuq l-eżempju tiegħu.[6]

1695 "Iġġustifikati fl-Isem ta' Sidna Ġesù Kristu u fl-Ispirtu ta' Alla" *(1 Kor 6,11*), l-Insara li tqaddsu u ġew "imsejħa biex ikunu qaddisin" *(1 Kor 1,2)* saru "tempju tal-*Ispirtu s-Santu*".[7] Dan "l-Ispirtu tal-Iben" jgħallimhom jitolbu lill-Missier[8] u, għax sar il-ħajja tagħhom, imexxihom[9] biex jagħmlu "l-frott tal-Ispirtu" *(Gal 5,22)* bl-għemil ta' mħabba. L-Ispirtu s-Santu, huwa u jfejjaqna mill-ġerħat tad-dnub, "iġeddidna b'tibdila spiritwali fil-fehma tagħna" *(Ef 4,23)*, idawwalna u jsaħħaħna biex ngħixu bħala "wlied id-dawl" *(Ef 5,8)*, "b'kulma hu tajjeb, b'kulma hu ġustizzja, b'kulma hu veru", f'kollox *(Ef 5,9).*

---

[1] San Ljun il-Kbir, *Sermo* 21, 2-3: PL 54, 192A; ara Liturġija tas-Sigħat, it-tieni lezzjoni tal-uffiċċju tal-qari tal-Milied.
[2] Ara Ġw 8,29.
[3] Ara Mt 6,6.
[4] Ara Rum 6,5.
[5] Ara Kol 2,12.
[6] Ara Ġw 13,12-16.
[7] Ara 1 Kor 6,19.
[8] Ara Gal 4,6.
[9] Ara Gal 5,25.

1696 It-triq ta' Kristu "twassal għall-ħajja"; triq kuntrarja għaliha "twassal għat-telfien".[1] Il-parabbola tal-Evanġelju dwar iż-*żewġ triqat* insibuha dejjem fil-fil-katekeżi tal-Knisja. Turina l-importanza tad-deċiżjonijiet morali għas-salvazzjoni tagħna. "Hemm żewġ triqat, waħda tal-ħajja, l-oħra tal-mewt: bejniethom hemm differenza kbira".[2]

1697 *Fil-katekeżi* hu importanti ħafna li jintwera b'mod l-aktar ċar x'ferħ iġġib it-triq ta' Kristu, imma x'titlob minna wkoll.[3] Il-katekeżi tal-"ħajja ġdida" *(Rum 6,4)* fi Kristu hi:

— *katekeżi tal-Ispirtu s-Santu,* Mgħallem fir-ruħ tal-ħajja skont Kristu, mistieden kollu ħlewwa u ħabib, inebbaħ, imexxi, jiddritta u jsaħħaħ din il-ħajja;

— *katekeżi tal-grazzja,* għaliex hu permezz tal-grazzja li aħna salvi u permezz tal-grazzja wkoll li l-għemejjel tagħna jista' jkollhom frott għall-ħajja ta' dejjem;

— *katekeżi tal-beatitudnijiet* għaliex it-triq ta' Kristu tinġabar kollha kemm hi fil-beatitudnijiet, it-triq waħdanija li twassal għall-hena ta' dejjem, hena li l-qalb tal-bniedem tant tixtieq;

— *katekeżi ta' dnub u maħfra,* għaliex jekk il-bniedem ma jagħrafx li hu midneb, ma jasalx biex jagħraf il-verità fuqu nnifsu, kundizzjoni meħtieġa biex jagħmel dak li hu sewwa, u jekk ma tingħatalux il-maħfra ma jkunx jista' joqgħod għal din il-verità;

— *katekeżi tal-virtujiet tal-bniedem,* li twassal biex wieħed jara l-ġmiel u l-ħajra tad-dispożizzjonijiet tajba għal dak li hu ġid;

— *katekeżi tal-virtujiet insara,* tal-fidi, tama u mħabba li tieħu l-aqwa ispirazzjoni tagħha mill-eżempji tal-qaddisin;

— *katekeżi tal-kmandament doppju tal-imħabba* (ta' Alla u tal-proxxmu), żviluppat fl-Għaxar kmandamenti;

— *katekeżi ekkleżjali,* għaliex hu permezz tal-qsim tal-"ġid spiritwali" fix-"xirka tal-qaddisin" li l-ħajja nisranija tikber, tiżviluppa u tingħata.

1698 Il-bidu u t-tmiem ta' din il-katekeżi hu dejjem Ġesù Kristu stess, li hu "t-triq, il-verità u l-ħajja" *(Ġw 14,6)*. Huwa billi jħarsu lejn Ġesù bil-fidi li l-Insara jistgħu jittamaw li hu jagħmel li jseħħu fihom il-wegħdiet tiegħu, u huma u jħobbuh b'dik l-imħabba li bihom ħabbhom hu, l-għemil li jagħmlu jkun jaqbel mad-dinjità tagħhom:

> Nitlobkom tqisu li Sidna Ġesù Kristu hu l-veru Kap tagħkom u li intom membri tiegħu. Hu għalikom dak li r-ras hi għall-membri tal-ġisem tiegħu. Kulma hu tajjeb hu tagħkom: l-ispirtu tiegħu, Qalbu, Ġismu, Ruħu, il-fakultajiet kollha tiegħu; u tridu tużawhom qishom kienu tagħkom biex taqdu, tfaħħru, tħobbu u tigglorifikaw lil Alla.

[1] Mt 7,13; ara Dewt 30,15-20.
[2] *Didake*, 1, 1.
[3] Ara Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Catechesi tradendae*, 29.

Intom għalih, kif il-membri tal-ġisem huma għar-ras. Hu wkoll jixtieq ħafna juża kulma hu fikom għall-qadi u l-glorja ta' Missieru, bħallikieku kienu tiegħu.[1]

Għalija l-ħajja hi Kristu *(Fil 1,21).*

[1] San Ġwann Eudes, *Tractatus de admirabili Corde Jesu* 1, 5; ara Liturġija tas-Sigħat, lezzjoni II tal-uffiċċju tal-qari tad-19 ta' Awwissu.

L-EWWEL SEZZJONI

# IL-VOKAZZJONI TAL-BNIEDEM IL-ĦAJJA FL-ISPIRTU

1699 Il-ħajja fl-Ispirtu s-Santu twassal il-vokazzjoni tal-bniedem għat-tmiem tagħha (l-ewwel Kapitlu). Tikkonsisti fl-imħabba ta' Alla u f'solidarjetà mal-bnedmin (it-tieni Kapitlu). Tingħata b'xejn bħala salvazzjoni (it-tielet Kapitlu).

### L-EWWEL KAPITLU

## ID-DINJITÀ TAL-PERSUNA UMANA

1700 Id-dinjità tal-persuna umana għandha l-għeruq tagħha fil-ħolqien fis-sura u x-xbieha ta' Alla (l-ewwel artiklu); u tilħaq il-milja tagħha fis-sejħa tal-bniedem għat-tgawdija ta' Alla (it-tieni artiklu). Il-bniedem għandu jħabrek minn rajh biex jikseb dan (it-tielet artiklu). Permezz tal-għemil maħsub tiegħu (ir-raba' artiklu) il-bniedem, bħala persuna, juri li jrid jaqbel jew ma jaqbilx mal-ġid imwiegħed minn Alla, ġid li l-kuxjenza morali hi xhud tiegħu (il-ħames artiklu). Il-bnedmin jinbnew waħedhom u jikbru minn ġewwa: permezz tal-ħajja sensibbli u spiritwali kollha tagħhom jilħqu l-kobor sħiħ tagħhom (is-sitt artiklu). Bl-għajnuna tal-grazzja huma jikbru fil-virtù (is-seba' artiklu) u jevitaw id-dnub, u jekk jaqgħu fid-dnub, jagħmlu bħall-iben il-ħali[1] u jafdaw lilhom infushom għall-ħniena tal-Missier tagħna tas-sema (it-tmien artiklu). B'dan il-mod jaslu għall-perfezzjoni tal-imħabba.

### L-ewwel artiklu

## IL-BNIEDEM XBIEHA TA' ALLA

1701 "Kristu, meta wriena l-misteru tal-Missier u tal-Imħabba tiegħu, wera lill-bniedem b'mod l-aktar sħiħ x'inhu fih innifsu u kemm hi għolja l-vokazzjoni tiegħu".[2] Hu fi Kristu, "ix-xbieha ta' Alla li ma jidhirx",[3] li l-bniedem inħalaq "fuq is-sura u x-xbieha" tal-Ħallieq. Hu fi Kristu, Feddej u Salvatur, li x-xbieha ta' Alla, imħassra fil-bniedem bl-ewwel dnub, ġiet imġedda fil-ġmiel li kellha fil-bidu u mogħnija bil-grazzja ta' Alla.[4]

[1] Ara Lq 15,11-31.
[2] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 22.
[3] Kol 1,15; ara 2 Kor 4,4.
[4] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 22.

1702 Ix-xbieha ta' Alla tinsab f'kull bniedem… Tiddi fl-għaqda tal-bnedmin bejniethom, fix-xbieha tal-unità tat-Tliet Persuni tat-Trinità bejniethom (ara t-tieni Kapitlu).

1703 Mogħtija ruħ "spiritwali u immortali",[1] il-persuna umana hija "l-kreatura waħdanija fuq l-art li Alla riedha minħabba fiha stess".[2] Sa mit-tnissil tagħha, hi destinata għall-hena ta' dejjem.

1704 Il-persuna umana għandha sehem fid-dawl u l-qawwa tal-Ispirtu ta' Alla. Permezz tar-raġuni, tista' tifhem l-ordni li l-Ħallieq ried li jkun hemm fil-ħolqien. Permezz tar-rieda, tista' twassal lilha nfisha sal-ġid veru. Hija tilħaq il-perfezzjoni tagħha "meta tfittex u tħobb dak li hu veru u dak li hu tajjeb".[3]

1705 Il-bniedem, għax għandu ruħ u għandu l-qawwiet spiritwali tal-intelliġenza u r-rieda, hu mżejjen bil-libertà, "sinjal privileġġjat tax-xbieha ta' Alla".[4]

1706 Bir-raġuni tiegħu l-bniedem jagħraf leħen Alla, li jħajru biex "jagħmel it-tajjeb u jevita l-ħażin".[5] Kull bniedem hu obbligat jisma' minn din il-liġi li tidwi fil-kuxjenza u li titwettaq fl-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu. Li wieħed jgħix ħajja morali hu xhieda tad-dinjità tal-persuna.

1707 "Imqarraq mill-Ħażin, sa mill-bidu tal-istorja tiegħu, il-bniedem abbuża mil-libertà".[6] Ċeda għat-tentazzjoni u għamel dak li hu ħażin. Għad għandu fih ix-ix-xewqa li jagħmel dak li hu tajjeb, iżda n-natura tiegħu għandha l-ġerħa tad-dnub tan-nisel. Sar jinġibed lejn il-ħażen u faċli jiżbalja:

> Huwa fih innifsu li l-bniedem hu mifrud. Għalhekk il-ħajja kollha tal-bniedem, kemm bħala individwu kif ukoll fil-komunità, turi ruħha bħala ġlieda, tassew drammatika, bejn it-tajjeb u l-ħażin, bejn id-dawl u d-dlamijiet.[7]

1708 Bil-passjoni tiegħu Kristu ħelisna mix-Xitan u mid-dnub. Immerita għalina l-ħajja ġdida fl-Ispirtu s-Santu. Il-grazzja tiegħu tagħtina lura dak li d-dnub kien ħassar fina.

1709 Min jemmen fi Kristu jsir iben Alla. Din l-adozzjoni ta' wlied, tbiddlu u tagħtih li jimxi fuq l-eżempju ta' Kristu. Tagħtih il-ħila li jimxi dritt u jagħmel is-sewwa. F'għaqda mas-Salvatur tiegħu, id-dixxiplu jilħaq il-perfezzjoni tal-imħabba: il-qdusija. Il-ħajja morali timmatura permezz tal-grazzja, u tiżbokka fil-ħajja ta' dejjem, fil-glorja tas-smewwiet.

## Fil-qosor

1710 *"Kristu juri lill-bniedem b'mod l-aktar sħiħ x'inhu fih innifsu u kemm hi għolja l-vokazzjoni tiegħu"*.[1]

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 14.
[2] *Ibid.*, 23.
[3] *Ibid.*, 15.
[4] *Ibid.*, 17
[5] *Ibid.*, 16
[6] *Ibid.*, 13.
[7] *Ibid.*, 13

1711 *Il-persuna umana, imżejna b'ruħ spiritwali, bl-intelliġenza u r-rieda, sa mit-tnissil tagħha hi kollha kemm hi għal Alla u ddestinata għall-hena ta' dejjem. Tilħaq il-perfezzjoni tagħha "meta tfittex u tħobb dak li hu veru u dak li hu tajjeb".*[2]

1712 *Il-libertà vera fil-bniedem hi "sinjal privileġġjat tax-xbieha ta' Alla fih".*[3]

1713 *Il-bniedem hu marbut li jħares il-liġi morali li timbuttah biex "jagħmel it-tajjeb u jevita dak li hu ħażin".*[4] *Din il-liġi tidwi fil-kuxjenza tiegħu.*

1714 *Il-bniedem, midrub fin-natura tiegħu bid-dnub tan-nisel, jista' jiżbalja u hu miġbud lejn il-ħażen, meta jagħmel użu mil-libertà tiegħu.*

1715 *Min jemmen fi Kristu għandu l-ħajja ġdida fl-Ispirtu s-Santu. Il-ħajja morali, li tikber u timmatura bil-grazzja, tilħaq il-milja tagħha fil-glorja tas-sema.*

**It-tieni artiklu**

## IL-VOKAZZJONI TAGĦNA GĦALL-HENA

### I. Il-beatitudnijiet

1716 Il-beatitudnijiet huma fil-qalba tal-predikazzjoni ta' Kristu. It-tħabbira tagħhom ittenni l-wegħdiet li saru lill-poplu magħżul sa minn żmien Abraham. Twassalhom għat-twettiq tagħhom billi ma tindirizzahomx aktar lejn it-tgawdija biss tal-art, imma lejn is-Saltna tas-Smewwiet:

> Henjin il-foqra fl-Ispirtu, għax tagħhom hija s-Saltna tas-smewwiet.
> Henjin l-imnikktin, għax huma jkunu mfarrġa.
> Henjin ta' qalbhom ħelwa, għax huma jkollhom b'wirthom l-art.
> Henjin dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja, għax huma jkunu mxebbgħin.
> Henjin dawk li jħennu, għax huma jsibu ħniena.
> Henjin dawk li huma safja f'qalbhom, għax huma jaraw 'l Alla.
> Henjin dawk li jġibu l-paċi, għax jissejħu wlied Alla.
> Henjin dawk li huma ppersegwitati minħabba s-sewwa, għax tagħhom hija s-Saltna tas-smewwiet.
> Henjin intom meta jgħajrukom u jippersegwitawkom u jaqilgħu kull xorta ta' ħażen u gideb kontra tagħkom minħabba fija.
> Ifirħu u thennew għax ħlaskom kbir fis-Smewwiet *(Mt 5,3-10)*.

1717 Il-beatitudnijiet juru wiċċ Ġesù Kristu u jfissru l-imħabba tiegħu, juru x'inhi s-sejħa tal-Insara li huma mseħbin fil-glorja tal-Passjoni u l-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet. Idawlu l-għemejjel u l-qagħdiet karatteristiċi tal-ħajja nisranija. Huma wegħdiet paradossali li jwieżnu t-tama tagħna fit-tiġrib. Iħabbru lid-dixxipli l-barkiet u l-premjijiet li ġa ngħataw minn qabel b'mod mhux ċar lid-dixxipli. Iseħħu għall-ewwel darba fil-ħajja tal-Verġni Marija.

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 22.
[2] *Ibid.*, 15.
[3] *Ibid.*, 17.
[4] *Ibid.*, 16.

## II. Ix-xewqa tal-hena

1718 Il-beatitudnijiet huma tweġiba għax-xewqa naturali tal-hena. Din ix-xewqa ġejja minn Alla: Alla qegħedha fil-qalb tal-bniedem biex jiġbdu lejh, għax hu biss jista' jagħmel hieni 'l-bniedem:

> Żgur li lkoll irridu ngħixu ħajja hienja u m'hemm ħadd fost il-bnedmin li mhuwiex sejjer jaċċetta dan, saħansitra qabel stess ma jitħabbarlu għalkollox.[1]
>
> Mela għax qiegħed infittxek, Mulej? Billi meta nfittex lilek, o Alla, jien qed infittex il-ħajja tal-hena, agħmel li nfittex lilek biex ruħi tgħix, għax ġismi jgħix b'ruħi, u ruħi tgħix bik.[2]
>
> Alla biss jimlieni.[3]

1719 Il-beatitudnijiet jikxfu l-għan tal-ħajja tal-bniedem, juru fejn fl-aħħar iridu jaslu l-għemejjel tal-bniedem: Alla qiegħed isejħilna għall-hena tiegħu stess. Din is-sejħa qiegħda ssir lil kull wieħed personalment, imma qed issir ukoll lill-ġemgħa kollha tal-Knisja, lill-poplu ġdid ta' dawk li laqgħu l-wegħda u qegħdin jgħixu bil-fidi.

## III. L-hena nisrani

1720 It-Testment il-Ġdid għandu ħafna espressjonijiet biex ifisser x'inhu l-hena li għalih Alla qiegħed isejjaħ lill-bniedem: il-miġja tas-Saltna ta' Alla;[4] id-dehra ta' Alla: "Henjin dawk li huma safja f'qalbhom, għax huma jaraw 'l Alla";[5] id-dħul fl-hena tal-Mulej;[6] id-dħul fil-mistrieħ ta' Alla *(Lh 4,7-11)*:

> Hemm nistrieħu, naraw u nħobbu, inħobbu u nfaħħru. Araw x'se jkun it-tmiem li ma għandux tmiem. U x'għan ieħor għandna jekk mhux li naslu fis-Saltna li ma għandhiex tmiem? [7]

1721 Alla qiegħedna fid-dinja biex nagħrfuh, naqduh u nħobbuh u hekk naslu fil-ġenna. L-hena jagħtina sehem min-natura ta' Alla[8] u mill-ħajja ta' dejjem.[9] Bl-Bl-hena l-bniedem jidħol fil-glorja ta' Kristu[10] u fl-hena tal-ħajja tat-Trinità.

1722 Hena bħal dan jgħaddi kulma l-moħħ jista' jifhem, hu aqwa mill-forzi kollha tal-bniedem. Hu frott tad-don ta' Alla mogħti kollu kemm hu b'xejn. Għalhekk insejħulu don sopranaturali, bħall-grazzja li tħejji l-bniedem ħa jidħol fl-hena ta' Alla.

---

[1] Santu Wistin, *De moribus Ecclesiae catholicae*, 1, 3, 4: PL 32, 1312.
[2] Santu Wistin, *Stqarrijiet*, 10, 29.
[3] San Tumas ta' Aquino, *Expositio in Symbolum apostolicum*, 1.
[4] Ara Mt 4,17.
[5] Mt 5,8; ara 1 Ġw 3,2; 1 Kor 13,12.
[6] Ara Mt 25,21.23.
[7] Santu Wistin, *Il-Belt ta' Alla* 22, 30.
[8] 2 Piet 1,4.
[9] Ara Ġw 17,3.
[10] Ara Rum 8,18,

> "Henjin dawk li huma safja f'qalbhom, għax huma jaraw 'l Alla". Iva, minħabba l-kobor u l-glorja tiegħu li ma tistax titfisser bil-kliem, "ħadd ma jara 'l Alla u jgħix", għax moħħ il-bniedem qatt ma jista' jasal biex jagħraf il-Missier; iżda għall-imħabba u t-tjieba tiegħu għall-bnedmin, u s-setgħa tiegħu bla qies, Alla jasal biex lil dawk li jħobbuh, jagħtihom il-privileġġ li jarawh... "għaliex dak li ma jistax ikun għall-bnedmin, jista' jkun għal Alla".[1]

1723 L-hena mwiegħed iqiegħed quddiemna żewġ għażliet morali deċisivi. Jistedinna nsaffu qlubna mill-istinti ħżiena u nfittxu l-imħabba ta' Alla fuq kollox. Jgħallimna li l-veru ġid jinsab mhux fl-għana u l-kumditajiet, lanqas fil-ġieħ tal-bnedmin jew fis-setgħa, u lanqas f'ebda għemil tal-bniedem, utli kemm hu utli, – bħal ma huma x-xjenza, it-teknika, l-arti – , u lanqas fil-ħlejjaq; f'Alla biss, l-għajn ta' kull ġid u ta' kull imħabba, jinsab il-veru ġid:

> L-għana hu l-alla l-kbir tal-lum: lilu l-kotra, il-folla kollha tal-bnedmin tagħti qima istintivament. Iqisu l-hena tagħhom mill-għana li għandhom, u skont l-għana li għandhom iqisu ġieħhom... Dan kollu ġej mill-konvinzjoni li bl-għana kollox jista' jsir. L-għana għalhekk hu wieħed mill-allat foloz tal-lum; u alla falz ieħor hu l-kilba li tissemma'... li tagħmel isem, li tkun magħruf, tagħmel ħoss fid-dinja (dik li nistgħu nsejħulha l-fama tal-gazzetti) sar jitqies bħala ġid fih innifsu, ġid mill-ogħla, ħaġa li jistħoqqilha wkoll qima tassew.[2]

1724 L-għaxar kmandamenti, id-diskors tal-muntanja, u l-katekeżi appostolika juruna t-triqat li jwasslu għas-Saltna tas-smewwiet. Mgħejjunin bil-grazzja tal-Ispirtu s-Santu, aħna nimxu 'l quddiem minn dawn it-triqat, pass pass, bil-ħajja tagħna ta' kuljum. Imsaħħin mill-kelma ta' Kristu, ftit ftit nagħmlu frott fil-Knisja għall-glorja ta' Alla.[3]

### Fil-qosor

1725 *Il-beatitudnijiet itennu u jtemmu l-wegħdiet ta' Alla sa minn żmien Abraham u jmexxuhom lejn is-Saltna tas-smewwiet. Iwieġbu għax-xewqa tal-hena li Alla qiegħed f'qalb il-bniedem.*

1726 *Il-beatitudnijiet juruna lejn fejn qiegħed isejħilna Alla: is-Saltna, id-dehra ta' Alla, is-sehem fin-natura ta' Alla, il-ħajja ta' dejjem, l-adozzjoni ta' wlied, il-mistrieħ f'Alla.*

1727 *L-hena tal-ħajja ta' dejjem hu don ta' Alla mogħti għalkollox b'xejn: hu don sopranaturali bħall-grazzja li twassal għalih.*

1728 *Il-beatitudnijiet jqegħdulna quddiemna xi għażliet deċisivi dwar il-ġid tal-art: isaffu l-qalb tagħna biex jgħallmuna nħobbu 'l Alla fuq kollox.*

1729 *L-hena tas-sema jgħidilna b'liema kriterji rridu nimxu fl-użu tal-ġid tal-art, skont il-liġi ta' Alla.*

---

[1] San Irinew, *Adversus haereses* 4, 20, 5.
[2] John Henry Newman, *Discourses to mixed congregations*, 5, fuq il-qdusija.
[3] Ara l-parabbola ta' dak li ħareġ jiżra' f'Mt 13, 3-23.

## It-tielet artiklu

# IL-LIBERTÀ TAL-BNIEDEM

1730 Alla ħalaq il-bniedem u żejnu bir-raġuni u tah id-dinjità ta' persuna mogħnija b'inizjattiva u sidt ta' għemilha. "Alla ħalla l-bniedem f'idejn ir-rieda tiegħu" *(Sir 15,14)* biex ikun jista' jfittex minn rajh lil dak li ħalqu u bir-rieda tiegħu jingħaqad miegħu ħa jasal għall-milja tal-perfezzjoni hienja":[1]

> Il-bniedem hu mżejjen bir-raġuni u għalhekk jixbah lil Alla, maħluq ħieles u sid ta' għemilu.[2]

## I. Libertà u responsabbiltà

1731 Il-libertà hi s-setgħa, bl-għeruq tagħha fir-raġuni u r-rieda, li tagħmel jew ma tagħmilx xi ħaġa, li tagħmel din jew dik il-ħaġa, u hekk minn rajk tagħmel għemil maħsub sewwa minnek. Permezz ta' din il-libertà l-bniedem jiddisponi minnu nnifsu kif irid hu. Il-libertà hi qawwa fil-bniedem li biha jikber u jilħaq il-kobor sħiħ tiegħu fil-verità u t-tjieba. Il-libertà tilħaq il-perfezzjoni tagħha meta twassal għand Alla, l-hena tagħna.

1732 Il-libertà, sakemm ma tkunx għadha ntrabtet definittivament ma' Alla li fih tilħaq il-milja tagħha, tista' tagħżel *bejn it-tajjeb u l-ħażin*, tista' tikber dejjem iktar fil-perfezzjoni, jew tonqos u tidneb. L-għemejjel kollha tal-bniedem jiksbu l-karatteristika tagħhom mil-libertà. Hija ssir għajn ta' tifħir jew ta' ħtija, ta' mertu jew ta' nuqqas ta' mertu.

1733 Aktar ma wieħed jagħmel dak li hu tajjeb, aktar isir ħieles. M'hemmx vera libertà jekk mhux f'għemil li hu tajjeb u ġust. L-għażla tad-diżubbidjenza u tal-ħażen hi abbuż tal-libertà li jwassal għall-"jasar tad-dnub".[3]

1734 Il-libertà tagħmel il-bniedem *responsabbli* ta' għemilu skont kemm ikun volontarju. Il-mixi 'l quddiem fil-virtù, l-għarfien ta' dak li hu tajjeb, u l-axxetika, ikattru dejjem aktar is-setgħa tar-rieda tal-bniedem fuq l-għemil kollu tiegħu.

1735 *Il-ħtija* u r-responsabbiltà ta' xi għemil jistgħu jonqsu jew jispiċċaw għalkollox minħabba l-injoranza, in-nuqqas ta' attenzjoni, il-vjolenza, il-biża', id-drawwiet, ir-rabtiet ta' mħabba bla rażan, u fatturi oħra psikiċi jew soċjali.

1736 Wieħed hu responsabbli ta' kull għemil li jkun riedu direttament:

> Hekk il-Mulej jistaqsi lil Adam wara d-dnub fil-ġnien: "X'inhu dan li għamilt?" *(Ġen 3,13).* L-istess lil Kajjin.[4] Hekk ukoll il-profeta Natan lis-sultan David wara l-adulterju mal-mara ta' Urija u l-qtil ta' dan.[5]
>
> Xi għemil jista' jkun volontarju indirettament, meta jkun hemm nuqqas ta' attenzjoni f'ħaġa li wieħed kien imissu jaf jew kien imissu għamel, bħal meta joħloq diżgrazzja bis-sewqan għax ma jafx il-kodiċi tas-sewqan.

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 17.
[2] San Irinew, *Adversus haereses* 4, 4, 3.
[3] Ara Rum 6,17.
[4] Ara Ġen 4,10.
[5] Ara 2 Sam 12,7-15.

1737 Wieħed jista' jittollera l-effett ta' xi għemil tiegħu mingħajr ma jkun iridu, bħalma hu l-każ ta' omm li titlef saħħitha biex ma tħallix 'il binha marid waħdu. Wieħed ma jkunx ħati ta' xi effett ħażin ta' għemilu jekk l-effett ma ridux la bħala għan u lanqas bħala mezz ħalli jikseb xi ħaġ'oħra: hekk wieħed mhux ħati ta' qtil tiegħu nnifsu jekk imut biex jgħin persuna fil-periklu. Biex wieħed ikun ħati ta' xi effett ħażin irid ikun jaf bih u jista' jevitah, bħalma hu l-każ ta' omiċidju li sar minn wieħed li kien qed isuq fis-sakra.

1738 Il-libertà titħaddem fir-relazzjonijiet tal-bnedmin bejniethom. Kull persuna, maħluqa xbieha ta' Alla, għandha d-dritt naturali li tingħaraf bħala persuna ħielsa u responsabbli. Kulħadd hu fid-dmir li juri dan ir-rispett lejn kull persuna. *Id-dritt għall-użu tal-libertà* hija ħtieġa li wieħed ma jistax jifridha mid-dinjità tal-persuna umana u ma tistax tiġi mċaħħda minnha, speċjalment f'materja morali u reliġjuża.[1] Dan id-dritt irid jkun magħruf u mħares ċivilment fil-limiti tal-ġid komuni u tal-ordni pubbliku.[2]

## II. Il-libertà tal-bniedem fil-Pjan tas-Salvazzjoni

1739 *Libertà u dnub.* Il-libertà tal-bniedem hi limitata u tista' tiżbalja. U fil-fatt il-bniedem żbalja. Hieles, dineb. Għax meta hu ċaħad il-pjan tal-imħabba ta' Alla, qarraq bih innifsu: sar ilsir tad-dnub. Dan it-tbegħid ewlieni ġieb kotra bla qies ta' oħrajn. L-istorja tal-bniedem, sa mill-bidu, hi xhieda tad-deni u tal-moħqrija li ħarġu mill-qalb tal-bniedem bl-użu ħażin tal-libertà.

1740 *Theddid għal-libertà.* L-użu tal-libertà ma jfissirx id-dritt li wieħed jgħid u jagħmel kulma jrid. Hu qerq tippretendi li "l-bniedem, għax għandu l-libertà, hu kollu kemm hu biżżejjed għalih innifsu, u ma għandux għan ieħor ħlief li jfittex dak li jaqbillu filli jgawdi l-ġid kollu tal-art".[3] Biex tagħqad, il-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali, politiċi u kulturali, meħtieġa biex wieħed jagħmel użu ġust tal-libertà spiss wisq ma jkunux magħrufa u jkunu miksurin. Dawn is-sitwazzjonijiet ta' għama u ta' inġustizzja huma toqol kbir għall-ħajja morali u jwasslu, kemm lil min hu qawwi u kemm lil min hu dgħajjef, biex jaqa' fit-tentazzjoni li jidneb kontra l-imħabba. Il-bniedem, meta jitbiegħed mil-liġi morali, jhedded il-libertà tiegħu, ixekkel lilu nnifsu, jikser ir-rabta ta' aħwa ma' sħabu l-bnedmin l-oħra, u jeħodha kontra r-rieda ta' Alla.

1741 *Helsien u salvazzjoni* . Bis-salib glorjuż tiegħu, Kristu ġieb is-salvazzjoni għall-bnedmin kollha. Fdiehom mid-dnub li kien jassarhom. "Kristu ħelisna biex ngħixu ta' nies ħielsa" *(Gal 5,1)*. Fih aħna nissieħbu mal-"verità li teħlisna" *(Ġw 8,32)*. L-Ispirtu s-Santu ngħatalna u, kif jgħallem l-Appostlu, "fejn hemm l-Ispirtu, hemm il-ħelsien" *(2 Kor 3,17)*. U minn issa niftaħru bil-"ħelsien ta' wlied Alla" *(Rum 8,21)*.

1742 *Libertà u grazzja.* Il-grazzja ta' Kristu mhijiex f'pika mal-libertà tagħna, meta din tkun taqbel mal-verità u mal-ġid li Alla qiegħed fil-qalb tal-bniedem. Għall-kuntrarju, kif tixhdilna l-esperjenza nisranija l-aktar fit-talb, aktar ma noqogħdu għal dak li l-grazzja tmexxina għalih, aktar tikber il-libertà tar-ruħ tagħna, aktar inħossu ruħna żguri fost il-provi u quddiem it-theddid u l-pressjoni

[1] Ara Konċ. Vatikan II, *Dignitatis humanae*, 2.
[2] Ara *Ibid.*, 7.
[3] Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, istruzzjoni *Libertatis conscientia*, 13: AAS 79 (1987) 554-559.

tad-dinja madwarna. Bil-ħidma tal-grazzja, l-Ispirtu s-Santu jrawwimna għall-ħelsien fir-ruħ, biex jagħmel minna kollaboraturi ħielsa tal-ħidma tiegħu fil-Knisja u fid-dinja:

> O Alla li tista' kollox, fit-tjieba tiegħek biegħed minna kull għawġ, biex inkunu ħielsa fir-ruħ u l-ġisem, u naqduk bla xkiel ta' xejn.[1]

**Fil-qosor**

1743 *"Alla ħalla f'idejn il-bniedem ir-rieda tiegħu"* (Sir 15,14) *biex ikun jista' jintrabat minn rajh mal-Ħallieq u hekk jasal għall-perfezzjoni hienja.*[2]

1744 *Il-libertà hi s-setgħa li biha wieħed jagħmel xi ħaġa jew ma jagħmilhiex, u dan minn rajh. Il-libertà tilħaq il-perfezzjoni ta' dak li tagħmel, meta tagħmlu għal Alla, li hu l-ogħla ġid tal-bniedem.*

1745 *Kull għemil proprju tal-bniedem hu ħieles. Il-libertà tagħmel il-bniedem responsabbli tal-għemil kollu li jagħmel għax ikun iridu. L-għemil, li l-bniedem jiddeċiedi li jagħmel liberament, hu kollu kemm hu tiegħu.*

1746 *Li wieħed ikun suġġett responsabbli ta' xi għemil jista' jitnaqqas jew jintemm għalkollox minħabba l-injoranza, il-vjolenza, il-biża', u fatturi oħra psikiċi u soċjali.*

1747 *Id-dritt li wieħed jagħmel użu mil-libertà tiegħu hu mitlub mill-istess dinjità umana u ma jistax jinfired minnha: dan b'mod speċjali f'materja reliġjuża u morali. Iżda d-dritt tal-libertà ma jfissirx li wieħed jista' jaħseb li għandu d-dritt li jgħid jew jagħmel li jrid u li jogħġbu bla ebda xkiel minn ħadd u minn xejn.*

1748 *"Kristu ħelisna biex ngħixu ta' nies ħielsa"* (Gal 5,1).

### Ir-raba' artiklu

## IL-MORALITÀ TAL-GĦEMIL TAL-BNIEDEM

1749 Il-libertà tagħmel il-bniedem moralment responsabbli. Meta l-bniedem b'mod ħieles jagħmel xi ħaġa, hu, biex ngħidu hekk, *missier għemilu*. L-għemil li l-bniedem jagħmel bħala bniedem, jiġifieri dak l-għemil li l-bniedem jiddeċiedi li jagħmel bil-libertà kollha wara li jkun għarblu sewwa fil-kuxjenza tiegħu, hu għemil li jista' jitqies moralment tajjeb jew ħażin.

### I. L-għejjun tal-moralità

1750 Il-moralità tal-għemil tal-bniedem tiddependi:

— mill-ħaġa jew l-oġġett magħżul;
— mill-intenzjoni jew l-għan li l-bniedem ikollu quddiemu;
— miċ-ċirkostanzi tal-għemil.

[1] Missal Ruman, kolletta tat-32 Ħadd matul is-sena.
[2] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 17.

L-oġġett, l-intenzjoni u ċ-ċirkostanzi huma l-"għejjun" jew l-elementi li jiddeterminaw il-moralità tal-għemil tal-bniedem.

1751 *L-oġġett* magħżul hu xi ġid li r-rieda tinġibed lejh għax tridu. Hi l-"materja" tal-għemil tal-bniedem. L-oġġett magħżul juri jekk l-att tar-rieda huwiex tajjeb jew ħażin, skont kif ir-raġuni tagħrfu u tqisu li jaqbel jew le mal-veru ġid. Ir-regolamenti oġġettivi tal-moralità jħabbru l-ordni tar-raġuni dwar it-tajjeb u l-ħażin, kif turih il-kuxjenza.

1752 Quddiem l-oġġett, titqiegħed l-*intenzjoni* ta' min jagħmel l-att – għaliex l-intenzjoni ta' min irid volontarjament jagħmel l-att turi x'inhu l-għan li għalih isir l-att, u hi element essenzjali li turi jekk l-għemil huwiex tajjeb jew ħażin. L-għan hu dak li fuqu tmur l-ewwel l-intenzjoni, u juri fejn trid tasal. L-intenzjoni hi l-moviment tar-rieda lejn l-għan; tħares lejn fejn irid jasal l-att. Hi l-ħsieb tal-ġid li jrid jintlaħaq bl-att li qed isir. L-intenzjoni ma tillimitax ruħha biex tmexxi att singulari biss li nagħmlu, imma tista' tgħaqqad flimkien numru ta' attijiet biex jintlaħaq għan wieħed; tista' tagħti direzzjoni lill-ħajja kollha lejn l-aħħar għan. Biex insemmu eżempju: xi servizz mogħti b'għajnuna lill-proxxmu, jista' jkun imqanqal ukoll mill-imħabba ta' Alla, l-aħħar għan ta' kulma nagħmlu. L-istess għemil jista' jkun imqanqal minn għadd ta' intenzjonijiet, bħal meta taqdi lil xi ħadd biex tikseb xi favur jew biex tiftaħar bik innifsek.

1753 Intenzjoni tajba (bħalma hi l-għajnuna lil għajrek) ma tagħmilx tajba u ġusta mġiba li fiha nfisha hi ħażina (bħalma hi gidba jew malafama). L-għan ma jtejjibx il-mezzi li wieħed juża biex jilħqu. Għalhekk ma nistgħux niġġustifikaw kundanna ta' wieħed innoċenti bħala mezz leġittmu għas-salvazzjoni ta' poplu. Għall-kuntrarju, intenzjoni ħażina (bħalma hi l-vanaglorja) tagħmel ħażin att li fih innifsu jista' jkun tajjeb.[1]

1754 Iċ-*ċirkostanzi*, u magħhom ngħoddu l-konsegwenzi, huma l-elementi sekondarji f'kull att morali. Jgħinu biex iżidu jew inaqqsu t-tjieba jew il-ħażen tal-attijiet morali tal-bniedem (bħala eżempju: l-ammont ta' serqa). Jistgħu jżidu jew inaqqsu r-responsabbiltà ta' min jagħmel l-att (bħalma jiġri meta wieħed jagħmel xi ħaġa għax jibża' mill-mewt). Iċ-ċirkostanzi waħedhom mhumiex biżżejjed biex ibiddlu l-moralità tal-att fih innifsu: ma jistgħux jagħmlu tajjeb u ġust att li fih innifsu hu ħażin.

## II. Għemil tajjeb u għemil ħażin

1755 Għemil *moralment tajjeb* jistenna li, kemm l-oġġett u kemm l-għan u ċ-ċirkostanzi, ikunu tajbin. Għan ħażin iħassar l-att, ukoll jekk l-oġġett fih innifsu hu tajjeb (titlob u ssum biex "tidher quddiem in-nies" *Mt 6,5).*

*L-oġġett magħżul* jista' waħdu biss iħassar l-att kollu kemm hu. Hemm imġiba (bħalma hi ż-żina) li fil-fatt, jekk wieħed jagħżilha, dejjem ikun jagħmel ħażin, għaliex hi għażla li turi diżordni fir-rieda, jiġifieri hi moralment ħażina.

1756 Niżbaljaw għalhekk jekk niġġudikaw il-moralità tal-għemejjel tal-bniedem billi nqisu biss l-intenzjoni li qed tqanqalhom, jew iċ-ċirkostanzi li jsiru

[1] Ara Mt 6,2-4.

fihom (l-ambjent, l-influwenzi soċjali, il-pressjoni minn barra jew il-ħtieġa li wieħed jagħmel xi ħaġa, u l-bqija). Hemm għemil li, minnu nnifsu u għalih innifsu, ikunu xi jkunu ċ-ċirkostanzi u l-intenzjoni, hu dejjem ħażin ħafna minħabba l-oġġett tiegħu, bħalma huma d-dagħa u l-ħalf fil-falz, il-qtil u l-adulterju. Mhux permess tagħmel il-ħażin biex minnu joħroġ it-tajjeb.

### Fil-qosor

1757 *L-oġġett, l-intenzjoni u ċ-ċirkostanzi flimkien jagħmlu l-għejjun li jiddeterminaw moralment tajjeb jew ħażin kull għemil tal-bniedem.*

1758 *L-oġġett magħżul jiddetermina moralment l-att tar-rieda, skont jekk ir-raġuni tagħrfux u tqisux tajjeb jew ħażin.*

1759 *"Ma nistgħux niġġustifikaw għemil ħażin li wieħed jagħmel b'intenzjoni tajba".*[1] *L-għan ma jiġġustifikax il-mezzi li wieħed juża biex jilħqu.*

1760 *Att moralment tajjeb jissupponi li huma tajbin kemm l-oġġett, kemm l-għan, u kemm iċ-ċirkostanzi.*

1761 *Hemm ċerti suriet ta' mġiba li hu dejjem ħażin li wieħed jagħżilhom, għaliex l-għażla tagħhom turi diżordni fir-rieda, jiġifieri l-għażla tagħhom hi moralment ħażina. Mhux permess tagħmel dak li hu ħażin biex minnu toħroġ it-tajjeb.*

**Il-ħames artiklu**

## IL-MORALITÀ TAL-PASSJONIJIET TAL-BNIEDEM

1762 Il-persuna umana tersaq lejn l-hena permezz ta' għemejjel tagħha magħmulin b'rieda sħiħa u ħielsa: il-passjonijiet jew is-sentimenti li l-bniedem ikollu jistgħu jħejju jew jgħinu għal dawn l-għemejjel.

### I. Il-passjonijiet

1763 Il-kelma "passjonijiet" hi parti mill-wirt nisrani. Is-sentimenti jew passjonijiet huma emozzjonijiet jew tqanqil tas-sensi li jħajru biex wieħed jagħmel xi att jew ma jagħmlux, għax iħossu jew jimmaġinah li hu tajjeb jew ħażin.

1764 Il-passjonijiet huma ħaġa naturali fil-ħajja psikika tal-bniedem; bihom il-bniedem jgħaddi mill-ħajja tas-sensi għal dik tar-ruħ, u jġibu rabta bejn is-sensi u

[1] San Tumas ta' Aquino, *Collationes in decem praeceptis*, 6.

r-ruħ. Il-Mulej jgħidilna li mill-qalb tal-bniedem joħorġu qishom minn għajn il-passjonijiet tal-bniedem.[1]

1765 Il-passjonijiet huma ħafna. L-aktar passjoni fundamentali hi l-imħabba, li titqanqal mill-ġibda għal dak li hu tajjeb. L-imħabba tqanqal ix-xewqa għall-ġid li ma jkollokx u t-tama li tiksbu. Dan it-tqanqil jintemm mal-pjaċir u l-hena tal-ġid li jkun inkiseb. Il-biża' ta' xi deni jqanqal il-mibegħda, l-istmerrija, il-biża' ta' xi deni li jista' jiġi fuqek. Dan it-tqanqil iwassal għad-dwejjaq minħabba d-deni ta' issa jew għall-għadab kontrih.

1766 "Tħobb, jiġifieri tixtieq il-ġid lil xi ħadd".[2] Is-sentimenti l-oħra kollha għandhom il-bidu tagħhom minn dan l-ewwel tqanqil tal-qalb tal-bniedem għall-ġid. Dak li hu tajjeb biss ikun maħbub.[3] "Il-passjonijiet huma ħżiena jekk l-imħabba hi ħażina, u huma tajbin jekk l-imħabba hi tajba".[4]

## II. Passjonijiet u ħajja morali

1767 Fihom infushom il-passjonijiet la huma tajbin u lanqas ħżiena. Jiksbu kwalifika morali skont kemm u kif effettivament jiddependu mir-raġuni u r-rieda tal-bniedem. Jissejħu volontarji "jew għax tmexxihom ir-rieda jew għax ma tagħmlilhomx tfixkil".[5] Il-perfezzjoni ta' dak li hu moralment tajjeb jew il-perfezzjoni tal-ġid tal-bniedem, jitolbu li l-passjonijiet ikunu regolati mir-raġuni.[6]

1768 Is-sentimenti l-kbar tal-bniedem la jiddeċiedu l-moralità u lanqas il-qdusija tal-persuna; huma ħażna li qatt ma tiġi fix-xejn ta' xbihat u ta' ġibdiet li bihom tintwera l-ħajja morali tal-persuna li tkun. Il-passjonijiet huma moralment tajbin jekk jgħinu biex l-għemil ikun tajjeb, u ħżiena jekk jagħmlu bil-maqlub. Ir-rieda tajba tmexxi lejn il-ġid u l-hena t-tqanqil tas-sensi li tagħmel tagħha; ir-rieda ħażina toqgħod għall-passjonijiet diżordinati u żżidhom u ssaħħaħhom. L-emozzjonijiet u s-sentimenti jistgħu jsiru *virtujiet*, u jistgħu jispiċċaw f'*vizzji*.

1769 Fil-ħajja nisranija, l-Ispirtu s-Santu nnifsu jaqdi l-ħidma tiegħu billi jimpenja l-bniedem kollu kemm hu: ukoll it-tbatija, il-biża' u d-dwejjaq kollha tiegħu, kif naraw mill-Agunija u l-Passjoni tal-Mulej. Fi Kristu s-sentimenti umani tiegħu jistgħu jaslu għall-qofol tagħhom fl-imħabba u l-hena divina.

1770 Il-perfezzjoni morali trid li l-bniedem ma jinġibidx lejn it-tajjeb mir-rieda tiegħu biss, imma wkoll mix-xewqat sensibbli tiegħu, skont kliem is-salm: "Ngħanni ferħan b'ruħi u ġismi lil Alla l-ħaj" *(Salm 84,3)*.

[1] Ara Mk 7,21.
[2] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, 1-2, 26, 4.
[3] Ara Santu Wistin, *De Trinitate*, 8, 3, 4.
[4] Santu Wistin, *Il-Belt ta' Alla*, 14, 7.
[5] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, 1-2, 24, 1.
[6] Ara *ibid.*, 1-2, 24, 3.

**Fil-qosor**

1771 *Il-kelma "passjoni" tfisser emozzjonijiet u sentimenti. Permezz ta' dawn l-emozzjonijiet il-bniedem jintebaħ bit-tajjeb u jissuspetta l-ħażin.*

1772 *Il-passjonijiet ewlenin huma l-imħabba u l-mibegħda, ix-xewqa u l-biża', il-ferħ, in-niket u l-għadab.*

1773 *Fil-passjonijiet fihom infushom, bħala tqanqil tas-sensi, m'hemmx dak li hu moralment tajjeb jew moralment ħażin. Iżda skont kemm jaqblu mar-raġuni u r-rieda jkun fihom dak li hu moralment tajjeb jew ħażin.*

1774 *L-emozzjonijiet u s-sentimenti jistgħu jsiru virtujiet, jew jispiċċaw f'vizzji.*

1775 *Il-perfezzjoni ta' dak li hu moralment tajjeb isseħħ meta l-bniedem ma jinġibidx għat-tajjeb mir-rieda tiegħu biss, imma wkoll meta jimpennja ruħu minn "qalbu".*

**Is-sitt artiklu**

## IL-KUXJENZA MORALI

1776 "Fil-fond tal-kuxjenza tiegħu, il-bniedem jintebaħ b'liġi li ma tahiex hu lilu nnifsu, imma jrid jobdiha u leħenha jidwi dejjem f'waqtu f'widnejn qalbu, jgħidlu biex iħobb it-tajjeb u jagħmlu, u jżomm ruħu lura mill-ħażin... Hi liġi li l-bniedem għandu f'qalbu minquxa minn Alla. Il-kuxjenza hija ċ-ċentru l-aktar intimu u l-aktar sigriet tal-bniedem, is-santwarju fejn il-bniedem hu waħdu ma' Alla u fejn Alla jsemmagħlu leħnu".[1]

### I. Il-ġudizzju tal-kuxjenza

1777 Il-kuxjenza morali,[2] li tinsab fil-qalb ta' kull bniedem, tordnalu, meta jkun il-waqt, li jagħmel it-tajjeb u jżomm ruħu 'l bogħod mill-ħażin. Tagħti ġudizzju fuq l-għażliet li l-bniedem jagħmel, fil-fatt tapprova dawk li huma tajbin, u tikkundanna dawk li huma ħżiena.[3] Hi xhud tal-awtorità tal-verità b'referenza għal dak li hu l-istess Tjieba, u li minnu l-persuna umana tinġibed lejn il-kmandamenti u tilqagħhom. Meta jagħti widen għall-kuxjenza morali, il-bniedem bilgħaqal ikun jista' jisma' lil Alla jkellmu.

1778 Il-kuxjenza morali hi ġudizzju tar-raġuni, li bih il-persuna umana tagħraf il-moralità ta' xi att li tkun se tagħmel, jew qiegħda tagħmlu jew ġa għamlitu. Il-bniedem, f'kulma jgħid jew jagħmel, hu fid-dmir li jimxi bil-fedeltà kollha skont dak li jaf li hu ġust u dritt. Hu permezz tal-ġudizzju tal-kuxjenza li l-bniedem jara u jagħraf x'tordna l-liġi ta' Alla:

[1] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 16.
[2] Ara Rum 2,14-16.
[3] Ara Rum 1,32.

> Il-kuxjenza hi liġi tal-ispirtu tagħna, iżda hi aqwa mill-ispirtu tagħna u tagħtina ordnijiet, turina x'inhuma r-responsabbiltajiet u d-dmirijiet tagħna, il-biża' u t-tamiet tagħna… Hi l-ħabbara ta' dak li fid-dinja tan-natura u fid-dinja tal-grazzja jkellimna minn wara velu, jgħallimna u jmexxina… Il-kuxjenza hi l-ewwel waħda fost il-vigarji kollha ta' Kristu.[1]

1779 Hu importanti li kull wieħed minna jkun preżenti biżżejjed għalih innifsu, biex jisma' leħen il-kuxjenza tiegħu u jagħmel dak li tgħidlu. Din it-tfittxija għad-daħla *fina nfusna* hi llum wisq aktar meħtieġa, għax il-ħajja spiss tbegħedna milli naħsbu fina nfusna, ngħarblu lilna nfusna, u nerġgħu lura għalina nfusna:

> Erġa' lura lejn il-kuxjenza tiegħek, staqsiha… Erġgħu lura, ħuti, fikom infuskom, u f'kulma tagħmlu ħarsu lejn ix-Xhud, Alla.[2]

1780 Id-dinjità tal-bniedem titlob u trid li *l-kuxjenza morali tkun retta*. Il-kuxjenza morali tħaddan l-għarfien tal-prinċipji tal-moralità ("sinderesis") u l-applikazzjoni tagħhom fiċ-ċirkostanzi li jinqalgħu, permezz ta' għarfien fil-prattika tar-raġunijiet u tal-ġid li jkun hemm u, fl-aħħar, permezz ta' ġudizzju dwar l-għemil li fil-fatt se jsir jew sar. Il-verità dwar dak li hu tajjeb moralment, imħabbar mil-liġi tar-raġuni, jingħaraf fil-prattika u bil-fatti permezz tal-*ġudizzju għaqli* tal-kuxjenza. Hu bniedem bilgħaqal dak li l-għażliet tiegħu jagħmilhom skont dan il-ġudizzju.

1781 Il-kuxjenza tħallina nieħdu *r-responsabbiltà* tal-għemil li jkun sar. Jekk il-bniedem jagħmel xi ħaġa ħażina, il-ġudizzju ġust tal-kuxjenza jista' jibqa' fih bħala xhud tal-verità universali ta' kulma hu tajjeb, u fl-istess ħin ukoll ix-xhud tal-ħażen ta' għażla partikulari li tkun saret. Il-verdett tal-ġudizzju tal-kuxjenza jibqa' rahan ta' tama u ta' ħniena. Huwa u jagħti xhieda tal-ħtija li saret, ifakkar fil-maħfra li trid tintalab, it-tajjeb li għad irid isir u l-virtujiet li wieħed bla ħela ta" żmien irid iġib 'il quddiem bl-għajnuna tal-grazzja ta' Alla:

> Quddiem Alla nserrħu l-kuxjenza tagħna għax jekk il-kuxjenza tagħna ċċanfarna, Alla hu aqwa mill-kuxjenza tagħna u hu jaf kollox *(1 Ġw 3,19-20)*.

1782 Il-bniedem għandu d-dritt jimxi skont il-kuxjenza u l-libertà tiegħu, biex personalment jieħu d-deċiżjonijiet morali li jidhirlu. "Il-bniedem m'għandux jiġi mġiegħel imur kontra l-kuxjenza tiegħu. U lanqas għandu jiġi mfixkel li jimxi skont il-kuxjenza tiegħu, l-aktar f'materja reliġjuża".[3]

## II. Il-formazzjoni tal-kuxjenza

1783 Il-kuxjenza trid tkun iffurmata u l-ġudizzju morali mdawwal sewwa. Kuxjenza ffurmata tajjeb hi retta u vera. Tagħmel il-ġudizzji tagħha skont ir-raġuni, skont dak li hu tassew tajjeb, kif iridu l-għerf tal-Ħallieq. Il-bnedmin ma jistgħux jgħaddu mingħajr edukazzjoni tal-kuxjenza minħabba l-influwenzi ħżiena li jaħkmu fuqhom u minħabba li huma mġarrbin mid-dnub biex

[1] John Henry Newman, Ittra lid-Duka ta' Norfolk, 5.
[2] Santu Wistin, *In epistulam Johannis ad Parthos tractatus*, 8.9.
[3] Konċ. Vatikan II, *Dignitatis humanae*, 3

jippreferu jimxu fuq il-ġudizzju tagħhom u jwarrbu t-tagħlim ċert ta' min għandu l-awtorità.

1784 L-edukazzjoni tal-kuxjenza hu dmir li jrid jiġi mħares tul ħajjitna kollha. Sa mill-ewwel snin, il-kuxjenza tqajjem fit-tifel l-għarfien u l-ħarsien tal-liġi li hemm fih, magħrufa mill-kuxjenza morali tiegħu. Edukazzjoni għaqlija tgħallmek il-virtujiet; tħarsek u tfejqek mill-biża', mill-egoiżmu u mis-suppervja; ma tħallikx tħossok ħati ta' xi ħtija li ma tafx biha jew tħossok hieni maqtugħ bik innifsek u b'dak li int – dan kollu ġej mid-dgħufija u n-nuqqasijiet tal-bniedem. L-edukazzjoni tal-kuxjenza hi garanzija tal-libertà u ġġib il-paċi fil-qalb.

1785 Fil-formazzjoni tal-kuxjenza l-kelma ta' Alla hi d-dawl fi triqtna; din għandna nagħmluha tagħna permezz tal-fidi u t-talb, u nuruha f'għemilna. Jeħtiġilna wkoll ngħarblu l-kuxjenza tagħna quddiem is-salib tal-Mulej. F'dan jgħinuna d-doni tal-Ispirtu s-Santu, u x-xhieda u l-pariri tal-oħrajn, immexxijin mit-tagħlim ċert tal-Knisja.[1]

## III. L-għażliet tal-kuxjenza

1786 Quddiem għażla morali, il-kuxjenza tista' tagħti kemm ġudizzju li jaqbel mar-raġuni u mal-liġi ta' Alla u kemm ġudizzju kuntrarju għalihom, ġudizzju żbaljat li jitbiegħed minnhom.

1787 Il-bniedem xi kultant isib ruħu f'qagħdiet fejn il-ġudizzju morali ma jkunx għalkollox żgur u d-deċiżjoni tkun diffiċli. Iżda jrid ifittex dejjem dak li hu ġust u tajjeb u jagħraf x'inhi r-rieda ta' Alla, kif imfissra fil-liġi tiegħu.

1788 Għal dan, il-bniedem għandu jagħmel sforz biex jifhem dak li tgħidlu l-esperjenza u dak li jgħidulu s-sinjali taż-żminijiet, bl-għajnuna tal-virtù tal-għaqal, tal-pariri ta' nies tal-affari tagħhom, u tal-Ispirtu s-Santu u d-doni tiegħu.

1789 Hemm xi regoli li jgħoddu dejjem:

— Qatt mhu permess tagħmel dak li hu ħażin, biex minnu joħroġ it-tajjeb.

— Ir-"regola tad-deheb": "Dak kollu li tridu li l-bnedmin jagħmlu lilkom, agħmluh ukoll intom lilhom".[2]

— L-imħabba tidher dejjem fir-rispett tal-proxxmu u tal-kuxjenza tiegħu: "Meta intom tidinbu kontra ħutkom u tfieru l-kuxjenza dgħajfa tagħhom, kontra Kristu tkunu tidinbu" *(1 Kor 8,12)*... "It-tajjeb hu li... ma tagħmel xejn li jista' jfixkel lil ħuk" *(Rum 14,21).*

## IV. Ġudizzju żbaljat

1790 Il-bniedem għandu dejjem jobdi l-ġudizzju ċert tal-kuxjenza tiegħu. Meta bniedem imur deliberatament kontra l-kuxjenza tiegħu, ikun qiegħed

[1] Ara *Ibid.*, 14.
[2] Mt 7,12; ara Lq 6,31; Tob 4,15.

jikkundanna lilu nnifsu. Iżda jista' jiġri li l-kuxjenza morali tkun fl-injoranza u tagħti ġudizzji żbaljati fuq għemil li sar jew irid isir.

1791 Din l-injoranza spiss tkun ħtija ta' responsabbiltajiet personali. Dan jiġri "meta l-bniedem ftit iħabbel rasu biex isib dak li hu veru u tajjeb u meta d-drawwa tad-dnub bil-mod il-mod twassal biex il-kuxjenza kważi tagħma għalkollox".[1] F'dan il-każ, il-bniedem hu ħati tal-ħażen li jagħmel.

1792 L-injoranza dwar Kristu u l-Evanġelju tiegħu, l-eżempji ħżiena mogħtijin minn oħrajn, il-jasar tal-passjonijiet, il-pretensjoni għall-awtonomija tal-kuxjenza, awtonomija mifhuma ħażin, iċ-ċaħda tal-awtorità tal-Knisja u tat-tagħlim tagħha, in-nuqqas ta' konverżjoni u ta' mħabba jistgħu jkunu l-kawża ta' żbalji fil-ġudizzju tal-imġiba morali.

1793 Iżda, għall-kuntrarju, jekk l-injoranza hi invinċibbli jew wieħed ma jkunx responsabbli tal-ġudizzju żbaljat li jagħmel, dan ma jistax ikun ħati tal-ħażen u tad-deni li jsir. Imma dejjem tibqa' ħaġa ħażina, nuqqas, diżordni. Għalhekk wieħed jeħtieġlu jaħdem biex jikkorreġi l-kuxjenza morali mill-iżbalji tagħha.

1794 Kuxjenza tajba u safja hi mdawla minn fidi vera. Dan għaliex l-imħabba toħroġ fl-istess waqt "minn qalb safja, minn kuxjenza tajba u minn fidi vera":[2]

> Aktar ma l-kuxjenza hi retta u tajba, aktar il-bniedem u l-gruppi soċjali jżommu ruħhom 'il bogħod milli jieħdu deċiżjonijiet addoċċ, b'għajnejhom magħluqa, u jħabirku aktar biex għemilhom ikun jaqbel man-normi oġġettivi tal-morali.[3]

## Fil-qosor

1795 *"Il-kuxjenza hi ċ-ċentru l-aktar moħbi tal-bniedem, is-santwarju fejn hu jkun waħdu ma' Alla, u fejn Alla jsemma' leħnu".*[4]

1796 *Il-kuxjenza morali hi ġudizzju tar-raġuni li bih il-bniedem jagħraf jekk xi att tiegħu huwiex moralment tajjeb jew ħażin.*

1797 *Għall-bniedem li jagħmel xi att ħażin, il-verdett tal-kuxjenza tiegħu jibqa' dejjem rahan ta' konverżjoni u ta' tama.*

1798 *Kuxjenza ffurmata tajjeb hi retta u vera. Tiġġudika skont ir-raġuni, skont dak li hu tassew tajjeb kif iridu l-għerf ta' Dak li ħalaq kollox. Kulħadd huwa fid-dmir li jfittex il-mezzi meħtieġa biex jifforma l-kuxjenza tiegħu.*

1799 *Quddiem għażla morali, il-kuxjenza tista' tagħti kemm ġudizzju ġust li jaqbel mar-raġuni u mal-liġi ta' Alla u, kemm ġudizzju żbaljat li jitbiegħed minnhom.*

1800 *Il-bniedem għandu dejjem jobdi l-ġudizzju żgur tal-kuxjenza tiegħu.*

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 16.
[2] 1 Tim 11,5; ara 3,9; 2 Tim 1,3; 1 Piet 3,21; Atti 24,16.
[3] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 16.
[4] *Ibid.*

1801 *Il-kuxjenza morali tista' tkun fl-injoranza jew tagħmel ġudizzji żbaljati. Din l-injoranza u dawn l-iżbalji mhux dejjem huma ħielsa mill-ħtija.*

1802 *Il-kelma ta' Alla ddawwal il-passi kollha li nagħmlu. Irridu nagħmluha tagħna bil-fidi u bit-talb, u nwettquha bil-fatti. Hu b'dan il-mod li aħna niffurmaw il-kuxjenza tagħna.*

**Is-seba' artiklu**

# IL-VIRTUJIET

1803 "Kulma hu veru, kulma hu xieraq, kulma hu ġust, kulma hu safi, kulma jiġbed l-imħabba, kulma jistħoqqlu l-ġieħ, kulma hu virtù, kulma ħaqqu t-tifħir, f'dan kollu aħsbu" *(Fil 4,8)*.

Il-virtù hi dispożizzjoni abitwali u soda għall-għemil it-tajjeb. Tippermetti lill-persuna umana li mhux biss tagħmel għemil tajjeb, imma wkoll li tagħti dak li hu l-aħjar fiha nfisha. Persuna mżejna bil-virtù, bil-forzi kollha tagħha tar-ruħ u tal-ġisem, tinġibed lejn dak li hu tajjeb, tfittxu u tagħżlu b'għemil, bil-fatti.

> L-għan ta' ħajja mżejna bil-virtù hu li ssir tixbah lil Alla.[1]

## I. Il-virtujiet tal-bniedem

1804 Il-*virtujiet tal-bniedem* huma attitudnijiet sodi, dispożizzjonijiet stabbli, perfezzjonijiet abitwali tal-intelliġenza u r-rieda li jirregolaw l-għemejjel kollha tagħna, iżommu l-ordni fil-passjonijiet tagħna, u jmexxu l-imġiba tagħna skont ir-raġuni u l-fidi. Jagħmlulna ħafifa, għaqlija u ferrieħa l-ħajja moralment tajba li ngħixu. Il-bniedem imżejjen bil-virtù hu dak li bil-fatti jagħmel kulma hu tajjeb b'mod ħieles, bla xkiel.

Il-bniedem jista' jikseb il-virtujiet morali bil-ħila umana. Huma l-frott u l-bidu ta' kull għemil moralment tajjeb; iħejju l-qawwiet kollha tal-persuna biex jingħaqdu mal-imħabba ta' Alla.

L-GĦAŻLA BEJN IL-VIRTUJIET KARDINALI

1805 Hemm erba' virtujiet li fuqhom, bħal fuq ċappetta, jistrieħu l-virtujiet l-oħra kollha; għalhekk jissejħu virtujiet "kardinali". Il-virtujiet l-oħra kollha jinġabru madwarhom. Dawn l-erba' virtujiet huma l-għaqal, il-ġustizzja, il-qawwa u l-qies (rażan, temperanza). "Jekk xi ħadd iħobb is-sewwa, it-taħbit tiegħu hu virtù. Għax hu mgħallem tal-qies, u tal-għaqal, tal-ġustizzja u tal-qawwa" *(Għerf 8,7)*. Dawn l-erba' virtujiet, b'ismijiet oħra, huma mfaħħra f'għadd kbir ta' siltiet tal-Iskrittura.

1806 *L-għaqal* hu dik il-virtù li tħejji r-raġuni prattika biex tagħraf fiċ-ċirkostanzi kollha x'inhu l-veru ġid tagħna u tagħżel il-mezzi ġusti biex jinkiseb. "Min moħħu jilħaqlu jqis sewwa l-passi tiegħu qabel jitkellem" *(Prov 14,15)*. "Kunu għaqlin u meqjusin biex tagħtu ruħkom għat-talb" *(1 Piet 4,7)*. L-għaqal hu

[1] San Girgor ta' Nissa, *Orationes de beatitudinibus*, 1: PG 44, 1200D.

"l-qies eżatt ta' kull għemil", jikteb San Tumas[1] huwa u jtenni ħsieb ta' Aristotile. Ma għandux x'jaqsam man-nuqqas ta' qalb u mal-biża' u lanqas mal-wiċċ b'ieħor u mal-wiri ta' ħaġa b'oħra. Jissejjaħ "is-sewwieq tal-virtujiet" *("auriga virtutum")* għax imexxi l-virtujiet l-oħra u jurihom il-qies tagħhom u sa fejn għandhom jaslu. Hu l-għaqal li jmexxi immedjatament il-ġudizzju tal-kuxjenza. Il-bniedem bilgħaqal jiddeċiedi u jirregola l-imġiba tiegħu skont dan il-ġudizzju. Bl-għajnuna ta' din il-virtù aħna napplikaw, mingħajr ma niżbaljaw, il-prinċipji morali għal kull każ li jinqala' u nirbħu d-dubji li jista' jkollna dwar it-tajjeb li rridu nagħmlu u l-ħażin li rridu nevitaw.

1807 *Il-ġustizzja* hi dik il-virtù morali li biha nagħtu 'l Alla u lil għajrna dak li jistħoqqilhom, b'rieda soda u kostanti. Il-ġustizzja lejn Alla tissejjaħ "il-virtù tar-reliġjon". Il-ġustizzja lejn il-bnedmin tħejjina biex nirrispettaw id-drittijiet ta' kullħadd, u nżommu, fir-relazzjonijiet tagħna mal-bnedmin l-oħra, dik l-armonija li ġġib 'il quddiem l-ekwità fl-imġiba tagħna mal-bnedmin kollha għall-ġid ta' kulħadd. Il-bniedem ġust, li jissemma ta' spiss fil-Kotba Mqaddsa, jintgħażel mill-qies li dejjem juri fi ħsibijietu u mill-mod tajjeb kif iġib ruħu ma' għajru. "La tħarisx lejn wiċċ il-fqir; lanqas ma tweġġaħ lill-kbir għal wiċċu, imma tagħmel il-ħaqq mal-proxxmu tiegħek bis-sewwa" *(Lev 19,15)*. "Intom, sidien, agħtu lill-ilsiera tagħkom il-ħaqq u s-sewwa, u kunu afu li intom ukoll għandkom sid fis-sema" *(Kol 4,1)*.

1808 *Il-qawwa* hi virtù morali li tagħtina li nkunu sodi u ma nieqfu qatt milli nfittxu dejjem dak li hu tajjeb, minkejja d-diffikultajiet li niltaqgħu magħhom. Twettaq il-fehma li nirreżistu għat-tiġrib u li negħlbu t-tfixkil li niltaqgħu miegħu fil-ħajja morali tagħna. Il-virtù tal-qawwa tagħtina l-ħila nirbħu l-biża', saħansitra il-biża' tal-mewt, u nilqgħu wkoll il-persekuzzjonijiet. Tħejjina biex naslu saċ-ċaħda u s-sagrifiċċju ta' ħajjitna biex niddefendu kawża ġusta. "Qawwa tiegħi u għana tiegħi l-Mulej" *(Salm 118,14)*. "Fid-dinja tbatu jkollkom. Iżda agħmlu l-qalb, jiena rbaħtha d-dinja" *(Ġw 16,33).*

1809 *It-temperanza* jew ir-rażan u l-qies hi dik il-virtù morali li biha nrażżnu l-ġibda għall-pjaċiri u tagħtina li nużaw bil-qies il-ġid tal-art. Tiżgura setgħa lir-rieda fuq l-istinti u żżomm ix-xewqat tagħna li ma jmorrux 'l hemm minn dak li hu onest u sewwa. Persuna li tagħmel kollox bil-qies, tmexxi l-ġibdiet tas-sensi lejn it-tajjeb, iżżomm qies xieraq f'kollox, u "ma tħallix il-ġibdiet imexxuha huma, biex timxi wara dak li tixtieq il-qalb".[2] It-temperanza hi mfaħħra ta' spiss fit-Testment il-Qadim: "Tħallix xewqatek jiġbduk warajhom u rażżanhom il-ġibdiet tiegħek" *(Sir 18,30)*. Fit-Testment il-Ġdid hi msejħa "rażan" u "qies". Għandna ngħixu "bir-rażna u l-ġustizzja u t-tjieba f'dan iż-żmien" *(Tit 2,12)*.

> Tgħix tajjeb mhu xejn ħlief li tħobb 'l Alla b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, b'għemilek kollu. Għal Alla l-imħabba trid tkun sħiħa (permezz tat-temperanza), ebda ħażen ma għandu jkissirha (u din hija xhieda tal-qawwa), tobdi lilu biss (u din hi l-ġustizzja), u tishar biex tgħarbel kollox bil-biża' li jeħduk għal għarrieda l-qerq u l-gideb (u hawn hu l-għaqal).[3]

---

[1] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae 2-2*, 47, 2.
[2] Sir 5,2; ara 37,27-31.
[3] Santu Wistin, *De moribus Ecclesiae catholicae*, 1, 25, 46: PL 32, 1330-1331.

IL-VIRTUJIET U L-GRAZZJA

1810 Il-virtujiet li l-bniedem jikseb permezz tal-edukazzjoni, ta' għemil deliberat, ta' perseveranza li qatt ma tonqos fl-isforzi li wieħed jagħmel, jissaffew u jogħlew permezz tal-grazzja ta' Alla. Bl-għajnuna ta' Alla jsawru l-karattru u jagħmluha eħfef li wieħed jagħmel it-tajjeb. Il-bniedem imżejjen bil-virtù hu hieni li jipprattikahom.

1811 Mhijiex ħaġa ħafifa għall-bniedem midrub mid-dnub li jżomm il-bilanċ fl-imġiba morali tiegħu. Id-don tas-salvazzjoni li kisbilna Kristu jagħtina l-grazzja meħtieġa biex ma nieqfu qatt infittxu l-virtujiet. Kulħadd għandu jitlob dejjem din il-grazzja ta' dawl u ta' qawwa, jirrikorri għas-sagramenti, jikkoopera mal-Ispirtu s-Santu, jilqa' s-sejħat tiegħu biex iħobb dak li hu tajjeb u jħares ruħu minn dak li hu ħażin.

## II. Il-virtujiet teologali

1812 Il-virtujiet tal-bniedem għandhom l-għeruq tagħhom fil-virtujiet teologali li jadattaw il-fakultajiet tal-bniedem ħa jkollu sehem min-natura ta' Alla.[1] Dan għaliex il-virtujiet teologali jħarsu direttament lejn Alla. Iħejju lill-Insara biex jgħixu f'relazzjoni mat-Trinità Qaddisa. Għandhom lil Alla wieħed fi Tliet Persuni bħala bidu, motiv u oġġett tagħhom.

1813 Il-virtujiet teologali huma l-pedament tal-imġiba morali tan-Nisrani, jagħtuha l-ħajja u l-karattru tagħha. Isawru u jaħju l-virtujiet morali kollha. Jitnisslu minn Alla fir-ruħ tal-Insara biex ikollhom il-ħila jġibu ruħhom bħala wliedu u jimmeritaw il-ħajja ta' dejjem. Huma r-rahan tal-preżenza u tal-ħidma tal-Ispirtu s-Santu fil-fakultajiet tal-bniedem. Hemm tliet virtujiet teologali: il-fidi, it-tama u l-imħabba.[2]

IL-FIDI

1814 Il-fidi hi dik il-virtù teologali li biha nemmnu f'Alla u f'kulma qalilna u rrivelalna, u li l-Knisja tgħidilna li għandna nemmnu, għax Alla hu l-istess Verità. Bil-fidi "l-bniedem jintelaq kollu kemm hu minn rajh f'Alla".[3] Hu għalhekk li min jemmen ifittex li jkun jaf x'inhi r-rieda ta' Alla u jagħmilha. "Il-ġust jgħix bil-fidi" *(Rum 1,17).* Il-fidi ħajja "taħdem permezz tal-imħabba" *(Gal 5,6)*.

1815 Id-don tal-fidi jibqa' f'min ma jkunx dineb kontriha.[4] Imma "hi mejta l-fidi mingħajr għemil" *(Ġak 2,28)*: nieqsa mit-tama u l-imħabba, il-fidi ma tgħaqqadx għalkollox in-Nisrani ma' Kristu u ma tagħmlux membru ħaj tal-Ġisem tiegħu.

1816 Id-dixxiplu ta' Kristu ma għandux biss iħares il-fidi u jgħixha, iżda għandu wkoll jistqarrha, jagħti xhieda għaliha b'mod li juri li hu żgur minnha, u jxandarha: "Kulħadd għandu jkun dejjem imħejji biex jistqarr 'il Kristu quddiem

[1] Ara 2 Piet 1,4.
[2] Ara 1 Kor 13,13.
[3] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum,* 5.
[4] Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1545.

il-bnedmin u jimxi warajh fit-triq tas-salib fost il-persekuzzjonijiet, li qatt ma jonqsu lill-Knisja".[1] Il-qadi u x-xhieda tal-fidi huma meħtieġa għas-salvazzjoni: "Kull min jistqarr quddiem il-bnedmin li hu miegħi, jien ukoll nistqarr li jiena miegħu quddiem Missieri li hu fis-smewwiet. Iżda min jiċħad lili quddiem il-bnedmin, jiena wkoll niċħad lilu quddiem Missieri li hu fis-smewwiet" *(Mt 10,32-33)*.

IT-TAMA

1817 It-tama hi dik il-virtù teologali li biha nixtiequ s-Saltna tas-smewwiet u l-ħajja ta' dejjem bħala ġid tagħna, waqt li nafdaw fil-wegħdiet ta' Kristu u mhux fil-ħila tagħna iżda fl-għajnuna tal-grazzja tal-Ispirtu s-Santu. "Inżommu sħiħ fl-istqarrija qawwija tat-tama tagħna għaliex ta' kelmtu huwa dak li għamlilna l-wegħda" *(Lh 10,23)*. "Dan l-Ispirtu hu xerrdu bil-kotra fuqna b'Ġesù Kristu s-salvatur tagħna, biex bis-saħħa tal-grazzja tiegħu, nitqaddsu u nsiru werrieta tal-ħajja ta' dejjem skont it-tama li għandna" *(Titu 3,6-7)*.

1818 Il-virtù tat-tama twieġeb għax-xewqa tal-hena li Alla qiegħed fil-qalb ta' kull bniedem: tagħmel tagħha t-tamiet kollha li jqanqlu l-attivitajiet tal-bnedmin; issaffihom biex tmexxihom lejn is-Saltna tas-smewwiet; tħarishom minn kull qtigħ il-qalb; tqawwihom kull darba li jiddgħajfu; tiftaħ il-qalb tal-bniedem huwa u jistenna l-hena ta' dejjem. Il-ħeġġa tat-tama tħarisna mill-egoiżmu u twassalna għall-hena tal-imħabba.

1819 It-tama nisranija tieħu u tkompli t-tama tal-poplu l-magħżul, tama li għandha l-bidu tagħha u x-xbieha tagħha fit-*tama ta' Abraham* li, f'Iżakk, ġabret il-wegħdiet kollha ta' Alla u ġiet imsoffija bil-prova tas-sagrifiċċju.[2] "Meta ma kellu ebda tama, Abraham ittama u emmen u hekk sar missier ta' kotra kbira ta' ġnus" *(Rum 4,18)*.

1820 It-tama nisranija bdiet tintwera sa mill-bidu tal-predikazzjoni ta' Ġesù bit-tħabbira tal-beatitudnijiet. *Il-beatitudnijiet* jerfgħu t-tama tagħna lejn is-sema bħala l-Art imwiegħda ġdida, huma u juruna t-triq li rridu ngħaddu minnha fost il-provi li hemm jistennew lid-dixxipli ta' Ġesù. Iżda għall-merti ta' Ġesù Kristu u tal-Passjoni tiegħu, Alla jħarisna fit-tama "li ma titqarraqx bina" (*Rum 5,5*). It-tama hi "bħall-ankra tar-ruħ, sħiħa u qawwija li biha nidħlu... fejn qabilna daħal Ġesù" *(Lh 6,19-20)*. Hi wkoll arma li tħarisna fit-taqbida għas-salvazzjoni: "Nilbsu l-kurazza tal-fidi, u l-imħabba, u l-elmu tat-tama tas-salvazzjoni" *(1 Tes 5,8)*. Tferraħna waqt l-istess provi: "Ifirħu bit-tama, stabru fl-hemm" *(Rum 12,12)*. Turi ruħha u titmantna bit-talb, b'mod partikulari bit-talba tal-*Missierna*, talba li tiġbor fiha kulma t-tama ġġegħelna nixtiequ.

1821 Nistgħu għalhekk nittamaw li niksbu l-glorja tas-sema li Alla wiegħed lil dawk li jħobbuh[3] u jagħmlu r-rieda tiegħu.[4] F'kull ċirkostanza kull wieħed għandu jittama, bil-grazzja ta' Alla, li "jibqa' jżomm sħiħ sal-aħħar",[5] u jkollu l-hena tas-sema bħala l-premju ta' dejjem, li Alla jagħti lill-għemejjel tajba kollha li

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium, 4.* Ara *Dignitatis humanae*, 14.
[2] Ara Ġen 17,4-8; 22,1-18.
[3] Ara Rum 8,28.30.
[4] Ara Mt 7,21.
[5] Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1541. Ara Mt 10,22.

jkun għamel bil-grazzja ta' Kristu. Bit-tama l-Knisja titlob "li l-bnedmin kollha jsalvaw" *(1 Tim 2,4)*. Tittama li tkun fil-glorja tas-sema, magħquda ma' Kristu, l-Għarus tagħha:

> Ittama, ruħ tiegħi, ittama. Int ma tafx la l-jum u lanqas is-siegħa. Ishar ħerqana, kollox jgħaddi malajr għalkemm in-nuqqas ta' sabar tiegħi jagħmel dubbjuż dak li hu żgur, u twil iż-żmien li hu qasir. Ara li aktar ma tikkumbatti aktar turi l-imħabba li għandek għal Alla tiegħek, aktar tgawdi l-Maħbub tiegħek b'gost u pjaċir li ma jintemmux.[1]

L-IMĦABBA

1822 L-imħabba hi dik il-virtù teologali li biha nħobbu 'l Alla għalih innifsu aktar minn kull ħaġ'oħra, u l-proxxmu tagħna bħalna nfusna, għall-imħabba ta' Alla.

1823 Ġesù għamel l-imħabba *kmandament ġdid*.[2] Ġesù, huwa u jħobb lil tiegħu "għall-aħħar" *(Ġw 13,1),* wera l-imħabba li l-Missier kellu għalih. Fl-imħabba tagħhom għal xulxin, id-dixxipli imitaw l-imħabba ta' Ġesù li rċevew ukoll mingħandu. Hu għalhekk li Ġesù qal: "Kif ħabbni Missieri hekk ħabbejtkom jien. Ibqgħu fl-imħabba tiegħi" *(Ġw 15,9)*. U aktar: "Dan hu l-kmandament tiegħi: li tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien" *(Ġw 15,12).*

1824 L-imħabba, li hi l-frott tal-Ispirtu u l-milja tal-liġi, tħares *il-kmandamenti* ta' Alla u ta' Kristu tiegħu: "Ibqgħu fl-imħabba tiegħi. Jekk tħarsu l-kmandamenti tiegħi intom tibqgħu f'imħabbti".[3]

1825 Kristu miet għall-imħabba tagħna, meta konna għadna "għedewwa" tiegħu *(Rum 5,10)*. Il-Mulej iridna nħobbu bħalu sal-*għedewwa tagħna (Mt 5,44)* u nkunu proxxmu għal min hu l-aktar 'il bogħod minna,[4] u nħobbu t-tfal[5] u l-foqra bħalma nħobbu lilu.[6]

> L-Appostlu San Pawl tana deskrizzjoni tassew tal-għaġeb tal-imħabba: "L-imħabba taf tistabar u tħenn, l-imħabba mhijiex għajjura, ma tintefaħx biha nfisha, ma titkabbarx fuq l-oħrajn, ma tagħmilx dak li mhux xieraq; ma tfittixx dak li hu tagħha; xejn ma tinkorla, ma żżommx f'qalbha għad-deni; ma tifraħx bl-inġustizzja imma tifraħ bil-verità. Kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti" *(1 Kor 13,4-7)*.

1826 "Kieku ma kellix imħabba jien ma kont inkun xejn". Kull privileġġ, kull servizz, l-istess virtujiet, "...mingħajr l-imħabba xejn ma jkunu jiswewli ta' ġid" *(1 Kor 13,1-4).* L-imħabba hi l-ogħla fost il-virtujiet kollha. Hi l-ewwel waħda fost il-virtujiet teologali: "Issa hawn tlieta: fidi, tama u mħabba; it-tlieta jibqgħu. *Il-kbira fosthom l-imħabba" (1 Kor 13,13).*

1827 L-imħabba tagħti l-ħajja u tmexxi l-virtujiet kollha. Hi "l-qofol tal-perfezzjoni" *(Kol 3,14),* hi l-*forma ta' kull virtù,* tagħżilhom minn xulxin u żżejjinhom; hi l-bidu u t-tmiem tal-prattika nisranija tagħhom. L-imħabba

---

[1] Santa Tereża ta' Ġesù, *Esklamazzjonijiet tar-ruħ lil Alla (Exclamationes del alma a Dios)*, 15, 3.
[2] Ara Ġw 13,34.
[3] Ġw 15,9-10; ara Mt 22,40; Rum 13,8-10.
[4] Ara Lq 10,27-37.
[5] Ara Mk 9,37.
[6] Ara Mt 25,40.45.

ssaħħaħ u ssaffi s-setgħa tagħna li nħobbu bħala bnedmin. Tgħollina għall-perfezzjoni sopranaturali tal-imħabba ta' Alla.

1828 Il-ħajja morali, imqanqla mill-imħabba, tagħti lin-Nisrani li jgħixha, il-ħelsien spiritwali ta' wlied Alla. Ma jidhirx aktar quddiem Alla bħala xi lsir kollu biża', lanqas bħala xrik ifittex ħlasu, imma bħala iben li jwieġeb għall-imħabba ta' "dak li ħabbna l-ewwel" *(1 Ġw 4,19)*":

> Jew nitbiegħdu mill-ħażen minħabba l-biża' tal-kastig u hekk inkunu f'qagħda ta' lsiera, jew aħna mħajrin mill-ħlas li hemm u hekk inkunu f'qagħda ta' xrik; jew fl-aħħar nett nobdu minħabba t-tajjeb fih innifsu u għall-imħabba ta' dak li jikkmandana, u hekk inkunu f'qagħda ta' wlied.[1]

1829 Bħala *frott* tal-imħabba hemm il-ferħ, is-sliem u l-ħniena: l-imħabba titlob minna li nagħmlu l-ġid u nikkorreġġu lill-aħwa; tixtieq il-ġid; tqanqalna biex nagħmlu l-ġid lil xulxin; qatt ma tfittex dak li hu tagħha u għandha idejn miftuħa; hi ħbiberija u għaqda:

> L-imħabba hi l-milja ta' kulma jsir. Dan hu l-għan; għalhekk niġru: niġru lejha biex nilħquh, u meta naslu, hu fiha li nistrieħu.[2]

## III. Id-doni u l-frott tal-ispirtu

1830 Il-ħajja morali tal-Insara hi mwettqa mid-doni tal-Ispirtu s-Santu. Dawn huma dispożizzjonijiet li jibqgħu dejjem u bihom il-bniedem joqgħod għal kulma jnebbħu l-Ispirtu s-Santu.

1831 Is-seba' *doni* tal-Ispirtu s-Santu huma: l-għerf, id-dehen, l-għaqal, il-qawwa, ix-xjenza, il-pjetà u l-biża' ta' Alla. Jinsabu fil-milja kollha tagħhom fi Kristu, l-Iben ta' Alla.[3] Jagħmlu sħaħ u jwasslu għall-perfezzjoni l-virtujiet ta' dawk li jirċevuhom; bihom il-fidili jobdu minnufih kulma jnebbaħhom bih Alla.

> L-Ispirtu tajjeb tiegħek imexxina f'art wietja *(Salm 143,10)*.

> Dawk kollha li jmexxihom l-Ispirtu ta' Alla huma wlied Alla... Jekk aħna wlied aħna wkoll werrieta, werrieta ta' Alla flimkien ma' Kristu *(Rum 8,14.17)*.

1832 *Il-frott* tal-Ispirtu hu l-perfezzjonijiet li jsawwar fina l-Ispirtu s-Santu bħala l-bidu tal-glorja ta' dejjem. It-Tradizzjoni tal-Knisja ssemmi tnax: l-imħabba, l-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħlewwa, it-tjieba, il-ħniena, il-fidi, il-manswetudni, il-modestja, ir-rażan, is-safa.[4]

## Fil-qosor

1833 *Il-virtù hija dispożizzjoni abitwali u soda għall-għemil tajjeb.*

---

[1] San Bażilju l-Kbir ta' Ċesarija tal-Kappadoċja, *Regulae fusius tractatae*, prol. 3: PG 31, 896B.
[2] Santu Wistin, *In Epistulam Johannis ad Parthos tractatus* 10, 4.
[3] Ara Is 11,1-2.
[4] Gal 5,22-23 Vulg.

1834 *Il-virtujiet tal-bniedem huma dispożizzjonijiet sodi tal-intelliġenza u tar-rieda li jidderieġu l-għemil tagħna, jirregolaw il-passjonijiet tagħna, imexxu l-imġiba tagħna skont ir-raġuni u l-fidi. Nistgħu niġbruhom taħt erba' virtujiet kardinali: l-għaqal, il-ġustizzja, il-qawwa u r-rażan (temperanza jew qies).*

1835 *L-għaqal iħejji r-raġuni prattika biex, f'kull ċirkostanza, tagħraf x'inhu l-veru ġid tagħna u tagħżel il-mezzi tajba biex jinkiseb.*

1836 *Il-ġustizzja hija r-rieda soda u kostanti li tagħti 'l Alla u lill-proxxmu dak li hu tagħhom.*

1837 *Il-qawwa tiżgurana li nkunu sodi u kostanti fit-tfittxija ta' dak li hu tajjeb, minkejja d-diffikultajiet kollha li jkun hemm.*

1838 *Ir-rażan (il-qies jew temperanza) jimmodera l-ġibda tal-pjaċiri tas-sensi u jagħtina l-qies fl-użu tal-ġid tal-art.*

1839 *Il-virtujiet morali jikbru permezz tal-edukazzjoni, ta' għemil maħsub u deliberat, u perseveranza fl-isforzi li jsiru. Il-grazzja ta' Alla ssaffihom u tgħollihom.*

1840 *Il-virtujiet teologali jħejju 'l-Insara biex jgħixu f'relazzjoni mat-Trinità Qaddisa. Alla hu l-bidu, il-motiv u l-oġġett tagħhom, Alla li nagħrfuh permezz tal-fidi, li nittamaw fih, u nħobbuh għalih innifsu.*

1841 *Il-virtujiet teologali huma tlieta: fidi, tama, imħabba.*[1] *Jiffurmaw u jaħju l-virtujiet morali kollha.*

1842 *Bil-fidi nemmnu f'Alla u f'dak kollu li rrivelalna, u li l-Knisja tgħidilna li għandna nemmnuh.*

1843 *Bit-tama nixtieqnu u nistennew mingħand Alla, b'fiduċja kbira, il-ħajja ta' dejjem u l-grazzji biex nimmeritawha.*

1844 *Bl-imħabba nħobbu 'l Alla fuq kull ħaġ'oħra u l-proxxmu tagħna bħalna nfusna għall-imħabba ta' Alla. Hi l-"qofol tal-perfezzjoni"* (Kol 3,14) *u l-forma tal-virtujiet kollha.*

1845 *Is-seba' doni tal-Ispirtu s-Santu mogħtijin lill-Insara huma l-għerf, id-dehen, l-għaqal, il-qawwa, ix-xjenza, il-pjetà u l-biża' ta' Alla.*

**It-tmien artiklu**

## ID-DNUB

### I. Il-ħniena u d-dnub

1846 L-Evanġelju hu r-rivelazzjoni f'Ġesù Kristu tal-ħniena ta' Alla għall-midinbin.[2] L-anġlu ħabbar lil San Ġużepp: "Inti ssemmih Ġesù għax hu jsalva l-

[1] Ara 1 Kor 13,13.
[2] Ara Lq 15.

poplu tiegħu minn dnubiethom" *(Mt 1,21)*. Hekk ukoll l-Ewkaristija, is-sagrament tal-fidwa: "Dan huwa demmi, id-demm tal-patt, li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet" *(Mt 26,28)*.

1847 "Alla ħalaqna mingħajrna, imma ma riedx isalvana mingħajrna".[1] Biex ikollna l-ħniena tiegħu, irridu nistqarru ħtijietna. "Jekk ngħidu li ma għandniex dnub, inkunu qegħdin inqarrqu bina nfusna u l-verità ma tkunx fina. Jekk nistqarru dnubietna, hu fidil u ġust hekk li jaħfrilna dnubietna u jnaddafna minn kull ħażen" *(1 Ġw 1,8-9)*.

1848 Kif jgħid San Pawl: "Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja" *(Rum 5,20)*. Iżda biex taħdem, il-grazzja trid tikxef id-dnub u tbiddel 'il qalbna u tagħtina "l-ġustizzja għall-ħajja ta' dejjem permezz ta' Ġesù Kristu Sidna" *(Rum 5,20-21)*. Bħalma t-tabib l-ewwel jara l-ġerħa qabel idewwiha, hekk Alla, bil-kelma u bl-Ispirtu tiegħu, jitfa' dawl ħaj fuq id-dnub:

> Il-konverżjoni titlob li wieħed *ikun konvint mid-dnub*, u fiha stess hemm il-ġudizzju tal-kuxjenza; dan il-ġudizzju, għaliex hu prova tal-ħidma tal-Ispirtu tal-verità fir-ruħ tal-bniedem, fl-istess waqt hu l-bidu ġdid tal-għoti tal-grazzja u tal-imħabba: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu". Mela b'din l-akkuża dwar id-dnub "hemm żewġ doni: id-don tal-verità tal-kuxjenza u d-don taċ-ċertezza tal-fidwa. L-Ispirtu tal-verità hu Difensur".[2]

## II. X'inhu d-dnub

1849 Id-dnub hu nuqqas kontra r-raġuni, il-verità u l-kuxjenza retta; hu nuqqas ta' mħabba vera, lejn Alla u lejn il-proxxmu, minħabba rabta ħażina ma' xi ġid. Jidrob in-natura tal-bniedem u jhedded is-solidarjetà bejn il-bnedmin. Ġie definit bħala "kelma, għemil jew xewqa kontra l-liġi ta' dejjem".[3]

1850 Id-dnub hu offiża lil Alla: "Kontrik biss jiena dnibt u dak li hu ħażin f'għajnejk għamilt" *(Salm 51,6)*. Id-dnub imur kontra l-imħabba ta' Alla għalina u jbiegħed 'il qlubna minnha. Bħalma kien l-ewwel dnub, id-dnub hu diżubbidjenza, ribelljoni kontra Alla, għax bid-dnub inkunu rridu nsiru "bħal allat" li nafu u niddeterminaw it-tajjeb u l-ħażin *(Ġen 3,5)*. Id-dnub għalhekk hu "mħabba tiegħek innifsek li twassal sal-istmerrija ta' Alla".[4] B'din l-imħabba tagħna nfusna, kollha kburija u suppervja, id-dnub iqegħedna f'qagħda għalkollox kuntrarja għall-ubbidjenza ta' Ġesù, ubbidjenza li biha seħħet is-salvazzjoni.[5]

1851 Hu proprju fil-Passjoni, meta l-ħniena ta' Kristu tirbaħ id-dnub, li d-dnub juri l-vjolenza tiegħu u l-ħafna suriet li għandu: in-nuqqas ta' fidi, il-mibegħda sal-mewt, iċ-ċaħda u ż-żebliħ tal-kapijiet u tal-poplu, l-għemil ta' ġifa ta' Pilatu, l-għemil kiefer tas-suldati, it-tradiment ta' Ġuda hekk kiefer għal Ġesù, iċ-ċaħda ta' Pietru, u l-ħarba tad-dixxipli. Iżda f'dak il-mument tad-dlamijiet u

---

[1] Santu Wistin, S*ermones*, 169, 11, 13: PL 38, 923.
[2] Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Dominum et Vivificantem*, 31.
[3] Santu Wistin, *Contra Faustum manichaeum*, 22; San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, 1-2, 71, 6.
[4] Santu Wistin, *Il-Belt ta' Alla*, 14, 28.
[5] Ara Fil 2,6-9.

tal-Prinċep ta' din id-dinja[1] s-sagrifiċċju ta' Kristu, fil-moħbi, sar għajn li dejjem tnixxi għall-maħfra ta' dnubietna.

## III. Il-ħafna suriet tad-dnub

1852 Hemm varjetà kbira ta' dnubiet. Fl-Iskrittura nsibu aktar minn lista waħda. L-Ittra lill-Galatin tqiegħed kontra xulxin l-għemejjel tal-ġisem u l-frott tal-Ispirtu: "L-għemejjel tal-ġisem huma magħrufa: żína, faħx, nuqqas ta' rażan, idolatrija, seħer, mibegħda, ġlied, għira, korla, ambizzjoni, firda, partiti, invidja, sokor, tbaħrid u ħwejjeġ bħal dawn; inwissikom, bħalma wissejtkom qabel: min jagħmel dawn il-ħwejjeġ ma jiritx is-Saltna ta' Alla".[2]

1853 Nistgħu nagħżlu d-dnubiet skont l-oġġett tagħhom – bħal kull għemil tal-bniedem, – jew skont il-virtujiet li jopponu fiż-żejjed jew fin-nieqes, jew skont il-kmandamenti li jiksru. Nistgħu inqassmuhom ukoll skont humiex kontra Alla, kontra għajrna u kontra tagħna nfusna; nistgħu nagħżluhom bħala dnubiet spiritwali jew karnali, jew ukoll bħala dnubiet bil-kliem, bil-ħsieb, b'għemil jew b'nuqqas ta' għemil. L-għerq tad-dnub hu fil-qalb tal-bniedem, fir-rieda ħielsa tiegħu, skont it-tagħlim tal-Mulej: "Mill-qalb joħorġu ħsibijiet ħżiena, qtil, adulterji, żína, serq, xhieda qarrieqa, dagħa. Dawn huma li jtebbgħu l-bniedem" *(Mt 15,19).* Fil-qalb tinsab ukoll l-imħabba, il-bidu ta' kull għemil tajjeb u safi li jidrob id-dnub.

## IV. Il-gravità tad-dnub: dnub mejjet u dnub venjal

1854 Jaqbel li nqisu d-dnubiet skont il-gravità tagħhom. L-għażla bejn dnub mejjet u dnub venjal, li ġa għandna ħjiel tagħha fl-Iskrittura,[3] daħlet fit-Tradizzjoni tal-Knisja u hi mwettqa mill-esperjenza tal-bnedmin.

1855 *Id-dnub mejjet* jeqred l-imħabba fil-qalb tal-bniedem bi ksur gravi tal-liġi ta' Alla; ibiegħed lill-bniedem minn Alla, li għalih ġie maħluq u fih isib l-hena tiegħu, biex jagħżel ġid inqas minn Alla.

*Id-dnub venjal* iħalli l-imħabba fil-qalb tal-bniedem, għalkemm joffendiha u jidrobha.

1856 Id-dnub mejjet, għaliex jolqot fina dak il-prinċipju vitali li hi l-imħabba, jeħtieġ inizjattiva ġdida tal-ħniena ta' Alla u konverżjoni tal-qalb li bħala regola jseħħu fis-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni:

> Meta r-rieda tinġibed lejn ħaġa li fiha nfisha hi kontra l-imħabba li tressaqna lejn l-għan li għalih ġejna maħluqin, id-dnub minnu nnifsu għandu fih dak li jagħmlu mejjet... kemm jekk ikun kontra l-imħabba ta' Alla bħad-dagħa, il-ħalf fil-falz u l-bqija, u kemm jekk hu kontra l-imħabba tal-proxxmu bħalma hu l-qtil, l-adulterju u l-bqija... Min-naħa l-oħra, meta r-rieda tal-midneb tmur fuq xi ħaġa li fiha hemm xi diżordni, iżda mhuwiex kontra l-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu bħalma hu l-kliem vojt, id-daħq żejjed u l-bqija... d-dnubiet li jsiru huma venjali.[4]

---

[1] Ara Ġw 14,30.
[2] Gal 5,19-21; ara Rum 1,28-32; 1 Kor 6,9-10; Ef 5,3-5; Kol 3,5-8; 1 Tim 1,9-10; 2 Tim 3,2-5.
[3] Ara 1 Ġw 5,16-17.
[4] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, 1-2, 88, 2.

1857 Biex *dnub* ikun *mejjet* jeħtieġu tliet kundizzjonijiet flimkien: "Hu dnub mejjet kull dnub li bħala oġġett tiegħu għandu materja gravi, min jagħmlu jkun jaf sewwa x'qiegħed jagħmel, u jagħmlu b'rieda sħiħa".[1]

1858 Il-*materja gravi* jgħidu sewwa x'inhi l-Għaxar kmandamenti skont it-tweġiba li Ġesù ta lil wieħed żagħżugħ għani: "La toqtolx, la tiżnix, la tixhedx bil-falz, la tiħux bil-qerq dak li hu ta' ħaddieħor, weġġaħ lil missierek u 'l ommok" *(Mk 10,19)*. Il-gravità tista' tkun ftit jew wisq kbira: qtil hu aktar gravi minn serqa. Trid titqies ukoll min tkun il-persuna li tiġi mġarrba bid-dnub: vjolenza kontra l-ġenituri hi fiha nfisha ħaġa aktar gravi minn vjolenza kontra barrani.

1859 Id-dnub mejjet irid *għarfien sħiħ ta' dak li jkun se jsir u kunsens sħiħ* dwaru. Jissopponi li wieħed jkun jaf li l-għemil li se jagħmel hu dnub, li hu kontra l-liġi ta' Alla. Jitlob ukoll kunsens li jkun ħieles biżżejjed biex jitqies bħala għażla personali ta' dak li jkun. L-injoranza taparsi u l-ebusija tal-qalb[2] ma jnaqqsux il-ħtija, anzi jagħmlu d-dnub aktar mixtieq, aktar volontarju.

1860 *L-injoranza bla ħtija* (involontarja) tista' tnaqqas jekk mhux tiskuża għalkollox mill-ħtija ta' dnub gravi. Iżda ħadd ma jitqies li ma jafx il-prinċipji tal-liġi morali li jinsabu mnaqqxin fil-kuxjenza ta' kull bniedem. Il-ġibdiet tas-sensi, il-passjonijiet jistgħu wkoll jagħmlu l-ħtija inqas volontarja u ħielsa, l-istess kif inaqqsuha influwenzi minn barra u taqlib patoloġiku. Id-dnub magħmul b'malizzja, b'għażla tal-ħażen għax ħażin, hu l-akbar dnub.

1861 Id-dnub mejjet hu għażla radikali li, bħalma hi l-istess imħabba, qiegħda f'idejn il-bniedem li jagħmilha għax hu liberu. Id-dnub il-mejjet itellef l-imħabba u jċaħħad mill-grazzja qaddiesa jew santifikanti, jiġifieri jċaħħad mill-istat tal-grazzja. Jekk id-dnub ma jinfediex bl-indiema u l-maħfra ta' Alla, iġib miegħu t-tkeċċija mis-Saltna ta' Kristu u l-mewt ta' dejjem fl-infern, għax aħna bil-libertà tagħna nistgħu nagħmlu għażliet għal dejjem, mingħajr qatt ma nerġgħu lura minnhom. Iżda għalkemm aħna nistgħu niġġudikaw li għemil fih innifsu hu ħtija gravi, il-ġudizzju fuq in-nies għandna nħalluh għall-ġustizzja u l-ħniena ta' Alla.

1862 Nagħmlu *dnub venjal* meta f'ħaġa żgħira ma nħarsux il-qies mitlub mil-liġi morali, jew meta ma nobdux il-liġi morali f'xi ħaġa gravi iżda mingħajr ma nkunu nafu sewwa l-ħaġa jew mingħajr ma nkunu rriduha għalkollox.

1863 Id-dnub venjal idgħajjef l-imħabba u huwa ġibda diżordinata għall-ħwejjeġ maħluqa. Ifixkel il-progress tar-ruħ fit-tħaddim tal-virtujiet u fil-ħarsien tal-liġi morali; jistħoqqlu l-pwieni temporali. Id-dnub venjal magħmul b'rieda sħiħa u li ma jkun hemm ebda sogħba għalih, iħejjina bil-mod il-mod biex nagħmlu dnubiet mejta. Iżda d-dnub venjal ma jiksirx il-Patt ma' Alla. Nistgħu npattu għalih bil-grazzja ta' Alla. "Ma jċaħħadniex mill-grazzja qaddiesa, mill-ħbiberija ma' Alla u mill-imħabba, u għalhekk lanqas mill-hena ta' dejjem":[3]

> Il-bniedem, sakemm għadu fil-ġisem, ma jistax ma jkollux dnubiet, almenu dnubiet żgħar; iżda dawn id-dnubiet li nsejħu żgħar tqishomx li mhuma xejn. Jekk dan, meta tiżinhom, ibża', għax meta tgħodd ħafna ħwejjeġ żgħar flimkien jagħmlu ħaġa kbira;

[1] Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika, *Reconciliatio et paenitentiae*, 17.
[2] Ara Mk 3,5-6; Lq 16,19-31.
[3] Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Reconciliatio et paenitentia*, 71.

ħafna qatriet jimlew xmara; ħafna qamħiet borġ qamħ. Mela x'inhi t-tama tagħna? Qabelxejn il-qrara...[1]

1864 "Id-dnubiet kollha u d-dagħa kollu jinħafrulhom lill-bnedmin, imma d-dnub ta' min jieqaf lill-Ispirtu s-Santu ma jinħafirx" *(Mt 12, 31).*[2] Il-ħniena ta' Alla hi bla qies, iżda min, għax irid, ma jilqax sogħbien il-ħniena ta' Alla, ma jkunx irid maħfra għal dnubietu u s-salvazzjoni li qed joffrilu l-Ispirtu s-Santu.[3] Dan it-twebbis iwasslu biex jibqa' ma jindimx sal-aħħar u jieħu l-piena ta' dejjem.

## V. It-tkattir tad-dnubiet

1865 Id-dnub jiġbed warajh dnubiet oħra; l-istess għemil imtenni spiss iwassal għall-vizzju. Minn hawn jiġu l-ġibdiet ħżiena li jdallmu l-kuxjenza u jbiddlulha l-kapaċità li tagħżel sewwa bejn it-tajjeb u l-ħażin. B'dan il-mod id-dnub jiġġedded u jissaħħaħ imma qatt ma jasal biex jeqred is-sens morali sa għeruqu.

1866 Il-vizzji nistgħu nqassmuhom skont il-virtujiet li tagħhom huma l-kuntrarju, jew norbtuhom mal-*irjus tad-dnubiet il-mejta* skont l-għażla magħmula bl-esperjenza nisranija minn San Ġwann Kassjan u San Girgor il-Kbir.[4] Jissejħu rjus għax minnhom jitnisslu dnubiet oħra, vizzji oħra. Dawn huma: il-kburija jew suppervja, ix-xeħħa, l-għira, l-għadab, iż-żína, l-ikel u xorb żejjed, u l-għażż fil-ħwejjeġ ta' Alla.

1867 It-tradizzjoni kateketika tfakkarna wkoll li hemm *dnubiet li jgħajtu lejn is-sema*. Jgħajtu lejn is-sema: id-demm ta' Abel,[5] id-dnub tas-Sodomiti,[6] l-għajjat tal-poplu maħqur fl-Eġittu,[7] il-biki tal-barrani, tal-armla u tal-iltim,[8] l-inġustizzja inġustizzja lejn min jaħdem bi ħlas.[9]

1868 Id-dnub hu għemil personali. Barra dan, aħna responsabbli tad-dnubiet tal-oħrajn meta aħna *nikkooperaw fihom*:

— billi nissieħbu fihom direttament u volontarjament;

— billi nikkmandawhom, nagħtu pariri dwarhom, infaħħruhom jew napprovawhom;

— billi ma nikxfuhomx jew inħalluhom isiru, meta aħna fid-dmir li nikxfuhom jew ma nħalluhomx isiru;

— billi nipproteġu lil min jagħmel il-ħażin.

---

1 Santu Wistin, *In Epistulam Johannis ad Parthos tractatus*, 1, 6.
2 Ara Mk 3,29 u Lq 12,10.
3 Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Dominum et Vivificantem*, 46.
4 San Girgor il-Kbir, *Moralia in Iob* 31, 45: P, 76 621A.
5 Ara Ġen 4,10.
6 Ara Ġen 18,20; 19,13.
7 Ara Eż 3,7-10.
8 Ara Eż 22,20-22.
9 Ara Dewt 24,14-15; Ġak 5,4.

1869 B'dan il-mod id-dnub jagħmel lill-bnedmin kompliċi ta' xulxin, u jwassalhom biex fosthom isaltnu l-konkupixxenza, il-vjolenza, u l-inġustizzja. Id-dnubiet joħolqu qagħdiet soċjali u istituzzjonijiet kuntrarji għat-tjieba ta' Alla. L-"istrutturi tad-dnub" huma espressjoni u effett tad-dnubiet personali tal-bnedmin. Iwasslu lill-vittmi tagħhom biex jagħmlu dak li hu ħażin huma wkoll. F'sens analoġiku huma "dnub soċjali".[1]

**Fil-qosor**

1870 *"Alla ħalla lil kulħadd fil-jasar tad-diżubbidjenza, biex jagħmel ħniena ma' kulħadd"* (Rum 11,32).

1871 *Id-dnub hu "kelma, għemil jew xewqa kontra l-liġi ta' dejjem."*[2] *Hu offiża kontra Alla. Jeħodha kontra Alla permezz ta' diżubbidjenza li tmur kontra l-ubbidjenza ta' Kristu.*

1872 *Id-dnub hu għemil kontra r-raġuni; jidrob in-natura tal-bniedem u jhedded is-solidarjetà bejn il-bnedmin.*

1873 *L-għerq tad-dnubiet kollha jinsab fil-qalb tal-bniedem. Id-dnubiet, liema huma u kemm huma gravi, prinċipalment jitqiesu mill-oġġett tagħhom.*

1874 *Tagħżel deliberatament – jiġifieri tkun taf u tkun trid tagħmel ħaġa graviment kontra l-liġi ta' Alla u kontra l-hena li għaliha hu msejjaħ il-bniedem – hu dnub mejjet. Dan jeqred fina l-imħabba li mingħajrha ma nistgħux niksbu l-ħajja ta' dejjem. Mingħajr sogħba u ndiema, id-dnub mejjet iwassal għall-mewt ta' dejjem.*

1875 *Id-dnub venjal hu diżordni morali li jista' jissewwa bl-imħabba li dan id-dnub iħalli ħajja fina.*

1876 *It-tkattir tad-dnubiet, tad-dnubiet venjali wkoll, inissel fina l-vizzji li l-irjus tad-dnubiet il-mejta jagħżlu minn xulxin .*

## IT-TIENI KAPITLU

# IL-KOMUNITÀ TAL-BNEDMIN

1877 Il-vokazzjoni tal-familja kollha tal-bnedmin hi li turi x-xbieha ta' Alla u li tinbidel fis-sura tal-Iben il-waħdieni tal-Missier. Din il-vokazzjoni għandha sura personali, għax kull bniedem hu msejjaħ għall-hena ta' dejjem, iżda hi wkoll vokazzjoni li timpenja l-komunità kollha kemm hi tal-bnedmin.

---

[1] Ara Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Reconciliatio et paenitentia*, 16.
[2] Santu Wistin, *Contra Faustum manichaeum*, 22: PL 42, 418; San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae,* 1-2, 71, 6.

### L-ewwel artiklu

## IL-PERSUNA U S-SOĊJETÀ

### I. Il-karattru komunitarju tal-vokazzjoni tal-bniedem

1878 Il-bnedmin kollha huma msejħa għal għan wieħed li hu Alla nnifsu. Hemm ċertu xebh bejn l-unità tat-Tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa u l-għaqda li l-bnedmin iridu jibnu bejniethom bħala aħwa fil-verità u l-imħabba.[1] L-imħabba tal-proxxmu ma tistax tinfired mill-imħabba ta' Alla.

1879 Il-persuna umana teħtieġ il-ħajja soċjali. Din mhijiex xi ħaġa miżjuda, imma hi ħaġa mitluba mill-istess natura tal-bniedem. Bil-bdil li jsir ma' xulxin, bil-qadi ta' xulxin, bi djalogu bejn l-aħwa, il-bniedem jiżvilupa l-kwalitajiet tiegħu u hekk ikun qed iwieġeb għas-sejħa tiegħu.[2]

1880 *Soċjetà* hi għadd ta' bnedmin marbutin flimkien bejniethom b'mod organiku, permezz ta' prinċipju ta' għaqda li hu ogħla minn kull wieħed minnhom. Is-soċjetà hi ġemgħa, ġemgħa spiritwali u ġemgħa li tidher, li tibqa' tul iż-żmien: tiġbor l-imgħoddi u tħejji l-ġejjieni tagħha. Permezz tas-soċjetà, kull bniedem hu "werriet", u jikseb "talenti" li bihom tistagħna l-identità tiegħu, u li bihom irid jagħti l-frott.[3] Bir-raġun kollu, kull wieħed hu fid-dmir li jimpenja ruħu fil-komunità li hu fiha, u jirrispetta l-awtoritajiet responsabbli tal-ġid komuni.

1881 Kull komunità tingħaraf mill-għan tagħha u għandha regolamenti speċifiċi li trid tħares, iżda hi "*l-persuna umana* li għandha tkun il-prinċipju, is-suġġett u l-għan tal-istituti soċjali kollha".[4]

1882 Xi soċjetajiet, bħalma hi l-familja u l-komunità ċivika, jaqblu aktar mill-qrib man-natura tal-bniedem. Il-bniedem jeħtieġhom. Biex ikun hemm tisħib tal-akbar għadd possibbli ta' persuni fil-ħajja soċjali, wieħed għandu jinkoraġġixxi l-ħolqien ta' istituzzjonijiet u għaqdiet magħżulin "bi skopijiet ekonomiċi, kulturali, soċjali, sportivi, rikreattivi, professjonali, politiċi, mhux biss fi ħdan kull komunità politika, imma wkoll fuq pjan universali".[5] Din is-*soċjalizzazzjoni* turi wkoll il-ġibda naturali li għandhom il-bnedmin li jissieħbu ma' xulxin, biex jiksbu dak li bil-ħila tagħhom waħedhom ma jistgħux jiksbuh. Din is-soċjalizzazzjoni tiżviluppa u ġġib 'il quddiem il-kwalitajiet tal-persuna, u b'mod partikulari, is-sens ta' inizjattiva u ta' responsabbiltà li kull persuna għandu jkollha. Tgħin biex ikunu mħarsa d-drittijiet tagħha.[6]

1883 Iżda s-soċjalizzazzjoni għandha wkoll il-perikli tagħha. Indħil iżżejjed tal-Istat jista' jhedded il-libertà u l-inizjattiva personali. Id-duttrina tal-Knisja żviluppat il-prinċipju tas-*sussidjarità* skont dan il-prinċipju: "Komunità ta' grad aktar għoli ma għandhiex tindaħal fil-ħajja interna ta' komunità ta' grad inqas, u ċċaħħadha minn dak li hu tagħha, imma, minflok, għandha tieqaf magħha f'każ ta'

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes,* 24.
[2] Ara *ibid.,* 25.
[3] Ara Lq 19,13.15.
[4] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes,* 25.
[5] Ġwanni XXIII, enċiklika *Mater et Magistra,* 60.
[6] Ara Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes,* 25; Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Centesimus annus,* 12.

ħtieġa, u tgħinha tikkoordina l-ħidma tagħha mal-attivitajiet tas-setturi l-oħra tas-soċjetà, dejjem bl-għan li jintlaħaq il-ġid komuni".[1]

1884 Alla ma riedx iżomm għalih waħdu t-tħaddim tas-setgħat kollha. Lil kull waħda mill-ħlejjaq tiegħu fdalha dawk il-ħidmiet li setgħet tagħmel skont il-ħila tan-natura proprja tagħha. Din is-sura ta' tmexxija għandha tiġi imitata fil-ħajja soċjali. L-imġiba ta' Alla fit-tmexxija tad-dinja, li turi rispett mill-aqwa għal-libertà tal-bniedem, għandha tispira l-għerf ta' dawk li jiggvernaw fis-soċjetajiet tal-bnedmin. Għandhom iġibu ruħhom bħala ministri tal-providenza ta' Alla.

1885 Il-prinċipju tas-sussidjarità jmur kontra s-suriet kollha ta' kollettiviżmu. Juri sa fejn jista' jindaħal l-Istat. Hu maħsub biex iġib armonija fir-relazzjonijiet bejn l-individwi u s-soċjetajiet. Iwassal għat-twaqqif ta' ordni internazzjonali fil-veru sens tal-kelma.

## II. Il-konverżjoni u s-soċjetà

1886 Il-vokazzjoni tal-bniedem ma tistax isseħħ mingħajr is-soċjetà. Biex isseħħ il-vokazzjoni tal-bniedem irid ikun hemm rispett għall-ġerarkija ġusta ta' valuri, li "tqiegħed id-dimensjonijiet fiżiċi u istintivi wara d-dimensjonijiet interjuri u spiritwali":[2]

> Il-ħajja fis-soċjetà trid l-ewwel nett titqies bħala realtà ta' ordni spiritwali. Fil-fatt hi bdil ta' tagħrif fid-dawl tal-verità, użu tad-drittijiet u qadi tad-dmirijiet, inċentiv għat-tfittix tal-ġid morali, għaqda fil-ferħ nobbli ta' kulma hu sabiħ u li jsir skont il-liġi, dispożizzjoni dejjem lesta biex twassal lill-oħrajn l-aħjar tiegħek innifsek, u xewqa f'kulħadd ta' għana spiritwali dejjem akbar. Dawn huma l-valuri li jrid ikun hemm u li jridu jmexxu l-ħidma kulturali, il-ħajja ekonomika, l-organizzazzjoni soċjali, il-movimenti u r-reġimi politiċi, il-liġijiet u s-suriet l-oħra kollha tal-ħajja soċjali fl-iżvilupp tagħha bla waqfien.[3]

1887 Meta l-mezzi jsiru l-iskop ta' xi għemil[4] u jitqies bħala għan li jrid jintlaħaq dak li mhux ħlief mezz biex jintlaħaq xi għan, jew meta l-persuna umana titqies biss bħala mezz ħa jintlaħaq xi għan, dan iwassal għall-bini ta' strutturi inġusti li jagħmlu "ħaġa iebsa ħafna, jekk mhux impossibbli, imġiba nisranija li tkun taqbel mal-kmandamenti ta' Alla, il-Leġiżlatur".[5]

1888 Jeħtieġ għalhekk li wieħed idur fuq il-kapaċitajiet spiritwali u morali tal-persuna u għall-ħtieġa bla waqfien tal-*konverżjoni tal-qalb* dejjem sejra, biex jinkiseb tibdil soċjali li jkun tassew ta' qadi għall-persuna. Il-fatt li l-konverżjoni tal-qalb tiġi l-ewwel, bl-ebda mod ma jfisser li l-obbligu ta dan it-tibdil soċjali għandu jispiċċa, iżda jfisser li għandu jġib il-fejqan meħtieġ f'dawk l-istituzzjonijiet u f'dawk il-kundizzjonijiet ta' ħajja li jħajru għad-dnub biex b'hekk isiru jaqblu man-normi tal-ġustizzja u jkunu ta' għajnuna għall-ġid, flok ifixkluh.[6]

---

[1] Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Centesimus annus*, 48; ara Piju XI enċiklika *Quadragesimo anno.*
[2] Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Centesimus annus*, 36.
[3] Ġwanni XXIII, enċiklika *Pacem in terris*, 35.
[4] Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Centesimus annus*, 41.
[5] Diskors tal-Papa Piju XII fl-1 ta' Ġunju 1941.
[6] Ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 36.

1889 Mingħajr l-għajnuna tal-grazzja l-bnedmin ma jistgħux "isibu t-triq, spiss dejqa, fejn fuq naħa hemm il-biża' ta' min hu l-ġifa li jċedi quddiem il-ħażen u fuq l-oħra l-vjolenza li taħseb li tista' tiġġieled il-ħażen meta biss tista' tagħmlu agħar".[1] Din hi t-triq tal-imħabba, jiġifieri, tal-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu. L-imħabba hi l-aqwa kmandament soċjali. Tirrispetta lill-oħrajn u d-drittijiet tagħhom. Titlob li ssir ġustizzja li bl-imħabba biss ikollna l-ħila nħaddnuha. Tispira ħajja tal-għoti tiegħek innifsek: "Min ifittex li jsalva ħajtu, jitlifha; min jitlifha, isalvaha" *(Lq 17,33)*.

**Fil-qosor**

1890 *Hemm ċertu xebh bejn l-unità tat-Tliet Persuni fit-Trinità Qaddisa u l-għaqda bejn l-aħwa li l-bnedmin għandhom iwaqqfu bejniethom.*

1891 *Il-persuna umana, biex tiżviluppa skont in-natura proprja tagħha, teħtieġ il-ħajja soċjali. Xi soċjetajiet, bħall-familja u l-komunità ċivika, jaqblu mill-qrib man-natura tal-bniedem.*

1892 *"Il-persuna umana hi, u għandha tkun, il-bidu, is-suġġett u l-għan tal-istituzzjonijiet soċjali kollha".*[2]

1893 *Għandu jkun hemm inkuraġġiment għal tisħib kbir fl-assoċjazzjonijiet u l-istituzzjonijiet elettivi.*

1894 *Skont il-prinċipju tas-sussidjarità la l-Istat u lanqas ebda soċjetà ta' grad ogħla ma għandhom jieħdu huma l-inizjattiva u r-responsabbiltajiet tal-persuna u tas-soċjetajiet ta' grad inqas.*

1895 *Is-soċjetà għandha tkun favur it-tħaddim tal-virtujiet u mhux tkun ta' tfixkil għalihom. Għandha tkun ispirata minn ġerarkija ġusta ta' valuri.*

1896 *Fejn id-dnub jaħkem fl-ambjent soċjali, jeħtieġ isir appell għall-konverżjoni tal-qlub u għall-grazzja ta' Alla. L-imħabba timbotta biex ikun hemm riformi ġusti. Ma jistax ikun hemm soluzzjoni għall-kwistjoni soċjali mingħajr l-Evanġelju.*[3]

**It-tieni artiklu**

## IT-TISĦIB FIL-ĦAJJA SOĊJALI

### I. L-awtorità

1897 "Il-ħajja fis-soċjetà tkun nieqsa mill-ordni u ma tagħtix frott jekk ma jkunx hemm bnedmin mogħtijin l-awtorità b'mod leġittmu, biex jiżguraw il-ħarsien tal-istituzzjonijiet u jfittxu bil-qies il-ġid ta' kulħadd".[4]

[1] Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Centesimus annus,* 25.
[2] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes,* 25.
[3] Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Centesimus annus,* 3.
[4] Ġwanni XXIII, enċiklika *Pacem in terris,* 46.

Jissejjaħ "awtorità" dak it-titlu li permezz tiegħu xi persuni jew xi istituzzjonijiet jagħmlu liġijiet u jagħtu ordnijiet lill-bnedmin, u jistennew li jiġu obduti.

1898 Kull komunità tal-bnedmin teħtieġ awtorità li tmexxiha.[1] Din għandha l-pedament tagħha fin-natura stess tal-bniedem. Hi meħtieġa għall-għaqda fil-komunità ċivika. Dmirha hu li tiżgura, sa fejn jista' jkun, il-ġid komuni fis-soċjetà.

1899 L-awtorità mitluba mill-ordni morali tiġi mingħand Alla: "Kull bniedem għandu jobdi l-awtorità ta' fuqu. Għax ma hemmx awtorità jekk mhux ġejja minn Alla, u l-awtoritajiet li hemm, qegħdin hemm bl-ordni ta' Alla. Għalhekk dawk li jeħduha kontra l-awtorità jkunu qegħdin jeħduha kontra l-ordni mwaqqaf minn Alla, ikunu qegħdin iġibu l-kundanna fuqhom infushom".[2]

1900 Id-dmir tal-ubbidjenza jobbliga lil kulħadd biex jagħti l-ġieħ li jisthoqqilhom u juri rispett lill-persuni li jaqdu d-dmir ta' awtorità, u jurihom ħajr u rieda tajba skont ma jisthoqqilhom.

> Fil-kitba tal-Papa San Klement ta' Ruma, insibu t-talba l-aktar antika tal-Knisja għall-awtorità politika *(ara ġa 1 Tim 2,1-2)*:
>
> Agħtihom, o Mulej, is-saħħa, is-sliem, il-ftehim, l-istabbiltà biex ikunu jistgħu jaqdu bla tfixkil is-setgħa li fdajtilhom. Int, Mulej, sultan taż-żminijiet, mis-sema tagħti lil ulied il-bnedmin glorja, ġieħ u setgħa fuq il-ħwejjeġ tal-art. Mexxi, Mulej, il-fehmiet tagħhom, billi jfittxu l-ġid, billi jfittxu dak li jogħġob lilek, biex waqt li jħaddmu bit-tjieba, bis-sliem u l-ħlewwa, is-setgħa li tajthom, jiksbu l-ħniena tiegħek".[3]

1901 Jekk l-awtorità ġejja minn ordni li għamel Alla, "il-mod kif jitmexxew is-sistemi politiċi u l-għażla tal-mexxejja, għandhom jitħallew għar-rieda ħielsa taċ-ċittadini".[4]

M'hemm xejn moralment ħażin li jkun hemm diversità ta' sistemi politiċi, sakemm kull sistema tħabrek għall-ġid leġittmu tal-komunità li tkun għażlitha. Is-sistemi li min-natura tagħhom huma kuntrarji għal-liġi naturali, għall-ordni pubbliku, u għad-drittijiet fundamentali tal-persuna umana, ma jistgħux jiksbu l-ġid komuni fin-nazzjonijiet li fuqhom dawn is-sistemi ġew imposti.

1902 L-awtorità ma tiksibx il-leġittimità morali tagħha minnha nfisha. Ma għandhiex iġġib ruħha b'mod despotiku, imma għandha tfittex il-ġid komuni bħala "qawwa morali mibnija fuq il-libertà, il-kuxjenza tad-dmir, u r-responsabbiltà":[5]

> Il-liġijiet tal-bnedmin ikunu veru liġijiet sakemm ikunu jaqblu mar-raġuni ġusta: minn dan jidher li jiksbu l-qawwa tagħhom mil-liġi eterna. Għandhom jitqiesu inġusti daqskemm imorrru 'l bogħod mir-raġuni, għaliex ma jkunux jaqblu ma' dik li hi l-fehma tal-liġi, imma aktar ikunu sura ta' vjolenza.[6]

1903 L-awtorità titħaddem b'mod leġittmu meta tfittex il-ġid komuni tal-grupp li jkun, u, biex dan jintlaħaq, tagħmel użu minn mezzi li huma moralment

---

[1] Ara Ljun XIII, enċiklika *Immortale Dei;* u enċiklika *Diuturnum illud.*
[2] Rum 13,1-2; ara 1 Piet 2,13-17.
[3] Klement ta' Ruma, *Epistula ad Corinthios*, 61, 1-2.
[4] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 74.
[5] *Ibid.*
[6] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, 1-2, 93, 3 ad 2.

permessi. Jekk jiġri li xi mexxejja joħorġu liġijiet inġusti jew jużaw miżuri li huma kontra l-ordni morali, dawn il-liġijiet u dawn il-miżuri ma jobbligawx fil-kuxjenza. "F'dan il-każ l-awtorità ma tibqax aktar dak li hi imma ssir moħqrija".[1]

1904 "Ikun aħjar jekk kull setgħa tkun ibbilanċjata minn setgħat oħra u minn oqsma oħra ta' responsabbiltà, biex kull setgħa tinżamm fil-limiti proprji tagħha. Dan hu l-prinċipju ta' 'Stat ta' dritt' (*Stato di diritto – rule of law*) fejn il-liġi hi sovrana u mhux l-arbitriju ta' dak li jkun".[2]

## II. Il-ġid komuni (ta' kulħadd)

1905 In-natura soċjali tal-bniedem titlob li bilfors ikun hemm relazzjoni bejn il-ġid ta' kull wieħed u dak ta' kulħadd. Dan jista' jiġi mfisser biss jekk titqies x'inhi l-persuna umana:

> Tgħixux għal raskom qisu Alla ġa ġġustifikakom, imma ħudu sehem sħiħ fil-laqgħat tagħkom u fittxu dejjem flimkien dak li jaqbel lil kulħadd.[3]

1906 B'ġid komuni għandna nifhmu "dawk il-kundizzjonijiet soċjali kollha li jħallu jilħqu l-perfezzjoni tagħhom b'mod mill-aktar sħiħ u aktar malajr kemm il-gruppi kollha tas-soċjetà u kemm kull wieħed mill-membri tagħhom.[4]Il-ġid komuni jolqot il-ħajja ta' kulħadd. Jitlob għaqal minn kulħadd, u wisq aktar minn dawk li għandhom l-awtorità. Fih *tlett elementi essenzjali*:

1907 L-ewwel nett il-ġid komuni jistenna li jkun hemm *ir-rispett tal-persuna* bħala persuna. F'isem il-ġid komuni, kull setgħa pubblika trid tirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-persuna umana, drittijiet li qatt ma jistgħu jitwarrbu.

Is-soċjetà għandha tħalli lil kull wieħed mill-membri tagħha jħaddem il-vokazzjoni tiegħu. B'mod partikulari, il-ġid komuni jinsab f'dawk il-kundizzjonijiet li fihom jistgħu jintużaw bla xkiel dawk il-libertajiet naturali li huma meħtieġa biex il-vokazzjoni tal-bniedem tilħaq il-kobor sħiħ tagħha, jiġifieri: "id-dritt li timxi skont ma tgħidlek il-kuxjenza retta tiegħek; id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħek, u l-libertà skont il-ġustizzja, f'materja reliġjuża wkoll".[5]

1908 It-tieni element li jitlob il-ġid komuni hu li jkun hemm *qagħda soċjali tajba* biex kulħadd jista' jimxi 'l quddiem. L-iżvilupp mhuwiex ħlief ġabra fil-qosor tad-dmirijiet soċjali kollha. Iva, hi l-awtorità li trid tiddeċiedi, f'isem il-ġid ta' kulħadd, meta jkun hemm għadd ta' interessi partikulari. Imma l-awtorità trid tara li kulħadd għandu jkollu dak li jeħtieġ biex jgħix ħajja li tixraq tassew lill-bniedem: ikel, ilbies, saħħa, xogħol, edukazzjoni u kultura, informazzjoni xierqa, dritt li jkollu familja, u l-bqija.[6]

1909 Il-ġid komuni jitlob ukoll li jkun hemm *is-sliem*, jiġifieri li jkun hemm ordni ġust li jkun żgur u sod. Dan jitlob li l-awtorità tiżgura b'mezzi onesti, li s-

---

1 Ġwanni XXIII, enċiklika *Pacem in terris*, 51.
2 Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Centesimus annus*, 44.
3 Barnaba, *Epistula*, 4, 10.
4 Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 26; ara wkoll *ibid.*, 74.
5 Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 26.
6 Ara *ibid.*

soċjetà u l-membri tagħha jkunu dejjem ħielsa mill-periklu. Il-ġid komuni huwa l-bażi tad-dritt għad-difiża leġittma kemm personali u kemm kollettiva.

1910 Filwaqt li kull komunità tal-bnedmin għandha l-ġid komuni tagħha li jippermettilha tagħraf lilha nfisha talli hi, hu fil-*komunità politika* li l-ġid komuni iseħħ b'mod l-aktar sħiħ. Hu d-dmir tal-Istat li jħares u jġib 'il quddiem il-ġid komuni tas-soċjetà ċivili, taċ-ċittadini u tal-gruppi kollha fi ħdanu.

1911 Il-bnedmin qed jiddependu dejjem aktar minn xulxin. Dan il-fenomenu qed jinfirex ftit ftit mad-dinja kollha. Il-fatt li l-familja tal-bnedmin hi waħda, u tiġbor fiha dawk kollha li jgawdu dinjità naturali l-istess, juri li hemm *ġid komuni universali*. Dan jitlob organizzazzjoni tal-komunità tan-nazzjonijiet, kapaċi "taħseb għall-ħafna ħtiġijiet tal-bnedmin, kemm f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħajja soċjali (ikel, saħħa, edukazzjoni...), kif ukoll biex tkun tista' tagħmel tajjeb għal ħafna ċirkostanzi partikulari li jistgħu jinqalgħu 'l hawn u 'l hemm (bħala eżempji: kenn lir-rifuġjati, għajnuna lill-emigranti u l-familji tagħhom, u l-bqija)".[1]

1912 Il-ġid komuni dejjem ifittex il-progress tal-bniedem: "L-ordni xieraq jitlob li l-ewwel jiġu l-persuni, imbagħad kull ħaġa oħra, u mhux bil-maqlub".[2] Dan l-ordni hu bbażat fuq il-verità, jinbena bil-ġustizzja, u jieħu l-ħajja bl-imħabba.

## III. Responsabbiltà u parteċipazzjoni

1913 Il-parteċipazzjoni hi impenn volontarju u ġeneruż tal-persuna fir-relazzjonijiet soċjali tagħha. Hu meħtieġ li kulħadd jipparteċipa, jagħti sehmu, kull wieħed skont il-post u x-xogħol li għandu, biex iġib 'il quddiem il-ġid ta' kulħadd. Dan id-dmir hu mitlub mill-istess dinjità tal-persuna umana.

1914 Il-parteċipazzjoni sseħħ l-ewwel nett billi wieħed jieħu ħsieb dawk l-oqsma li hu *responsabbli personalment* għalihom; meta jieħu ħsieb l-edukazzjoni tal-familja tiegħu, u meta jagħmel ix-xogħol tiegħu kuxjenzjożament, il-bniedem ikun qiegħed jagħti sehmu għall-ġid tal-oħrajn u tas-soċjetà.[3]

1915 Iċ-ċittadini għandhom jieħdu sehem, kemm jista' jkun attiv, fil-*ħajja pubblika*. Il-mod ta' din il-parteċipazzjoni jista' jvarja minn pajjiż għal ieħor jew minn kultura għal oħra. "Ta' min ifaħħar l-imġiba ta' dawk in-nazzjonijiet fejn, b'libertà sħiħa, għadd mill-akbar ta' ċittadini jipparteċipaw fil-ħajja pubblika".[4]

1916 Il-parteċipazzjoni ta' kulħadd biex jiġi 'l quddiem il-ġid komuni, bħala dmir morali, titlob *konverżjoni*, imġedda kontinwament, tal-membri kollha tas-soċjetà. Il-qerq u suriet oħra ta' ħabi li bihom xi wħud jeħilsu minn dak li titlob il-liġi u minn dak li jitolbu d-dmirijiet soċjali tagħhom, għandhom jiġu kkundannati bil-qawwa kollha, għaliex ma jaqblux ma' dak li titlob il-ġustizzja. Irid ikun

[1] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 84.
[2] Ara *ibid.*, 26.
[3] Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Centesimus annus*, 43.
[4] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 31.

hemm impenn biex jiġu 'l quddiem dawk l-istituzzjonijiet li jtejbu l-kundizzjonijiet tal-ħajja tal-bniedem.[1]

1917 Hu dmir dawk li għandhom l-awtorità li jinsistu fuq il-valuri li jiġbdu l-fiduċja tal-membri tal-grupp u jħajruhom għall-qadi ta' sħabhom. Il-parteċipazzjoni għandha l-bidu tagħha fl-edukazzjoni u l-kultura. "Bir-raġun kollu nistgħu ngħidu li l-ġejjieni hu f'idejn dawk li jkunu għarfu jagħtu lilhom infushom u lill-ġenerazzjonijiet ta' għada raġunijiet biex jgħixu u jittamaw".[2]

## Fil-qosor

1918 *"Ma hemmx awtorità jekk mhux ġejja minn Alla u l-awtoritajiet li hemm qegħdin hemm bl-ordni ta' Alla"* (Rum 13,1).

1919 *Kull komunità tal-bnedmin teħtieġ l-awtorità biex iżżomm wieqfa u biex timxi 'l quddiem.*

1920 *"Il-komunità politika u l-awtorità pubblika għandhom is-sisien tagħhom fin-natura tal-bniedem, u dan juri li huma parti mill-ordni mwaqqaf minn Alla stess".[3]*

1921 *L-awtorità titħaddem skont il-liġi jekk tfittex il-ġid komuni tas-soċjetà. Biex tilħaq dan l-għan trid tagħmel użu minn mezzi moralment aċċettati.*

1922 *M'hemm xejn ħażin li jkun hemm varjetà ta' sistemi politiċi, sakemm ifittxu l-ġid tal-komunità.*

1923 *L-awtorità politika trid titħaddem skont l-ordni morali u tiggarantixxi dawk il-kundizzjonijiet li fihom kulħadd jista' jagħmel użu mil-libertà tiegħu.*

1924 *Il-ġid komuni jagħmluh "dawk il-kundizzjonijiet soċjali li fihom il-gruppi u l-membri tagħhom jilħqu l-perfezzjoni tagħhom aktar bis-sħiħ u malajr".[4]*

1925 *Il-ġid komuni għandu tlett elementi essenzjali: ir-rispett u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuna; ir-risq u l-iżvilupp tal-ġid spiritwali u materjali tas-soċjetà; il-paċi u s-sigurtà tal-grupp u tal-membri.*

1926 *Id-dinjità tal-persuna umana trid li jiġi mfittex il-ġid ta' kulħadd. Kull wieħed għandu jieħu interess li jitwaqqfu u jkollhom l-għajnuna kollha li jeħtieġu, istituzzjonijiet li jtejbu l-qagħda tal-ħajja tal-bniedem.*

1927 *Hu dmir tal-Istat li jiddefendi u jġib 'il quddiem il-ġid komuni tas-soċjetà ċivili. Il-ġid komuni tal-familja kollha tal-bnedmin jitlob organizzazzjoni tas-soċjetà internazzjonali.*

[1] Ara Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes,* 30.
[2] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes,* 31.
[3] *Ibid.,* 74.
[4] *Ibid.,* 26.

### It-tielet artiklu

## IL-ĠUSTIZZJA SOĊJALI

1928 Is-soċjetà tiżgura l-ġustizzja soċjali meta fiha jkun hemm dawk il-kundizzjonijiet li jippermettu li kull assoċjazzjoni u kull individwu jiksbu dak li hu tagħhom skont in-natura u l-vokazzjoni tagħhom. Il-ġustizzja soċjali torbot flimkien il-ġid komuni u t-tħaddim tal-awtorità.

### I. Ir-rispett tal-persuna umana

1929 Ma jistax ikun hemm ġustizzja soċjali jekk ma jkunx hemm rispett għad-dinjità traxxendenti tal-bniedem. Il-persuna hi dik li fl-aħħar mill-aħħar trid tħares lejha s-soċjetà, għax is-soċjetà hi hemm għall-ġid tal-persuna umana:

> Il-ħarsien u l-promozzjoni tad-dinjità tal-bniedem ġew fdati lilna minn min ħalaqna. Fiċ-ċirkostanzi kollha tal-ġrajja tal-bnedmin, l-irġiel u n-nisa huma responsabbli ta' dan u midjunin ma' dan.[1]

1930 Ir-rispett tal-bniedem iġib miegħu r-rispett tad-drittijiet li joħorġu mid-dinjità tiegħu, bħala ħolqien ta' Alla. Dawn id-drittijiet jiġu qabel is-soċjetà u jobbligawha tħarishom. Fuq dawn id-drittijiet hi mibnija l-leġittimità ta' kull setgħa. Soċjetà li tkażbarhom jew tirrifjuta li tagħrafhom fil-leġiżlazzjoni pożittiva tagħha, tkun teqred il-leġittimità morali tagħha.[2]Meta jonqos dan ir-rispett għad-dinjità tal-persuna umana, l-awtorità ma jkollhiex x'tagħmel ħaġ'oħra ħlief tirrikorri għall-forza u għall-vjolenza biex iġġiegħel is-sudditi tagħha jobduha. Hu d-dmir tal-Knisja tfakkar dawn id-drittijiet lill-bnedmin ta' rieda tajba u tagħżilhom minn pretensjonijiet abbużivi jew qarrieqa.

1931 Ir-rispett tal-persuna umana jiġi mir-rispett ta' dan il-prinċipju: "Kull wieħed għandu jqis lil għajru, mingħajr ebda eċċezzjoni, bħala hu nnifsu ieħor. Qabel kollox għandu jqis x'ħajja qiegħed jgħix u x'mezzi jeħtieġ biex jgħixha kif jixraq".[3] Ebda liġi minnha nfisha mhi se twarrab il-biża', il-preġudizzji, it-tendenza għas-suppervja u l-egoiżmu li jfixklu t-twaqqif ta' soċjetajiet fejn kulħadd jgħix bħall-aħwa. Dawn is-suriet kollha ta' mġiba ħażina ma jispiċċawx jekk mhux bl-imħabba li twasslek biex tara f'kull bniedem "proxxmu", u tqisu bħala ħuk.

1932 Id-dmir li tagħmel lilek innifsek proxxmu għal ħaddieħor u taqdih bil-fatti, jikber iżjed jekk dan l-ieħor ikun imċaħħad mill-meħtieġ f'xi qasam, hu liema hu. "Kulma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi" *(Mt 25,40)*.

1933 Għandna dan l-istess dmir lejn dawk li ma jaħsbuhiex jew ma jġibux ruħhom bħalna. It-tagħlim ta' Kristu jasal biex jistenna minna li naħfru l-ħtijiet li jsirulna. Il-kmandament tal-imħabba, li hu l-kmandament tal-liġi l-ġdida, iridna

[1] Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Sollicitudo rei socialis,* 47.
[2] Ara Ġwanni XXIII, enċiklika *Pacem in terris,* 65.
[3] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes,* 27.

nħobbu l-għedewwa tagħna wkoll.[1] Ma nistgħux inkunu ħielsa fl-ispirtu tal-Evanġelju u fl-istess waqt noboghdu lill-għadu bħala persuna; nistgħu noboghdu d-deni li jkun għamlilna.

## II. Egwaljanzi u differenzi bejn il-bnedmin

1934 Maħluqin xbieha ta' Alla wieħed, mogħnijin b'ruħ imżejna bir-raġuni, il-bnedmin kollha għandhom l-istess natura u l-istess bidu. Mifdijin bis-sagrifiċċju ta' Kristu huma msejħin biex ikollhom sehem mill-istess hena ta' Alla: il-bnedmin kollha għalhekk għandhom dinjità ndaqs.

1935 Il-bnedmin huma ndaqs essenzjalment minħabba d-dinjità tagħhom bħala persuni u minħabba d-drittijiet li jiġu minn din id-dinjità:

> Kull sura ta' diskriminazzjoni li tolqot id-drittijiet fundamentali tal-persuna minħabba s-sess, ir-razza, il-kulur tal-ġilda, il-qagħda soċjali, l-ilsien jew ir-reliġjon trid tintrebaħ u titwarrab bħala ħaġa li tmur kontra l-pjan ta' Alla.[2]

1936 Meta l-bniedem jiġi fid-dinja, ma jkollux kulma jeħtieġ biex iġib 'il quddiem il-ħajja spiritwali u korporali tiegħu. Jeħtieġ lill-oħrajn. Xi differenzi bejn il-bnedmin jidhru marbutin mal-età tiegħu, mas-saħħa fiżika tiegħu, mal-kapaċitajiet intellettwali u morali tiegħu, mar-relazzjonijiet li jista' jkollu u li minnhom kulħadd jista' jikseb xi ġid, mat-tqassim tal-ġid tal-art.[3] It-"talenti" ma jitqassmux indaqs fost il-bnedmin.[4]

1937 Dawn id-differenzi huma parti mill-pjan ta' Alla, li jrid li kull wieħed jikseb dak li jeħtieġ mingħand ħaddieħor, u li dawk li għandhom xi "talenti" partikulari jagħtu mill-ġid tagħhom lil dawk li jeħtiġuh. Id-differenzi jħajru, u xi kultant jobbligaw, lin-nies biex juru qalb kbira u tjieba liema bħalha li jwassluhom biex jaqsmu ma' oħrajn dak li jkollhom; iħeġġu l-kulturi biex jgħinu lil xulxin:

> Jien inqassam il-virtujiet b'mod differenti u ma nagħtix kollox lil kulħadd, iżda lil wieħed nagħtih b'mod u lill-ieħor b'mod ieħor... Lil wieħed nagħtih prinċipalment l-imħabba, lill-ieħor il-ġustizzja; lil dan l-umiltà, lil dak il-fidi ħajja... U b'hekk tajt ħafna għotjiet u grazzji ta' virtù spiritwali u temporali, b'tali mod li ma tajtx kollox lil persuna waħda biss sabiex inġagħalkom turu mħabba għall-oħrajn... Ridt li l-bnedmin ikollhom ħtieġa ta' xulxin, u jkunu ministri tiegħi fit-tqassim tal-grazzji u tal-favuri li jkunu rċevew mingħandi.[5]

1938 Iżda hemm ukoll *differenzi kbar li huma tassew kiefra* li jolqtu eluf ta' eluf ta' rġiel u nisa. Dawn id-differenzi huma għalkollox kuntrarji għall-Evanġelju:

> Il-fatt li l-bnedmin kollha għandhom dinjità ndaqs għandu jwassal biex ikun hemm qagħda ta' ħajja aktar ġusta u aktar tixraq lill-bniedem. Id-differenzi ekonomiċi u soċjali kbar li jeżistu bejn il-membri jew il-popli kollha tal-familja waħda tal-bnedmin

---

[1] Ara Mt 5,43-44.
[2] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 29.
[3] Ara *Ibid*.
[4] Ara Mt 25,14-30; Lq 19,11-27.
[5] Santa Katerina ta' Siena, *Djalogi*, 1, 6.

> huma skandlu kbir. U huma kuntrarji għall-ġustizzja soċjali, għall-ekwità f'kollox, għad-dinjità tal-persuna umana, kif ukoll għall-paċi soċjali u internazzjonali.[1]

## III. Is-solidarjetà bejn il-bnedmin

1939 Il-prinċipju tas-solidarjetà, li jissejjaħ ukoll "ħbiberija" jew "imħabba soċjali", hu esiġenza diretta tal-fraternità umana u nisranija:[2]

> Żball "li llum inxtered ħafna hu l-fatt li l-bnedmin qed jinsew li għandhom jgħinu u jħobbu lil xulxin kemm għax għandhom l-istess bidu wieħed u l-istess natura waħda mogħnija bir-raġuni huma ta' liema poplu u razza huma, u kemm għax dan jitolbu s-sagrifiċċju tal-fidwa li Kristu Ġesù offra lill-Missier ta' dejjem fuq is-salib ħa jpatti għall-ħtijiet tal-bnedmin.[3]

1940 Is-solidarjetà turi ruħha l-ewwel nett fit-tqassim tal-ġid u fil-ħlas għax-xogħol. Tistenna wkoll li jkun hemm impenn għall-ordni soċjali aktar ġust biex ikun hemm mezzi aħjar ħa jitnaqqsu t-tensjonijiet li jistgħu jinqalgħu, u t-tilwim li jinħoloq jintemm aktar malajr permezz ta' negozjati.

1941 Il-problemi soċjo-ekonomiċi ma jistgħux jinħallu jekk mhux bl-għajnuna tas-suriet kollha tas-solidarjetà: solidarjetà tal-foqra ma' xulxin, tal-għonja mal-foqra, tal-ħaddiema ma' min iħaddem fl-intrapriżi, solidarjetà bejn in-nazzjonijiet u bejn il-popli. Is-solidarjetà internazzjonali hi ħtieġa tal-ordni morali. Minnha, sa ċertu punt, tiddependi l-paċi fid-dinja.

1942 Il-virtù tas-solidarjetà mhijiex biss fil-ġid materjali. Il-Knisja, waqt li xxandar il-ġid spiritwali tal-fidi, tgħin ukoll fl-iżvilupp tal-ġid materjali u għal dan spiss fetħet triqat ġodda. B'dan il-mod seħħ tul iż-żminijiet kliem il-Mulej: "Fittxu l-ewwel is-Saltna u l-ġustizzja tiegħu u dan kollu jingħatalkom ukoll" *(Mt 6,33)*:

> Minn elfejn sena 'l hawn fir-ruħ tal-Knisja hemm sentiment li jħeġġeġ, u jibqa' jħeġġeġ, l-erwieħ sa dak l-eroiżmu ta' mħabba li hu dak tal-irħieb li ħadmu l-art, ta' dawk li ħelsu l-isiera, fejqu l-morda, ħabbru l-fidi, wasslu ċ-ċiviltà, ix-xjenzi lill-ġenerazzjonijiet kollha u lill-ġnus kollha, biex ikun hemm kundizzjonijiet soċjali kapaċi jwasslu għall-ħajja tixraq lill-bniedem u lin-Nisrani.[4]

## Fil-qosor

1943 *Is-soċjetà tiżgura l-ġustizzja soċjali billi tara li jkun hemm dawk il-kundizzjonijiet meħtieġa biex kull assoċjazzjoni u kull individwu jkun jista' jikseb dak li għandu dritt għalih.*

1944 *Ir-rispett tal-persuna umana jqis lill-ieħor bħala "int innifsek ieħor"; jistenna li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali li joħorġu mill-istess natura tad-dinjità tal-persuna.*

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 29.
[2] Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Sollicitudo rei socialis*, 38-40; enċiklika *Centesimus annus*, 10.
[3] Piju XII, enċiklika *Summi pontificatus*.
[4] Piju XII, diskors tal-1 ta' Ġunju 1941.

1945 *Il-bnedmin huma ndaqs minħabba d-dinjità personali tagħhom u d-drittijiet li joħorġu minnha.*

1946 *Id-differenzi bejn il-persuni ġejjin mill-pjan ta' Alla li jrid li aħna nkunu neħtieġu lil xulxin. Dawn id-differenzi għandhom iqanqlu l-imħabba.*

1947 *Il-fatt li l-bnedmin kollha għandhom dinjità ndaqs jitlob impenn minn kulħadd biex jitnaqqsu d-differenzi soċjali u ekonomiċi kbar u esaġerati. Irid li jintemmu darba għal dejjem id-differenzi inġusti.*

1948 *Is-solidarjetà hi virtù tassew nisranija. Titħaddem fil-qsim tal-ġid spiritwali wisq aktar milli fil-ġid materjali.*

### IT-TIELET KAPITLU

# IS-SALVAZZJONI TA' ALLA: IL-LIĠI U L-GRAZZJA

1949 Il-bniedem, imsejjaħ għall-hena ta' dejjem imma midrub mid-dnub, jeħtieġlu s-salvazzjoni ta' Alla. L-għajnuna ta' Alla tiġih fi Kristu permezz tal-liġi li tmexxih, u l-grazzja li twettqu:

> Ħabirku għas-salvazzjoni tagħkom bil-biża' u t-tregħid. Alla hu li jaħdem fikom u jġegħelkom tridu u tħabirku biex tagħmlu dak li jogħġob lilu *(Fil 2,12-13).*

### L-ewwel artiklu

## IL-LIĠI MORALI

1950 Il-liġi morali hi opra tal-Għerf ta' Alla. Nistgħu nfissruha, skont l-Iskrittura, bħala tagħlim ta' missier, sistema ta' edukazzjoni ġejja minn Alla. Lill-bniedem turih it-triqat biex jasal għall-hena mwiegħed u kif għandu jġib ruħu huwa u miexi minn dawn it-triqat; tordnalu biex jitbiegħed mit-triqat tal-ħażen li jbiegħdu l-bnedmin minn Alla u minn imħabbtu. Fl-istess ħin hi soda fejn jidħlu l-preċetti tagħha u kollha mħabba fil-wegħdiet tagħha.

1951 Il-liġi hi regola ta' mġiba maħruġa minn min għandu l-awtorità għall-ġid komuni. Il-liġi morali tissopponi li fost il-ħlejjaq kollha, għall-ġid tagħhom u biex jilħqu l-għan tagħhom, hemm ordni jaqbel mar-raġuni, imwaqqaf mill-għerf, is-setgħa u t-tjieba ta' Dak li ħalaq kollox. Kull liġi għandha l-ewwel u l-aħħar verità tagħha fil-liġi ta' dejjem. Il-liġi tixxandar u sseħħ permezz tar-raġuni, bħala tisħib fil-providenza ta' Alla l-ħaj, Ħallieq u Feddej ta' kulħadd. "Dan hu l-ordni tar-raġuni, dan hu li nsejħu liġi".[1]

---

[1] Ljun XIII, enċiklika *Libertas praestantissimum,* b'ċitazzjoni minn San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae,* 1-2, 90, 1.

Fost il-ħlejjaq ħajjin kollha, il-bniedem biss jista' jiftaħar li stħoqqlu jirċievi liġi mingħand Alla; il-bnedmin, ħlejjaq ħajjin mogħnija bir-raġuni, jistgħu jifhmu u jagħżlu, jirregolaw l-imġiba tagħhom huma u jużaw il-libertà u r-raġuni li għandhom, huma u joqogħdu għal dak li tahom kollox.[1]

1952 Is-suriet li jfissru l-liġi morali huma ħafna, u kollha huma marbutin bejniethom: il-liġi morali hi mfissra fil-liġi ta' dejjem, li hi f'Alla u hi l-bidu tal-liġijiet kollha; fil-liġi naturali; fil-liġi rivelata, kemm il-Liġi l-qadima u kemm il-Liġi l-ġdida jew evanġelika; fil-liġijiet ċivili u ekkleżjastiċi.

1953 Il-liġi morali ssib fi Kristu l-milja u l-għaqda sħiħa tagħha. Kristu, fil-persuna tiegħu, hu t-triq tal-perfezzjoni. Il-liġi trid twassal lejh għax Hu biss jgħallem u jagħti l-ġustizzja ta' Alla: "L-iskop tal-liġi hu Kristu għall-ġustizzja għal min jemmen fih" *(Rum 10,4).*

## I. Il-liġi morali naturali

1954 Il-bniedem għandu sehem mill-għerf u t-tjieba ta' Alla li ħalqu, tah is-setgħa fuq għemilu, u l-ħila li jmexxi lilu nnifsu lejn il-verità u l-ġid. Il-liġi naturali turi liema hu dak is-sens morali li sa mill-bidu mexxa l-bniedem biex ikun jista', permezz tar-raġuni tiegħu, jagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin, bejn il-verità u l-gideb:

> Il-liġi naturali hi miktuba u mnaqqxa fir-ruħ ta' kull bniedem u tal-bnedmin kollha, għaliex hi r-raġuni tal-bniedem li tmexxih biex jagħmel it-tajjeb u ma tħallihx jagħmel il-ħażin… Iżda dan l-ordni tar-raġuni tal-bniedem ma kienx ikollu l-qawwa tal-liġi kieku ma kienx il-leħen li jfisser raġuni iktar għolja li għaliha jridu joqogħdu l-ispirtu u l-libertà tagħna.[2]

1955 "Il-liġi divina u naturali"[3] turi lill-bniedem it-triq li jrid jgħaddi minnha biex jagħmel it-tajjeb u jilħaq dak li għalih ġie maħluq. Il-liġi naturali tħabbar il-preċetti ewlenin u essenzjali li jmexxu l-liġi morali. Iddur fuq żewġ veritajiet: ix-xewqa ta' Alla u s-sottomissjoni għalih bħala għajn u mħallef ta' kull ġid, u l-għarfien li l-bnedmin kollha huma ndaqs. Il-preċetti ewlenin tal-liġi naturali huma mfissra fl-Għaxar Kmandamenti. Din il-liġi tissejjaħ naturali mhux b'referenza għall-ħlejjaq li ma għandhomx raġuni, imma għax ir-raġuni li xxandarha hi proprja tan-natura tal-bniedem:

> Fejn jinsabu miktuba dawn il-preċetti, jekk mhux fil-ktieb ta' dak id-dawl li nsejħulu l-verità? F'dan il-ktieb tinsab miktuba kull liġi ġusta, minn hemm tmur f'qalb il-bniedem li jagħmel dak li hu ġust, mhux għax tgħaddi għal għandu, imma għax tħalli fih il-marka tagħha, bħala siġill li miċ-ċurkett iħalli l-marka fuq l-inċira, mingħajr ma jitlaq miċ-ċurkett.[4]

> Il-liġi naturali mhijiex ħlief id-dawl tal-intelliġenza li Alla qiegħed fina; biha nkunu nafu x'għandna nagħmlu u x'ma għandniex nagħmlu. Dan id-dawl, din il-liġi Alla taha lill-ħolqien.[5]

---

[1] Tertulljan, *Adversus Marcionem,* 2,4.
[2] Ljun XIII, enċiklika *Libertas praestantissimum.*
[3] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes,* 89.
[4] Santu Wistin, *De Trinitate,* 14, 15, 21.
[5] San Tumas ta' Aquino, *Collationes in decem praeceptis,* 1.

1956 Il-liġi naturali, li tinsab fil-qalb ta' kull bniedem u qiegħda hemm permezz tar-raġuni, hi *liġi universali* u l-preċetti u l-awtorità tagħha jolqtu l-bnedmin kollha. Turi x'inhi d-dinjità tal-persuna umana u liema huma l-pedamenti tad-drittijiet u tad-dmirijiet fundamentali tiegħu:

> Żgur hemm liġi vera u hi r-raġuni retta, dik li taqbel man-natura, li tinsab fil-bnedmin kollha. Hi liġi li ma tinbidilx u tibqa' għal dejjem; l-ordnijiet tagħha jsejħulna biex naqdu dmirijietna, il-projbizzjonijiet tagħha jżommuna 'l bogħod mill-ħtija... Hu sagrileġġ iddaħħal liġi kuntrarja għaliha; mhux permess li ma tħarisx dispożizzjoni waħda biss tagħha; u ħadd ma għandu s-setgħa li jneħħiha għalkollox.[1]

1957 Il-mod kif tiġi mħarsa l-liġi naturali jvarja ħafna: tista' titlob li jitqiesu sewwa l-ħafna kundizzjonijiet tal-ħajja, skont il-post, iż-żmien, u ċ-ċirkostanzi. Iżda, għalkemm il-kulturi huma ħafna u mhux l-istess, il-liġi naturali tibqa' dejjem regola li torbot il-bnedmin bejniethom, u torbothom bi prinċipji li jgħoddu għal kulħadd u kullimkien, minkejja d-differenzi li bilfors ikun hemm.

1958 Il-liġi naturali ma *tinbidilx*[2] u tibqa' dejjem tul it-tibdiliet kollha tal-ġrajja tal-bniedem. Tibqa' dejjem l-istess waqt li jinbidlu bla heda l-fehmiet u d-drawwiet, anzi tgħinhom jimxu 'l quddiem. Ir-regolamenti li jfissruha, fil-qofol tagħhom, sustanzjalment, jibqgħu jiswew dejjem. Ħadd ma jista' jeqridha jew ineħħiha minn qalb il-bniedem, ukoll jekk jasal biex jiċħad sal-istess prinċipji tagħha. Dejjem tqum mill-ġdid fil-ħajja tal-individwu u tas-soċjetajiet:

> Is-serq hu kkundannat mil-liġi tiegħek, Mulej, minn dik il-liġi li tinsab miktuba fil-qalb tal-bniedem u li l-istess ħażen qatt ma jista' jħassarha.[3]

1959 Il-liġi naturali, opra mill-itjeb tal-Ħallieq, tagħti sisien sodi, li fuqhom il-bniedem jista' jibni dawk ir-regolamenti morali li jmexxuh fl-għażliet tiegħu. Tqiegħed ukoll il-pedament meħtieġ għall-bini tal-għaqda bejn il-bnedmin, Fl-aħħar, tipprovdi l-pedament meħtieġ għal-liġi ċivili li hi marbuta magħha, kemm permezz ta' riflessjoni li twassal għall-konklużjonijiet mill-prinċipji tagħha, u kemm permezz ta' żidiet ta' natura pożittiva u ġuridika.

1960 Il-preċetti tal-liġi naturali mhux kulħadd jagħrafhom minnufih u b'mod ċar. Fil-qagħda tal-lum, il-bniedem midneb jeħtieġ il-grazzja u r-rivelazzjoni biex il-veritajiet reliġjużi u morali jkunu magħrufa "minn kulħadd u bla ebda diffikultà b'ċertezza soda u mingħajr taħlit ta' żbalji".[4] Il-liġi naturali tagħti lil-Liġi rivelata u lill-grazzja pedament imħejji minn Alla stess u li jaqbel mal-ħidma tal-Ispirtu s-Santu.

## II. Il-Liġi l-qadima

1961 Alla, Ħallieq u Feddej tagħna, għażel lil Israel bħala l-poplu tiegħu u rrivelalu l-Liġi tiegħu, u hekk ħejja l-miġja ta' Kristu. Il-Liġi ta' Mosè ssemmi ħafna veritajiet li r-raġuni tal-bniedem tista' tasal biex tagħrafhom bil-ħila

---

[1] Ċiċerun, *De republica*, 3, 22, 33.
[2] Ara Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 10
[3] Santu Wistin, *Stqarrijiet*, 2, 4, 9.
[4] Piju XII, enċiklika *Humani generis:* Denzinger-Schonmetzer, 3867.

naturali tagħha. Dawn il-veritajiet huma mxandra u mħabbra bħala veri fl-istess Patt tas-Salvazzjoni.

1962 Il-Liġi l-qadima hi l-ewwel pass tal-Liġi rivelata. L-ordnijiet morali tagħha huma miġburin fl-Għaxar Kmandamenti. Dawn il-Kmandamenti jqiegħdu s-sisien tal-vokazzjoni tal-bniedem, magħmul xbieha ta' Alla; jipprojbixxulu dak li hu kontra l-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu, u jordnawlu dak li hu essenzjali għalih. L-Għaxar Kmandamenti huma dawl mogħti lill-kuxjenza ta' kull bniedem biex jagħraf is-sejħa u t-triqat ta' Alla, u jkun imħares mill-ħażin:

> Alla kiteb fuq it-twavel tal-Liġi dak li l-bnedmin ma kinux qed jaqraw fi qlubhom.[1]

1963 Skont it-tradizzjoni nisranija l-Liġi qaddisa,[2] spiritwali[3] u tajba[4] għadha mhix perfetta. Bħala għalliema[5] turina x'għandna nagħmlu, iżda minnha nfisha ma tagħtiniex il-qawwa, il-grazzja tal-Ispirtu s-Santu biex inħarsuha. Minħabba d-dnub, li ma setgħetx tneħħi, baqgħet liġi tal-jasar. Skont San Pawl, din il-Liġi kellha bħala skop ewlieni li tikkundanna *u xxandar id-dnub*, li jsawwar "liġi tad-dnub" *(Rum 7,20)* fil-qalb tal-bniedem. Iżda b'danakollu, il-Liġi tibqa' l-ewwel pass fit-triq lejn is-Saltna, tħejji l-poplu magħżul u lil kull Nisrani għall-konverżjoni u għall-fidi f'Alla s-Salvatur. Tagħti tagħlim li jibqa' għal dejjem, bħala kelma ta' Alla.

1964 Il-Liġi l-qadima hi *tħejjija għall-Evanġelju*. "Il-Liġi hi profezija u pedagoġija tal-veritajiet li kellhom iseħħu".[6] Tħabbar u tara minn qabel il-ħidma għall-ħelsien mid-dnub li kellha sseħħ permezz ta' Kristu. Hija tagħti lit-Testment il-Ġdid ix-xbihat, it-"tipi", is-simboli, biex bihom titfisser il-ħajja fl-Ispirtu. Il-Liġi, fl-aħħar nett, issir sħiħa permezz tat-tagħlim tal-kotba tal-Għerf u tal-profeti li jmexxuha lejn il-Patt il-Ġdid u s-Saltna tas-smewwiet:

> Fi żmien il-Patt il-Qadim kien hemm uħud li kellhom l-imħabba u l-grazzja tal-Ispirtu s-Santu u kellhom qabelkollox xewqa kbira tal-wegħdiet spiritwali u ta' dejjem li bihom huma kienu qed jintrabtu mal-Patt il-Ġdid. Għall-kuntrarju, fi żmien il-Patt il-Ġdid hemm bnedmin karnali għadhom 'il bogħod mill-perfezzjoni tal-Liġi l-ġdida; biex jitħajru għall-għemil ta' virtù, kienu meħtieġa l-biża' tal-kastig u xi wegħdiet għal dan iż-żmien, ukoll fil-Patt il-Ġdid. Hu x'inhu, jekk il-Liġi l-qadima kienet tordna l-imħabba, ma kinitx tagħti l-Ispirtu s-Santu, li bih l-imħabba tissawwab fi qlubna *(Rum 5,5*).[7]

## III. Il-Liġi l-ġdida jew Liġi evanġelika

1965 Il-Liġi l-ġdida jew Liġi evanġelika hi fid-dinja l-perfezzjoni tal-liġi divina, naturali u rivelata. Hi opra ta' Kristu u b'mod partikulari hi mfissra fid-Diskors tal-Muntanja. Hi wkoll opra tal-Ispirtu s-Santu u, permezz tiegħu, issir il-Liġi tal-imħabba fir-ruħ: "Jiena nagħmel patt ġdid mad-dar ta' Israel, inqiegħed il-liġijiet

---

[1] Santu Wistin, *Enarratio in Psalmos*, 52, 1.
[2] Ara Rum 7,12.
[3] Ara Rum 7,14.
[4] Ara Rum 7,16.
[5] Ara Gal 3,24.
[6] San Irinew, *Adversus haereses*, 4, 15, 1
[7] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, 1-2, 107, 1 ad 2.

tiegħi f'moħħhom, u f'qalbhom niktibhom, u jien inkun Alla tagħhom u huma jkunu l-poplu tiegħi".[1]

1966 Il-Liġi l-ġdida hi *l-grazzja tal-Ispirtu s-Santu* li tingħata lill-fidili permezz tal-fidi fi Kristu. Taħdem permezz tal-imħabba, tuża d-Diskors tal-Muntanja biex tgħidilna x'għandna nagħmlu, u tuża s-sagramenti biex tagħtina l-grazzja ħa nagħmluha:

> Min irid jimmedita bit-tjieba u fil-fond id-Diskors li l-Mulej għamel fuq il-muntanja, kif naqrawh fl-Evanġelju ta' San Mattew, żgur isib fih il-*"magna carta"* perfetta tal-ħajja nisranija… Dan id-diskors fih il-preċetti kollha meħtieġa għat-tmexxija tal-ħajja nisranija.[2]

1967 Il-Liġi evanġelika "ttemm",[3] tirfina, tgħaddi u twassal għall-perfezzjoni l-Liġi l-qadima. Hi *ttemm il-wegħdiet ta' Alla* u fl-istess waqt tgħollihom u tmexxihom lejn is-"Saltna tas-smewwiet" fil-"Beatitudnijiet". Hi ssejjaħ lil dawk li huma lesti jilqgħu bil-fidi din it-tama ġdida: il-foqra, l-umli, l-imnikktin, dawk li huma safja f'qalbhom, dawk li huma ppersegwitati minħabba Kristu; b'dan il-mod turi t-triqat tal-għaġeb tas-Saltna.

1968 Il-Liġi evanġelika *ttemm il-kmandamenti* tal-Liġi. Id-Diskors tal-Mulej fuq il-muntanja ma jneħħix u lanqas inaqqas is-siwi tal-ordnijiet morali tal-Liġi l-qadima, anzi joħroġ għad-dawl il-virtujiet moħbija tagħhom, u jqajjem minnhom ħtiġijiet ġodda: juri l-verità divina u umana kollha tagħhom. Ma jżidx preċetti oħra esterni, iżda jasal biex iġedded l-għerq ta' kull għemil tal-bniedem: il-qalb, il-post fejn il-bniedem jagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin,[4] fejn jissawru l-fidi, it-tama tama u l-imħabba, u magħhom il-virtujiet l-oħra kollha. L-Evanġelju b'dan il-mod iwassal il-liġi għall-milja tagħha għax jagħtina li nkunu perfetti bħalma hu perfett Missierna tas-sema,[5] permezz tal-maħfra tal-għedewwa u permezz tat-talb għal min jippersegwitana, ħa nkunu ġenerużi bħal Alla.[6]

1969 Il-liġi l-ġdida hi *l-prattika tal-għemil tar-reliġjon*: il-karità, it-talb u s-sawm; hija tmexxi 'l min jagħmilhom lejn "il-Missier li jara dak li hu moħbi", kontra kull xewqa "li jidher quddiem in-nies".[7] It-talba tagħha hi l-"Missierna".

1970 Il-Liġi evanġelika titlob għażla deċiżiva bejn "iż-żewġ triqat"[8] u għemil bil-fatti ta' kliem il-Mulej.[9] Tinġabar fi ftit kliem *fir-regola tad-deheb*: "Dak kollu li li tridu li l-bnedmin jagħmlu lilkom agħmluh ukoll intom lilhom, għax din hi l-Liġi u l-profeti".[10]

Il-Liġi evanġelika kollha tinġabar fil-*kmandament ġdid* tal-Mulej *(Ġw 13,34)*, li nħobbu lil xulxin kif ħabbna hu.[11]

---

[1] Lh 8,8-10; ara Ġer 31,31-34.
[2] Santu Wistin, *De sermone Domini in monte*, 1, 1: PL 34, 1229-1231.
[3] Ara Mt 5,17-19.
[4] Ara Mt 15,18-19.
[5] Ara Mt 5,48.
[6] Ara Mt 5,44.
[7] Ara Mt 6,1-6.16-18.
[8] Ara Mt 7,13-14.
[9] Ara Mt 7,21-27.
[10] Mt 7,12; ara Lq 6,31.
[11] Ara Ġw 15,12.

1971 Mad-Diskors tal-Muntanja jaqbel inżidu *l-katekeżi morali tat-tagħlim tal-Appostli*.[1] Din id-duttrina twassal it-tagħlim tal-Mulej bl-awtorità tal-Appostli, Appostli, l-aktar bit-tifsir tal-virtujiet li joħorġu mill-fidi fi Kristu u li jieħdu l-ħajja bl-imħabba, l-aqwa don tal-Ispirtu s-Santu. "Qisu li l-imħabba tagħkom ma tkunx wiċċ b'ieħor… Ħobbu lil xulxin bħal aħwa… ifirħu bit-tama, stabru bl-hemm, itolbu bla waqfien, aqsmu ġidkom mal-qaddisin li jinsabu fil-bżonn, ilqgħu f'darkom il-barranin" *(Rum 12,9-13)*. Din il-katekeżi tgħallimna wkoll inħollu kull każ ta' kuxjenza fid-dawl tar-relazzjoni tagħna ma' Kristu u l-Knisja.[2]

Knisja.[2]

1972 Il-Liġi l-ġdida tissejjaħ *liġi tal-imħabba* għaliex iġġegħelna nagħmlu dak li għandna nagħmlu għall-imħabba li jsawwab fina l-Ispirtu s-Santu, u mhux minħabba l-biża'. Hi *liġi tal-grazzja* għax tagħtina l-qawwa tal-grazzja biex nagħmlu dak li għandna nagħmlu permezz tal-fidi u tas-sagramenti. Hi *liġi ta' libertà*[3] għax teħlisna mill-ħarsien tal-preskrizzjonijiet ritwali u ġuridiċi tal-Liġi l-qadima u tqanqalna biex nagħmlu dak li għandna nagħmlu minn rajna mqanqlin mill-imħabba. U fl-aħħar nett twassalna biex noħorġu mill-qagħda ta' lsiera "li ma jafux x'jagħmel sidhom" għal dik ta' ħbieb ta' Kristu "għaliex kulma smajt mingħand Missieri, jiena għarrafthulkom" *(Ġw 15,15)*, jew aħjar għall-qagħda ta' wlied werrieta.[4]

1973 Barra l-preċetti, il-Liġi l-ġdida għandha wkoll il-*kunsilli evanġeliċi*. Id-distinzjoni tradizzjonali bejn il-kmandamenti ta' Alla u l-kunsilli evanġeliċi tinsab fir-relazzjoni mal-imħabba, li hi l-perfezzjoni tal-ħajja nisranija. Il-kmandamenti qegħdin hemm biex iwarrbu dak li hu kontra l-imħabba, u l-kunsilli għandhom bħala skop li jwarrbu dak li, ukoll jekk mhuwiex kuntrarju, jista' jfixkel l-iżvilupp tal-imħabba.[5]

1974 Il-kunsilli evanġeliċi juru l-milja ħajja tal-imħabba, li qatt ma tixba' tingħata dejjem aktar. Juru l-ħerqa tagħha u jqanqlu l-ħeġġa spiritwali tagħna. Il-perfezzjoni tal-Liġi l-ġdida tinsab essenzjalment fil-kmandamenti tal-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu. Il-kunsilli juruna triqat li jwasslu aktar malajr, u mezzi aktar ħfief, li rridu nipprattikawhom skont il-vokazzjoni li jkollna:

> [Alla] ma jridx li kulħadd iħaddan il-kunsilli kollha imma biss dawk l-aktar adatti għad-diversità tan-nies, taż-żmien, tal-okkażjoni, tal-ħila, skont kif titlob l-imħabba: għax hi l-imħabba, bħala sultana tal-virtujiet kollha, tal-kmandamenti kollha, tal-kunsilli kollha, u tal-liġijiet u tal-għemil kollu tal-Insara, li tagħti lil kulħadd il-grad u l-ordni, u ż-żmien u s-siwi.[6]

## Fil-qosor

---

[1] Il-katekeżi morali tal-Appostli nsibuha f'Rum 12-15, 1 Kor 12-13, Kol 3-4, Ef 4-5, u f'kitbiet oħra wkoll.
[2] Ara Rum 14; 1 Kor 5-10.
[3] Ara Ġak 1,25; 2,12.
[4] Ara Gal 4,1-7.21-31; Rum 8,15.
[5] Ara San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, 2-2, 184, 3.
[6] San Franġisk ta' Sales, *Traité de l'amour de Dieu,* 8, 6.

1975 *Skont l-Iskrittura l-liġi hi t-tagħlim li Alla bħala missier jagħti lill-bniedem biex jurih it-triqat li jwasslu għall-hena mwiegħed u ma jħallihx jidħol fit-triqat tal-ħażen.*

1976 *"Il-liġi hi ordni tar-raġuni, għall-ġid ta' kulħadd, magħmula minn min hu responsabbli tal-komunità".*[1]

1977 *L-iskop tal-liġi hu Kristu* (Rum 10,4). *Hu biss jgħallem u jagħmel il-ġustizzja ta' Alla.*

1978 *Il-liġi naturali hi tisħib fl-għerf u t-tjieba ta' Alla mill-bniedem, maħluq fuq ix-xbieha tal-Ħallieq tiegħu; tfisser id-dinjità tal-persuna umana u hi l-pedament tad-drittijiet u tad-dmirijiet fundamentali tiegħu.*

1979 *Il-liġi naturali ma tinbidilx, tibqa' dejjem l-istess tul il-ġrajja kollha tal-bniedem. Ir-regolamenti li jfissruha jibqgħu dejjem jiswew sustanzjalment. Hi l-bażi meħtieġa għall-bini ta' regolamenti morali u tal-liġi ċivili.*

1980 *Il-liġi l-qadima hi l-ewwel pass tal-Liġi rivelata. Il-preskrizzjonijiet morali tagħha huma miġburin fl-Għaxar Kmandamenti.*

1981 *Il-Liġi ta' Mosè fiha ħafna veritajiet li tista' tkun tafhom ir-raġuni naturali tal-bniedem. Alla rrivelahom għaliex il-bnedmin ma kinux qegħdin jaqrawhom f'qalbhom.*

1982 *Il-Liġi l-qadima hi tħejjija għall-Evanġelju.*

1983 *Il-Liġi l-ġdida hi l-grazzja tal-Ispirtu s-Santu li rċevejna permezz tal-fidi fi Kristu, li taħdem permezz tal-imħabba. Hi mfissra b'mod speċjali fid-diskors tal-Mulej fuq il-muntanja u tinqeda bis-sagramenti biex tagħtina l-grazzja.*

1984 *Il-Liġi evanġelika tkompli, tgħaddi u twassal għall-perfezzjoni l-Liġi l-qadima: il-wegħdiet tagħha, permezz tal-beatitudnijiet tas-Saltna tas-smewwiet, il-kmandamenti tagħha permezz tat-tiġdid tal-qalb, li hi l-għajn ta' kull għemil.*

1985 *Il-Liġi l-ġdida hi liġi ta' mħabba, liġi ta' grazzja, liġi ta' libertà.*

1986 *Barra l-preċetti tagħha, il-Liġi l-ġdida tħaddan ukoll il-kunsilli evanġeliċi. "Il-qdusija tal-Knisja tiġi 'l quddiem b'mod speċjali permezz tal-ħafna kunsilli li l-Mulej joffri fl-Evanġelju lid-dixxipli tiegħu biex iħarsuhom".*[2]

**It-tieni artiklu**

## GRAZZJA U ĠUSTIFIKAZZJONI

### I. Il-ġustifikazzjoni

[1] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, 1-2, 90, 4.
[2] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 42.

1987 Il-grazzja tal-Ispirtu s-Santu għandha l-qawwa li tiġġustifikana, jiġifieri tnaddafna minn dnubietna u tagħtina "l-ġustizzja ta' Alla permezz tal-fidi f'Ġesù Kristu" *(Rum 3,22)* u permezz tal-Magħmudija *(Rum 6,3-4)*:

> Jekk aħna mitna ma' Kristu, nemmnu wkoll li għad ngħixu ma' Kristu. Nafu li Kristu qam mill-imwiet u ma jmutx aktar: il-mewt ma għadhiex taħkem fuqu. Hu li miet, miet għal dejjem għad-dnub; u issa li qiegħed jgħix, qiegħed jgħix għal Alla. Hekk ukoll intom għandkom tqisu lilkom infuskom mejtin għad-dnub, iżda ħajjin għal Alla fi Kristu Ġesù *(Rum 6,8-11)*.

1988 Bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, aħna nissieħbu fil-Passjoni ta' Kristu billi mmutu għad-dnub, u nissieħbu fil-qawmien tiegħu mill-imwiet aħna u nitwieldu għal ħajja ġdida: aħna l-membri tal-Ġisem tiegħu li hu l-Knisja,[1] il-friegħi mlaqqmin fid-Dielja li hi Kristu nnifsu.[2]

> Hu permezz tal-Ispirtu li aħna nissieħbu ma' Alla. Bit-tisħib tal-Ispirtu aħna nissieħbu fin-natura ta' Alla... Hu għalhekk li dawk li fihom jgħammar l-Ispirtu huma divinizzati.[3]

1989 L-ewwel ħidma tal-grazzja tal-Ispirtu s-Santu hi l-*konverżjoni* li ġġib il-ġustifikazzjoni skont dak li ħabbar Kristu fil-bidu tal-Evanġelju: "Indmu għax is-Saltna tas-smewwiet waslet" *(Mt 4,17)*. Imqanqal mill-grazzja, il-bniedem idur lejn Alla u jitbiegħed mid-dnub, u hekk jikseb il-maħfra u l-ġustizzja ta' Alla l-Għoli: "il-ġustifikazzjoni hi kemm maħfra tad-dnubiet u kemm tqaddis u tiġdid tal-bniedem minn ġewwa".[4]

1990 Il-ġustifikazzjoni *tbiegħed il-bniedem mid-dnub* li hu kontra l-imħabba ta' Alla, u ssaffilu qalbu. Il-ġustifikazzjoni tiġi wara l-inizjattiva tal-ħniena ta' Alla li joffri l-maħfra. Tħabbeb mill-ġdid il-bniedem ma' Alla. Teħilsu mill-jasar tad-dnub u tfejqu.

1991 Il-ġustifikazzjoni hi fl-istess ħin *l-ilqigħ tal-ġustizzja ta' Alla* permezz tal-fidi f'Ġesù Kristu. Il-ġustizzja hawn turi kemm Alla jimxi sewwa magħna bl-imħabba tiegħu. Bil-ġustifikazzjoni l-fidi, it-tama u l-imħabba jissawbu fi qlubna u tingħatalna l-grazzja li nobdu r-rieda ta' Alla.

1992 Il-ġustifikazzjoni *ġiet immeritata għalina bil-Passjoni ta' Kristu*, li offra lilu nnifsu fuq is-salib bħala vittma ħajja, qaddisa, li togħġob lil Alla; demmu sar strument ta' tpattija għad-dnubiet tal-bnedmin kollha. Il-ġustifikazzjoni tingħatalna permezz tal-Magħmudija, is-sagrament tal-fidi. Tagħmilna xebh mal-ġustizzja ta' Alla, li jagħmilna ġusti fina nfusna bil-qawwa tal-ħniena tiegħu. Bħala skop għandha l-glorja ta' Alla u ta' Kristu, u d-don tal-ħajja ta' dejjem:[5]

> Issa l-ġustizzja ta' Alla dehret mingħajr il-liġi għad li l-liġi u l-profeti jixhdu għaliha. U din hi l-ġustizzja ta' Alla u li Alla jagħti permezz tal-fidi f'Ġesù Kristu lil dawk li jemmnu, bla ma jagħżel bejniethom. Il-bnedmin kollha dinbu u ċċaħħdu mill-glorja ta' Alla, u għalhekk issa huma jkunu ġġustifikati bil-grazzja tiegħu li jagħtihom minn rajh, permezz tal-fidwa li hemm fi Kristu Ġesù. Lilu Alla kkostitwieh vittma ta' espjazzjoni b'demmu permezz tal-fidi biex b'hekk Alla issa juri l-ġustizzja tiegħu, waqt li fl-imgħoddi għalaq għajnejh għad-dnubiet li saru fiż-żmien li kien jistabar bihom. Ried,

[1] Ara 1 Kor 12.
[2] Ara Ġw 15,1-4.
[3] San Atanasju ta' Lixandra, *Epistulae ad Serapionem*, 1, 24: FG 26, 585B.
[4] Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1528.
[5] Ara *ibid.*

iva, juri l-ġustizzja tiegħu f'dan iż-żmien ħalli juri li hu ġust u jiġġustifika wkoll lil min jgħix bil-fidi f'Ġesù *(Rum 3,21-26).*

1993 Il-ġustifikazzjoni twaqqaf mill-ġdid *il-kollaborazzjoni bejn il-grazzja ta' Alla u l-libertà tal-bniedem.* Min-naħa tal-bniedem din il-kollaborazzjoni turi ruħha meta dan jilqa' bil-fidi l-kelma ta' Alla li tistiednu għall-indiema, u jwieġeb bl-imħabba għal dak li jqanqlu għalih l-Ispirtu s-Santu, li jmexxih u jħarsu:

> Meta Alla jmiss qalb il-bniedem bid-dawl tal-Ispirtu s-Santu, il-bniedem ma jkunx ma jagħmel xejn, għax jista' ma jilqax dan id-dawl tal-Ispirtu, din l-ispirazzjoni; iżda mingħajr il-grazzja ta' Alla, bir-rieda ħielsa kollha tiegħu, ma jistax jersaq lejn il-ġustizzja quddiem Alla.[1]

1994 Il-ġustifikazzjoni hi *l-aqwa opra tal-imħabba ta' Alla* li dehret fi Kristu Ġesù u ngħatat permezz tal-Ispirtu s-Santu. Santu Wistin iqis li "l-ġustifikazzjoni ta' bniedem ħażin hi opra wisq akbar mill-ħolqien tas-sema u l-art għax is-sema u l-art għad jgħaddu, imma s-salvazzjoni u l-ġustifikazzjoni tal-magħżulin tibqa' għal dejjem".[2] Iqis ukoll li l-ġustifikazzjoni tal-midinbin hi aqwa mill-ħolqien tal-anġli fil-ġustizzja għaliex turi ħniena akbar.

1995 L-Ispirtu s-Santu hu l-imgħallem tar-ruħ. Hija u tnissel "il-bniedem ta' ġewwa" *(Rum 7,22; Ef 3,16)*, il-ġustifikazzjoni *tqaddisna* kollna kemm aħna:

> Bħalma l-membri ta' ġisimkom kontu jassartuhom għaż-żína u għall-ħażen, hekk issa dawn l-istess membri tjassruhom għal-ġustizzja biex tkunu qaddisin… Issa li ħlistu mid-dnub u sirtu lsiera ta' Alla, taħsdu għalikom frott li jwassal għall-qdusija, u għandkom bħala tmiem il-ħajja ta' dejjem *(Rum 6,19-22)*.

## II. Il-grazzja

1996 Il-ġustifikazzjoni tagħna tiġi mill-grazzja ta' Alla. Il-grazzja hi *favur, għajnuna b'xejn* li Alla jagħtina biex inwieġbu għas-sejħa tiegħu ħa nkunu wlied Alla,[3] ulied adottivi,[4] imseħbin fin-natura ta' Alla[5] u fil-ħajja ta' dejjem.[6]

1997 Il-grazzja *hi tisħib fil-ħajja ta' Alla*, iddaħħalna fil-qofol tal-ħajja ta' mħabba kbira mat-Trinità Qaddisa. Bil-Magħmudija n-Nisrani jkollu sehem mill-grazzja ta' Kristu, ir-Ras tal-Ġisem tiegħu. Bħala "iben adottiv" il-bniedem issa jista' jsejjaħ lil Alla "Missier", flimkien mal-Iben il-waħdieni. Jirċievi l-ħajja tal-Ispirtu li jsawwab fih l-imħabba u jifforma l-Knisja.

1998 Din is-sejħa għall-ħajja ta' dejjem hi *sejħa sopranaturali*. Tiddependi għalkollox mill-inizjattiva kollha kemm hi ta' Alla, għax hu biss jista' juri lilu nnifsu u jagħti lilu nnifsu. Tisboq il-ħila kollha tal-intelliġenza u tal-qawwiet kollha tar-rieda tal-bniedem, u tal-ħlejjaq kollha.[7]

---

[1] Konċ. ta' Trento, Denzinger-Schonmetzer, 1525.
[2] Santu Wistin, *In Evangelium Iohannis tractatus*, 72, 3.
[3] Ara Ġw 1,12-18.
[4] Ara Rum 8,14-17.
[5] Ara 2 Piet 1,3-4.
[6] Ara Ġw 17,3.
[7] Ara 1 Kor 2,7-9.

1999 Il-grazzja ta' Kristu hi d-don, li Alla tana b'xejn, tal-ħajja tiegħu msawba mill-Ispirtu s-Santu fir-ruħ tagħna biex ifejjaqha mid-dnub u jqaddisha. Hi l-*grazzja santifikanti u divinizzanti* (tqaddisna u tagħmilna wlied Alla) li nirċievu fil-Magħmudija. Hi fina l-għajn tal-ħidma tas-salvazzjoni:[1]

> Meta wieħed jingħaqad ma' Kristu, isir ħolqien ġdid; il-qadim għadda u daħal il-ġdid. Kollox ġej minn Alla li ħabbibna miegħu permezz ta' Kristu *(2 Kor 5,17-18)*.

2000 Il-grazzja santifikanti hi don abitwali, jiġifieri dispożizzjoni jew qagħda sopranaturali li qiegħda dejjem hemm fina biex tagħmel dejjem aktar perfetta r-ruħ ħalli tkun tista' tgħix ma' Alla, u tagħmel kollox għal imħabbtu. Irridu nagħżlu l-*grazzja abitwali* jiġifieri d-dispożizzjoni li hemm dejjem fina biex ngħixu u nagħmlu kollox skont is-sejħa ta' Alla, mill-*grazzji attwali* li huma l-għajnuniet kollha li Alla jagħtina kemm biex nindmu u nibdew ħajja ġdida u kemm biex dejjem nitqaddsu aktar.

2001 *It-tħejjija tal-bniedem* biex jilqa' l-grazzja hi ġa opra tal-grazzja. Din hi meħtieġa biex tqanqal u tgħin is-sehem tagħna fil-ġustifikazzjoni permezz tal-fidi u fil-qdusija permezz tal-imħabba. Alla jtemm dak li jkun beda fina, "għaliex hu jagħti l-bidu billi, b'xi mod, bil-ħidma tiegħu, iwassalna biex inkunu rridu, u jtemm billi jissieħeb mar-rieda tagħna meta nkunu ġa kkonvertejna":[2]

> Naħdmu, iva, naħdmu aħna wkoll, imma naħdmu għaliex inkunu qed nikkollaboraw mal-ħidma ta' Alla; hu, fil-ħniena tiegħu, jiġi jilqagħna biex ifejjaqna; u jiġi warajna biex, imfejqin, jaħjina; jiġi jiltaqa' magħna biex isejħilna u jiġi warajna biex jigglorifikana; jiġi jilqagħna biex ngħixu bit-tjieba u jiġi warajna biex ngħixu dejjem miegħu għax mingħajru ma nistgħu nagħmlu xejn.[3]

2002 L-inizjattiva ħielsa ta' Alla titlob *it-tweġiba ħielsa tal-bniedem* għax Alla ħalaq il-bniedem xbieha tiegħu u, flimkien mal-libertà, tah is-setgħa li jkun jafu u jħobbu: ir-ruħ, jekk trid u bil-libertà kollha, tista' tidħol fix-xirka tal-imħabba. Alla jmiss u jqanqal direttament il-qalb tal-bniedem. Qiegħed fil-qalb tal-bniedem xewqa għal dak li hu veru u tajjeb, li hu biss jista' jaqtagħhielu. Il-wegħdiet tal-"ħajja ta' dejjem" mhumiex ħlief it-tweġiba, 'l hemm minn kull tama, għal din ix-xewqa:

> Jekk Int, meta temmejt l-għemejjel tajba ħafna tiegħek, fis-seba' jum waqaft mix-xogħol tiegħek u striħajt, b'dan il-kliem l-Iskrittura tiegħek tagħtina x'nifhmu li aħna wkoll, meta naslu fi tmiem l-għemejjel tagħna, li bil-grazzja tiegħek ikunu tajba ħafna, aħna wkoll għad nistrieħu fik, fis-Sibt tal-ħajja ta' dejjem.[4]

2003 Il-grazzja hi l-ewwel nett u qabel kollox don tal-Ispirtu li jiġġustifikana u jqaddisna. Imma l-grazzja hi wkoll don li l-Ispirtu jagħtina biex iseħibna fil-ħidma tiegħu, biex jagħtina l-ħila nissieħbu fis-salvazzjoni tal-oħrajn u fit-tkattir tal-Ġisem ta' Kristu, il-Knisja. Dawn huma l-*grazzji sagramentali*, id-doni proprji ta' kull sagrament. Hemm imbagħad ukoll il-*grazzji speċjali* msejħin ukoll *"kariżmi"*, kif isejħilhom San Pawl, u li huma favuri, doni b'xejn, ġid.[5] Ikun xi jkun jkun dak li jagħżilhom minn xulxin, ukoll jekk huma straordinarji, bħall-mirakli u

[1] Ara Ġw 4,14; 7,38-39.
[2] Santu Wistin, *De gratia et libero arbitrio*, 17: PL 44, 901.
[3] Santu Wistin, *De natura et gratia*, 31: PL 44, 264.
[4] Santu Wistin, *Stqarrijiet*, 13, 36, 51.
[5] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 12.

l-ilsna, il-kariżmi jingħataw biex iwettqu l-grazzja qaddiesa jew santifikanti, u bħala skop għandhom il-ġid tal-Knisja kollha kemm hi. Jaqdu l-imħabba li biha tinbena l-Knisja.[1]

2004 Fost il-grazzji speċjali, ta' min isemmi *l-grazzji tal-istat* li jingħataw għall-qadi tar-responsabbiltajiet tal-ħajja nisranija u tal-ministeri fi ħdan il-Knisja:

> Aħna għandna doni differenti skont il-grazzja li Alla tana; jekk għandna d-don tal-profezija, ħa nħaddmuh skont il-qies tal-fidi; jekk għandna d-don tal-ministeru, ħa nservu: min għandu d-don tat-tagħlim ħa jgħallem; min id-don tat-tħeġġiġ, ħa jħeġġeġ; min id-don tat-tqassim ħa jqassam b'idejh miftuħa; min għandu l-awtorità fuq l-oħrajn, ħa jmexxi bil-ħerqa; min id-don tal-opri tal-ħniena, ħa jagħmel dan bil-ferħ *(Rum 12,6-8)*.

2005 Il-grazzja, għax hi tal-ordni sopranaturali, *la jista' jkollna esperjenza tagħha*, u lanqas nistgħu nagħrfuha jekk mhux bil-fidi. Mela ma għandniex nafdaw fuq is-sentimenti tagħna jew fuq il-ħidmiet tagħna biex naslu ngħidu li aħna ġustifikati u salvati.[2] Iżda, skont kliem il-Mulej: "Mill-frott tagħhom tagħrfuhom" *(Mt 7,20)* – meta nqisu l-ġid li Alla jagħmel magħna f'ħajjitna u fil-ħajja tal-qaddisin, aħna għandna garanzija li l-grazzja ta' Alla qed taħdem fina u tħeġġiġna għall-fidi dejjem akbar u għall-qagħda ta' faqar kollha fiduċja:

> Insibu wieħed mill-isbaħ eżempji ta' din l-imġiba fit-tweġiba ta' Santa Ġovanna d'Arko għall-mistoqsija li għamlulha l-imħallfin ekkleżjastiċi biex jaqbduha fi kliemha. Mistoqsija jekk kinitx taf kinitx fil-grazzja ta' Alla, wieġbet: Jekk m'iniex fil-grazzja ta' Alla, Alla jrid jagħtihieli; jekk jien fil-grazzja ta' Alla, Alla se jħarishieli.[3]

## III. Il-mertu

> Int imsebbaħ fil-ġemgħa tal-qaddisin u l-ġieħ li int tagħtihom għall-merti tagħhom, hu ġieħ mogħti lill-istess doni tiegħek.[4]

2006 Il-kelma "mertu", b'mod ġenerali, tfisser *il-ħlas dovut* minn komunità jew minn soċjetà għall-għemil ta' wieħed mill-membri, għemil meqjus bħala ta' ġid jew ta' deni, jistħoqqlu premju jew kastig. Il-mertu joħroġ mill-virtù tal-ġustizzja, skont il-prinċipju li jmexxiha, dak li kulħadd indaqs.

2007 Meta niġu għal Alla, min-naħa tal-bniedem ma hemmx mertu, fit-tifsir strett tal-kelma. M'hemmx qies bejnna u bejn Alla għax hu bla qies, għax aħna rċevejna kollox mingħand Alla.

2008 Il-mertu tal-bniedem quddiem Alla fil-ħajja nisranija jiġi mill-fatt li Alla *minn rajh ried isieħeb lill-bniedem fil-ħidma tal-grazzja.* Hi l-ħidma ta' Alla bħala Missier li tiġi l-ewwel meta jqanqalna; l-imġiba ħielsa tal-bniedem tiġi wara, bis-sehem li jagħti fil-ħidma ta' Alla, hekk li l-merti tal-għemejjel tajba għandhom jitqiesu l-ewwel bħala merti tal-grazzja ta' Alla, u mbagħad bħala merti tan-

---

[1] Ara 1 Kor 12.
[2] Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1533-1534.
[3] Santa Ġovanna d'Arko mill-*Atti tal-Proċessi.*
[4] Missal Ruman, prefazju tal-Qaddisin I, li jiċċita lid-"Duttur tal-grazzja", Santu Wistin: ara *Enarratio in Psalmos*, 102, 7.

Nisrani. Madankollu l-istess mertu tal-bniedem jiġi minn Alla, għax l-għemejjel tajba tal-bniedem għandhom il-bidu tagħhom fi Kristu, imnebbħin u megħjunin mill-Ispirtu s-Santu.

2009 L-adozzjoni ta' wlied, li permezz tal-grazzja sseħibna fin-natura ta' Alla, tista' tagħtina li jkollna, skont il-ġustizzja għalkollox ħielsa ta' Alla, *mertu tassew*. Dan hu dritt li jiġina mill-grazzja, dritt kollu kemm hu tal-imħabba, li tagħmilna "werrieta" flimkien ma' Kristu, u għalhekk jistħoqqilna "l-wirt imwiegħed tal-ħajja ta' dejjem".[1] Il-merti tal-għemejjel tajba tagħna huma doni tat-tjieba ta' Alla.[2] "L-ewwel ġiet il-grazzja; issa jingħatalna dak li jistħoqqilna... Il-merti tiegħek huma doni ta' Alla".[3]

2010 Fl-ordni tal-grazzja, l-inizjattiva hi ta' Alla; *ebda bniedem ma jista' jimmerita l-ewwel grazzja* li tingħata fil-bidu tal-konverżjoni, tal-maħfra u tal-ġustifikazzjoni. Imqanqlin mill-Ispirtu s-Santu u mill-imħabba, *aħna nistgħu mbagħad nimmeritaw* għalina u għall-oħrajn il-grazzji li jiswewlna għall-qdusija tagħna, għat-tkattir tal-grazzja u tal-imħabba, kif ukoll biex niksbu l-ħajja ta' dejjem. L-istess ġid ta' din id-dinja, bħalma huma s-saħħa u l-ħbiberija, nistgħu nimmeritawhom skont ma jrid l-għerf ta' Alla. Dawn il-grazzji u dan il-ġid huma l-oġġett tat-talb nisrani. It-talb jaħsbilna għall-grazzja li neħtieġu biex nagħmlu għemil ta' mertu.

2011 *L-imħabba ta' Kristu hi fina l-bidu tal-merti kollha tagħna* quddiem Alla. Il-grazzja, hi u tgħaqqadna ma' Kristu b'imħabba ħajja, tiżgura li l-għemil tagħna jkun sopranaturali, u għalhekk ikollu merti quddiem Alla u quddiem il-bnedmin. Il-qaddisin dejjem ħassew sewwa li l-merti tagħhom ma kinux ħlief grazzji biss:

> Wara l-eżilju ta' din id-dinja nittama li niġi nifraħ bik f'pajjiżna, is-sema, imma ma rridx naħżen merti għas-sema, irrid inħabrek għall-*Imħabba tiegħek biss*... Filgħaxija ta' din il-ħajja se nidher quddiemek b'idejja vojta, għax mhux se nitolbok, Mulej, biex tqisli għemili. Il-ġustizzji kollha tagħna fihom it-tbajja' f'għajnejk. Għalhekk jien irrid nilbes il-*Ġustizzja* li hi kollha kemm hi tiegħek, u nirċievi l-*Imħabba* tiegħek li mhijiex ħlief li jkolli *lilek innifsek* għal dejjem.[4]

## IV. Il-qdusija nisranija

2012 "Alla, ma' dawk li jħobbuh... f'kollox jaħdem id f'id għall-ġid tagħhom. Għaliex lil dawk li għarafhom mill-bidu, ippredestinahom ukoll biex jieħdu s-sura fuq ix-xbieha ta' Ibnu, ħalli dan ikun il-kbir fost ħafna aħwa; lil dawk li ppredestinahom, sejħilhom ukoll; lil dawk li sejħilhom, iġġustifikahom ukoll; lil dawk imbagħad li ġġustifikahom, igglorifikahom ukoll" *(Rum 8,28-30)*.

2013 "Is-sejħa għall-milja tal-ħajja nisranija u għall-perfezzjoni tal-imħabba ssir lil dawk kollha li jemmnu fi Kristu, huma x'inhuma l-grad u l-istat tagħhom".[5] Kulħadd hu msejjaħ għall-qdusija: "Kunu perfetti, bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet" *(Mt 5,48)*:

---

[1] Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1546.
[2] Ara Konċ. ta' Trento, Denzinger-Schonmetzer, 1548.
[3] Santu Wistin *Sermones*, 298, 4-5: PL 38, 1367.
[4] Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, *Att ta' Offerta lill-Imħabba kollha Ħniena ta' Alla.*
[5] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 40.

> L-Insara għandhom jużaw il-forzi li rċevew skont il-qies tad-don ta' Kristu, ħa jiksbu din il-perfezzjoni biex, huma u jagħmlu f'kollox ir-rieda tal-Missier, jiddedikaw ruħhom b'qalbhom kollha għall-glorja ta' Alla u għall-qadi ta' għajrhom. B'dan il-mod, il-qdusija tal-poplu ta' Alla tikber u tagħti frott bil-kotra, kif, b'mod hekk tal-għaġeb, turi l-ġrajja tal-Knisja permezz tal-ħajja ta' tant qaddisin.[1]

2014 Il-progress spiritwali jfittex li jkun hemm għaqda dejjem aktar intima ma' Kristu. Din l-għaqda tissejjaħ "mistika", għax għandha sehem mill-misteru ta' Kristu permezz tas-sagramenti – "il-misteri qaddisa"; u fi Kristu, fil-misteru tat-Trinità Qaddisa, Alla jsejħilna lkoll għal din l-għaqda intima miegħu, ukoll jekk xi grazzji speċjali u xi sinjali straordinarji ta' din il-ħajja mistika jingħataw biss lil xi wħud, bħala turija tad-don mogħti b'xejn lil kulħadd.

2015 It-triq tal-perfezzjoni tgħaddi mis-salib. M'hemmx qdusija mingħajr ċaħdiet u mingħajr taqbida spiritwali.[2] Il-progress spiritwali jħaddan iċ-ċaħda u l-mortifikazzjoni, li jwasslu bil-mod il-mod għall-ħajja fis-sliem u l-hena tal-beatitudnijiet:

> Min jogħla 'l fuq qatt ma jieqaf imma dejjem sejjer minn bidu għal bidu ieħor. Min jogħla 'l fuq qatt mhu se jieqaf jixtieq dak li ġa jagħraf.[3]

2016 Ulied Ommna l-Knisja mqaddsa jittamaw bir-raġun kollu li jiksbu *l-grazzja tal-perseveranza tal-aħħar u l-premju* ta' Alla Missierhom, għall-għemejjel tajba li jkunu għamlu bil-grazzja tiegħu u f'għaqda ma' Ġesù.[4] Min jemmen, huwa u jħares l-istess regola ta' ħajja, għandu sehem mit-"tama hienja" ta' dawk li l-ħniena ta' Alla tiġbor "fil-belt qaddisa Ġerusalemm il-ġdida, nieżla mis-sema mingħand Alla, imħejjija bħala għarusa mżejna għall-Għarus tagħha" *(Apok 21,2)*.

## Fil-qosor

2017 *Il-grazzja tal-Ispirtu s-Santu tagħtina l-ġustizzja ta' Alla. L-Ispirtu, waqt li jgħaqqadna mal-Passjoni u l-Qawmien ta' Kristu permezz tal-fidi u tal-Magħmudija, jagħtina sehem mill-ħajja tiegħu.*

2018 *Il-ġustifikazzjoni, bħall-konverżjoni, għandha żewġ aspetti: imqanqal mill-grazzja, il-bniedem idur lejn Alla u jitbiegħed mid-dnub, u hekk jikseb il-maħfra u l-ġustizzja minn Alla l-Għoli.*

2019 *Il-ġustifikazzjoni tħaddan il-maħfra tad-dnubiet, il-qdusija, u t-tiġdid tal-bniedem minn ġewwa.*

2020 *Il-ġustifikazzjoni ġiet immeritata għalina bil-Passjoni ta' Kristu; tingħatalna permezz tal-Magħmudija; tagħtina xebh mal-ġustizzja ta' Alla, li jagħmilna ġusti; bħala għan għandha l-glorja ta' Alla u ta' Kristu u d-don tal-ħajja ta' dejjem; hi l-ogħla opra tal-ħniena ta' Alla.*

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 40.
[2] Ara 2 Tim 4.
[3] San Girgor ta' Nissa, *Homiliae in Canticum*, 8; PG 44, 941C.
[4] Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1576.

2021 *Il-grazzja hi l-għajnuna li Alla jagħtina biex inwieġbu għas-sejħa tagħna ħa nkunu wlied adottivi; iddaħħalna fl-intimità tal-ħajja tat-Trinità Qaddisa.*

2022 *L-inizjattiva ta' Alla fil-ħidma tal-grazzja tiġi qabel, tħejji u tqanqal it-tweġiba ħielsa tal-bniedem. Il-grazzja hi tweġiba għax-xewqat l-aktar għolja tal-libertà tal-bniedem; tistedinha, tissieħeb magħha, u tipperfezzjonaha.*

2023 *Il-grazzja qaddiesa jew santifikanti hija d-don li Alla jagħtina b'xejn tal-ħajja tiegħu u li l-Ispirtu s-Santu jsawwab f'ruħna biex ifejjaqha mid-dnub u jqaddisha.*

2024 *Il-grazzja santifikanti tagħmilna "nogħġbu lil Alla". Il-kariżmi, grazzji speċjali tal-Ispirtu s-Santu, huma ta' għajnuna għall-grazzja santifikanti u bħala skop għandhom il-ġid tal-Knisja kollha. Alla jaħdem ukoll permezz ta' għadd kbir ta' grazzji attwali, li rridu nagħżlu mill-grazzja li tibqa' fina.*

2025 *M'hemmx merti għalina quddiem Alla jekk mhux minħabba l-pjan ħieles ta' Alla li ried isieħeb 'il-bniedem fl-opra tiegħu tal-grazzja. Il-mertu hu l-ewwel nett tal-grazzja ta' Alla, u mbagħad tas-sehem li jagħti l-bniedem. Il-mertu tal-bniedem ġej minn Alla.*

2026 *Il-grazzja tal-Ispirtu s-Santu, minħabba l-fatt li aħna wlied adottivi, tista' tagħtina mertu tassew skont il-ġustizzja ħielsa ta' Alla. L-imħabba fina hi l-għajn ewlenija tal-merti tagħna quddiem Alla.*

2027 *Ebda bniedem ma jista' jimmerita l-ewwel grazzja li hi l-bidu tal-konverżjoni. Imqanqlin mill-Ispirtu s-Santu, nistgħu nimmeritaw għalina u għall-oħrajn il-grazzji kollha li jiswewlna biex naslu fil-ħajja ta' dejjem, u wkoll il-ġid tal-art li neħtieġu.*

2028 *"Is-sejħa għall-milja tal-ħajja nisranija u għall-perfezzjoni fl-imħabba hi sejħa għall-bnedmin kollha li jemmnu fi Kristu".*[1] *Il-perfezzjoni nisranija m'għandhiex ħlief limitu wieħed, dak li m'għandha ebda limitu.*[2]

2029 *"Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja"* (Mt 16,24).

**It-tielet artiklu**

## IL-KNISJA, OMM U GĦALLIEMA

2030 Hu fil-Knisja, f'xirka mal-imgħammdin kollha, li n-Nisrani jwettaq il-vokazzjoni tiegħu. Mingħand il-Knisja jilqa' l-kelma ta' Alla li fiha jinsab it-tagħlim ta' "l-liġi ta' Kristu" *(Gal 6,2)*; mingħand il-Knisja jirċievi l-grazzja tas-sagramenti li jgħinuh fi "triqtu"; mingħand il-Knisja jieħu l-*eżempju tal-qdusija*: jara x-xbieha u l-bidu ta' din il-qdusija fil-Verġni Mqaddsa Marija; jara l-qdusija

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen Gentium*, 40.
[2] San Girgor ta' Nissa, *De vita Moysis:* PG 44, 300D.

fix-xhieda vera li jagħtu għaliha dawk li jgħixuha, u jsibha fit-tradizzjoni spiritwali u fil-ġrajja twila tal-qaddisin li ġew qabel u li l-liturġija tiċċelebra skont il-kalendarju tal-qaddisin.

2031 *Il-ħajja morali hi kult spiritwali (Rum 12,1)*. "Noffru ġisimna bħala vittma ħajja, qaddisa, li togħġob lil Alla" fi ħdan il-Ġisem ta' Kristu, li tiegħu aħna membri, u f'għaqda mal-offerta tal-Ewkaristija tiegħu. Fil-liturġija u fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti, it-talb u t-tagħlim jingħaqdu mal-grazzja ta' Kristu biex idawlu u jmantnu l-imġiba nisranija. L-istess bħall-ħajja nisranija kollha, il-ħajja morali għandha l-bidu tagħha u l-qofol tagħha fis-sagrifiċċju ewkaristiku.

## I. Il-ħajja morali u l-maġisteru tal-Knisja

2032 Il-Knisja, "kolonna u pedament tal-verità" *(1 Tim 3,15),* "irċeviet mingħand l-Appostli l-ordni ta' Kristu biex tgħallem il-verità tas-salvazzjoni".[1] "Hu d-dmir tal-Knisja li tħabbar, f'kull żmien u kullimkien, il-liġi morali, ukoll f'dak li għandu x'jaqsam mal-ordni soċjali, u tagħti wkoll ġudizzju fuq ir-realtajiet kollha tal-bniedem sakemm dan hu mitlub mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem u mis-salvazzjoni tal-erwieħ".[2]

2033 *Il-Maġisteru tar-ragħajja tal-Knisja* fil-qasam tal-morali ordinarjament jitħaddem fil-katekeżi u l-predikazzjoni, bl-għajnuna tat-teoloġi u l-kittieba spiritwali. B'dan il-mod għadda, minn ġenerazzjoni għal oħra, taħt il-ħarsien tar-ragħajja tal-Knisja, dak li nistgħu nsejħulu d-"depożitu" tal-morali nisranija, magħmul minn ġabra karatteristika ta' regoli, ta' kmandamenti u ta' virtujiet li joħorġu mill-fidi fi Kristu u jieħdu l-ħajja mill-imħabba. Din il-katekeżi tradizzjonalment għandha bħala bażi tagħha, flimkien mal-Kredu u l-Missierna, l-Għaxar Kmandamenti, li jħabbru l-prinċipji tal-ħajja morali li jgħoddu għall-bnedmin kollha.

2034 Il-Papa u l-isqfijiet bħala "veri għalliema, mogħnija bl-awtorità ta' Kristu, ixandru lill-poplu fdat lilhom il-fidi li trid titwemmen u li trid tidher fl-imġiba".[3] *Il-maġisteru ordinarju* u universali tal-Papa, u tal-isqfijiet f'għaqda miegħu, jgħallem lill-Insara l-verità li jridu jemmnu, l-imħabba li jridu jgħixu, u l-hena li jridu jittamaw.

2035 L-ogħla grad ta' parteċipazzjoni fl-awtorità ta' Kristu hu garantit mill-kariżma tal-*infallibbiltà.* Din tinferex fuq dak kollu li jidħol fid-depożitu tar-Rivelazzjoni ta' Alla,[4] u għalhekk tħaddan l-elementi kollha tad-duttrina, u l-elementi morali wkoll, li mingħajrhom il-veritajiet tal-fidi għas-salvazzjoni ma jistgħux ikunu mħarsin, imfissra u obduti.[5]

2036 L-awtorità tal-Maġisteru tħaddan ukoll il-preċetti speċifiċi tal-*liġi naturali*, għax il-ħarsien tagħhom mitlub mill-Ħallieq hu meħtieġ għas-salvazzjoni. Il-Maġisteru tal-Knisja, huwa u jfakkar il-preċetti tal-liġi naturali,

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 17.
[2] CIC kan 747.
[3] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 25.
[4] Ara Konċ. Vatikan II, *Luibid.*5.
[5] Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, dikjarazzjoni *Mysterium Ecclesiae* 3: AAS 65 (1973), 396-408.

jaqdi parti essenzjali mill-uffiċċju profetiku tiegħu li jħabbar lill-bnedmin kollha dak li huma tassew u jfakkar dak li għandhom ikunu quddiem Alla.[1]

2037 Il-liġi ta' Alla, fdata lill-Knisja, tiġi mgħallma lill-Insara bħala triq ta' verità u ta' ħajja. Il-fidili għalhekk għandhom id-*dritt* [2] li jiġu mgħallmin dawk il-kmandamenti ta' Alla li jwasslu għas-salvazzjoni billi jsaffulhom il-ġudizzju u, bl-għajnuna tal-grazzja, ifejqulhom ir-raġuni midruba li għandhom bħala bnedmin. Il-fidili mbagħad għandhom id-dmir iħarsu l-kostituzzjonijiet u d-digrieti tal-awtorità leġittma tal-Knisja. Ukoll jekk huma digrieti u kostituzzjonijiet dixxiplinari, jitolbu dejjem li wieħed jaċċettahom b'imħabba.

2038 Il-Knisja, fil-ħidma tagħha ta' tagħlim u ta' ħarsien tal-morali nisranija, teħtieġ id-devozzjoni tar-ragħajja, l-għerf tat-teoloġi, il-kontribuzzjoni tal-Insara kollha u tal-bnedmin ta' rieda tajba. Il-fidi u l-prattika tal-Evanġelju jagħtu lil kull wieħed esperjenza ta' ħajja nisranija "fi Kristu", li jdawlu u jagħtih il-ħila biex iqis ir-realtajiet ta' Alla u tal-bnedmin skont l-Ispirtu ta' Alla.[3] B'dan il-mod l-Ispirtu jista' jinqeda minn min hu l-aktar ċkejken ħa jdawwal lil min hu għaref u għandu dinjità għolja.

2039 Il-ministeri jridu jitħaddmu bi spirtu ta' qadi lill-aħwa, b'dedizzjoni lejn il-Knisja f'isem il-Mulej.[4] Fl-istess waqt, il-kuxjenza ta' kull bniedem, fil-ġudizzju morali li tagħti dwar l-għemil personali tiegħu, ma għandhiex tqis biss l-interessi individwali, imma trid tħares ukoll lejn il-ġid ta' kulħadd, kif jidher mil-liġi morali, naturali u rivelata, u għalhekk mil-liġi tal-Knisja wkoll u mit-tagħlim awtorizzat tal-Maġisteru dwar kwistjonijiet morali. Ma jaqbilx li l-kuxjenza personali u r-raġuni jmorru kontra l-liġi morali jew il-maġisteru tal-Knisja.

2040 B'dan il-mod fost l-Insara jista' jiżviluppa *spirtu verament ta' wlied favur il-Knisja*. Hu l-iżvilupp normali tal-grazzja tal-Magħmudija, li nisslitna fi ħdan il-Knisja u għamlitna membri tal-Ġisem ta' Kristu. Fil-ħerqa tagħha ta' omm, il-Knisja twasslilna l-ħniena ta' Alla li tegħleb id-dnubiet kollha tagħna u titħaddem l-aktar fis-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. Bħala omm li taħseb għal uliedha, il-Knisja fil-liturġija, jum wara l-ieħor, tqassmilna l-ikel tal-Kelma u tal-Ewkaristija tal-Mulej.

## II. Il-preċetti tal-Knisja

2041 Il-preċetti tal-Knisja għandhom posthom f'dan il-kuntest ta' ħajja morali li hi marbuta mal-ħajja liturġika u titmantna biha. Il-karattru obbligatorju ta' dawn il-liġijiet pożittivi, magħmulin mill-awtoritajiet pastorali tal-Knisja, iridu jiżguraw li l-Insara jagħmlu għallinqas dak il-ftit li meħtieġ fuq li meħtieġ mill-ispirtu tat-talb u mill-isforz morali biex jikbru fl-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu.

2042 L-ewwel preċett (tissieħeb fil-Quddiesa tal-Ħdud u l-festi kkmandati u tistrieħ minn xogħol servili) irid li l-Insara jqaddsu l-jum li fih issir it-tifkira tal-qawmien tal-Mulej mill-imwiet u jqaddsu l-jiem tal-festi liturġiċi ewlenin li bihom jingħata ġieħ lill-misteri tal-Mulej, tal-Verġni

[1] Ara Konċ. Vatikan II, *Dignitatis humanae*, 14.
[2] Ara CIC kan 213.
[3] Ara 1 Kor 2,10-15.
[4] Ara Rum 12,8.11.

Mqaddsa Marija u tal-qaddisin: l-ewwel nett bit-tisħib fiċ-ċelebrazzjoni ewkaristika li għaliha tinġabar il-ġemgħa tal-Insara, kif ukoll billi jieqfu minn kull xogħol u negozju li jistgħu jfixklu t-tqaddis ta' dawn il-jiem.[1]

It-tieni preċett (il-qrara tad-dnubiet almenu darba fis-sena) jiżgura t-tħejjija għall-Ewkaristija permezz tas-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, li jkompli l-ħidma ta' konverżjoni u ta' maħfra li tibda bil-Magħmudija.[2]

It-tielet preċett (jirċievu s-sagrament tal-Ewkaristija għallinqas fi żmien il-Għid) jiżgura li l-Insara almenu jersqu jirċievu l-ġisem u d-demm tal-Mulej fit-tqarbin fi żmien il-festi tal-Għid, bidu u qofol tal-liturġija nisranija.[3]

2043 Ir-raba' preċett (il-ħarsien tal-ġranet tal-astinenza u tas-sawm iffissati mill-Knisja) bħala tħejjija għall-festi tal-liturġija, iħares iż-żminijiet ta' ċaħda u ta' penitenza, li jgħinuna naħkmu l-istinti u niksbu l-libertà tal-qalb; hu marbut mal-ewwel preċett dwar il-ħarsien tal-Ħadd u jwettqu; jitlob it-tisħib fil-liturġija fil-festi ewlenin tal-Knisja f'ġieħ il-Mulej, il-Verġni Marija u l-Qaddisin.[4]

Il-ħames preċett (għajnuna lill-Knisja fi ħtiġijietha) jgħid li l-Insara huma fid-dmir li jgħinu lill-Knisja, kulħadd skont ma jista', fil-ħtiġijiet materjali tagħha.[5]

## III. Ħajja morali u xhieda missjunarja

2044 Il-fedeltà tal-imgħammdin hi l-ewwel kundizzjoni meħtieġa għat-tħabbir tal-Evanġelju u għall-*missjoni tal-Knisja fid-dinja.* Il-Bxara t-Tajba tas-salvazzjoni, biex turi lill-bnedmin il-qawwa tal-verità u tad-dija tagħha, trid tkun imwettqa bix-xhieda tal-ħajja tal-Insara. "Ix-xhieda ta' ħajja nisranija u għemejjel magħmulin bi spirtu sopranaturali għandhom qawwa kbira biex jiġbdu l-bnedmin lejn il-fidi u lejn Alla".[6]

2045 L-Insara, għaliex huma membri tal-Ġisem li tiegħu Kristu hu r-Ras,[7] jgħinu *fil-bini tal-Knisja* billi jkunu dejjem sodi fil-fehmiet tagħhom u fl-imġiba tagħhom. Il-Knisja tikber, tiżdied u tissaħħaħ permezz tal-qdusija tal-fidili[8] sakemm "insiru raġel magħmul, fl-aħjar ta' żmienu u hekk isseħħ il-milja ta' Kristu" *(Ef 4,13)*.

2046 L-Insara, bil-ħajja tagħhom skont Kristu, *iħaffu l-miġja tas-Saltna ta' Alla*, tas-"Saltna ta' ġustizzja, verità u sliem".[9] B'daqshekk mhux se jittraskuraw id-dmirijiet tagħhom fid-dinja: fidili lejn l-Imgħallem tagħhom, dawn id-dmirijiet huma jaqduhom sewwa, bis-sabar u l-imħabba.

## Fil-qosor

2047 *Il-ħajja morali hi kult spiritwali. L-imġiba nisranija titmantna bil-liturġija u ċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti.*

---

[1] Ara CIC kan 1246-1248; *Corpus Canonum Ecclesiarum Orientalium* 880, 3; 881 1.2.4.0.
[2] Ara CIC kan 989; *Corpus Canonum Ecclesiarum Orientalium,* kan 719.
[3] Ara CIC kan 920; *Corpus Canonum Ecclesiarum Orientalium,* 708; 881, 3.
[4] Ara CIC kan 1249-1251; *Corpus Canonum Ecclesiarum Orientalium* 882.
[5] Ara CIC kan 222; *Corpus Canonum Ecclesiarium Orietalium,* 25. *Il-Konferenzi Episkopali jistgħu wkoll iżidu preċetti oħra għat-territorju tagħhom.* Ara CIC kan 455.
[6] Konċ. Vatikan II, *Apostolicam actuositatem,* 6.
[7] Ara Ef 1,22.
[8] Ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 39.
[9] Missal Ruman, Prefazju tas-solennità ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien kollu.

2048 *Il-preċetti tal-Knisja huma dwar il-ħajja morali u nisranija, li hi marbuta mal-liturġija u titmantna minnha.*

2049 *Il-maġisteru tar-ragħajja tal-Knisja fil-qasam tal-morali jitħaddem ordinarjament fil-katekeżi u fil-predikazzjoni dwar l-Għaxar Kmandamenti li jħabbru l-prinċipji morali li jgħoddu għall-bnedmin kollha.*

2050 *Il-Papa u l-isqfijiet, bħala veri għalliema, ixandru lill-poplu ta' Alla l-fidi li jridu jemmnu u jgħixu bl-imġiba kollha tagħhom. Huma fid-dmir ukoll li jitkellmu dwar problemi morali li għandhom x'jaqsmu mal-liġi naturali u mar-raġuni.*

2051 *L-infallibbiltà tal-maġisteru tar-ragħajja tħaddan l-elementi kollha tat-tagħlim, ukoll dak morali, tagħlim li mingħajru l-veritajiet tal-fidi għas-salvazzjoni ma jistgħux jiġu mħarsa, imfissra u obduti.*

## L-GĦAXAR KMANDAMENTI

*(It-testi tal-Kmandamenti ttieħdu mill-verżjoni tal-Iskrittura tal-Għaqda Biblika, waqt li l-formula katekistika hi dik użata fit-tagħlim tad-duttrina).*

| Eżodu 20, 2-17 | Dewteronomju 5,6-21 | Formula Katekistika |
|---|---|---|
| Jiena hu l-Mulej, Alla tiegħek, li ħriġtek mill-art tal-Eġittu, minn dar il-jasar. | Jiena l-Mulej li ħriġtek mill-art tal-Eġittu, minn dar il-jasar. | Jiena hu Alla Sidek: |
| Ma jkollokx allat oħra għajri. La tagħmilx għalik suriet minquxa u ebda xbieha ta' ebda ħaġa li hemm fl-għoli tas-sema, jew isfel fl-art, jew fil-baħar taħt l-art. La tmilx quddiemhom: la tadurahomx għaliex jiena hu l-Mulej Alla tiegħek, Alla għajjur, li jpatti l-ħażen tal-missirijiet fuq l-ulied sat-tielet u r-raba' ġenerazzjoni lil dawk li jobogħduni; imma nagħder sal-elf nisel lil min iħobbni u jżomm il-kmandamenti tiegħi. | Ma jkollokx allat oħra ħliefi... | 1. Ma jkollokx Alla ieħor għajri. |
| La ssemmix l-isem tal-Mulej, Alla tiegħek, fix-xejn, għaliex lil min isemmi l-isem tiegħu fix-xejn, il-Mulej ma jħallihx bla kastig. | Issejjaħx l-isem tal-Mulej, Alla tiegħek, fil-batal... | 2. La ssemmix l-isem ta' Alla fil-batal. |
| Ftakar f'jum is-Sibt u qaddsu. Sitt ijiem taħdem u tagħmel kulma għandek tagħmel: imma s-seba' jum hu jum il-mistrieħ f'ġieħ il-Mulej, Alla tiegħek. Dan il-jum ma tagħmel ebda xogħol, int, ibnek, il-qaddej u l-qaddejja tiegħek, il-bhejjem tiegħek, u l-barrani li jkunu ġewwa bwiebek. Għax f'sitt ijiem il-Mulej għamel is-smewwiet u l-art, il-baħar u kulma hemm | Ħares jum is-Sibt u qaddsu ... | 3. Ħares il-Ħdud u l-btajjel. |

| | | |
|---|---|---|
| fihom, u strieħ fis-seba' jum. Għalhekk il-Mulej bierek is-seba' jum u qaddsu. | | |
| Weġġaħ lil missierek u 'l ommok, sabiex jitkattru jiemek fuq l-art li l-Mulej, Alla tiegħek, jagħtik. | Weġġaħ lil missierek u 'l ommok... | 4. Weġġaħ lil missierek u 'l ommok. |
| La toqtolx. | La toqtolx. | 5. La toqtolx. |
| La tagħmilx adulterju. | La tagħmilx adulterju. | 6. La tiżnix. |
| La tisraqx. | La tisraqx. | 7. La tisraqx. |
| La tagħtix xhieda giddieba kontra għajrek. | La tixhidx fil-falz kontra għajrek. | 8. La tixhidx ħaġa b'oħra. |
| La tixtieqx dar għajrek, la tixtieqx il-mara ta' għajrek, il-qaddej jew il-qaddejja tiegħu, l-għoġol jew il-ħmar tiegħu, u xejn minn kulma għandu għajrek. | La tixtieqx il-mara ta' għajrek. | 9. La tixtieqx nisa tal-oħrajn. |
| | La tixxennaqx... għal xejn milli għandu għajrek. | 10. La tixtieqx ħwejjeġ tal-oħrajn. |

IT-TIENI SEZZJONI

# L-GĦAXAR KMANDAMENTI

"MGĦALLEM, X'TAJJEB GĦANDI NAGĦMEL?"

2052 "Mgħallem, x'tajjeb għandi nagħmel biex ikolli l-ħajja ta' dejjem?". Liż-żagħżugħ li għamillu din il-mistoqsija, Ġesù l-ewwel wieġeb dwar il-ħtieġa li nagħrfu lil Alla "waħdu Tajjeb", bħala t-Tajjeb fih innifsu u l-għajn ta' kull tjieba. Imbagħad Ġesù żied jgħid: "Jekk int trid tidħol fil-ħajja, ħares il-kmandamenti." U semma liż-żagħżugħ il-kmandamenti li għandhom x'jaqsmu mal-imħabba tal-proxxmu: "La toqtolx, la tiżnix, la tisraqx, la tixhidx fil-falz, weġġaħ lill-missierek u 'l ommok". Fl-aħħar Ġesù ġabar dawn il-kmandamenti f'sura pożittiva: "Ħobb lil għajrek bħalek innifsek" *(Mt 19,16-19).*

2053 Ma' din l-ewwel tweġiba żdiedet oħra: "Jekk trid tkun perfett, mur bigħ il-ġid li għandek, agħtih lill-foqra, u jkollok teżor fis-sema; imbagħad ejja u imxi warajja" *(Mt 19,21)*. Din it-tweġiba ma tħassarx dik ta' qabilha, għaliex b'din it-tieni tweġiba, Ġesù Kristu jwassal il-kmandamenti għall-perfezzjoni. Il-liġi ma tneħħietx,[1] iżda l-bniedem hu mistieden isibha fil-Persuna tal-Imgħallem, li hu l-perfezzjoni tagħha. Fit-tlett Evanġelji Sinottiċi, l-istedina ta' Ġesù liż-żagħżugħ għani biex imur warajh u jobdih bħala dixxiplu u jħares il-kmandamenti, hi marbuta mas-sejħa għall-faqar u għas-safa.[2] Il-kunsilli evanġeliċi ma jistgħux jinfirdu mill-kmandamenti.

2054 Ġesù tenna l-għaxar kmandamenti, imma wera l-qawwa tal-Ispirtu li jaħdem fihom. Xandar ġustizzja li hi "ħafna aħjar minn dik tal-kittieba u tal-Fariżej"' *(Mt 5,20)* u minn dik tal-pagani.[3] Fisser ċar kulma jitolbu l-kmandamenti: "Smajtu x'intqal lin-nies ta' dari: 'La toqtolx'. Imma jien ngħidilkom li l-kundanna tistħoqq ukoll lil min jinkorla għal ħuh" *(Mt 5,21-22)*.

2055 Meta staqsewh: "Liema hu l-kmandament il-kbir fil-liġi?" *(Mt 22,36)*, Ġesù wieġeb: "Ħobb il-Mulej Alla tiegħek b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, b'moħħok kollu. Dan hu l-kmandament il-kbir u l-ewwel wieħed, u t-tieni jixbhu: Ħobb lil għajrek bħalek innifsek. Dawn iż-żewġ kmandamenti huma l-qofol tal-Liġi kollha u tal-Profeti".[4] L-Għaxar Kmandamenti għandhom jitfissru fid-dawl ta' ta' dan il-kmandament doppju u waħdieni tal-imħabba, li hi l-milja tal-Liġi:

> Il-Kmandamenti: La tagħmilx adulterju, la toqtolx, la tisraqx, la tkunx rgħib, u kull preċett ieħor, hu liema hu, kollha jinġabru f'kelma waħda: "Ħobb lil għajrek bħalek innifsek". L-imħabba ma tagħmilx deni lill-proxxmu, mela l-imħabba hi l-milja tal-liġi *(Rum 11,9-10)*.

[1] Ara Mt 5,17.
[2] Ara Mt 19,6-12.21.23-29.
[3] Ara Mt 5,46-47.
[4] Mt 22,37-40; ara Dewt 6,5; Lev 19,18.

2056 Il-kelma "Dekalogu" letteralment tfisser "għaxar kelmiet" *(Eż 34,28; Dewt 4,13; 10,4)*. Dawn l-"għaxar kelmiet", Alla rrivelahom lill-poplu tiegħu fuq l-għolja mqaddsa. Inkitbu "bis-saba' ta' Alla *(Eż 31,18; Dewt 5,22)*, u mhux bħall-kmandamenti l-oħra li nkitbu minn Mosè.[1] Huma l-kelma ta' Alla b'mod l-aktar għoli. Waslulna fil-Ktieb tal-Eżodu[2] u fil-ktieb tad-Dewteronomju.[3] Sa minn żmien it-Testment il-Qadim, il-Kotba Mqaddsa jsemmu dawn "l-għaxar kelmiet",[4] iżda kien biss fil-Patt il-Ġdid f'Ġesù Kristu li ntwera t-tifsir sħiħ tagħhom.

2057 Id-Dekalogu rridu nifhmuh l-ewwel fil-kuntest tal-Eżodu, li hu l-ġrajja kbira tal-ħelsien mogħti minn Alla fil-qofol tal-Patt il-Qadim. Kemm jekk huma mxandrin b'mod negattiv bħala projbizzjonijiet ("La toqtolx"), jew inkella b'mod pożittiv ("Weġġaħ lil missierek u 'l ommok"), l-"għaxar kelmiet" juru liema huma l-kundizzjonijiet ta' ħajja ħielsa mill-jasar tad-dnub. Id-Dekalogu hu mixja ta' ħajja:

> Li tħobb il-Mulej Alla tiegħek, li timxi fit-triqat tiegħu, u tħares l-ordnijiet u l-liġijiet u d-digrieti tiegħu, int tgħix u titkattar *(Dewt 30,16)*.

Din il-qawwa għall-ħelsien tad-Dekalogu tidher, biex insemmu eżempju, fil-kmandament tal-mistrieħ tas-Sibt, kmandament li kien jorbot ukoll il-barrani u l-ilsir:

> Ftakar li int kont ilsir fl-art tal-Eġittu, u l-Mulej Alla tiegħek ħarġek minn hemm b'id qawwija u bi driegħ merfugħ *(Dewt 5,15)*.

2058 L-"għaxar kelmiet" jiġbru fil-qosor u jxandru l-Liġi ta' Alla: "Dan il-kliem qalu l-Mulej b'leħen qawwi lill-ġemgħa kollha tagħkom minn fuq il-muntanja, minn ġon-nar, minn ġos-sħaba u ċ-ċpar iswed u xejn aktar ma żied. U kitibhom fuq żewġ twavel tal-liġi u tahom lili" *(Dewt 5,22)*. Hu għalhekk li dawn iż-żewġ twavel tal-ġebel jissejħu "x-Xhieda miktuba" *(Eż 25,16)* għax fihom hemm miġbura l-liġijiet tal-Patt tal-ħbiberija li Alla għamel mal-poplu tiegħu. Dawn it-"twavel tax-xhieda"[5] kellhom jitqiegħdu fl-"arka".[6]

2059 L-"għaxar kelmiet" qalhom Alla waqt teofanija ("Wiċċ imb wiċċ tkellem magħkom il-Mulej fuq il-muntanja, minn ġon-nar" *Dewt 5,4*). Huma parti mir-rivelazzjoni li Alla għamel tiegħu nnifsu u tal-glorja tiegħu. Id-don tal-kmandamenti hu don ta' Alla nnifsu u tar-rieda mqaddsa tiegħu. Alla wera lilu nnifsu lill-poplu tiegħu billi wrieh x'irid minnu.

2060 Id-don tal-kmandamenti u tal-Liġi huma parti mill-Patt magħmul minn Alla ma' dawk li huma tiegħu. Skont il-Ktieb tal-Eżodu, ir-rivelazzjoni tal-"għaxar kelmiet" tinsab bejn l-istedina għall-Patt[7] u s-sħuħija tiegħu:[8] wara li l-poplu ntrabat li "jagħmel" dak kollu li qal il-Mulej, u li "jobdih" *(Eż 24,7)*. Id-Dekalogu

[1] Ara Dewt 31,9.24.
[2] Ara Eż 20,1-17.
[3] Ara Dewt 5,6-22.
[4] Ara bħala eżempju Hos 4,2; Ġer 7,9; Eżek 18, 5-9.
[5] Eż 31,18.32,15; 34,29.
[6] Eż 25,16; 40,1-2.
[7] Ara Eż 19.
[8] Ara Eż 24.

qatt ma jixxandar jekk mhux wara li jitfakkar il-Patt ("Il-Mulej Alla tagħna għamel patt magħna f'Ħoreb", *Dewt 5,2*).

2061 Il-kmandamenti kisbu t-tifsira sħiħa tagħhom fi ħdan il-Patt. Skont l-Iskrittura l-imġiba morali tal-bniedem tikseb it-tifsira sħiħa tagħha fill-Patt u permezz tiegħu. L-ewwel kelma tal-"għaxar kelmiet" tfakkar li Alla ħabb l-ewwel il-poplu tiegħu:

> Kif kien hemm bħala kastig għad-dnub ħruġ mill-ġenna tal-ħelsien għall-jasar tad-dinja, hekk l-ewwel kelma tad-Dekalogu, l-ewwel kelma tal-kmandamenti ta' Alla tagħti l-ħelsien: "Jiena hu l-Mulej, Alla tiegħek, li ħriġtek mill-art tal-Eġittu, minn art il-jasar" *(Ez 20,2; Dewt 5,61)*.[1]

2062 Il-kmandamenti fis-sens proprju tal-kelma jiġu wara: ifissru x'jiġifieri tkun ta' Alla minħabba l-Patt. Il-ħajja morali hi t-*tweġiba* għall-inizjattiva kollha mħabba tal-Mulej. Hi gratitudni, tifħir lil Alla, kult ta' radd il-ħajr. Hi kooperazzjoni mal-Pjan li Alla ħaddem fil-ġrajja tal-bniedem.

2063 Hu xhieda wkoll tal-Patt u tad-djalogu bejn Alla u l-bniedem, il-fatt li l-kmandamenti huma mxandra fl-ewwel persuna ("Jiena l-Mulej…), u jintqalu lill-ieħor "int…". Fil-kmandamenti kollha ta' Alla hu l-pronom personali *singular* li juri lil min qed jingħataw il-kmandamenti. Alla jgħarraf ir-rieda tiegħu lill-poplu kollu u lil kull wieħed mill-poplu, fl-istess waqt:

> Il-Mulej jikkmanda l-imħabba għal Alla u jgħallem il-ġustizzja lejn il-proxxmu, biex il-bniedem la jkun inġust u lanqas ma jixraqx lil Alla. B'dan il-mod, permezz tad-Dekalogu, Alla ħejja 'l-bniedem biex isir ħabibu u jkun qalb waħda ma' għajru… Kliem id-Dekalogu baqa' wkoll fostna (l-Insara). Il-Liġi mhux tneħħiet, iżda twessgħet u żviluppat bil-miġja tal-Mulej fil-ġisem.[2]

ID-DEKALOGU U T-TRADIZZJONI TAL-KNISJA

2064 It-tradizzjoni tal-Knisja, b'fedeltà lejn l-Iskrittura u fuq l-eżempju ta' Ġesù, tat lid-Dekaloġu importanza u tifsira mill-aqwa:

2065 Minn żmien Santu Wistin "l-għaxar kmandamenti" dejjem kellhom post mill-aqwa fil-katekeżi ta' dawk li kienu jħejju ruħhom għall-Magħmudija u tal-fidili. Fis-seklu ħmistax daħlet id-drawwa li l-kmandamenti tad-Dekalogu jitfissru f'versi bir-rima, biex wieħed jiftakarhom malajr, u tawhom sura pożittiva; din id-drawwa għadha teżisti sal-lum f'xi postijiet. Il-katekiżmi tal-Knisja spiss ifissru l-morali nisranija skont l-ordni tal-"għaxar kmandamenti".

2066 It-tqassim tal-kmandamenti u n-numerazzjoni tagħhom varjaw ħafna tul iż-żminijiet. Dan il-katekiżmu jimxi mal-mod kif qassamhom Santu Wistin u li sar tradizzjonali fil-Knisja Kattolika. Il-Luterani wkoll iqassmuhom b'dan il-mod. Missirijiet il-Knisja Griega għandhom tqassim ftit differenti u li nsibuh fil-Knejjes Ortodossi u fil-komunitajiet tar-Riforma Protestanta.

2067 L-għaxar kmandamenti juruna x'titlob l-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu. L-ewwel tliet kmandamenti huma l-aktar dwar l-imħabba ta' Alla, u s-seba' l-oħra dwar l-imħabba tal-proxxmu.

[1] Oriġene *Homiliae in Exodum* 8, 1.
[2] San Irinew, *Adversus haereses* 4, 16, 3-4.

> Kif l-imħabba tħaddan żewġ preċetti li, skont il-Mulej jiġbru fihom il-Liġi kollha u l-profeti, ...hekk l-għaxar kmandamenti huma fihom infushom imqassmin fuq żewġ twavel: tlieta miktubin fuq tavla u seba' fuq l-oħra.[1]

2068 Il-Konċilju ta' Trento jgħallem li l-għaxar kmandamenti jobbligaw lill-Insara, u li bniedem ġustifikat għadu obbligat li jħarishom.[2] Il-Konċilju Vatikan II jgħid: "L-isqfijiet, bħala suċċessuri tal-Appostli, irċevew mingħand il-Mulej... il-missjoni li jgħallmu l-ġnus kollha u jxandru l-Evanġelju lill-ħolqien kollu biex il-bnedmin kollha, permezz tal-fidi, il-Magħmudija, u l-ħarsien tal-kmandamenti, jiksbu s-salvazzjoni".[3]

L-GĦAQDA TAD-DEKALOGU

2069 Id-Dekalogu hu ħaġa waħda: l-"għaxar kelmiet" ma jistgħux jinqatgħu minn xulxin. Kull "kelma" ssejjaħ kull waħda mill-kelmiet l-oħra u l-kelmiet l-oħra kollha flimkien: jinfluwenzaw lil xulxin. Iż-żewġ twavel idawlu lil xulxin, u flimkien jagħmlu ħaġa waħda organika. Il-ksur ta' kmandament wieħed jikser lill-oħrajn kollha.[4] Ma tistax tagħti ġieħ lil ħaddieħor mingħajr ma tbierek lil Alla. Ma tistax tqim lil Alla mingħajr ma tħobb il-bnedmin kollha li hu ħalaq. Id-Dekalogu jgħaqqad flimkien il-ħajja teologali u l-ħajja soċjali tal-bniedem, ir-relazzjonijiet tal-bniedem ma' Alla u s-soċjetà tal-bnedmin.

ID-DEKALOGU U L-LIĠI NATURALI

2070 L-għaxar kmandamenti ġew rivelati minn Alla. Fl-istess ħin jgħallmuna x'inhi verament in-natura tal-bniedem. Juru x'inhuma d-dmirijiet essenzjali tal-bniedem, u hekk, indirettament, x'inhuma wkoll id-drittijiet fundamentali tiegħu, drittijiet marbutin man-natura tal-persuna umana. Id-Dekalogu hu espressjoni privileġġjata tal-liġi naturali:

> Mill-bidu Alla qiegħed fil-qalb tal-bniedem l-għeruq tal-preċetti tal-liġi naturali. Imbagħad, ried ifakkarhom. Dan kien id-Dekalogu.[5]

2071 Il-kmandamenti tad-Dekalogu, għalkemm jistgħu jingħarfu mir-raġuni biss, ġew rivelati wkoll. Il-bnedmin midinba, biex ikollhom għarfien sħiħ u żgur ta' kulma titlob il-liġi naturali, kienu jeħtieġu rivelazzjoni:

> Tifsira sħiħa tal-kmandamenti tad-Dekalogu kienet meħtieġa fl-istat tad-dnub minħabba li ddallam id-dawl tar-raġuni u r-rieda ma baqgħetx miexja dritt.[6]

Aħna nafu liema huma l-kmandamenti ta' Alla pemezz tar-rivelazzjoni ta' Alla li tħabbrilna l-Knisja, u permezz tal-leħen tal-kuxjenza morali tagħna.

L-OBBLIGU TAD-DEKALOGU

2072 Għaliex il-kmandmenti jfissrulna d-dmirijiet tal-bniedem lejn Alla u lejn għajru, l-obbligu tal-ħarsien tagħhom hu *gravi*. Ma jistgħux jinbidlu, iżda jorbtu

---

[1] Santu Wistin, *Sermones*, 33, 2, 2; PL 38, 208.
[2] Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1569-1570.
[3] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 24.
[4] Ara Ġak 2,10-11.
[5] San Irinew, *Adversus haereses*, 4, 15, 1.
[6] San Bonaventura, *In libros Sententiarum*, 4, 37, 1, 3.

dejjem u kullimkien. Hadd ma jista' jeħles lilu nnifsu milli jħarishom. L-għaxar kmandamenti naqqaxhom Alla fil-qalb ta' kull bniedem.

2073 Il-ħarsien tal-għaxar kmandamenti jitlob ukoll li jiġu mħarsa xi obbligi dwar xi ħwejjeġ li fihom infushom huma xi ħaġa żgħira. L-offiża bil-kliem hi pprojbita mill-ħames kmandament, iżda hi ħtija gravi biss jekk iċ-ċirkostanzi u l-intenzjoni jagħmluha gravi.

"MINGĦAJRI MA TISTGĦU TAGĦMLU XEJN"

2074 Ġesù qal: "Jien id-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott, għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn" *(Ġw 15,5)*. Il-frott hu l-qdusija tal-ħajja f'għaqda sħiħa ma' Kristu. Meta aħna nemmnu f'Ġesù Kristu, nissieħbu fil-misteri tiegħu u nħarsu l-kmandamenti tiegħu, is-Salvatur innifsu jiġi fina jħobb lil Missieru u lil ħutu, lil Missierna u lil ħutna. Il-persuna tiegħu, bi grazzja tal-Ispirtu s-Santu, issir għalina regola ħajja fina dwar l-għemil kollu tagħna. "Dan hu l-kmandament tiegħi, li tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien" *(Ġw 15,12)*.

## Fil-qosor

2075 *"X'tajjeb għandi nagħmel biex ikolli l-ħajja ta' dejjem?" "Jekk trid tidħol fil-ħajja, ħares il-kmandamenti"* (Mt 19,16-17).

2076 *Ġesù, bi kliemu u b'għemilu, wera li d-Dekalogu hu għal dejjem.*

2077 *Id-don tad-Dekalogu ngħata fi ħdan il-Patt bejn Alla u l-poplu tiegħu. Il-kmandamenti ta' Alla jiksbu t-tifsira vera tagħhom f'dan il-Patt u permezz tiegħu.*

2078 *It-Tradizzjoni tal-Knisja, b'fedeltà sħiħa lejn l-Iskrittura u fuq l-eżempju ta' Ġesù, tat importanza u tifsira mill-aqwa lid-Dekalogu.*

2079 *Id-Dekalogu hu ħaġa waħda organika fejn kull "kelma" jew "kmandament" hu marbut mal-kmandamenti l-oħra kollha. Il-ksur ta' kmandament wieħed jikser il-Liġi kollha.*[1]

2080 *Id-Dekalogu hu espressjoni privileġġjata tal-liġi naturali. Nafuh mir-Rivelazzjoni ta' Alla u mir-raġuni tagħna.*

2081 *L-għaxar kmandamenti, fundamentalment, huma dwar obbligi gravi. Iżda l-ħarsien tagħhom iġib ukoll il-ħarsien ta' xi obbligi, li fihom infushom huma ħaġa żgħira.*

2082 *Dak li Alla jordnalna, nistgħu nagħmluh bil-grazzja tiegħu.*

[1] Ara Ġak 2,10-11.

## L-EWWEL KAPITLU

# "ĦOBB IL-MULEJ ALLA TIEGĦEK B'QALBEK KOLLHA, B'RUĦEK KOLLHA, U BIL-QAWWA TIEGĦEK KOLLHA"

2083 Ġesù ġabar fil-qosor id-dmirijiet kollha tal-bniedem lejn Alla f'dan il-kliem: "Ħobb il-Mulej Alla tiegħek b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, u b'moħħok kollu" *(Mt 22,37; ara Lq 10,27:* "...bil-qawwa tiegħek kollha"). Dan il-kliem qed itenni s-sejħa solenni: "Isma', o Israel: Alla tagħna l-Mulej, il-Mulej waħdu" *(Dewt 6,4).*

Alla ħabbna l-ewwel. L-imħabba ta' Alla wieħed waħdu, li m'hemmx ieħor bħalu, hi mfakkra fl-ewwel waħda mill-"għaxar kelmiet". Il-kmandmenti juru mbagħad bid-dieher it-tweġiba ta' mħabba li l-bniedem hu mistieden jagħti lil Alla tiegħu.

### L-ewwel artiklu

## L-EWWEL KMANDAMENT

> Jien hu l-Mulej, Alla tiegħek, li ħriġtek mill-art tal-Eġittu, minn dar il-jasar. Ma jkollokx allat oħra għajri. La tagħmilx għalik suriet minquxa u ebda xbieha ta' ebda ħaġa li hemm fl-għoli tas-sema jew hawn fl-art, jew fil-baħar taħt l-art. La tmilx quddiemhom *(Eż 20, 2-5; ara Dewt 5,6-9).*
>
> Hemm miktub: "Lill-Mulej, Alla tiegħek, għandek tadura u lilu biss taqdi" *(Mt 4,10).*

### I. "Tadura l-Mulej Alla tiegħek u lilu biss taqdi"

2084 Alla għarraf lilu nnifsu u fakkar l-għemil setgħani tiegħu ta' tjieba u ta' ħelsien, fil-ġrajja ta' dawk li lilhom kien ikellem: "Jien ħriġtek mill-art tal-Eġittu, minn dar il-jasar". L-ewwel kelma hi l-ewwel kmandament tal-liġi: "Lill-Mulej Alla tiegħek għandek tadura, u lilu biss taqdi... Tmurx wara allat oħra" *(Dewt 6,13-14)*. L-ewwel sejħa, l-ewwel ħaġa li Alla ġustament irid hi li l-bniedem jaċċettah u jadurah.

2085 Alla wieħed u veru juri l-glorja tiegħu l-ewwel lil Israel.[1] Ir-rivelazzjoni tas-sejħa u tal-verità tal-bniedem hi marbuta mar-rivelazzjoni ta' Alla. Il-bniedem hu msejjaħ biex juri 'l Alla b'għemilu, skont kif inħalaq "fuq is-sura u x-xbieha ta' Alla":

> Qatt mhu se jkun hemm Alla ieħor, Trifon, u qatt ma kien hemm Alla ieħor tul iż-żminijiet... ħlief dak li ħalaq u jmexxi l-univers. Aħna ma naħsbux li Alla tagħna mhux l-istess bħal Alla tagħkom. Hu l-istess Alla li ħareġ lill-missirijietkom mill-Eġittu "b'id

[1] Ara Eż 19,16-25; 24,15-18.

> setgħana u driegħ merfugħ". Aħna ma nqegħdux it-tamiet tagħna f'xi alla ieħor, għax ma hemmx alla ieħor, imma fl-istess Alla tagħkom, Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk, u Alla ta' Ġakobb.[1]

2086 L-ewwel kmandament iħaddan il-fidi, it-tama u l-imħabba. Meta nsemmu 'l Alla, inkunu qegħdin insemmu lil dak li hu dejjem l-istess, li qatt ma jinbidel u qatt ma jbiddel fehemtu, fidil, u bla ebda qerq fih. Minn dan jiġi li għandna naċċettaw Kliemu b'fidi u b'fiduċja sħiħa fih. Min jaf li Hu jista' kollox, li hu ħanin, li lest dejjem biex jagħmel il-ġid, kif ma jqigħedx fih it-tamiet kollha tiegħu? Kif ma jħobbux meta jqis it-teżori ta' tjieba u ta' ħlewwa li jsawwab fuqna? Minn hawn li kull ordni li Alla, fil-kobor tiegħu, jagħti fl-Iskrittura jibda u jintemm bil-kliem "Jien il-Mulej".[2]

IL-FIDI

2087 Il-ħajja morali tagħna għandha l-bidu tagħha fil-fidi f'Alla li jurina mħabbtu. San Pawl jitkellem dwar "l-ubbidjenza tal-fidi" *(Rum 1,5; 16,27)* bħala l-ewwel dmir. Jara fin-"nuqqas tal-għarfien ta' Alla" l-bidu u t-tifsir tal-iżbalji morali kollha.[3] Dmirna lejn Alla hu li nemmnu fih u nixhdu għalih.

2088 L-ewwel kmandament iridna nmantnu u nħarsu bilgħaqal u l-attenzjoni kollha l-fidi tagħna u nbiegħdu minnha kulma hu kuntrarju għaliha. Hemm ħafna suriet ta' dnubiet kontra l-fidi.

*Id-dubju volontarju* dwar il-fidi: dan jiġri meta, għax irridu, nittraskuraw jew ma rridux naċċettaw bħala veru dak li Alla rrivelalna u li l-Knisja xxandrilna biex nemmnuh. *Id-dubju involontarju* jiġri meta noqogħdu naħsbuha jekk nemmnu jew ma nemmnux, meta nsibuha bi tqila biex negħlbu l-oġġezzjonijiet marbutin mal-fidi, jew ukoll meta naqtgħu qalbna għax ma nifhmux dak li tgħidilna l-fidi u ma narawhx ċar. Meta nagħtu lok għal dawn id-dubji deliberatament, dawn jistgħu jwassluna għall-għama fl-ispirtu.

2089 L-*inkredulità jew nuqqas ta' fidi* sseħħ meta nitraskuraw il-verità rivelata u/jew meta b'rieda sħiħa ma naċċettawhiex. L-*ereżija* naqgħu fiha "meta wara l-Magħmudija nwebbsu rasna u, niċħdu xi verità li għandna nemmnu b'fidi divina u kattolika, jew inwebbsu rasna fid-dubju tagħna dwar din il-verità." L-*apostasija* hi "ċ-ċaħda sħiħa tal-fidi nisranija". Ix-*xiżma* sseħħ "meta wieħed ma jridx joqgħod għall-awtorità tal-Papa jew ma jridx jissieħeb mal-membri tal-Knisja li jobduh".[4]

IT-TAMA

2090 Meta Alla wera lilu nnifsu u sejjaħ lill-bniedem, dan ma setax iwieġeb għalkollox bil-ħila tiegħu biss għall-imħabba ta' Alla. Kellu jittama li Alla stess jagħtih il-ħila jwieġeb bl-imħabba lejh u jimxi skont il-kmandamenti tal-imħabba. It-tama hi l-istennija kollha fiduċja tal-barka ta' Alla u tad-dehra hienja ta' Alla; hi wkoll il-biża' li toffendi l-imħabba ta' Alla u ġġib fuqek il-kastig.

---

[1] San Ġustinu, *Dialogus cum Typhone Judaeo*, 11, 1.
[2] *Catechismus Romanus*, 3, 2, 4.
[3] Ara Rum 1,18-32.
[4] CIC kan 751.

2091 L-ewwel kmandament iħaddan ukoll id-dnubiet kontra t-tama, jiġifieri d-disperazzjoni u l-preżunzjoni.

Bid-*disperazzjoni* l-bniedem ma jkomplix jittama li jkollu mingħand Alla s-salvazzjoni personali tiegħu, l-għajnuna biex jiksibha, jew il-maħfra ta' dnubietu. Id-disperazzjoni tmur kontra t-tjieba ta' Alla, kontra l-ġustizzja tiegħu – għax il-Mulej iżomm kelmtu – u kontra l-ħniena tiegħu.

2092 Hemm żewġ suriet ta' *preżunzjoni*: jew il-bniedem jafda f'ħiltu biss u jittama li jsalva mingħajr l-għajnuna ta' Alla l-Għoli, jew inkella jafda żżejjed fis-setgħa u l-ħniena ta' Alla għax jittama li jikseb il-maħfra mingħajr indiema u l-glorja ta' dejjem bla ebda mertu.

L-IMĦABBA

2093 Il-fidi fl-imħabba ta' Alla tħaddan is-sejħa u d-dmir li nwieġbu għall-imħabba ta' Alla b'imħabba ħierġa mill-qalb. L-ewwel kmandament jordnalna biex inħobbu 'l Alla fuq kollox u nħobbu l-ħlejjaq kollha għalih u fih.[1]

2094 Nistgħu nidinbu b'ħafna manjieri kontra l-imħabba ta' Alla: l-*indifferenza* meta wieħed jittraskura jew ma jridx iqis l-imħabba ta' Alla għax ma jridx jagħraf li ġejja minnu, u jiċħad il-qawwa tagħha. L-*ingratitudni* ma tasalx biex tagħraf l-imħabba ta' Alla jew tiċħadha u għalhekk ma tweġibx b'imħabba għall-imħabba ta' Alla. Il-*bruda* hi nuqqas ta' ħeġġa jew traskuraġni biex twieġeb għall-imħabba ta' Alla, u tista' tfisser li wieħed ma jkunx irid jimtela u jitqanqal mill-imħabba ta' Alla. L-*għażż spiritwali* li jwassal biex wieħed ma jkunx irid il-ferħ li jiġi mingħand Alla jew jistmerr il-ġid li jiġi mingħandu. *Il-mibegħda ta' Alla* tiġi mis-suppervja: tmur kontra l-imħabba ta' Alla u tiċħad it-tjieba tiegħu, u taħseb li tista' tisħtu għax ma jridx id-dnub u jikkastigah.

## II. "Lilu biss tagħti qima"

2095 Il-virtujiet teologali tal-fidi, tat-tama u tal-imħabba jagħtu sura u ħajja lill-virtujiet morali. Hekk l-imħabba twassalna biex nagħtu lil Alla dak li jmissna nagħtuh skont il-ġustizzja bħala ħlejjaq tiegħu. Il-*virtù tar-reliġjon* tħejjina għal dan.

L-ADORAZZJONI

2096 Fil-virtù tar-reliġjon, l-adorazzjoni tiġi l-ewwel. Tadura 'l Alla jfisser tagħrfu bħala Alla, Ħallieq u Feddej, Mulej u Sid tal-ħolqien kollu, Imħabba bla qies u kollu ħniena: "Lill-Mulej Alla tiegħek tagħti qima u lilu biss taqdi" *(Lq 4,8)* qal Ġesù, huwa u jikkwota d-Dewteronomju *(6,13)*.

2097 Tadura 'l Alla, jiġifieri tagħraf, bir-rispett kollu u b'sottomissjoni sħiħa "x-xejn tal-ħlejjaq", għax huma ma jeżistux jekk mhux permezz tiegħu. Tadura 'l Alla jfisser li, bħal Marija fil-*Magnificat,* tfaħħru u tgħollih, u ċċekken lilek innifsek quddiemu, waqt li tistqarr b'radd ta' ħajr li miegħek għamel ħwejjeġ

[1] Ara Dewt 6,4-5.

kbar u li qaddis hu ismu.[1] L-adorazzjoni ta' Alla wieħed teħles 'il-bniedem li jingħalaq fih innifsu, li jkun ilsir tad-dnub, u li jqim id-dinja.

IT-TALB

2098 L-għemejjel ta' fidi, ta' tama u ta' mħabba li jordnalna l-ewwel kmandament jilħqu l-qofol tagħhom fit-talb. Terfa' ruħek lejn Alla mhuwiex ħaġ'oħra ħlief tadura 'l Alla: talb ta' tifħir u radd il-ħajr, ta' interċessjoni u talb biex taqla' xi ħaġa. It-talb hu kundizzjoni li ma tistax tgħaddi mingħajrha jekk trid tobdi l-kmandamenti ta' Alla. "Għandhom dejjem jitolbu bla ma jaqtgħu" *(Lq 18,1)*.

IS-SAGRIFIĊĊJU

2099 Ħaġa sewwa toffri sagrifiċċji lil Alla b'sinjal ta' adorazzjoni u radd il-ħajr, ta' talb u għaqda ma' Alla. "Hu veru sagrifiċċju kull għemil magħmul biex tingħaqad ma' Alla u tkun ħaġa waħda miegħu biex tkun hieni".[2]

2100 Biex ikun veru, is-sagrifiċċju li tkun qed tagħmel fid-dieher, irid jidher li hu sagrifiċċju spiritwali: "Is-sagrifiċċju tiegħi, Mulej, hu qalb niedma" *(Salm 51,19)*. Il-profeti tal-Patt il-Qadim spiss ikkundannaw is-sagrifiċċji magħmulin mingħajr spirtu[3] jew neqsin mill-imħabba tal-proxxmu.[4] Ġesù fakkar kliem il-profeta Hosegħa: "Ħniena nistenna u mhux sagrifiċċju".[5] L-uniku sagrifiċċju perfett hu dak li offra Kristu fuq is-salib b'offerta sħiħa ta' mħabba lill-Missier għas-salvazzjoni tagħna.[6] Meta ningħaqdu mas-sagrifiċċju ta' Kristu nistgħu nagħmlu ħajjitna offerta ta' sagrifiċċju lil Alla.

WEGĦDIET U VOTI

2101 In-Nisrani, f'ħafna ċirkostanzi, hu msejjaħ biex jagħmel xi *wegħdiet* lil Alla. Il-Magħmudija u l-Konfermazzjoni jew Griżma, iż-Żwieġ u l-Ordinazzjoni fihom wegħdiet lil Alla. In-Nisrani, b'devozzjoni personali, jista' dejjem iwiegħed xi ħaġa lil Alla, xi għemil, talba, att ta' karità, pellegrinaġġ, u xi għemil ieħor. Meta aħna nżommu l-wegħdiet li nagħmlu lil Alla, inkunu qegħdin nuru dak ir-rispett li jixraq lill-kobor ta' Alla u mħabba għal Alla li dejjem iżomm kelmtu.

2102 "Il-*vot* jiġifieri wegħda magħmula bil-ħsieb u b'rieda ħielsa lil Alla ta' xi ħaġa li tista' ssir aħjar, u dan irid jitwettaq bħala għemil tal-virtù tar-reliġjon".[7] Il-vot hu għemil ta' *devozzjoni* li bih in-Nisrani jwiegħed lilu nnifsu lil Alla jew li jagħmel xi għemil tajjeb. Meta n-Nisrani jwettaq il-voti tiegħu jkun qed jagħti lil Alla dak li wiegħdu u kkonsagralu. L-Atti tal-Appostli juruna lil San Pawl ħerqan li jtemm il-voti li kien għamel.[8]

---

[1] Ara Lq 1,46-49.
[2] Santu Wistin, *Il-Belt ta' Alla*, 10, 6.
[3] Ara Għam 5,21-25.
[4] Ara Is 1,10-20.
[5] Mt 9,13; 12,7; ara Hos 6,6.
[6] Ara Lh 9,13-14.
[7] CIC kan 119 §1.
[8] Ara Atti 18,18; 21,23-24.

2103 Il-Knisja tqis li għandhom siwi eżemplari l-voti għall-ħarsien tal-*kunsilli evanġeliċi*:[1]

> Il-Knisja tifraħ li fi ħdanha hemm irġiel u nisa li jimxu aktar fil-qrib mal- Feddej fl-umiljazzjonijiet tiegħu, u dan juruh b'mod aktar ċar, billi jħaddnu l-faqar tal-ħelsien ta' wlied Alla u jiċċaħħdu mir-rieda proprja tagħhom: huma joqogħdu għar-rieda ta' bniedem ieħor għall-imħabba ta' Alla biex jiksbu l-perfezzjoni, u jagħmlu dan, biex ikunu jixbhu aktar lil Kristu fl-ubbidjenza tiegħu.[2]

F'xi okkażżjonijiet, il-Knisja, għal raġunijiet xierqa, tiddispensa mill-wegħdiet u l-voti.[3]

ID-DMIR SOĊJALI TAR-RELIĠJON
U D-DRITT GĦAL-LIBERTÀ RELIĠJUŻA

2104 "Il-bnedmin kollha huma fid-dmir li jfittxu l-verità, l-aktar il-verità dwar Alla u l-Knisja tiegħu, u meta jsibuha huma fid-dmir li jħaddnuha u jkunu fidili lejha".[4] Dan id-dmir jiġi mill-istess "natura tal-bniedem".[5] Dan mhuwiex kontra r-r-"rispett sinċier" li għandu jkun hemm għar-reliġjonijiet kollha, li "spiss għandhom fihom raġġ ta' dik il-verità li ddawwal il-bnedmin kollha",[6] u lanqas mhu kontra dak li titlob l-imħabba mill-Insara kollha biex "juru mħabba, għaqal, sabar ma' dawk li jinsabu fl-iżball jew ma jafux il-fidi".[7]

2105 Id-dmir li tingħata qima vera lil Alla jorbot lill-bniedem kemm bħala individwu u kemm bħala membru tas-soċjetà. Din hi "d-duttrina tradizzjonali kattolika fuq id-dmir morali tal-bnedmin u tas-soċjetajiet dwar ir-reliġjon vera u dwar il-Knisja waħda ta' Kristu".[8] Il-Knisja, meta xxandar bla heda l-Evanġelju lill-bnedmin kollha, tħabrek biex "huma jdaħħlu l-ispirtu nisrani fil-mentalità u fl-imġiba, fil-liġijiet u fl-istrutturi tal-komunità li fiha jgħixu".[9] Id-dmir soċjali tal-tal-Insara hu li jirrispettaw u jqanqlu f'kull bniedem l-imħabba għal kulma hu veru u tajjeb; jitlob minnhom li jwasslu lill-bnedmin kollha biex jagħrfu li l-qima tar-reliġjon waħda vera tinsab sħiħa fil-Knisja Kattolika u Appostolika.[10] L-Insara huma msejħin biex ikunu dawl tad-dinja.[11] B'dan il-mod il-Knisja xxandar li Kristu hu Sultan tal-ħolqien kollu u b'mod partikulari tas-soċjetajiet tal-bnedmin.[12]

2106 "Fejn tidħol ir-reliġjon, ħadd ma għandu jiġi mġiegħel imur kontra l-kuxjenza tiegħu, u lanqas ħadd ma għandu jiġi mfixkel li jimxi skont il-kuxjenza tiegħu, kemm privatament u kemm pubblikament, waħdu jew flimkien ma' oħrajn, sakemm dan isir f'limiti ġusti".[13] Dan id-dritt hu bbażat fuq in-natura stess tal-persuna umana, għax id-dinjità tagħha bħala bniedem twasslu biex

[1] Ara CIC kan 654.
[2] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium,* 42.
[3] Ara CIC kan 692; 1196-1197.
[4] Konċ. Vatikan II, *Dignitatis humanae,* 1.
[5] *Ibid.,* 2.
[6] Konċ. Vatikan II, *Nostra aetate,* 2.
[7] Konċ. Vatikan II, *Dignitatis humanae,* 14.
[8] *Ibid.,* 1.
[9] Konċ. Vatikan II, *Apostolicam actuositatem,* 13.
[10] Konċ. Vatikan II, *Dignitatis humanae,* 1.
[11] Ara Konċ. Vatikan II, *Apostolicam actuositatem,* 13.
[12] Ara Ljun XIII, enċiklika *Immortale Dei;* Piju XI, enċiklika *Quas primas.*
[13] Konċ. Vatikan II, *Dignitatis humanae,* 2.

b'mod ħieles iħaddan il-verità ta' Alla, li hi 'l fuq minn kull ordni f'din id-dinja. Hu għalhekk li "dan id-dritt jinsab ukoll f'dawk li mhumiex jaqdu d-dmir li jfittxu l-verità u jħaddnuha".[1]

2107 Jekk, minħabba xi ċirkostanzi partikulari ta' xi popli, ikun hemm għarfien ċivili speċjali mill-ordni ġuridiku tal-pajjiż għal xi soċjetà reliġjuża partikulari, ikun meħtieġ ukoll li, fl-istess waqt, jingħaraf u jiġi rrispettat id-dritt għal-libertà reliġjuża taċ-ċittadini tal-komunitajiet reliġjużi l-oħra kollha.[2]

2108 Id-dritt għal-libertà reliġjuża la jfisser li wieħed għandu l-permess morali li jħaddan l-iżball[3]u lanqas li l-iżball għandu xi dritt,[4] imma jfisser biss id-id-dritt naturali li għandha l-persuna umana għal-libertajiet ċivili, jiġifieri li l-bniedem ikun ħieles, f'limiti ġusti, minn kull pressjoni fuqu, mis-setgħat politiċi f'dak li għandu x'jaqsam mar-reliġjon. "Dan id-dritt naturali irid ikun magħruf mill-ordni ġuridiku tas-soċjetà b'mod li jitqies bħala dritt ċivili".[5]

2109 Id-dritt għal-libertà reliġjuża fih innifsu ma għandux ikun bla limiti,[6] u lanqas m'għandu jiġi llimitat biss permezz ta' "ordni pubbliku", kif jifhmuh il-pożittivisti u n-naturalisti.[7] Il-"limiti ġusti" li fihom trid tkun imħarsa l-libertà reliġjuża għal kull qagħda soċjali, jiġu ffissati mill-għaqal politiku ta' min imexxi il-pajjiż, skont ma jitlob il-ġid komuni, u ratifikati mill-awtorità ċivili skont "regoli ġuridiċi li jaqblu mal-ordni morali fih innifsu".[8]

## III. "Ma jkollokx Alla ieħor għajri"

2110 L-ewwel kmandament jipprojbixxi li jingħata ġieħ lil allat oħra, imma jingħata ġieħ biss lill-Mulej wieħed li wera lilu nnifsu lill-poplu tiegħu. L-ewwel kmandament jikkundanna s-superstizzjoni, u l-irreliġjon jew in-nuqqas ta' reliġjon. Is-superstizzjoni hi b'xi mod esaġerazzjoni qarrieqa tar-reliġjon. L-irreliġjon huwa vizzju li jmur kontra l-virtù tar-reliġjon għax inaqqasha.

IS-SUPERSTIZZJONI

2111 Is-superstizzjoni hi tgħawwiġ tas-sentiment reliġjuż u tad-devozzjonijiet li jiġu minnu. Is-superstizzjoni nistgħu nsibuha wkoll fl-istess kult li nagħtu lil veru Alla, bħalma meta nagħtu importanza kbira qisu għandu xi qawwa maġika lil xi għemil reliġjuż li fih innifsu hu tajjeb u meħtieġ. Aħna naqgħu fis-superstizzjoni meta fit-talb u s-sagramenti norbtu l-ħidma tagħhom biex ikollhom effett fina ma' dak li jidher biss u ma nqisux id-dispożizzjoni tar-ruħ li jrid ikun hemm.[9]

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Dignitatis humanae,* 2.
[2] *Ibid.*, 6.
[3] Ara Ljun XIII, enċiklika *Libertas praestantissimum.*
[4] Ara Piju XII, diskors tas-6 ta' Diċembru 1953.
[5] Ara Konċ. Vatikan II, *Dignitatis humanae,* 2.
[6] Ara Piju VI il-brevi *Quod aliquantulum.*
[7] Ara Piju IX, enċiklika *Quanta cura.*
[8] Konċ. Vatikan II, *Dignitatis humanae,* 7.
[9] Ara Mt 23,16-22.

L-IDOLATRIJA

2112 L-ewwel kmandament jikkundanna l-*politeiżmu*. L-ewwel kmandament jitlob li l-bniedem ma jemminx f'allat oħra ħlief f'Alla, li ma jqimx allat oħra ħlief lil Alla waħdieni. L-Iskrittura spiss tfakkar li għandna nwarrbu "l-allat tad-deheb u l-fidda, xogħol ta' idejn il-bniedem", allat "li għandhom il-fomm u ma jitkellmux, għandhom l-għajnejn u ma jarawx"... Dawn l-allat fiergħa jagħmluna fiergħa: "Bħalhom ikunu dawk li jagħmluhom, u dawk kollha li jittamaw fihom".[1] fihom".[1] Alla, għall-kuntrarju, hu "Alla l-ħaj"[2] li jagħti l-ħajja u jidħol fil-ġrajja tal-tal-bniedem.

2113 L-idolatrija mhijiex biss il-qima qarrieqa tal-paganiżmu. L-idolatrija hi dejjem tentazzjoni kontra l-fidi, għax twassal biex nagħmlu Alla dak li mhuwiex Alla. Hi idolatrija meta l-bniedem flok lil Alla jagħti ġieħ u qima lil xi ħaġa maħluqa, li tista' tkun xi alla falz jew ix-xitan (is-Sataniżmu) jew xi setgħa, jew xi pjaċir, jew ir-razza, jew l-antenati, jew l-Istat, jew il-flus, u l-bqija. "Ma tistgħux taqdu 'l Alla u lill-flus" *(Mt 6,24)*. Kotra kbira ta' martri mietu biex ma jagħtux qima lill-"Bhima"[3] u saħansitra li jagħmlu ta' birruħhom li qed iqimuha. L-idolatrija tiċħad is-Setgħa waħdanija ta' Alla; għalhekk min iqim allat oħra ma jistax ikun f'għaqda ma' Alla fl-istess ħin.[4]

2114 Il-ħajja tal-bniedem issib is-sħuħija tagħha fl-adorazzjoni ta' Alla wieħed waħdu. Il-kmandament tal-adorazzjoni tal-Mulej waħdu jwassal lill-bniedem biex ikun magħqud fih innifsu bi ħsieb wieħed biss u ħieles milli joqgħod ixerred ħsibijietu biex jara lil min se jqim. L-idolatrija hi tgħawwiġ tas-sentiment reliġjuż li jinsab fil-fond tal-qalb tal-bniedem. Il-bniedem, fil-fond ta' qalbu, għandu fehma ta' Alla li ma tista' titħassar qatt. Min iqim l-allat foloz "ikun qiegħed jagħti din il-fehma li għandu ta' Alla lil kull min ifettillu, ikun xi jkun jew ikun min ikun".[5]

TEĦBIR U SEĦER

2115 Alla seta' jirrivela l-ġejjieni lill-profeti jew lil xi qaddisin oħra. Iżda l-attitudni nisranija vera hi dik li wieħed iqiegħed lilu nnifsu b'fiduċja f'idejn il-Providenza f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġejjieni u jħalli fil-ġenb kull kurżità fiergħa dwar dak li għad jista' jiġri. In-nuqqas ta' ħsieb għall-ġejjieni jista' jkun nuqqas ta' responsabbiltà.

2116 Is-suriet kollha tat-*teħbir* għandhom jitwarrbu: li titlob l-għajnuna tax-Xitan jew ta' xjaten oħra, issejjaħ il-mejtin jew tagħmel kull sura ta' għemil ieħor li bih taħseb li tista' "tikxef" il-ġejjieni;[6] tistħarreġ il-ġejjieni permezz tal-oroskopji, tal-astroloġija, tal-kiromanzija, tara f'xi fatti tħabbir ta' dak li se jiġri jew taqra x-xorti ta' xi ħadd, tinqeda b'dawk li jippretendu li jaraw ċar dak li hu 'l bogħod fiż-żmien u fl-imkien, titlob l-għajnuna ta' dawk li jippretendu li huma mezz biex isiru s-sħarijiet jew biex ikellmu l-mejtin. Dan l-għemil kollu juri li

[1] Salm 115,4-5.8; ara Is 44,9-20; Ġer 10,1-16; Dan 14,1-30; Bar 6; Għerf 13,1-15.19.
[2] Ġoż 3,10; Salm 43,3 u l-bqija.
[3] Ara Apok 13-14.
[4] Ara Gal 5,20; Ef 5,5.
[5] Oriġene, *Contra Celsum*, 2, 40.
[6] Ara Dewt 18,10; Ġer 29,8.

wieħed irid jaħkem iż-żmien, l-istorja, u fl-aħħar l-istess bnedmin, u fl-istess ħin juri x-xewqa li jħabbeb miegħu setgħat moħbija. Dan kollu jmur kontra l-ġieħ u r-rispett li għandu jkollna għal Alla waħdu, flimkien mal-biża' kollha mħabba lejh.

2117 L-għemejjel kollha tas-*seħer* u tal-*magħmul* li bihom wieħed jippretendi li jġiegħel joqogħdu għalih setgħat moħbija biex jaqduh, ħa jkollu setgħa sopranaturali fuq għajru – ukoll biex jagħtih saħħtu – huma kuntrarji b'mod tassew gravi għall-virtù tar-reliġjon. Dan l-għemil hu wisq aktar ta' min jikkundannah meta hemm il-ħsieb li ssir ħsara lil ħaddieħor jew meta jintalab l-indħil tax-xjaten. L-użu tal-amuleti, ta' xi ħaġa li wieħed iġib fuqu biex teħilsu minn xi għajn jew minn xi magħmul, hu wkoll ta' min jistmerru. L-*ispiritiżmu* spiss iħaddan fih teħbir u għemil ta' sħarijiet. Il-Knisja għalhekk twissi lill-Insara biex iħarsu ruħhom minn dan kollu. Mhijiex xi ħaġa tajba u ta' min japprovaha, l-użu ta' xi prattika medika tradizzjonali biex issejjaħ is-setgħat tal-ħażen jew biex tapprofitta mill-kredulità tan-nies.

L-IRRELIĠJON

2118 L-ewwel kmandament ta' Alla jikkundanna wkoll id-dnubiet ewlenin tal-irreliġjon (kontra r-reliġjon): it-tiġrib ta' Alla bil-kliem u bl-għemil, is-sagrileġġ u s-simonija.

2119 *It-tiġrib ta' Alla* hu l-għemil ta' dak li, bi kliemu jew b'għemilu, irid jara jekk Alla huwiex tassew tajjeb u jista' kollox. Ix-xitan ried dan mingħand Ġesù, meta riedu jintefa' minn fuq il-quċċata tat-tempju għal isfel biex hekk iġiegħel 'l Alla jindaħal.[1] Ġesù jwieġeb għal din it-tentazzjoni bil-kelma ta' Alla: "La ġġarrbux lill-Mulej Alla tagħkom" *(Dewt 6,16)*. L-isfida li tħaddan fiha tentazzjoni bħal din tidrob ir-rispett u l-fiduċja li għandu jkollna f'min ħalaqna u hu Sidna. Din it-tentazzjoni dejjem tħaddan fiha dubju dwar l-imħabba, il-providenza u s-setgħa ta' Alla.[2]

2120 Is-*sagrileġġ* hu profanazzjoni jew użu mhux xieraq tas-sagramenti u ta' azzjonijiet liturġiċi oħra, kif ukoll użu mhux xieraq ta' persuni, tagħmir u postijiet ikkonsagrati lil Alla. Is-sagrileġġ hu dnub gravi l-aktar meta hu magħmul kontra l-Ewkaristija għax, f'dan is-sagrament il-ġisem stess ta' Kristu hu preżenti għalina sustanzjalment.[3]

2121 Is-*simonija*[4] hi x-xiri jew il-bejgħ ta' realtajiet spiritwali. San Pietru qal lil lil Xmun is-saħħar, li ried jixtri s-setgħa spiritwali li ra għand l-Appostli: "Alla jeqred flusek u lilek magħhom, ladarba ħsibt li bi flusek tista' tixtri d-don ta' Alla" *(Atti 8,20)*. B'hekk qabel ma' dak li kien qal Ġesù: "B'xejn ħadtu, b'xejn agħtu".[5] Ma jistax ikun li wieħed jagħmel tiegħu l-ġid spiritwali u jqis ruħu bħala sidu jew li hu tiegħu, għaliex il-ġid spiritwali ġej minn Alla: ma nistgħux nirċevuh jekk mhux mingħand Alla, u b'xejn.

---

1 Ara Lq 4,9.
2 Ara 1 Kor 10,9; Eż 17,2-7; Salm 95,9.
3 Ara CIC kan 1367, 1376.
4 Ara Atti 8,9-24.
5 Mt 10,8; ara Is 55,1.

2122 "Barra dak li jiġi ffissat mill-awtorità kompetenti, il-ministru ma għandu jitlob xejn aktar għall-amministrazzjoni tas-sagramenti, u għandu jara dejjem li dawk li huma f'xi ħtieġa ma jiġu qatt imċaħħdin mill-għajnuna tas-sagramenti minħabba l-faqar tagħhom".[1] L-awtorità kompetenti tiffissa "l-ammont tal-offerta" skont il-prinċipju li l-poplu nisrani għandu jipprovdi għall-manteniment tal-ministri tal-Knisja: "Il-ħaddiem ħaqqu ħobżu".[2]

## L-ATEIŻMU

2123 "Ħafna min-nies ta' żmienna bl-ebda mod mhuma qegħdin jintebħu bir-relazzjoni intima u vitali li hemm bejn Alla u l-bniedem, meta ma jaslux ukoll biex jiċħduha apertament. Dan wassal biex l-ateiżmu jitqies bħala wieħed mill-fatti l-aktar serji ta' dan iż-żmien".[3]

2124 Il-kelma "ateiżmu" tfisser għadd ta' fenomeni li huma diversi ħafna minn xulxin. Sura ta' ateiżmu li niltaqgħu spiss magħha hi l-materjaliżmu prattiku li jillimita l-ħtiġijiet u l-ambizzjonijiet kollha tiegħu għall-ispazju u ż-żmien ta' issa. L-umaniżmu ateu jiżbalja għax iqis il-bniedem bħala "fih innifsu l-iskop tiegħu nnifsu, u hu waħdu biss ifassal u jmexxi l-ġrajja tiegħu".[4] Sura oħra ta' ateiżmu ta' żmienna tistenna l-ħelsien tal-bniedem permezz ta' ħelsien ekonomiku u soċjali, ħelsien li, skont din is-sura ta' ateiżmu, ir-reliġjon hi ta' tfixkil għalih, min-natura tagħha stess, għaliex tqiegħed kull tama tal-bniedem fil-ħajja li għad trid tiġi, u hekk tbiegħdu milli jħabrek għall-bini tal-belt tad-dinja.[5]

2125 L-ateiżmu, li ma jaċċettax jew ma jammettix li Alla jeżisti, hu dnub kontra l-virtù tar-reliġjon.[6] Il-ħtija ta' dan id-dnub tista' tonqos ħafna minħabba l-intenzjoni u ċ-ċirkostanzi. "Min jemmen jista' jkollu responsabbiltà mhux żgħira fil-bidu u t-tixrid tal-ateiżmu, meta jittraskura li jitrawwem fil-fidi, jew tingħatalu duttrina mgħawġa tal-fidi, jew jgħix ħajja reliġjuża, morali u soċjali mimlija b'ħafna nuqqasijiet; għal dan ikollna ngħidu li iktar milli juri lill-oħrajn kif inhu tassew Alla u x'inhi r-reliġjon, iħallihom misturin".[7]

2126 L-ateiżmu hu spiss ibbażat fuq fehma qarrieqa tal-awtonomija tal-bniedem, fehma li twassal biex wieħed jirrifjuta għalkollox li jkun jiddependi minn Alla.[8] Iżda "l-għarfien ta' Alla bl-ebda mod ma jmur kontra d-dinjità tal-bniedem, anzi din id-dinjità ssib il-pedament u l-perfezzjoni tagħha f'Alla nnifsu".[9]. Il-Knisja taf li "l-messaġġ tagħha jaqbel ma' dak li hemm moħbi fil-qiegħ l-aktar fond tal-qalb tal-bniedem".[10]

## L-ANJOSTIĊIŻMU

2127 L-anjostiċiżmu hu ta' ħafna suriet. F'xi każi l-anjostiċiżmu ma jkunx irid jiċħad lil Alla, anzi għall-kuntrarju jammetti li hemm xi ħadd traxxendenti, 'il fuq

[1] CIC kan 848.
[2] Mt 10,10; ara Lq 10,7; 1 Kor 9,5-18; 1 Tim 5,17-18.
[3] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 19.
[4] *Ibid.*, 20.
[5] *Ibid.*
[6] Ara Rum 1,18.
[7] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 19.
[8] Ara *ibid.*, 20.
[9] *Ibid.*, 21.
[10] *Ibid.*

mill-bniedem, li ma jistax juri lilu nnifsu, u ħadd ma jista' jkun jaf xejn fuqu. F'każijiet oħra l-anjostiċiżmu ma jgħid xejn dwar jekk hemmx Alla, għax jaħseb li mhux possibbli għall-bniedem li jipprova li hemm Alla u jammetti jew jiċħad lil Alla.

2128 L-anjostiċiżmu xi kultant iħaddan fih it-tfittix ta' Alla, iżda jista' jkun ukoll sura ta' indifferentiżmu, ħarba mill-ħsieb dwar għalfejn fl-aħħar mill-aħħar inħalaq il-bniedem, u għażż tal-kuxjenza morali. L-anjostiċiżmu xi drabi mhuwiex ħlief ateiżmu fil-prattika, imġiba ta' ħajja bħallikieku ma hemmx Alla.

## IV. "Tagħmilx għalik xbihat minquxa ..."

2129 Il-kmandament ta' Alla hu projbizzjoni ta' kull xbieha ta' Alla magħmula minn id il-bniedem. Id-Dewteronomju jfisser dan hekk: "Meta l-Mulej Alla tagħkom kellimkom minn ġon-nar minn fuq il-muntanja Ħoreb, intom ma rajtu ebda xbieha, mela ħarsu rwieħkom li ma titħassrux u tagħmlu xi sura ta' idolu..." *(Dewt 4,15-26)*. Hu Alla, kollu kemm hu traxxendenti, li wera lilu nnifsu lil Israel. "Hu kollox", iżda fl-istess ħin hu "akbar mill-għemejjel tiegħu kollha" *(Sir 43,27-28)*. Hu "l-bidu ta' kull ġmiel" *(Għerf 13,3)*.

2130 Iżda fi żmien it-Testment il-Qadim, Alla ordna jew ippermetta xi xbihat li kellhom iwasslu simbolikament għas-salvazzjoni permezz tal-Verb magħmul bniedem: is-serp tal-bronż,[1] l-Arka tal-Patt u l-kerubini.[2]

2131 Is-seba' Konċilju ekumeniku, li sar f'Niċea (fis-sena 787), bena t-tagħlim tiegħu fuq il-misteru tal-Verb magħmul bniedem, u ġġustifika l-kult tal-ikoni (xbihat qaddisa) ta' Kristu, kif ukoll dawk ta' Omm Alla, tal-anġli u tal-qaddisin kollha. L-Iben ta' Alla, meta sar bniedem, ta bidu għal "ekonomija" ġdida dwar ix-xbihat.

2132 Il-kult nisrani tax-xbihat ma jmurx kontra l-ewwel kmandament, li jipprojbixxi l-idoli. Dan għaliex "il-qima li tingħata lix-xbieha tmur għall-qima ta' Dak li tiegħu hi x-xbieha"[3] u "kull min iqim xi xbieha, ikun qiegħed iqim fiha l-persuna li hi mpinġija fuqha".[4] Il-ġieħ mogħti lix-xbihat imqaddsa hu "venerazzjoni ta' rispett" u mhux adorazzjoni li tingħata biss lil Alla:

> Il-qima tar-reliġjon ma tingħatax lix-xbihat infushom bħallikieku kienu xi realtà imma tqishom fl-aspett tagħhom ta' xbihat li jwassluna għal Alla magħmul bniedem. L-att tal-kult magħmul lil xbieha ma jiqafx fuqha imma jmur fuq ir-realtà li tagħha hi x-xbieha.[5]

## Fil-qosor

---

[1] Ara Num 21,4-9; Għerf 16,5-14; Ġona 3,14-15.
[2] Ara Eż 25,10-22; 1 Slat 6,23-28; 7,23-26.
[3] San Bażilju ta' Ċesarija, *Liber de Spiritu Sancto*, 18, 45: PG 32, 149C.
[4] Konċ. ta' Niċea II: Denzinger-Schonmetzer, 601; ara Konċ. ta' Trento: *Ibid.* 1821-1825; Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum Concilium*, 126; *ibid. Lumen gentium*, 67.
[5] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, 2-2, 81, 3 ad 3.

2133 *"Int għandek tħobb il-Mulej Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u b'moħħok kollu u bil-qawwa tiegħek kollha* (Dewt 6,5)*".*

2134 *L-ewwel kmandament isejjaħ lill-bniedem biex jemmen f'Alla, jittama fih, u jħobbu aktar minn kollox.*

2135 *"Lill-Mulej Alla tiegħek għandek tadura"* (Mt 4,10). *Li tadura 'l Alla, titolbu, toffrilu l-qima li tistħoqqlu, iżżomm il-wegħdiet u l-voti li jsirulu, huma għemejjel tal-virtù tar-reliġjon li juru ubbidjenza għall-ewwel kmandament.*

2136 *Id-dmir li tingħata qima vera lil Alla jolqot 'il-bniedem kemm bħala individwu u kemm bħala membru tas-soċjetà.*

2137 *Il-bniedem "għandu jkun jista' jistqarr b'mod ħieles ir-reliġjon kemm fil-privat u kemm pubblikament*".[1]

2138 *Is-superstizzjoni hi tgħawwiġ tal-qima li nagħtu lil Alla veru, u l-iktar li tidher fl-idolatrija, kif ukoll fil-ħafna suriet ta' teħbir u ta' seħer.*

2139 *It-tiġrib ta' Alla, bil-kliem jew bl-għemil, is-sagrileġġ, is-simonija huma dnubiet ta' irreliġjon ipprojbiti mill-ewwel kmandament.*

2140 *L-ateiżmu, meta jiċħad jew ma jaċċettax li hemm Alla, hu dnub kontra l-ewwel kmandament.*

2141 *Il-kult tax-xbihat imqaddsa hu mibni fuq il-misteru tal-Inkarnazzjoni tal-Verb ta' Alla. Mhuwiex kontra l-ewwel kmandament.*

### It-tieni artiklu

## IT-TIENI KMANDAMENT

La ssemmix l-isem tal-Mulej Alla tiegħek fix-xejn *(Eż 20,7; Dewt 5,11)*.

Smajtu x'intqal lin-nies ta' dari: "Tonqosx mill-wegħda li ħlift… Imma jiena ngħidilkom biex ma taħilfu xejn" *(Mt 5,33-34)*.

### I. Isem il-Mulej hu qaddis

2142 It-tieni kmandament jordnalna *nuru rispett lill-isem tal-Mulej.* Joħroġ, bħall-ewwel kmandament, mill-virtù tar-reliġjon, u b'mod partikulari jirregola l-kliem kollu li ngħidu fuq il-ħwejjeġ qaddisa.

2143 Fost il-ħafna kelmiet tar-Rivelazzjoni hemm kelma waħda, singulari, kelma li hi r-rivelazzjoni tal-Isem ta' Alla. Alla jafda ismu lil dawk li jemmnu fih; jurihom il-misteru tiegħu nnifsu. L-għoti tal-isem jiftiehem f'kuntest tal-kunfidenza u tal-intimità li Alla jrid juri. "L-isem tal-Mulej hu qaddis." Għalhekk

[1] Konċ. Vatikan II, *Dignitatis humanae*, 15.

il-bniedem ma jistax ikażbru. Għandu jżommu f'moħħu fis-skiet ta' adorazzjoni kollha mħabba.[1] Ma jsemmihx fi kliemu jekk mhux biex ibierku, ifaħħru u jigglorifikah.[2]

2144 Il-ġieħ li jingħata lill-isem ta' Alla hu l-ġieħ li jistħoqq lill-misteru ta' Alla nnifsu u ta' dak kollu li hu qaddis u li isem Alla jfakkarna fih. *Is-sens tas-sagru* jiġi mill-virtù tar-reliġjon:

> Is-sentimenti tal-biża' u tas-sagru huma sentimenti nsara jew mhumiex? Hadd ma jista' jiddubitah. Dawn huma s-sentimenti li għandu jkollna, u jkollna b'qawwa tassew kbira, kieku jkollna d-dehra ta' Alla setgħan. Huma s-sentimenti li għandu jkollna jekk "inħossu" li Alla qiegħed magħna. Irid ikollna dawn is-sentimenti daqskemm nemmnu li hu magħna. Jekk ma nħossuhomx, jiġifieri mhux qed nagħrfu li hu magħna.[3]

2145 In-Nisrani jagħti xhieda għall-isem tal-Mulej huwa u jistqarr l-fidi tiegħu bla ma jċedi għall-biża'.[4] Il-predikazzjoni u l-katekeżi jridu jkunu mimlijin b'adorazzjoni u b'rispett għall-isem ta' Sidna Ġesù Kristu.

2146 It-tieni kmandament jipprojbixxi *kull abbuż bl-isem ta' Alla*, jiġifieri kull użu li ma jixraqx lill-isem ta' Alla, ta' Ġesù Kristu, tal-Verġni Marija u tal-qaddisin kollha.

2147 Il-*wegħdiet* magħmulin lil xi ħaddieħor f'isem Alla jimpenjaw il-ġieħ, il-fedeltà, u l-awtorità ta' Alla veru. Iridu jinżammu skont il-ġustizzja. Min jikser wegħdiet bħal dawn ikun qed jabbuża bl-isem ta' Alla u b'xi mod ikun qed juri 'l Alla bħala giddieb.[5]

2148 Id-*dagħa* jmur direttament kontra t-tieni kmandament. Hu kliem kontra Alla – ġewwa fik jew fuq fommok – kliem ta' mibegħda, ta' ċanfir, ta' sfida, kliem li bih tgħid il-ħażin fuq Alla, tonqsu mir-rispett b'dak li bi ħsiebek tagħmel, tabbuża b'isem Alla. San Ġakbu jikkundanna lil "dawk li jżebilħu dan l-Isem (ta' Ġesù) ta' ġieħ li ġie msejjaħ fuqhom" *(Ġak 2,7)*. Il-projbizzjoni tad-dagħa tħaddan ukoll id-dagħa kontra l-Knisja ta' Kristu, kontra l-qaddisin, u kontra kull ħaġa qaddisa. Hu dagħa wkoll jekk f'isem Alla taħbi għemil kriminali, tjassar il-ġnus, tittortura jew toqtol. L-abbuż tal-isem ta' Alla biex tagħmel xi ħaġa ħażina tista' twassal lil ħaddieħor biex jiċħad il-virtù tar-reliġjon.

Id-dagħa hu kontra r-rispett li jistħoqq lil Alla u lill-isem qaddis tiegħu. Minnu nnifsu hu dnub gravi.[6]

2149 Il-*ħalf* bl-isem ta' Alla, bla ħsieb ta' dagħa, hu nuqqas ta' rispett lejn il-Mulej. It-tieni kmandament jipprojbixxi wkoll *l-użu maġiku* tal-isem ta' Alla.

> L-isem hu kbir meta jitlissen bir-rispett li jixraq lill-kobor u s-setgħa tiegħu. L-isem ta' Alla hu qaddis meta jitlissen bil-qima u bil-biża' li se toffendih.[7]

---

[1] Ara Żak 2,17.
[2] Ara Salm 29,2; 96,2; 113,1-2.
[3] John Henry Newman, *Parochial and plain sermons*, 5,2, pp.21-22.
[4] Ara Mt 10,32; 1 Tim 6,12.
[5] Ara 1 Ġw 1,10.
[6] Ara CIC kan 1369.
[7] Santu Wistin, *De sermone Domini in monte*, 2, 45, 19: PL 34, 1278.

## II. L-Isem ta' Alla msemmi fil-batal

2150 It-tieni kmandament *jipprojbixxi l-ġuramenti foloz.* Tieħu ġurament jew taħlef ifisser issejjaħ 'l Alla bħala xhud tal-verità ta' dak li tgħid. Tkun qed issejjaħ lil Alla li hu s-sewwa bħala rahan tas-sewwa ta' dak li qed tgħid. Il-ġurament jimpenja l-isem ta' Alla: "Tibża' mill-Mulej Alla tiegħek, lilu sservi u taħlef b'ismu" *(Dewt 6,13)*.

2151 Li ma tiħux ġurament falz hu dmir lejn Alla. Bħala Ħallieq u Mulej, Alla hu r-regola ta' kull verità. Kliem il-bniedem jista' jaqbel jew ma jaqbilx ma' Alla, li hu l-istess Verità. Jekk f'ġurament il-kliem hu minnu u jista' jingħad, il-ġurament juri li hemm qbil bejn il-kelma tal-bniedem u l-verità ta' Alla. Ġurament falz isejjaħ 'l Alla bħala xhud ta' gidba.

2152 *Jaħlef fil-falz* min, b'ġurament, jagħmel xi wegħda jew promessa li ma għandux ħsieb iżomm, jew, wara li jkun wiegħed xi ħaġa b'ġurament, ma jagħmilhiex. Min jaħlef fil-falz jonqos b'mod gravi mir-rispett li jistħoqq lill-Mulej li dejjem iżomm kelmtu. Ġurament li bih tintrabat li tagħmel xi ħaġa ħażina hu kontra l-qdusija tal-isem ta' Alla.

2153 Ġesù fisser it-tieni kmandament fid-Diskors tal-Muntanja: "Smajtu x'intqal lin-nies ta' dari: Tonqosx mill-wegħda li ħlift… Imma jien ngħidilkom biex ma taħilfu xejn… Ħa jkun id-diskors tagħkom, 'Iva, iva' 'Le, le': kulma hu iżjed minn hekk, ikun ġej mill-Ħażin".[1] Ġesù jgħallem li kull ġurament hu sejħa lil Alla, u li l-preżenza ta' Alla u tal-verità tiegħu għandhom jiksbu ġieħ b'kull kelma. Jekk għandna nuru rispett għall-preżenza ta' Alla fostna, hekk ukoll irridu nuru għaqal meta nsejħu 'l Alla b'ġurament, għax b'kull kelma li ngħidu nistgħu jew nagħtu xhieda ta' Alla jew inkella nżebilħuh.

2154 Wara dak li kiteb San Pawl,[2] it-Tradizzjoni tal-Knisja fehmet li kliem Ġesù ma kienx kuntrarju għall-ġurament f'ħaġa gravi u ġusta (quddiem qorti, biex insemmu eżempju). "Il-ġurament, jiġifieri is-sejħa tal-isem ta' Alla bħala xhud tal-verità, ma jistax jittieħed jekk mhux dwar xi verità, bl-għaqal kollu, u skont il-ġustizzja".[3]

2155 Il-qdusija tal-isem ta' Alla titlob li isem Alla ma jintużax għall-ħwejjeġ fiergħa u lanqas li jittieħed ġurament f'ċirkostanzi li jagħtuk x'taħseb li b'hekk tkun qed tiġi approvata s-setgħa ta' min ma għandux dritt jitlob il-ġurament. Meta l-ġurament jintalab minn awtoritajiet ċivili li mhumiex leġittmi, jista' jiġi rrifjutat. Għandu jiġu rrifjutat jekk jintalab għal xi skop kuntrarju għad-dinjità tal-persuna jew kuntrarju għall-għaqda fil-Knisja.

## III. L-isem nisrani

[1] Mt 5,33-34.37; ara Ġak 5,12.
[2] Ara 2 Kor 1,23; Gal 1,20.
[3] CIC kan 1199 §1.

2156 Il-Magħmudija tingħata "fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu" *(Mt 28,19)*. Fil-Magħmudija, l-isem tal-Mulej iqaddes il-bniedem, u n-Nisrani jirċievi ismu mingħand il-Knisja. Dan l-isem jista' jkun l-isem ta' xi qaddis, jiġifieri ta' xi dixxiplu li għex ħajja ta' fedeltà eżemplari lejn il-Mulej. Il-patroċinju ta' qaddis hu mudell ta' mħabba u jiżgura t-talb tiegħu. "L-isem mogħti fil-Magħmudija" jista' jfisser ukoll xi misteru nisrani jew xi virtù nisranija. "Il-ġenituri, il-parrini u l-kappillan għandhom jaraw li ma jingħatax xi isem li jkun barrani għat-tifsir nisrani".[1]

2157 In-Nisrani jibda l-ġurnata tiegħu, it-talb tiegħu, għemilu kollu bir-radd tas-salib, "fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Ammen." Min hu mgħammed joffri l-ġurnata tiegħu għall-glorja ta' Alla u jitlob l-għajnuna tal-grazzja tal-Feddej biex ikun jista' jġib ruħu fl-Ispirtu bħala wieħed minn ulied Alla l-Missier. Is-sinjal tas-salib iqawwina fid-diffikultajiet u t-tentazzjonijiet li jkollna.

2158 Alla jsejjaħ lil kull wieħed minna b'ismu.[2] L-isem ta' kull bniedem hu mqaddes. L-isem hu l-ikona tal-persuna. Jitlob rispett, bħala sinjal tad-dinjità tal-persuna li għandha dan l-isem.

2159 L-isem mogħti hu isem għal dejjem. Fis-Saltna, il-karattru misterjuż u uniku ta' kull persuna mmarkata bl-isem ta' Alla, jiddi bid-dija kollha: "Lir-rebbieħ nagħtih... ċagħka bajda b'isem ġdid minqux fuqha li ħadd ma jkun jafu ħlief min jirċeviha" *(Apok 2,17)*. "Imbagħad ħarist u rajt il-Ħaruf wieqaf fuq il-muntanja Sijon u miegħu erbgħa u erbgħin elf ruħ, li kellhom ismu u isem Missieru miktub fuq ġbinhom" *(Apok 14,1)*.

## Fil-qosor

2160 *"Mulej Sid tagħna kemm hu kbir ismek fl-art kollha"* (Salm 8,2).

2161 *It-tieni kmandament jordnalna nirrispettaw isem il-Mulej. Isem il-Mulej hu qaddis.*

2162 *It-tieni kmandament jipprojbixxi kull użu mhux xieraq tal-isem ta' Alla. Id-dagħa hu l-użu b'mod offensiv tal-isem ta' Alla, ta' Ġesù Kristu, tal-Verġni Marija, u tal-qaddisin kollha.*

2163 *Il-ġurament falz isejjaħ 'l Alla bħala xhud ta' gidba. Il-ħalf fil-falz hu nuqqas gravi lejn il-Mulej, li qatt ma jonqos mill-wegħdiet tiegħu.*

2164 *"Taħlifx la bil-Ħallieq u lanqas bil-ħlejjaq, jekk mhux dwar verità, għal xi ħtieġa, u b'qima".[3]*

2165 *Fil-Magħmudija n-Nisrani jingħatalu isem fil-Knisja. Il-ġenituri, il-parrini u l-kappillan iridu jaraw li jingħatalu isem nisrani. Il-patroċinju tal-qaddis hu mudell ta' mħabba u jiżgura t-talb tiegħu.*

[1] CIC kan 855.
[2] Ara Is 43,1; Ġw 10,3.
[3] San Injazju ta' Loyola, *Eżerċizzi spiritwali,* 38.

2166 *In-Nisrani jagħti bidu għat-talb u l-għemil tiegħu billi jrodd is-salib: "Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu".*

2167 *Alla jsejjaħ lil kull wieħed b'ismu.*[1]

**It-tielet artiklu**

## IT-TIELET KMANDAMENT

> "Ftakar f'jum is-Sibt u qaddsu. Sitt ijiem taħdem u tagħmel kulma għandek tagħmel, imma s-seba' jum hu jum il-mistrieħ f'ġieħ il-Mulej Alla tiegħek. Dak inhar ma tagħmel ebda xogħol".[2]
>
> Is-Sibt kien magħmul għall-bniedem u mhux il-bniedem għas-Sibt. Għalhekk Bin il-bniedem tas-Sibt ukoll huwa s-sid *(Mk 2,27-28)*.

### I. Jum is-Sibt

2168 It-tielet kmandament tad-Dekalogu jfakkar il-qdusija tas-Sibt: "Is-seba' jum hu s-Sibt tal-mistrieħ, jum qaddis għall-Mulej" *(Eż 31,15)*.

2169 L-Iskrittura hawn *tfakkar il-ħolqien*. "F'sitt ijiem il-Mulej għamel is-smewwiet u l-art, il-baħar u kulma hemm fihom, u strieħ fis-seba' jum. Għalhekk il-Mulej bierek is-seba' jum u qaddsu" *(Eż 20,11)*.

2170 L-Iskrittura f'jum il-Mulej tara wkoll *it-tifkira tal-ħelsien ta' Israel* mill-jasar tal-Eġittu: "Ftakar li int kont ilsir fl-art tal-Eġittu, u l-Mulej Alla tiegħek ħarġek minn hemm b'id qawwija u bi driegħ merfugħ: għalhekk il-Mulej Alla tiegħek ordnalek tħares jum is-Sibt" (*Dewt 5,15*).

2171 Alla ried jafda lil Israel jum is-Sibt biex iħarsu bħala *sinjal tal-Patt* li ma jitħassar qatt.[3] Is-Sibt hu jum il-Mulej, imqaddes għat-tifħir ta' Alla, tal-ħolqien tiegħu, u tal-għemejjel tiegħu għas-salvazzjoni ta' Israel.

2172 L-għemil ta' Alla hu mudell għall-għemil tal-bniedem. Jekk Alla "straħ" fis-seba' jum *(Eż 31,17)*, il-bniedem ukoll għandu "jieqaf mix-xogħol" u jħalli lill-oħrajn, l-aktar il-foqra, "jieħdu r-ruħ" *(Eż 23,12)*. Is-Sibt iwaqqaf ix-xogħol ta' kuljum u jagħti ftit tan-nifs. Hu jum ta' protesta kontra l-jasar tax-xogħol u l-qima tal-flus.[4]

2173 L-Evanġelju jsemmi ħafna inċidenti li fihom Ġesù ġie mixli li kien qiegħed jikser il-liġi tas-Sibt. Iżda Ġesù qatt ma naqas milli jqaddes jum is-Sibt.[5] Hu jagħti t-tifsir veru lis-Sibt bl-awtorità kollha tiegħu: "Is-Sibt kien magħmul

[1] Ara Is 43,1.
[2] Eż 20,8-10; ara Dewt 5,12-15.
[3] Ara Eż 31,16.
[4] Ara Neħ 13,15-22; 2 Kron 36,21.
[5] Ara Mk 1,21; Ġw 9,16.

għall-bniedem, u mhux il-bniedem għas-Sibt" *(Mk 2,27)*. Kollu mogħdrija, Ġesù jippermetti biex "f'jum is-Sibt tagħmel il-ġid u mhux id-deni, issalva ħajja u mhux toqtolha".[1] Is-Sibt hu jum il-Mulej tal-ħniena u tal-ġieħ ta' Alla.[2] "Bin il-bniedem tas-Sibt ukoll huwa s-sid" *(Mk 2,28)*.

## II. Jum il-Mulej

> Dan hu l-jum li għamel il-Mulej, ħa nifirħu u nithennew fih *(Salm 118,24)*.

JUM IL-QAWMIEN MILL-IMWIET: IL-ĦOLQIEN ĠDID

2174 Ġesù qam mill-imwiet 'fl-ewwel jum tal-ġimgħa".[3] Bħala "l-ewwel jum", jum il-qawmien ta' Kristu mill-imwiet ifakkar l-ewwel ħolqien. Bħala "t-tmien jum" li jiġi wara s-Sibt[4] ifisser il-ħolqien ġdid mibdi bil-qawmien ta' Kristu mill-imwiet. Għall-Insara sar l-ewwel jum tal-jiem kollha, l-ewwel fost il-festi kollha, il-Ħadd, jum il-Mulej *("Hè kuriakè hèmera" "dies dominica")*:

> Ninġabru lkoll f'Jum ix-Xemx għaliex dan hu l-ewwel jum (wara s-Sibt tal-Lhud imma xorta l-ewwel jum) li fih Alla neħħa d-dlam u l-baħħ, u ħalaq id-dinja, u għaliex hu l-jum li fih Ġesù Kristu, is-Salvatur tagħna, qam mill-imwiet.[5]

IL-ĦADD – IL-MILJA TAS-SIBT

2175 Il-Ħadd jingħażel espressament mis-Sibt u, fiż-żmien, jiġi warajh kull ġimgħa; għall-Insara jieħu l-post tal-obbligu tas-Sibt li fih, skont l-Iskrittura, kellhom isiru ċerimonji ritwali. Fl-Għid ta' Kristu, il-Ħadd temm il-verità spiritwali tas-Sibt Lhudi u ħabbar il-mistrieħ ta' dejjem tal-bniedem f'Alla. Dan għaliex il-kult tal-liġi ħejja l-misteru ta' Kristu, u dak li kienet titlob il-liġi li jsir kien xbieha ta' xi aspetti ta' Kristu :[6]

> Dawk li kienu jgħixu skont l-ordni tal-ħwejjeġ qodma waslu għal tama ġdida, ma ħarsux aktar is-Sibt imma ħarsu jum il-Mulej, li fih ħajjitna hi mbierka minnu u mill-mewt tiegħu.[7]

2176 Iċ-ċelebrazzjoni tal-Ħadd tħares il-kmand morali li hemm fin-natura tal-bniedem miktub f'qalbu, jiġifieri li "jingħata lil Alla kult minn barra, li jidher, pubbliku, u regulari bħala sinjal tal-ġid universali li Alla ta lill-bnedmin kollha".[8] Il-kult tal-Ħadd itemm il-kmandament morali tal-Patt il-Qadim, li tiegħu ħa r-ritmu u l-ispirtu meta kull ġimgħa jiċċelebra l-Ħallieq u l-Feddej tal-poplu tiegħu.

L-EWKARISTIJA F'JUM IL-ĦADD

2177 Iċ-ċelebrazzjoni kull nhar ta' Ħadd tal-Jum u tal-Ewkaristija tal-Mulej hi fil-qalba tal-ħajja tal-Knisja. "Il-Ħadd, il-jum li fih, bi tradizzjoni li ġejja mill-

---

[1] Ara Mk 3,4.
[2] Ara Mt 12,5; Ġw 7,23.
[3] Mt 28,1; Mk 16,2; Lq 24,1; Ġw 20,1.
[4] Ara Mk 16,1; Mt 28,1.
[5] San Ġustinu, *Apologia* 1, 67.
[6] Ara 1 Kor 10,11.
[7] San Injazju ta' Antjokja, *Epistula ad Magnesios*, 9, 1.
[8] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, 2-2, 122, 4.

Appostli, jiġi ċċelebrat il-misteru tal-Għid, għandu jiġi mħares fil-Knisja kollha bħala jum ewlieni ta' festa kmandata".[1]

> "Għandhom ukoll jiġu mħarsa l-jiem tal-Milied, tal-Epifanija, tat-Tlugħ tal-Mulej fis-sema, tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, tal-Maternità ta' Marija, tat-Tnissil tagħha bla tebgħa u meta Ġiet Imtellgħa fis-sema, ta' San Ġużepp, tal-Appostli San Pietru u San Pawl, u tal-Qaddisin kollha.[2]

2178 Din id-drawwa tal-ġemgħa tal-Insara f'jum il-Mulej ġejja minn żmien l-Appostli.[3] L-Ittra lil-Lhud tfakkar dan: "Ma ninqatgħux mil-laqgħat tagħna flimkien, kif ħadu d-drawwa jagħmlu xi wħud: agħmlu l-qalb lil xulxin" *(Lh 10,25)*.

> It-Tradizzjoni żammet it-tifkira ta' eżortazzjoni li għadha tgħodd sal-lum: "Ħaffu lejn il-Knisja, ersqu lejn il-Mulej u stqarru dnubietkom u indmu waqt it-talb ...Ħudu sehem fil-liturġija qaddisa u divina, temmu t-talba tagħha, u titilqux qabel tintbagħtu. Spiss għednielkom: dan il-jum ingħatalkom għat-talb u għall-mistrieħ. Hu l-jum li għamel il-Mulej. Nifirħu u nithennew fih.[4]

2179 *Il-parroċċa* hi komunità preċiża ta' Nsara, imwaqqfa b'mod stabbli fi Knisja partikulari, u fiha l-kura pastorali hi fdata lill-kappillan, bħala ragħaj proprju tagħha, taħt l-awtorità tal-isqof djoċesan.[5] Hi l-post fejn l-Insara kollha jistgħu jinġabru għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija f'jum il-Ħadd. Il-parroċċa ddaħħal il-poplu nisrani fiċ-ċelebrazzjoni ordinarja tal-ħajja liturġika tagħha: tiġbru għal din iċ-ċelebrazzjoni, tgħallmu d-duttrina tas-salvazzjoni ta' Kristu, tagħti xhieda tal-imħabba ta' Kristu b'għemejjel tajba u ta' mħabba bejn l-aħwa:

> Int ma tistax titlob id-dar kif titlob fil-knisja fejn ikun hemm għadd kbir tal-aħwa, fejn l-għajta lil Alla toħroġ qisha minn qalb waħda. Hemm xi ħaġa aktar, hemm l-għaqda tal-ispirti, il-ftehim bejn l-erwieħ, ir-rabta tal-imħabba, it-talb tas-saċerdoti.[6]

## L-OBBLIGU TAL-ĦADD

2180 Il-preċett tal-Knisja jgħidilna kif inħarsu b'mod preċiż din il-liġi tal-Mulej: "Fil-Ħdud u fil-ġranet l-oħra kmandati l-Insara għandhom jissieħbu fil-Quddiesa".[7] "Jissodisfa għall-preċett tat-tisħib fil-Quddiesa, min jieħu sehem f'Quddiesa ċelebrata skont ir-rit Kattoliku nhar il-festa stess jew filgħaxija tal-jum ta' qabel".[8]

2181 Iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija f'jum il-Ħadd hi l-pedament u t-twettiq tal-ħajja nisranija kollha. Hu għalhekk li l-Insara huma obbligati jissieħbu fl-Ewkaristija fil-festi kmandati, sakemm mhumiex skużati minħabba xi raġuni gravi bħalma hu l-mard, il-ħsieb tat-trabi u tat-tfal żgħar, jew huma dispensati mill-kappillan proprju tagħhom.[9] Dawk li jonqsu minn dan id-dmir għax iridu, jagħmlu dnub gravi.

---

[1] CIC kan 1246 §1.
[2] *Ibid.*
[3] Ara Atti 2,42-46; 1 Kor 11,17.
[4] Kittieb mhux magħruf, *Sermo de die dominica:* PG 86/1, 416C, 421C
[5] CIC kan 515 §1.
[6] San Ġwann Griżostmu, *De incomprehensibili Dei natura seu contra Anomaeos, 3, 6:* PG 48, 725D.
[7] CIC kan 1247.
[8] *Ibid.*, kan 1248 §1.
[9] Ara *ibid.*, kan 1245.

2182 Għan-Nisrani, it-tisħib fiċ-ċelebrazzjoni komunitarja tal-Ewkaristija hu xhieda li hu ta' Kristu u tal-Knisja tiegħu, u hu fidil lejhom. B'dan it-tisħib l-Insara jagħtu xhieda tal-għaqda tagħhom fil-fidi u l-imħabba. Jagħtu xhieda flimkien tal-qdusija ta' Alla u tat-tama tagħhom fis-salvazzjoni. Iwettqu lil xulxin, immexxijin mill-Ispirtu s-Santu.

2183 Meta m'hemmx saċerdoti, jew meta għal xi raġuni oħra gravi ma jkunx possibbli t-tisħib fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija, jaqbel ħafna li l-Insara jissieħbu fiċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija tal-Kelma, jekk ikun hemm, fil-knisja tal-parroċċa jew f'xi post mqaddes ieħor, u ċ-ċelebrazzjoni ssir skont id-direttivi mogħtijin mill-isqof djoċesan, jew inkella jingħataw għat-talb għal żmien xieraq weħidhom jew mal-familja jew, jekk ikun hemm okkażjoni, fi grupp ta' familji.[1]

JUM TA' GRAZZJA U TA' MISTRIEĦ MIX-XOGĦOL

2184 Bħalma Alla "waqaf fis-seba' jum mix-xogħol kollu li kien għamel" *(Ġen 2,2)*, hekk il-ħajja tal-bniedem għandha tkun imqassma f'ħin ta' xogħol u ta' mistrieħ. L-istituzzjoni ta' jum il-Mulej tgħin biex kulħadd igawdi żmien ta' mistrieħ u ta' rikreazzjoni biżżejjed, biex ikun jista' jieħu ħsieb xieraq tal-ħajja tiegħu familjari, kulturali, soċjali u reliġjuża.[2]

2185 Fil-Ħdud u l-btajjel l-oħra ta' preċett, l-Insara għandhom ifittxu li ma jagħmlux xogħol jew attivitajiet oħra li ma jħalluhomx jagħtu qima lil Alla, igawdu l-ferħ proprju ta' jum il-Mulej, jagħmlu għemejjel ta' ħniena, u jiksbu mistrieħ xieraq għar-ruħ u l-ġisem.[3] Il-ħtiġijiet tal-familja jew ħtieġa soċjali kbira kbira huma raġunijiet leġittmi biex jiskużaw mill-ħarsien tal-mistrieħ tal-Ħadd. Iżda l-Insara jridu joqogħdu attenti biex dawn ir-raġunijiet leġittmi ma jwasslux għal drawwiet li jkunu ta' ħsara għar-reliġjon, għall-ħajja tal-familja, u għas-saħħa.

> L-imħabba għall-verità titlob rikreazzjoni qaddisa, waqt li l-ħtieġa tal-imħabba taċċetta xogħol li hu ġust.[4]

2186 Jalla l-Insara li għandhom il-ħin liberu tagħhom, jiftakru f'dawk ħuthom li għandhom bħalhom l-istess ħtiġijiet u l-istess drittijiet imma ma jistgħux jistrieħu minħabba l-faqar u l-miżerja tagħhom. Il-Ħadd hu tradizzjonalment il-jum li fih, permezz tat-tjieba nisranija, isiru għemejjel ta' ġid u servizz umli mal-morda, ma' min hu batut, u mal-anzjan. L-Insara jqaddsu jum il-Mulej ukoll meta jiddedikaw il-ħin u l-ħsibijiet tagħhom għall-familja u għall-qraba, għemil li ma tantx ikunu jistgħu jagħmlu matul il-ġimgħa. Il-Ħadd hu jum ta' riflessjoni, ta' skiet, ta' kultura u ta' meditazzjoni, ta' dak kollu li jgħin għall-kobor tal-ħajja tar-ruħ, għall-ħajja nisranija.

2187 It-tqaddis tal-Ħadd u tal-ġranet l-oħra ta' festa jitlob sforz minn kulħadd flimkien. Kull Nisrani għandu jfittex li ma jitlobx bla bżonn minn ħaddieħor kulma jista' jfixklu milli jħares jum il-Mulej. Meta xi drawwiet (l-isport, ir-ristoranti, u l-bqija) jew xi ħtiġijiet soċjali (servizzi pubbliċi, u l-bqija) jitolbu xogħol f'jum il-Ħadd, tibqa' r-responsabbiltà li wieħed ifittex li jkollu xi ħin

[1] Ara CIC kan 1248 §2.
[2] Ara Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 67.
[3] Ara CIC kan 1247.
[4] Santu Wistin, *Il-Belt ta' Alla*, 19, 19.

liberu. L-Insara għandhom jaraw, bi spirtu ta' rażan u ta' mħabba, li jiġu evitati l-esaġerazzjonijiet u l-vjolenza li spiss isiru waqt rikreazzjonijiet li għalihom jinġabru folol kbar ta' nies. Minkejja l-ħtiġijiet ekonomiċi, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jiżguraw liċ-ċittadini kollha żmien ta' mistrieħ u żmien għall-qima lil Alla. L-istess obbligu għandhom dawk li jħaddmu, ma' dawk li jaħdmulhom.

2188 L-Insara, waqt li jirrispettaw il-libertà reliġjuża u l-ġid komuni ta' kulħadd, għandhom ifittxu li jum il-Ħadd u l-jiem tal-festi tal-Knisja jkunu ġranet ta' vaganza pubblika. Għandhom jagħtu lil kulħadd eżempju pubbliku ta' talb, ta' rispett u ta' ferħ, u jiddefendu t-tradizzjonijiet tagħhom bħala kontribut mill-aqwa għall-ħajja spiritwali tal-ġens kollu tal-bnedmin. Jekk il-liġijiet ta' xi pajjiż jew xi raġunijiet oħra jobbligaw għax-xogħol f'jum il-Ħadd, wieħed għandu jgħix dan il-jum, minkejja kollox, bħala jum il-ħelsien tagħna li jwassalna biex nissieħbu "f'ġemgħa ferrieħa", fil-"ġemgħa tal-ulied ewlenin li isimhom hu miktub fis-sema" *(Lh 12,22-23)*.

## Fil-qosor

2189 *"Ħares jum is-Sibt u qaddsu"* (Dewt 512). *"Is-Seba' jum hu s-Sibt tal-mistrieħ, jum qaddis għall-Mulej"* (Eż 31,15).

2190 *Is-Sibt li kien iħabbar it-tmiem tal-ewwel ħolqien, ħadlu postu l-Ħadd li jfakkar il-ħolqien ġdid, mibdi bil-qawmien ta' Kristu mill-imwiet.*

2191 *Il-Knisja tiċċelebra jum il-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet fit-tmien jum li bir-raġun kollu jissejjaħ Jum il-Mulej* ("dies dominica") *jew il-Ħadd.*[1]

2192 *"Il-Ħadd... għandu jkun imħares fil-Knisja kollha bħala l-jum ewlieni ta' festa kmandata".*[2] *Fil-Ħdud u fil-festi kmandati kollha l-Insara huma fid-dmir li jissieħbu fil-Quddiesa.*[3]

2193 *Fil-Ħdud u fil-festi kmandati kollha l-Insara għandhom jevitaw ix-xogħol u kull ħaġ'oħra li tista' tkun ta' tfixkil għall-qima ta' Alla, għall-ferħ proprju ta' jum il-Mulej, u għall-mistrieħ xieraq tal-ġisem u tar-ruħ.*[4]

2194 *L-istituzzjoni tal-Ħadd tgħin biex "kulħadd ikollu żmien ta' mistrieħ u ta' rikreazzjoni li jippermettulu jġib 'il quddiem il-ħajja tiegħu familjari, kulturali, soċjali u reliġjuża".*[5]

2195 *Kull Nisrani għandu jevita li jimponi fuq ħaddieħor dak li jista' jtellfu milli jħares Jum il-Mulej.*

[1] Ara Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 106.
[2] CIC kan 1246 §1.
[3] *Ibid.* kan 1247.
[4] *Ibid.*, kan 1247.
[5] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 67.

### IT-TIENI KAPITLU

# "ĦOBB 'L GĦAJREK BĦALEK INNIFSEK"

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Ħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien" *(Ġw 13,34).*

2196 Bi tweġiba għall-mistoqsija dwar liema kien l-ewwel kmandament, Ġesù qal: "Isma' Israel: il-Mulej, Alla tagħna, Mulej wieħed hu, u int għandek tħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, b'moħħok kollu, u bil-qawwa tiegħek kollha. U t-tieni hu dan: Ħobb lil għajrek bħalek innifsek. Ma hemmx kmandament ieħor akbar minn dawn" *(Mk 12, 29-31)*.

L-Appostlu San Pawl ifakkarna: "Kull min iħobb, ikun iħares il-bqija tal-liġi. Għax il-kmandamenti: 'La tagħmilx adulterju, la toqtolx, la tisraqx, la tkunx rgħib' u kull preċett ieħor, hu liema hu, kollha jinġabru f'kelma waħda: 'Ħobb il-proxxmu tiegħek bħalek innifsek'. L-imħabba ma tagħmilx deni lill-proxxmu; mela l-imħabba hi l-milja tal-liġi" *(Rum 13, 8-10)*.

### Ir-raba' artiklu

## IR-RABA' KMANDAMENT

Weġġaħ lil missierek u 'l ommok sabiex jitkattru jiemek fuq l-art li l-Mulej Alla tiegħek, jagħtik *(Eż 20,12)*.

Kien jobdihom *(Lq 2,51).*

Il-Mulej Ġesù stess ifakkarna fil-qawwa ta' dan "il-kmandament ta' Alla" *(Mk 7,8-13)*. L-Appostlu jgħallem: "Intom it-tfal, isimgħu mill-ġenituri tagħkom, dan hu sewwa. 'Weġġaħ 'il missierek u 'l ommok' dan hu l-ewwel kmandament b'wegħda 'sabiex ikollok ir-risq u jtul għomrok fuq l-art'".[1]

2197 Ir-raba' kmandament jibda t-tieni tavla tal-Liġi: jindikalna l-ordni tal-imħabba. Alla ried li warajh nagħtu ġieħ l-ewwel lill-ġenituri tagħna għax mingħandhom ħadna l-ħajja u huma għarrfulna 'l Alla. Aħna fid-dmir li nagħtu ġieħ u nirrispettaw lil dawk kollha li Alla, għall-ġid tagħna, libbishom bl-awtorità tiegħu.

2198 Dan il-kmandament ifisser b'mod pożittiv id-dmirijiet li għandna nagħmlu. Iħabbar il-kmandamenti li ġejjin, li huma dwar ir-rispett partikulari tal-ħajja, taż-żwieġ, tal-ġid materjali, u tal-kelma. Huwa wieħed mill-pedamenti tad-duttrina soċjali tal-Knisja.

2199 Ir-raba' kmandament jitkellem espressament mal-ulied fuq ir-relazzjonijiet tagħhom ma' missierhom u ommhom, billi din ir-relazzjoni hi l-iktar waħda universali. Jittratta wkoll dwar ir-rapporti li għandu jkun hemm

[1] Ef 6,1-3; ara Dewt 5,16.

bejn dawk li jiġu minn xulxin, li huma tal-istess familja. Jitlob li jingħata ġieħ, imħabba, ħajr lin-nanniet u lill-antenati. Iħaddan ukoll id-dmirijiet tal-istudenti lejn l-għalliema tagħhom, tal-impjegati lejn min iħaddimhom, tas-subordinati lejn is-superjuri tagħhom, taċ-ċittadini lejn pajjiżhom, lejn min imexxihom jew jiggvernahom.

Dan il-kmandament jolqot ukoll u jsemmi indirettament id-dmirijiet tal-ġenituri, tat-tuturi, tas-surmastrijiet, tal-kapijiet, tal-maġistrati, ta' dawk li jiggvernaw, ta' dawk kollha li għandhom xi awtorità fuq xi ħadd jew fuq xi komunità ta' persuni.

2200 Il-ħarsien tar-raba' kmandament għandu l-premju tiegħu: "Weġġaħ lil missierek u 'l ommok, sabiex jitkattru jiemek fuq l-art li l-Mulej Alla tiegħek jagħtik".[1] Il-ħarsien ta' dan il-kmandament, flimkien mal-ġid spiritwali, jagħti wkoll il-ġid temporali tas-sliem u tal-prosperità. Għall-kuntrarju, in-nuqqas ta' ħarsien ta' dan il-kmandament iġib miegħu ħsarat kbar għall-komunitajiet u għall-persuni.

## I. Il-familja fil-pjan ta' Alla

IN-NATURA TAL-FAMILJA

2201 Il-komunità taż-żwieġ titwaqqaf bil-kunsens taż-żewġ għarajjes. Iż-żwieġ u l-familja huma għall-ġid taż-żewġ miżżewġin u għat-tnissil u l-edukazzzjoni tal-ulied. L-imħabba tal-miżżewġin u t-tnissil tal-ulied joħolqu bejn il-membri tal-istess familja għadd ta' relazzjonijiet personali u responsabbiltajiet ta' importanza kbira.

2202 Raġel u mara miżżewġin, flimkien ma' wliedhom, jagħmlu familja. Dan jiġi qabel kull għarfien tal-familja mill-awtorità ċivili, li hi fid-dmir li taċċetta dan il-fatt. Wieħed għandu jqis il-familja bħala ħaġa normali, u għandhom jitqiesu u jiġu apprezzati s-suriet kollha ta' relazzjonijiet bejn il-qraba b'referenza għaliha.

2203 Meta Alla ħalaq ir-raġel u l-mara, waqqaf il-familja tal-bniedem u żejjinha b'kostituzzjoni fundamentali. Il-membri tal-familja huma persuni ndaqs fid-dinjità tagħhom. Għall-ġid tal-membri kollha tal-familja u għall-ġid tas-soċjetà, il-familja għandha għadd ta' responsabbiltajiet, ta' dmirijiet u ta' drittijiet.

IL-FAMILJA NISRANIJA

2204 "Il-familja nisranija titfa' dawl partikulari fuq l-għaqda tal-Knisja, u fl-istess ħin tagħtiha sura konkreta; minħabba f'hekk il-familja tista' u għandha tissejjaħ *knisja tad-dar*".[2] Hi komunità ta' fidi, ta' tama u ta' mħabba; għandha importanza singulari fi ħdan il-Knisja, kif jurina t-Testment il-Ġdid.[3]

---

[1] Eż 20,12; ara Dewt 5,16.
[2] Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Familiaris consortio*, 21; ara Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 11.
[3] Ara Ef 5,21-6,4; Kol 3,18-21; 1 Piet 3,1-7.

2205 Il-familja nisranija hi għaqda ta' persuni, xbieha tax-xirka tal-Missier u l-Iben fl-Ispirtu s-Santu. Il-ħidma tal-familja għat-tnissil u l-edukazzjoni tal-ulied tirrifletti l-ħidma għall-ħolqien tal-Missier. Hi msejħa biex tissieħeb fit-talba u s-sagrifiċċju ta' Kristu. It-talb ta' kuljum u l-qari tal-kelma ta' Alla jsaħħu l-ispirtu ta' mħabba fi ħdanha. Il-familja nisranija tħabbar l-Evanġelju u hi missjunarja.

2206 Ir-relazzjonijiet fi ħdan il-familja jfissru li jkun hemm ċertu qbil jew xebh fis-sentimenti, fil-ġibdiet u fl-interessi tal-membri tagħha: dan jiġi l-aktar mir-rispett li jkun hemm bejn il-persuni kollha li jiffurmaw il-familja. Il-familja hi komunità privileġġjata, imsejħa biex "il-miżżewġin ikunu miftuħin għal xulxin fl-imħabba u biex ikun hemm ukoll kooperazzjoni attenta bejn il-ġenituri fl-edukazzjoni tal-ulied".[1]

## II. Il-familja u s-soċjetà

2207 Il-familja hi ċ-*ċellula li hi l-bidu tal-ħajja soċjali*. Hi dik is-soċjetà naturali li fiha r-raġel u l-mara huma msejħin biex jingħataw lil xulxin fl-imħabba u fid-don tal-ħajja. L-awtorità, l-istabbiltà u l-ħajja ta' relazzjonijiet fi ħdan il-familja huma s-sisien tal-libertà, tas-sigurtà u tal-fraternità fi ħdan is-soċjetà. Il-familja hi dik il-komunità li fiha, sa mit-tfulija, wieħed jista' jitgħallem il-valuri morali, jibda jagħti ġieħ lil Alla, u jitgħallem juża sewwa l-libertà tiegħu. Il-ħajja fil-familja hi d-dħul għall-ħajja fis-soċjetà.

2208 Il-familja trid tgħix b'mod li l-membri tagħha jitgħallmu jħabirku u jieħdu ħsieb iż-żgħar u x-xjuħ, il-morda u l-ħandikappati u l-foqra. Ħafna huma l-familji li, f'ċerti mumenti, isibu ruħhom li ma jistgħux jagħtu din l-għajnuna. Jidħlu mbagħad persuni oħra, familji oħra u, fl-aħħar, meta m'hemmx ħaddieħor, l-istess soċjetà biex jaħsbulhom għal dak li jeħtieġu. "Quddiem Alla u Missierna t-tjieba safja u bla tebgħa hi din: iżżur l-iltiema u r-romol fl-hemm tagħhom u żżomm ruħek bla tinġis 'il bogħod mid-dinja" *(Ġak 1,27).*

2209 Il-familja jrid ikollha l-għajnuna u l-ħarsien b'mezzi soċjali adatti. Fejn il-familji ma jistgħux jaqdu sewwa dmirijiethom kif għandu jkun, għaqdiet soċjali oħra huma fid-dmir li jgħinuhom ħa jżommu sħiħa l-familja. Skont il-prinċipju tas-sussidjarità, il-komunitajiet aktar wesgħin għandhom joqogħdu attenti li ma jħaddmux għalihom is-setgħat tal-familja u jindaħlulha fil-ħajja tagħha.

2210 L-importanza tal-familja għall-ħajja u għall-hena tas-soċjetà[2] titlob li s-soċjetà turi responsabbiltà partikulari għall-ħarsien u s-sħuħija taż-żwieġ u tal-familja. Is-setgħat ċivili għandhom iqisuh dmir serju "li jagħrfu u jħarsu n-natura vera taż-żwieġ u tal-familja, li jiddefendu l-moralità pubblika, u jgħinu biex il-familji jkunu f'qagħda tajba".[3]

2211 Il-komunità politika għandha d-dmir li turi ġieħ lill-familja, tgħinha u tiżguralha speċjalment:

[1] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 52.
[2] Ara Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 47.
[3] *Ibid.*, 52.

— il-libertà li titwaqqaf bħala familja, ikollha tfal, trabbihom skont konvinzjonijiet morali u reliġjużi proprji;

— il-ħarsien tal-istabbiltà tar-rabta taż-żwieġ u tal-familja;

— il-libertà li tistqarr il-fidi tagħha, tgħaddiha lill-oħrajn, trabbi lill-ulied fiha, bil-mezzi u l-istituzzjonijiet meħtieġa għal dan;

— id-dritt għall-proprjetà privata, il-libertà tal-intrapriża, id-dritt għax-xogħol, id-dritt għad-dar, u d-dritt għall-emigrazzjoni;

— skont l-istituzzjonijiet tal-pajjiż, id-dritt għall-għajnuna fil-mard, għall-għajnuna lix-xjuħ, għas-sussidji lill-familji;

— il-ħarsien tas-saħħa u tas-sigurtà, l-aktar dwar il-perikli tad-droga, tal-pornografija, tal-alkoħoliżmu, u l-bqija;

— il-libertà li twaqqaf assoċjazzjonijiet ma' familji oħra u hekk ikollha min jidher għaliha quddiem l-awtoritajiet ċivili.[1]

2212 Ir-raba' kmandament *jitfa' dawl fuq ir-relazzjonijiet l-oħra li hemm fis-soċjetà*. F'ħutna bniet u subien naraw ulied il-ġenituri tagħna; fil-kuġini, in-nisel ta' nannietna; fiċ-ċittadini sħabna, ulied pajjiżna; fl-imgħammdin, ulied il-Knisja Ommna; f'kull bniedem, iben jew bint dak li ried jissejjaħ "Missierna". Dan kollu jurina li r-relazzjonijiet tagħna ma' għajrna huma relazzjonijiet personali. Il-proxxmu mhuwiex xi "individwu" tal-ġemgħa tal-bnedmin; hu "xi ħadd" li, għax għandu l-istess bidu tagħna, jistħoqqlu attenzjoni u rispett singulari.

2213 Il-komunitajiet tal-bnedmin huma *magħmulin minn persuni*. Dawk li jmexxu dawn il-komunitajiet ma jridux jiggarantixxu biss id-drittijiet ta' kulħadd u jaraw li kulħadd jaqdi dmiru, imma jridu jaraw ukoll li jinżamm kull ftehim, kull kuntratt li jsir. Relazzjonijiet tajba bejn ħaddiema u min iħaddem, bejn gvern u ċittadini, jiġu minn dik ir-rieda tajba naturali li taqbel mad-dinjità tal-persuna tal-bniedem, ħerqan għall-ġustizzja u għall-għaqda bejn l-aħwa.

## III. Id-dmirijiet tal-membri tal-familja

ID-DMIRIJIET TAL-ULIED

2214 Alla l-Missier hu l-bidu tal-paternità tal-bniedem:[2] minn dan jiġi l-ġieħ li għandu jingħata lill-ġenituri. Ir-rispett tal-ulied, żgħar jew kbar, għall-missier u l-omm[3] jieħu l-ħajja mill-imħabba naturali li tiġi mir-rabta li tgħaqqadhom bejniethom. Dan jitolbu l-kmandament ta' Alla.[4]

2215 Ir-rispett għall-ġenituri *(pietas filialis)* mhux ħlief il-ħajr lil dawk li, bl-għoti tad-don tal-ħajja, b'imħabbithom u xogħolhom, ġiebu 'l uliedhom fid-dinja u ħallewhom jikbru fit-tul, fl-għerf u fil-grazzja. "Agħti ġieħ lil missierek b'qalbek

[1] Ara Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Familiaris consortio*, 46.
[2] Ara Ef 3,14.
[3] Ara Prov 1,8; Tob 4,3-4.
[4] Ara Eż 20,12.

kollha, u tinsiex uġigħ il-ħlas ta' ommok. Ftakar li kienu huma li ġibuk fid-dinja; biex se tħallashom għal dak li tawk?" *(Sir 7,27-28).*

2216 Ir-rispett tal-ulied jidher meta tassew joqogħdu għall-ġenituri tagħhom u *jobduhom:* "Ħares, ibni, l-ordnijiet ta' missierek, u twarrbux it-tagħlim ta' ommok. Huma jmexxuk fil-mixi tiegħek, iħarsuk meta tkun rieqed, ikellmuk meta tqum" *(Prov 6,20-22)*. "Iben bilgħaqal jisma' t-tagħlim ta' missieru, imma l-insolenti ma joqgħodx għaċ-ċanfir" *(Prov 13,1)*.

2217 Tul iż-żmien kollu li l-iben ikun jgħix f'dar il-ġenituri tiegħu, għandu jobdihom f'kulma jgħidulu għall-ġid tiegħu u tal-familja. "Intom, tfal, isimgħu mill-ġenituri tagħkom f'kollox, għax dan hu li jogħġob lill-Mulej".[1] L-ulied għandhom ukoll jobdu dak li b'mod raġonevoli jgħidulhom l-edukaturi tagħhom u dawk kollha li lilhom ġew fdati mill-ġenituri tagħhom. Iżda jekk tifel hu konvint, fil-kuxjenza tiegħu, li hu moralment ħażin tobdi xi ordni li jingħatalu, ma għandux jagħmlu.

Meta jikbru, l-ulied għandhom ikomplu jirrispettaw lill-ġenituri tagħhom. Jikkuntentawhom f'xewqathom qabel stess jgħidulhom bihom, ifittxu bil-qalb il-pariri tagħhom, u jilqgħu t-twissijiet ġustifikati tagħhom. L-ubbidjenza lejn il-ġenituri tispiċċa malli l-ulied jieħdu l-istat tagħhom, imma mhux ir-rispett li għandu jibqa' għal dejjem. Dan ir-rispett għandu l-għeruq tiegħu fil-biża' ta' Alla, wieħed mid-doni tal-Ispirtu s-Santu.

2218 Ir-raba' kmandament ifakkar lill-ulied, meta jkunu kibru, *fir-responsabbiltajiet li għandhom lejn il-ġenituri tagħhom*. Sa fejn jistgħu, għandhom jgħinuhom materjalment u moralment, fi xjuħithom, meta jkunu morda, meta jkunu waħedhom jew imdejqin. Ġesù jfakkar dan id-dmir ta' ħajr.[2]

> Il-Mulej għolla 'l-missier fuq it-tfal, u saħħaħ id-dritt tal-omm fuq l-ulied. Min jibża' minn missieru jagħmel tajjeb għal dnubietu, u min iweġġaħ lil ommu qisu qed jiġma' f'teżor. Min jibża' minn missieru jifraħ b'uliedu u meta jitlob ikun mismugħ. Min iweġġaħ 'il missieru jkollu għomor twil, u min iserraħ lil ommu jkun qed jisma' mill-Mulej *(Sir 3,2-6)*.
>
> Ibni, ieqaf ma' missierek fi xjuħitu, u matul ħajtu tweġġagħlux qalbu. Ukoll jekk moħħu jħallih, għadru, u tonqsux mill-ġieħ meta għadek mimli bis-saħħa… Daqs midgħi min jitlaq lil missieru waħdu, u misħut mill-Mulej min jgħaddab lil ommu *(Sir 3,12.16)*.

2219 Ir-rispett tal-ulied iġib l-armonija fil-ħajja kollha tal-familja, u dan jgħodd ukoll *għar-relazzjonijiet bejn l-aħwa*. Ir-rispett għall-ġenituri jdawwal l-ambjent kollu tal-familja. "Ulied l-ulied huma l-ġieħ tax-xjuħ" *(Prov 17,6)*. "Bl-umiltà kollha, bil-ħlewwa u bis-sabar aħmlu u ħobbu 'l xulxin" *(Ef 4,2)*.

2220 L-Insara għandhom juru gratitudni speċjali lil dawk li mingħandhom irċevew id-don tal-fidi, il-grazzja tal-Magħmudija u l-ħajja fil-Knisja. Dawn jistgħu jkunu l-ġenituri jew xi qraba oħra, in-nanniet, ir-ragħajja tal-erwieħ, il-katekisti, għalliema oħra jew xi ħbieb. "Niftakar fil-fidi vera tiegħek, fidi li l-ewwel kienet ta' nanntek Lojd, imbagħad ta' ommok Ewniki, u li ma għandi ebda dubju li hi fik ukoll" *(2 Tim 1,5)*.

ID-DMIRIJIET TAL-ĠENITURI

[1] Kol 3,20; ara Ef 6,1.
[2] Ara Mk 7,10-12.

2221 Il-frott tal-imħabba tal-miżżewġin bejniethom mhuwiex biss it-tnissil tal-ulied, imma hu wkoll l-edukazzjoni morali u l-formazzjoni spiritwali tagħhom. *Il-ħidma tal-ġenituri fl-edukazzjoni ta' wliedhom* "hi hekk importanti li tista' tgħid mhux possibbli jkollok oħra flokha".[1] Id-dritt u d-dmir tal-ġenituri fl-edukazzjoni tal-ulied huma ta' importanza kbira u ma jistgħux jiċċaħħdu minnhom.[2]

2222 Il-ġenituri għandhom iqisu lil uliedhom bħala *wlied Alla* u jirrispettawhom bħala *persuni*. Għandhom jgħallmu lil uliedhom jħarsu l-liġi ta' Alla, waqt li huma stess juru li qed jagħmlu r-rieda tal-Missier li hu fis-smewwiet.

2223 Il-ġenituri huma l-ewwel responsabbli tal-edukazzjoni ta' wliedhom. Juru din ir-responsabbiltà l-ewwel nett billi *joħolqu ambjent* fejn il-ħlewwa, il-maħfra, ir-rispett, il-fedeltà, u l-qadi bla ebda interess, huma r-regola. Il-familja hi l-post adatt għall-*edukazzjoni fil-virtù*. Din l-edukazzjoni titlob żmien ta' tħejjija li jkun żmien ta' ċaħda, ta' ġudizzji bilgħaqal, ta' kontroll fuqek innifsek, ta' kundizzjonijiet ta' libertà vera. Il-ġenituri jridu jgħallmu lil uliedhom iqiegħdu "d-dimensjonijiet materjali u istintivi tagħhom wara d-dimensjonijiet interjuri u spiritwali tagħhom".[3] Hi responsabbiltà kbira għall-ġenituri li jagħtu eżempji tajba lil uliedhom. Meta jkunu kapaċi jagħrfu d-difetti tagħhom quddiem uliedhom, ikunu jistgħu jmexxuhom aħjar u jikkorreġuhom:

> "Min iħobb 'l ibnu ta' sikwit jagħtih is-swat, ħalli fl-aħħar ikollu biex jifraħ; min lil ibnu jżommlu, ibnu jkun għalih ta' ġieħ" *(Sir 30,1-2).* "Intom, il-missirijiet, iġġarbuhomx iżżejjed lil uliedkom, iżda rabbuhom fid-dixxiplina u t-twiddib tal-Mulej" *(Ef 6,4).*

2224 Il-familja hi l-ambjent naturali fejn il-bniedem jiġi mħarreġ għas-solidarjetà u għar-responsabbiltajiet komunitarji. Il-ġenituri għandhom jgħallmu lil uliedhom iħarsu ruħhom mill-kompromessi u d-degradazzjoni li qegħdin jheddu s-soċjetajiet tal-bnedmin.

2225 Bil-grazzja tas-sagrament taż-Żwieġ, il-ġenituri rċevew ir-responsabbiltà u l-privileġġ li *jevanġelizzaw lil uliedhom*. Mindu jkunu ċkejknin għandhom jgħallmuhom il-misteri tal-fidi, li tagħha il-ġenituri huma "l-ewwel ħabbara" għal uliedhom.[4] Sa minn ċkunithom għandhom iseħbuhom fil-ħajja tal-Knisja. Is-sura tal-ħajja fil-familja tista' tmantni dawk id-dispożizzjonijiet affettivi li, tul il-ħajja kollha, jibqgħu dejjem il-veru bidu ta' fidi ħajja u jibqgħu dejjem iżommuha ħajja.

2226 *L-edukazzjoni fil-fidi* permezz tal-ġenituri trid tibda mill-ewwel tfulija. Tkun qiegħda ġa tingħata meta l-membri tal-familja jgħinu lil xulxin jikbru fil-fidi, bix-xhieda li jagħtu ta' ħajja nisranija skont l-Evanġelju. Il-katekeżi fil-familja tiġi qabel is-suriet l-oħra kollha tat-tagħlim tal-fidi, tissieħeb magħhom, u tgħinhom. Il-ġenituri huma fid-dmir jgħallmu 'l uliedhom jitolbu u jagħrfu l-vokazzjoni tagħhom ta' wlied Alla.[5] Il-parroċċa hi l-komunità ewkaristika u l-qalba tal-ħajja liturġika tal-familji nsara: hi post privileġġjat tal-katekeżi tat-tfal u tal-ġenituri.

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Gravissimum educationis*, 3.
[2] Ara Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Familiaris consortio*, 36.
[3] Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Centesimus annus*, 36.
[4] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 11.
[5] Ara *Ibid*.

2227 L-ulied, min-naħa tagħhom, jgħinu lill-ġenituri jikbru *fil-qdusija.*[1] Kollha kemm huma u kull wieħed minnhom għandhom jaħfru lil xulxin bil-qalb, b'ġenerożità u bla ma jintelqu, l-offiżi, it-tilwim, l-inġustizzji u t-traskuraġni tagħhom. Dan tissuġġerih l-imħabba li għandu jkollhom għal xulxin. Dan titolbu l-imħabba ta' Kristu.[2]

2228 Tul it-tfulija, ir-rispett u l-imħabba tal-ġenituri għal uliedhom jidher l-ewwel fil-ħsieb u fl-attenzjoni li juru fit-trobbija tagħhom u billi *jipprovdulhom għall-ħtiġijiet materjali u spiritwali tagħhom*. Meta l-ulied ikunu jikbru, l-istess rispett u l-istess dedizzjoni jwasslu lill-ġenituri biex jgħallmu 'l uliedhom kif jużaw tajjeb ir-raġuni u l-libertà tagħhom.

2229 Il-ġenituri, bħala l-ewwel responsabbli tal-edukazzjoni ta' wliedhom, għandhom id-dritt *jagħżlulhom l-iskola* li tkun taqbel mal-konvinzjonijiet proprji tagħhom. Dan hu dritt fundamentali. Il-ġenituri għandhom jagħżlu, sa fejn jista' jkun, dawk l-iskejjel li l-aħjar jistgħu jgħinuhom fil-ħidma tagħhom ta' edukaturi nsara.[3] L-awtoritajiet ċivili għandhom id-dmir li jħarsu dan id-dritt tal-ġenituri u jiżgurawlhom kundizzjonijiet li bihom ikunu jistgħu tassew jużaw dan id-dritt.

2230 Meta jikbru l-ulied għandhom id-dritt u d-dmir *li jagħżlu l-professjoni u l-istat tal-ħajja tagħhom*. Jidħlu għal dawn ir-responsabbiltajiet ġodda f'relazzjoni ta' fiduċja mal-ġenituri tagħhom, u jitolbu u jieħdu bil-qalb pariri u tagħrif mingħandhom. Il-ġenituri għandhom joqogħdu attenti li ma jmorrux kontra uliedhom la fl-għażla tal-professjoni u lanqas fl-għażla tas-sieħeb jew sieħba tagħhom fiż-żwieġ. Dan id-dmir li joqogħdu lura ma jfissirx li ma għandhomx, anzi għandhom, jgħinuhom b'pariri għaqlin, b'mod partikulari meta jiġu biex iwaqqfu familja.

2231 Xi wħud ma jiżżewġux biex jieħdu ħsieb il-ġenituri tagħhom jew lil xi ħadd minn ħuthom, jew biex jiddedikaw ruħhom kollhom kemm huma għall-professjoni tagħhom jew għal xi raġunijiet oħra ta' ġieħ. Dawn jistgħu jagħtu kontribut mill-aqwa għall-ġid tal-ġens kollu tal-bnedmin.

## IV. Il-familja u s-Saltna

2232 Ir-rabtiet tal-familja, għalkemm huma importanti ħafna, mhumiex rabtiet assoluti. Kif it-tifel jikber u jkun aktar matur u indipendenti f'dak li hu uman u spirtwali, tibda tidher dejjem aktar ċara u dejjem aktar qawwija l-vokazzjoni singulari tiegħu li tiġih minn Alla. Il-ġenituri għandhom jirrispettaw din is-sejħa u jgħinu lil uliedhom iwieġbu għaliha. Irridu nkunu konvinti li l-ewwel vokazzjoni tan-Nisrani hi dik li jimxi wara Ġesù:[4] "Min iħobb lil missieru u 'l ommu aktar minni ma jistħoqqlux ikun miegħi; min iħobb lil ibnu jew lil bintu aktar minni ma jistħoqqlux li jkun miegħi" *(Mt 10,37).*

---

[1] Ara Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 48.
[2] Ara Mt 18,21-22; Lq 17,4.
[3] Konċ. Vatikan II, *Gravissimum educationis*, 6.
[4] Ara Mt 16,25.

2233 Tkun dixxiplu ta' Ġesù jfisser tilqa' l-istedina li tkun membru tal-*familja ta' Alla*, tgħix kif għex hu: "Kull min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet, dak hu ħija, u oħti, u ommi" *(Mt 12,49)*.

Il-ġenituri għandhom jilqgħu u jaċċettaw bil-ferħ u r-radd il-ħajr is-sejħa li l-Mulej jagħmel lil xi wieħed jew waħda minn uliedhom, biex imorru warajh u jħaddnu ħajja ta' verġinità għas-saltna tas-smewwiet, jew ħajja kkonsagrata, jew il-ministeru saċerdotali.

## V. L-awtoritajiet fis-soċjetà ċivili

2234 Ir-raba' kmandament jordnalna wkoll li nagħtu ġieħ lil dawk kollha li, għall-ġid tagħna, irċevew mingħand Alla xi awtorità fis-soċjetà. Il-kmandament juri ċar x'inhuma d-dmirijiet ta' dawk li jirċievu l-awtorità u ta' dawk li se tkunilhom ta' ġid.

DMIRIJIET TAL-AWTORITAJIET ĊIVILI

2235 Dawk li għandhom xi awtorità, għandhom iħaddmuha bħala servizz: "Min irid ikun kbir fostkom għandu jkun il-qaddej ta' kulħadd" *(Mt 20,26)*. L-eżerċizzju tal-awtorità hu moralment tajjeb għax kull awtorità ġejja minn Alla, iżda l-awtorità trid titħaddem b'mod raġonevoli, u skont l-għan speċifiku tagħha. Ħadd ma jista' jordna jew iwaqqaf xi ħaġa li tmur kontra d-dinjità tal-persuna umana jew kontra l-liġi naturali.

2236 Fit-tħaddim tal-awtorità trid tidher ċara skala ġusta ta' valuri li tagħmilha iktar faċli għal kulħadd li jeżerċita l-libertà u r-responsabbiltajiet tiegħu. Is-superjuri għandhom iħaddmu l-ġustizzja distributtiva bilgħaqal, huma u jqisu l-ħtiġijiet ta' kull wieħed u x'jista' jagħti kull wieħed, biex ikun hemm ftehim u paċi bejn kulħadd. Għandhom jgħassu biex ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet li jagħmlu ma joħolqux oppożizzjoni bejn l-interessi personali u l-interessi tal-komunità.[1]

2237 Is-*setgħat politiċi* huma fid-dmir li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali tal-persuna umana. Ifittxu li jagħmlu l-ħaqq b'mod uman, huma u jħarsu d-drittijiet ta' kull wieħed, speċjalment id-drittijiet tal-familji u tal-foqra.

Id-drittijiet politiċi li jiġu miċ-ċittadinanza jistgħu u għandhom jingħataw skont dak li jitlob il-ġid komuni. Dawn id-drittijiet ma jistgħux jiġu sospiżi mill-awtoritajiet pubbliċi mingħajr raġuni leġittma u proporzjonata. L-użu tad-drittijiet politiċi bħala għan għandu l-ġid komuni tan-nazzjon u tal-komunità tal-bnedmin.

DMIRIJIET TAĊ-ĊITTADINI

2238 Dawk li huma sudditi tal-awtorità għandhom iqisu s-superjuri tagħhom bħala rappreżentanti ta' Alla, li għamilhom ministri tad-doni tiegħu:[2] "Għall-imħabba tal-Mulej, baxxu raskom għal kull awtorità tal-bnedmin… Għixu bħala nies ħielsa mhux li tinqdew bil-ħelsien tagħkom biex bħallikieku tgħattu l-ħażen,

[1] Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Centesimus annus*, 25.
[2] Ara Rum 13,1-2.

imma bħala qaddejja ta' Alla" *(1 Piet 2,13.16)*. Din il-kollaborazzjoni leali ġġib magħha d-dritt, u xi kultant ukoll id-dmir, ta' protesta ġusta kontra dak li jidher li se jkun ta' ħsara għad-dinjità tal-persuni u għall-ġid tal-komunità.

2239 *Id-dmir taċ-ċittadini* hu li jagħtu sehemhom, flimkien mal-awtoritajiet leġittmi, għall-ġid tas-soċjetà, fi spirtu ta' verità u ta' ġustizzja, ta' solidarjetà u ta' libertà. L-imħabba u s-servizz lill-pajjiż huma xhieda ta' dmir ta' rikonoxxenza u ta' mħabba. L-ubbidjenza lill-awtoritajiet ċivili u s-servizz għall-ġid tal-komunità jitolbu liċ-ċittadini jagħtu sehemhom fil-ħajja tal-komunità politika.

2240 L-ubbidjenza lejn l-awtorità u r-responsabbiltà taċ-ċittadini kollha flimkien għall-ġid ta' kulħadd jitolbu moralment li kulħadd iħallas it-taxxi, jivvota, u jiddefendi l-pajjiż:

> "Agħtu lil kulħadd dak li ħaqqu, taxxi lil min imissu t-taxxi, dazju lil min imissu d-dazju, rispett lil min imissu rispett, ġieħ lil min imissu l-ġieħ" *(Rum 13,7)*.
>
> L-Insara għandhom kull wieħed pajjiżu, iżda jgħixu fih qisu mhux tagħhom; jaqsmu kollox mal-oħrajn, ta' ċittadini li huma, u jistabru b'kollox bħallikieku barranin… Joqogħdu għal-liġijiet tal-pajjiż, iżda jgħixu ħajja li mhux milħuqa mil-liġi… Dan hu s-sehem kbir li Alla tahom fid-dinja, u jagħmlu ħażin jekk ma jaċċettawhx.[1]

L-Appostlu jħeġġiġna biex nitolbu u nroddu ħajr għas-slaten u għal dawk kollha li għandhom xi awtorità biex "inkunu nistgħu ngħaddu ħajja fil-kwiet u fis-sliem, fit-tjieba u kif jixraq" *(1Tim 2,2)*.

2241 In-nazzjonijiet li jinsabu f'qagħda aħjar għandhom jilqgħu mill-aħjar li jistgħu l-*barrani* li qiegħed ifittex sigurtà u mezzi biex jgħix, ħwejjeġ li ma jistax isibhom f'pajjiżu. L-awtoritajiet pubbliċi għandhom jgħassu biex jaraw li r-rispett, mitlub mil-liġi naturali għall-barrani li jiġi fid-dar, ikun imħares minn dawk li jilqgħuh għandhom.

> L-awtoritajiet politiċi, minħabba l-ġid komuni ta' dawk li huma responsabbli tagħhom, jistgħu jirregolaw id-dritt tal-emigrazzjoni b'għadd ta' kundizzjonijiet ġuridiċi, l-aktar dwar ir-rispett tad-dmirijiet li l-emigranti għandhom lejn il-pajjiż li qed jilqagħhom. L-emigrant hu fid-dmir, b'sinjal ta' ħajr, li jirrispetta l-wirt materjali u spiritwali tal-pajjiż li qed jilqgħu, jobdi l-liġijiet, u jgħin fl-ispejjeż li jsiru għalih.

2242 Iċ-ċittadin hu obbligat fil-kuxjenza li ma jobdix l-ordnijiet tal-awtoritajiet ċivili meta dawn huma kuntrarji għal-liġi morali u għad-drittijiet fundamentali tal-persuna jew kontra t-tagħlim tal-Evanġelju. *Li wieħed jirrifjuta li jobdi* lill-awtoritajiet ċivili, meta dak li qed jitolbu hu kontra dak li titlob kuxjenza retta, hu ġustifikat mid-distinzjoni bejn il-qadi ta' Alla u l-qadi tal-awtorità ċivili: "Agħtu lil Ċesari dak li hu ta' Ċesari u lil Alla dak li hu ta' Alla" *(Mt 22,21)*. "Jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli l-bnedmin" *(Atti 5,29)*:

> Jekk l-awtorità pubblika tmur 'l hemm minn dak li hu dmirha u taħqar iċ-ċittadini, dawn ma għandhomx jirrifjutaw li jħarsu dak li oġġettivament hu mitlub mill-ġid komuni. Iżda jistgħu jiddefendu drittijiethom u dawk taċ-ċittadini sħabhom kontra l-abbuż tal-poter, waqt li jħarsu l-limiti indikati mil-liġi naturali u mil-liġi evanġelika.[2]

[1] Ittra lil Dijonjetu, 5, 5.10; 6, 10.
[2] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 74.

2243 Ir-*reżistenza* għall-moħqrija mill-poter politiku ma għandhiex tagħmel użu mill-armi ħlief meta jkun hemm il-kundizzjonijiet kollha f'daqqa li ġejjin: (1) ikun hemm ksur gravi tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem li wieħed ikun ċert minnu u li jkun ilu sejjer għal żmien twil; (2) ikunu ġew użati l-mezzi l-oħra kollha u kollox ikun għalxejn; (3) ma jinħolqux kundizzjonijiet agħar minn dawk li jkun hemm; (4) ikun hemm bażi ta' tama serja li r-reżistenza se tirnexxi; (5) ma jkunx hemm tamiet raġonevoli ta' xi soluzzjoni aħjar.

IL-KOMUNITÀ POLITIKA U L-KNISJA

2244 Kull istituzzjoni għandha quddiemha, ukoll jekk ma tgħidhiex bil-kliem, viżjoni tal-bniedem u tad-destin tiegħu. Fuq din il-viżjoni tfassal il-kriterji li bihom tiġġudika l-iskala tal-valuri u l-mod kif iġġib ruħha. Il-kotra l-kbira tas-soċjetajiet wasslu lill-istituzzjonijiet tagħhom biex jagħrfu li l-bniedem hu 'l fuq minn kull ħaġ'oħra. Ir-reliġjon biss, irrivelata minn Alla, uriet b'mod l-aktar ċar li l-bidu u d-destin tal-bniedem hu Alla Ħallieq u Feddej. Il-Knisja tistieden lis-setgħat politiċi biex fil-ġudizzji u d-deċiżjonijiet tagħhom tmexxihom il-Verità dwar Alla u l-bniedem:

> Is-soċjetajiet li ma jafux jew ma jridux li tmexxihom din il-Verità għaliex jidhrilhom li huma indipendenti minn Alla, jaslu biex jaraw fihom infushom jew f'xi ideoloġija l-prinċipju li jmexxihom lejn id-destin tagħhom u, billi ma jammettux li hemm kriterju oġġettiv tat-tajjeb u tal-ħażin, jagħtu lilhom infushom bid-deher jew bil-moħbi poter totalitarju fuq il-bniedem, kif turina l-istorja.[1]

2245 Il-Knisja, minħabba d-dmirijiet u l-kompetenza tagħha, bl-ebda mod ma tista' tkun identifikata mal-poter politiku, imma fl-istess ħin hi sinjal u ħarsien tal-karattru traxxendenti tal-persuna umana. "Il-Knisja ġġib 'il quddiem u tirrispetta l-libertà politika u r-responsabbiltajiet taċ-ċittadini".[2]

2246 Hi parti mill-missjoni tal-Knisja li "tagħti ġudizzju morali, ukoll fuq materji li jolqtu l-qasam politiku, meta d-drittijiet fundamentali tal-bniedem jew is-salvazzjoni tal-erwieħ jitolbu dan; tuża l-mezzi kollha li għandha, u dawk biss li jaqblu mal-Evanġelju u mal-ġid ta' kulħadd, skont iż-żmien u skont xi tkun is-sitwazzjoni".[3]

## Fil-qosor

2247 *"Weġġaħ lil missierek u 'l ommok"* (Dewt 5,16; Mk 7,10).

2248 *Skont ir-raba' kmandament Alla ried li, warajh nagħtu ġieħ lill-ġenituri tagħna u lil dawk kollha li Hu tahom awtorità għall-ġid tagħna.*

2249 *Il-komunità tal-miżżewġin titwaqqaf bl-għaqda u bil-kunsens taż-żewġ għarajjes. Iż-żwieġ u l-familja qegħdin hemm għall-ġid taż-żewġ miżżewġin, u għat-tnissil u l-edukazzjoni tat-tfal.*

---

[1] Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Centesimus annus*, 45-46.
[2] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 76.
[3] *Ibid.*

2250 *"Il-ġid tal-persuna, bħala bniedem u bħala Nisrani, u l-ġid tas-soċjetà huma marbutin mill-qrib mas-sħuħija tal-komunità taż-żwieġ u tal-familja"*.[1]

2251 *L-ulied għandhom jirrispettaw, juru ħajr, jobdu u jgħinu lill-ġenituri tagħhom. Ir-rispett tal-ulied jgħin għall-armonija fil-ħajja kollha tal-familja.*

2252 *Il-ġenituri huma l-ewwel responsabbli tal-edukazzjoni ta' wliedhom fil-fidi, fit-talb, u f'kull virtù. Għandhom id-dmir li jipprovdu sa fejn jistgħu għall-ħtiġijiet tar-ruħ u tal-ġisem ta' wliedhom.*

2253 *Il-ġenituri għandhom jirrispettaw u jgħinu l-vokazzjoni ta' wliedhom. Għandhom ifakkruhom u jgħallmuhom li l-ewwel stedina li għandu n-Nisrani hi li jimxi wara Kristu.*

2254 *L-awtorità pubblika hi fid-dmir li tirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-persuna umana u l-kundizzjonijiet meħtieġa biex il-bniedem ikun jista' jagħmel użu mil-libertà tiegħu.*

2255 *Hu d-dmir taċ-ċittadini li jaħdmu flimkien mas-setgħat ċivili għall-bini tas-soċjetà fi spirtu ta' verità, ta' ġustizzja, ta' solidarjetà, u ta' libertà.*

2256 *Iċ-ċittadin hu obbligat fil-kuxjenza li ma joqgħodx għall-preskrizzjonijiet tal-awtorità ċivili meta dawn huma kontra dak li jitlob l-ordni morali: "Jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli l-bnedmin"* (Atti 5,29).

2257 *Kull soċjetà tqis il-ġudizzji u l-imġiba tagħha skont il-fehma li għandha tal-bniedem u tad-destin tiegħu. Is-soċjetajiet, meta jitbiegħdu mid-dawl tal-Evanġelju dwar Alla u l-bniedem, faċilment isiru totalitarji.*

### Il-ħames artiklu

## IL-ĦAMES KMANDAMENT

La toqtolx *(Eż 20,13).*

Smajtu x'intqal lin-nies ta' dari: "La toqtolx", Mela jekk xi ħadd joqtol ikun ħaqqu l-kundanna. Imma jiena ngħidilkom li l-kundanna tistħoqq ukoll lil min jinkorla għal ħuh *(Mt 5,21-22)*.

2258 *Il-ħajja tal-bniedem hi qaddisa*, għaliex, sa mill-bidu tagħha timpenja l-ħidma ta' Alla fil-ħolqien u tibqa' dejjem f'relazzjoni speċjali ma' Alla l-Ħallieq, għax għalih inħalqet. Alla biss hu sid il-ħajja mill-bidu sa tmiemha: ħadd ma jista' jippretendi għalih, f'ebda ċirkostanza, id-dritt li jeqred direttament il-ħajja ta' bniedem innoċenti.[2]

[1] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 47.
[2] Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, istruzzjoni *Donum vitae*, intr. 5: AAS 80 (1988), 70-102.

## I. Ir-rispett għall-ħajja tal-bniedem

IX-XHIEDA TAL-ISKRITTURA

2259 L-Iskrittura, fir-rakkont tal-qtil ta' Abel minn ħuh Kajjin[1] turi li, sa mill-bidu tal-ġrajja tal-bniedem, fih jinsabu l-korla u x-xeħħa, bħala konsegwenzi tad-dnub tan-nisel. Il-bniedem sar għadu ta' sieħbu. Quddiem il-kefrija ta' dan il-qtil, Alla qal: "X'għamilt? Leħen id-demm ta' ħuk qiegħed jgħajjatli mill-art. U issa misħut int mill-art li fetħet fommha u laqgħet id-demm ta' ħuk minn idejk" *(Ġen 4,10-11)*.

2260 Il-Patt ta' Alla mal-ġens kollu tal-bnedmin ifakkar il-ħin kollu d-don tal-ħajja li Alla ta lill-bniedem u l-vjolenza qattiela tal-bniedem:

> Mingħand kull bniedem nitħallas tal-ħajja ta' bniedem ieħor bħalu... Kull min ixerred demm ta' bniedem, minn bniedem ieħor jixxerred demmu għax skont ix-xbieha tiegħu ħalqu l-bniedem Alla *(Ġen 9,5-6).*

It-Testment il-Qadim dejjem qies id-demm bħala sinjal qaddis tal-ħajja.[2] Dan it-tagħlim hu meħtieġ għaż-żminijiet kollha.

2261 L-Iskrittura tgħidilna b'mod preċiż x'inhu pprojbit mill-ħames kmandament: "Toqtolx lil min hu sewwa u bla ħtija" *(Eż 23,7).* Il-qtil volontarju ta' bniedem innoċenti hu kuntrarju b'mod tassew gravi għad-dinjità tal-bniedem, għar-regola tad-deheb, u għall-qdusija tal-Ħallieq. Il-liġi li tipprojbixxi l-qtil tgħodd kullimkien; tobbliga lil kulħadd u lil kull wieħed dejjem u kullimkien.

2262 Fid-Diskors tal-Muntanja Ġesù jfakkar il-kmandament "La toqtolx" *(Mt 5,21)* u jżid miegħu l-kundanna tal-korla, tal-mibegħda u tal-vendetta. Anzi Kristu jitlob xi ħaġa aktar mid-dixxiplu tiegħu; jgħidlu li jekk xi ħadd jagħtih bil-ħarta fuq ħaddu l-leminija, għandu jdawwarlu l-oħra;[3] jgħidlu jħobb l-għedewwa tiegħu.[4] Kristu nnifsu ma ddefendiex ruħu u lil San Pietru qallu biex idaħħal is-sejf f'postu.[5]

DIFIŻA LEĠITTMA

2263 Id-difiża leġittma tal-persuni u tas-soċjetajiet mhijiex xi eċċezzjoni għall-projbizzjoni tal-qtil ta' min hu bla ħtija, li hu omiċidju volontarju. "L-azzjoni għad-difiża tiegħek innifsek jista' jkollha żewġ effetti: wieħed hu l-ħarsien ta' ħajtek, u l-ieħor il-mewt ta' min ħebb għalik... Effett wieħed biss trid, l-ieħor ma tridux".[6]

2264 L-imħabba tiegħek innifsek tibqa' dejjem il-prinċipju fundamentali tal-moralità. Mela hu leġittmu li int tħares id-dritt tiegħek għall-ħajja. Min jiddefendi ħajtu mhux ħati ta' omiċidju, ukoll jekk ikollu jagħti d-daqqa tal-mewt lil dak li jkun qed iħebb għalih:

---

[1] Ara Ġen 4,8-12.
[2] Ara Lev 17,14.
[3] Ara Mt 5,22-39.
[4] Ara Mt 5,44.
[5] Ara Mt 26,52.
[6] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, 2-2, 64, 7.

> Jekk biex tiddefendi ruħek tuża vjolenza aktar milli meħtieġ, dan mhux permess. Iżda min ibiegħed minnu l-vjolenza b'mod meqjus, dan hu permess… Mhuwiex meħtieġ għas-salvazzjoni li ma tagħmilx b'mod meqjus dak li jkun meħtieġ biex tħares lilek innifsek, ħalli ma toqtolx lill-ieħor; għax wieħed hu fid-dmir li jħares ħajtu l-istess kif għandu jħares dik ta' ħaddieħor.[1]

2265 Id-difiża leġittma tista' tkun mhux biss dritt, imma wkoll dmir gravi għal min hu responsabbli li jħares il-ħajja ta' ħaddieħor. Il-ħarsien tal-ġid komuni jitlob li dak li inġustament ikun qed jheddu jitqiegħed f'qagħda li ma jkunx jista' jagħmel ħsara. Minħabba f'hekk, dawk li leġittimament għandhom l-awtorità għandhom ukoll id-dritt jużaw l-armi biex ibegħdu l-aggressuri mill-komunità ċivili li hija fdata fir-responsabbiltà tagħhom.

2266 Għall-esiġenza tal-ħarsien tal-ġid komuni jwieġbu l-isforzi tal-Istat biex irażżan l-imġiba ta' dawk li jagħmlu ħsara lid-drittijiet tal-bnedmin u lill-prinċipji fundamentali li jirregolaw is-soċjetà ċivili. L-awtorità pubblika leġittma għandha d-dritt u d-dmir li tikkastiga b'pieni proporzjonati għall-gravità tad-delitt.

L-għan ewlieni tal-*piena* hu dak li ssewwi d-diżordni li ġġib il-ħtija. Meta l-ħati jaċċetta minn rajh il-piena, din tikseb valur ta' espjazzjoni. Il-piena mbagħad, barra milli tiddefendi l-ordni pubbliku u s-sigurtà tal-persuni, għandha wkoll valur mediċinali: fil-qies ta' dak li jkun possibbli, għandha tgħin għall-korrezzjoni tal-ħati.

2267 Meta wieħed ikun aċċerta ruħu bis-sħiħ dwar l-identità tal-ħati u r-responsabbiltà tiegħu, it-tagħlim tradizzjonali tal-Knisja ma jeskludix li wieħed jirrikorri għall-piena tal-mewt, jekk din tkun l-unika triq possibbli biex wieħed iħares b'mod effettiv il-ħajja tal-persuni, mheddin minn aggressur inġust.

Meta pieni li ma jwasslux għall-mewt huma biżżejjed biex iħarsu l-ħajja tal-persuni minn aggressuri inġusti, l-awtorità għandha tillimita ruħha għal dawn il-mezzi, għax dawn iwieġbu aħjar għal dak li jitolbu l-kundizzjonijiet konkreti tal-ġid komuni u jaqblu aktar mad-dinjità tal-persuna umana.

Fil-fatt, billi llum l-istat għandu mezzi biex irażżan il-kriminalità b'mod effikaċi billi lil min ikun għamel xi offiża ma jħallihx jagħmel ħsara, bla ma jneħħilu għalkollox il-possibbiltà li jbiddel ħajtu, il-każi li fihom hu meħtieġ fuq li meħtieġ li tingħata l-piena tal-mewt lill-ħati "huma tant rari li prattikament ma jeżistux".[2]

L-OMIĊIDJU VOLONTARJU

2268 Il-ħames kmandament jipprojbixxi bħala dnub tassew gravi *il-qtil dirett u volontarju*. Il-qattiel, u dawk li jgħinuh volontarjament fil-qtil, jagħmlu dnub li jitlob il-vendetta ta' Alla.[3]

Il-qtil tat-trabi (l-infantiċidju),[4] il-qtil ta' xi ħadd mill-aħwa (il-fratriċidju), il-qtil tal-missier jew tal-omm (il-parriċidju), il-qtil ta' persuna miżżewġa minn seħibha fiż-żwieġ, huma delitti li għandhom gravità speċjali, għaliex huma delitti kontra r-rabtiet naturali. L-ewġenetika jew is-

[1] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, 2-2, 64, 7.
[2] Ara Ġwanni Pawlu II, *Evangelium vitae*, 56.
[3] Ara Ġen 4,10.
[4] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 51.

saħħa pubblika mhumiex raġunijiet biżżejjed biex jiġi ġġustifikat xi qtil, ukoll jekk ordnat mill-awtorità pubblika.

2269 Il-ħames kmandament jipprojbixxi wkoll kull għemil, bil-ħsieb li jġib *indirettament* il-qtil ta' xi persuna. Il-liġi morali tipprojbixxi li wieħed iqiegħed lil xi ħadd fil-periklu bla ebda raġuni gravi, u tipprojbixxi wkoll li wieħed jiċħad l-għajnuna tiegħu lil xi ħadd li jinsab fil-periklu li jitlef ħajtu.

Il-fatt li s-soċjetà tal-bnedmin qed tħalli jsaltan il-ġuħ li fid-dinja qed joħloq ħafna mwiet mingħajr ma jsir xejn, hu skandlu tassew kbir u ħtija serja kontra l-ġustizzja. In-negozjanti li bl-użura u bin-negozju tagħhom qed iġibu l-ġuħ u hekk iwasslu għall-mewt lil ħuthom il-bnedmin l-oħra, indirettament qed jagħmlu omiċidju, huma ħatja tiegħu.[1]

Min jagħmel omiċidju *mhux volontarju* mhux moralment ħati tiegħu. Iżda wieħed ma jeħlisx minn ħtija serja jekk, mingħajr ebda raġuni proporzjonata, iġib ruħu b'mod li jwassal għall-mewt ta' xi ħadd, ukoll mingħajr ma jkun iridha.

L-ABORT

2270 Il-ħajja tal-bniedem jeħtiġilha rispett u ħarsien b'mod assolut sa mill-ewwel mument tal-eżistenza tiegħu. Sa mill-ewwel mument tat-tnissil tiegħu, il-bniedem għandu jkollu magħrufin id-drittijiet tiegħu bħala persuna; fost dawn id-drittijiet, li ma jistgħu jitmissu qatt, hemm id-dritt għall-ħajja ta' kull min hu bla ħtija.[2]

> "Qabel ma sawwartek fil-ġuf, għaraftek, qabel ma ħriġt minn ħdan ommok, ikkonsagrajtek".[3]
>
> Ma kienx moħbi għadmi minnek meta kont qiegħed insir fis-satra u nintiseġ fil-qigħan tal-art *(Salm 139,15)*.

2271 Sa mill-ewwel seklu l-Knisja għallmet li kull abort prokurat hu ħażin moralment. Dan it-tagħlim ma tbiddilx. Jibqa' dejjem l-istess. L-abort dirett, jiġifieri kemm jekk wieħed iridu għalih innifsu u kemm jekk iridu bħala mezz għal xi ħaġ'oħra, hu dejjem kontra l-liġi morali b'mod gravi:

> Ma għandekx teqred l-embrijun b'abort, lanqas teqred tarbija għadha titwieled.[4]
>
> Alla, sid il-ħajja, ried iħalli f'idejn il-bnedmin il-qadi nobbli favur il-ħajja u dan il-qadi l-bniedem irid jaqdih b'mod li jixraqlu. Il-ħajja trid tiġi mħarsa b'ħerqa kbira sa mill-mument tat-tnissil: l-abort u l-infantiċidju huma delitti mill-agħar.[5]

2272 Kooperazzjoni formali f'abort hi ħtija gravi. Il-Knisja tikkastiga bi skomunika min jagħmel dan id-delitt kontra l-ħajja tal-bniedem. "Min jipprokura abort, jekk iseħħ, jaqa' fl-iskomunika *latae sententiae*,[6] "minħabba l-fatt stess tad-tad-delitt li jkun sar",[7] u skont il-kundizzjonijiet imsemmija mid-Dritt kanoniku.[8] kanoniku.[8] B'dan il-mod il-Knisja ma tkun qiegħda tnaqqas xejn mill-ħniena: trid trid turi biss kemm hu gravi l-abort, xi ħsara jġib, ħsara li bl-ebda mod ma tista'

---

[1] Ara Għam 8,4-10.
[2] Ara Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, istruzzjoni *Donum vitae*, 1, 1.
[3] Ġer 1,5; ara Ġobb 10,8-12; Salm 22,10-11.
[4] *Didake*, 2,2; ara Ittra ta' Barnaba, 19; Ittra lil Dijonetu, 5, 5; Tertulljan, *Apologeticus*, 9.
[5] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 51.
[6] CIC kan 1398.
[7] *Ibid.* kan 1314.
[8] *Ibid.* kan 1323-1324.

tissewwa, ħsara magħmula lill-ħajja ta' innoċenti li ġie maqtul, lill-ġenituri tiegħu, lis-soċjetà kollha kemm hi.

2273 Id-dritt għall-ħajja ta' kull individwu bla ħtija, dritt li ma jista' qatt jiġi fix-xejn, hu *element kostitutttiv tas-soċjetà ċivili u tal-liġijiet tagħha*:

Id-drittijiet tal-persuna, li qatt ma jistgħu jiġu fix-xejn, għandhom ikunu mħarsa u rispettati mis-soċjetà ċivili u mill-awtorità politika. Id-drittijiet tal-bniedem la jiddependu minn xi individwi jew mill-ġenituri, u lanqas ingħataw lill-bniedem mis-soċjetà jew mill-Istat: jagħmlu parti min-natura tal-persuna umana u ġejjin mill-att tal-ħolqien tal-bniedem. Fost dawn id-drittijiet fundamentali, ta' min isemmi d-dritt għall-ħajja u għas-sħuħija fiżika ta' kull bniedem mill-mument tat-tnissil tiegħu sa mewtu.[1]

Meta liġi pożittiva ċċaħħad xi kategorija ta' bnedmin mill-ħarsien li l-liġi ċivili għandha tagħti lil kulħadd, l-Istat ikun wasal biex jiċħad li l-bnedmin kollha huma ndaqs quddiem il-liġi. Meta l-Istat ma jużax is-setgħat tiegħu għall-qadi tad-drittijiet taċ-ċittadini kollha, speċjalment ta' dawk l-aktar dgħajfin, l-istess sisien tal-Istat tad-dritt ikunu mhedda… Bħala konsegwenza tar-rispett u tal-ħarsien li għandu jkollha t-tarbija sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha, il-liġi għandu jkollha sanzjonijiet penali għal kull ksur deliberat tad-drittijiet tal-bniedem.[2]

2274 L-embrijun, għaliex għandu jitqies li hu persuna sa mill-mument tat-tnissil tiegħu, għandu jkollu mħarsa l-integrità tiegħu, għandu jkun ikkurat u mfejjaq, sakemm hu possibbli, l-istess bħal kull bniedem ieħor.

*Id-dijanjosi ta' qabel it-twelid* hi moralment permessa "jekk tirrispetta l-ħajja u l-integrità tal-embrijun u tal-fetu tal-bniedem, u tfittex li tħarsu u tfejqu… Id-dijanjosi li ssir bil-ħsieb li jsir abort jekk jirriżulta li hemm xi nuqqas jew xi difett fl-embrijun, hi moralment ħażina. Dijanjosi m'għandhiex tissarraf f'kundanna ta' mewt".[3]

2275 "Wieħed għandu jqis bħala permess kull intervent fuq l-embrijun tal-bniedem, sakemm ikunu rispettati l-ħajja u l-integrità tiegħu, u ma joħolqulux perikli sproporzjonati, imma jfittxu biss il-fejqan tiegħu, jew it-titjib ta' saħħtu jew biex jibqa' jgħix".[4]

"Hu għemil immorali tieħu embrijuni umani għal xi esperimenti u tqishom bħala "materjal bijoloġiku" li mbagħad tarmih meta ma jkunx jiswielek aktar".[5]

"Ċerti tentattivi ta' interventi fuq il-wirt kromożomiku u ġenetiku tal-embrijun, mhux b'xi ħsieb terapewtiku, imma bil-ħsieb li jitwieldu bnedmin skont is-sess li wieħed ikun irid, jew inkella b'ċerti kwalitajiet speċifiċi determinati minn qabel, huma immorali għaliex din il-manipulazzjoni tmur kontra d-dinjità tal-persuna umana u kontra l-integrità u l-identità personali tiegħu",[6] unika u li ma tittenniex.

L-EWTANASJA

2276 Dawk li ħajjithom qed tonqos u tiddgħajjef għandhom dritt għal rispett speċjali. Il-persuni morda u ħandikappati għandhom isibu għajnuna biex jgħixu ħajja kemm jista' jkun normali.

2277 Huma x'inhuma l-motivi u l-mezzi, l-ewtanasja diretta sseħħ meta wieħed itemm il-ħajja ta' persuna ħandikappata, jew marida jew qiegħda tmut. Moralment ma tistax tiġi aċċettata.

---

[1] Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, istruzzjoni *Donum vitae*, 3.
[2] *Ibid.*
[3] *Ibid.*, 1, 2.
[4] *Ibid.*, 1, 3.
[5] *Ibid.* 1, 5.
[6] *Ibid.*, 1, 6.

Għemil jew nuqqas ta' għemil li, minnu nnifsu jew bl-intenzjoni ta' min jagħmlu, jagħti l-mewt lil dak li jkun biex ma jbatix aktar, hu qtil li jmur graviment kontra d-dinjità tal-persuna tal-bniedem u kontra r-rispett li jistħoqq lil Alla l-Ħaj u Ħallieq. Żball ta' ġudizzju li wieħed jagħmel bi ħsieb tajjeb, ma jbiddilx in-natura ta' dan il-qtil, li għandu dejjem jiġi kkundannat u pprojbit.

2278 Il-waqfien ta' proċeduri mediċi li jqumu ħafna, u li huma perikolużi, straordinarji, u mingħajr proporzjon mar-riżultati li jinkisbu, jista' jkun leġittmu. Dan il-waqfien ikun ifisser li ma tkunx trid "kura terapewtika li fiha nfisha hi ħarxa ħafna". Dan ma jfissirx li hemm il-ħsieb li tingħata l-mewt: wieħed ikun biss jaċċetta li ma jistax iżomm il-mewt. Id-deċiżjoni trid tittieħed mill-marid innifsu jekk jaf u għandu l-ħila jagħmel dan, jew inkella minn min għandu d-dritt jieħu din id-deċiżjoni, iżda fl-istess ħin għandu dejjem jirrispetta r-rieda raġonevoli u l-interessi leġittmi tal-marid.

2279 Ukoll meta jitqies li l-mewt hi fil-qrib, l-għajnuna li soltu tingħata lill-marid m'għandhiex tieqaf. L-użu ta' mediċini biex itaffu t-tbatijiet tal-moribond, ukoll jekk dawn il-mediċini se jnaqqsu xi ġranet minn ħajtu, jistgħu jaqblu moralment mad-dinjità tal-bniedem, jekk il-mewt wieħed ma jkunx iridha, la direttament u lanqas indirettament, imma biss jittolleraha, għax ma jistax jagħmel mod ieħor. Il-kura li tingħata biex tonqos it-tbatija tista' tkun sura privileġġjata ta' mħabba li ma tfittixx l-interessi tagħha: għal dan l-għan, kura bħal din ta' min jinkoraġġiha.

IS-SUWIĊIDJU

2280 Kull bniedem hu responsabbli ta' ħajtu quddiem Alla, li tahielu. Alla jibqa' dejjem is-Sid setgħani tal-ħajja. Aħna fid-dmir li nilqgħuha b'radd ta' ħajr, u nħarsuha għall-glorja ta' Alla u għas-salvazzjoni ta' ruħna. Aħna l-amministraturi u mhux is-sidien tal-ħajja li Alla fdalna. Ma nistgħux niddisponu minn ħajjitna.

2281 Is-suwiċidju jmur kontra l-ġibda li għandu l-bniedem li jżomm ħajtu sħiħa, anzi li jtawwalha. Imur kontra l-imħabba tiegħek innifsek b'mod tassew gravi. Joffendi wkoll l-imħabba tal-proxxmu għaliex jikser inġustament ir-rabtiet ta' solidarjetà li hemm mal-familja, mal-pajjiż, u mas-soċjetà tal-bnedmin: aħna dejjem obbligati lejhom. Is-suwiċidju hu kontra l-imħabba ta' Alla l-ħaj.

2282 Jekk is-suwiċidju jsir biex ikun ta' eżempju, l-aktar għaż-żgħażagħ, ikun ukoll skandlu gravi. Kooperazzjoni volontarja f'suwiċidju hi kontra l-liġi morali.

Mard psikiku serju, qtigħ il-qalb, u biża' serju tat-tiġrib, tat-tbatija jew tat-tortura jistgħu jnaqqsu r-responsabbiltà ta' min jikkommetti suwiċidju.

2283 Ma għandniex naqtgħu qalbna mis-salvazzjoni ta' dejjem ta' dawk li joqtlu ruħhom b'idejhom. Alla jista' jgħaddihom minn triqat li hu biss jafhom u jagħtihom indiema għas-salvazzjoni. Il-Knisja titlob għal dawk li jippruvaw ineħħu ħajjithom.

## II. Ir-rispett għad-dinjità tal-persuna

IR-RISPETT GHAR-RUH TA' HADDIEHOR: L-ISKANDLU

2284 L-iskandlu hu atteġġjament jew imġiba li twassal lil ħaddieħor biex jagħmel dak li hu ħażin. Min jiskandalizza, ikun iġarrab 'l għajru. Jhedded il-virtù u t-tjieba. Jista' jwassal lil ħuh għall-mewt spiritwali, għall-mewt tar-ruħ. L-

iskandlu hu ħtija serja jekk b'għemil jew nuqqas ta' għemil iwassal lil xi ħaddieħor biex jagħmel xi dnub gravi.

2285 L-iskandlu jikseb gravità speċjali minħabba l-awtorità ta' min jagħtih jew minħabba d-dgħufija ta' min jieħdu. Dan wassal lill-Mulej itenni din is-saħta: "Min jagħti skandlu lil wieħed minn dawn iċ-ċkejknin li jemmnu fija, ikun aħjar għalih li jdendlulu ma' għonqu ġebla tat-tħin minn dawk li jdawru l-ħmir, u jgħarrquh f'qiegħ il-baħar".[1] L-iskandlu hu gravi meta jagħtuh dawk li, min-natura tagħhom jew mill-uffiċċju tagħhom, huma fid-dmir li jgħallmu u jedukaw lill-oħrajn. Fuq hekk Ġesù ċanfar il-kittieba u l-Fariżej: xebbahhom ma' lpup lebsin ta' ħrief.[2]

2286 L-iskandlu jista' jingħata wkoll mil-liġi jew mill-istituzzjonijiet, jew mill-moda jew mill-opinjoni pubblika.

Huma għalhekk ħatja ta' skandlu dawk li jagħmlu liġijiet jew jibnu strutturi soċjali li jwasslu biex ibaxxu l-imġiba morali tan-nies, jew iħassru l-ħajja reliġjuża, jew, "iridu jew ma jridux, joħolqu kundizzjonijiet soċjali li jagħmluha iebsa ħafna, jekk mhux impossibbli, li wieħed iġib ruħu ta' Nisrani kif jgħallmu l-kmandamenti".[3] L-istess irridu ngħidu għall-mexxejja tal-intrapriżi li joħorġu regolamenti li jħajru għall-qerq u l-frodi, għalliema li "jġarrbu żżejjed" lit-tfal,[4] u dawk li jimmanipulaw l-opinjoni pubblika u jbegħduha mill-valuri morali.

2287 Min jagħmel użu mis-setgħa li għandu b'mod li jħajjar għall-ħażen hu ħati ta' skandlu, u huwa responsabbli tal-ħażen li, direttament jew indirettament, ikun ħajjar għalih. "Ma jistax ikun li ma jingħatawx skandli, imma ħażin għalih min ikun ħtija tagħhom" *(Lq 17).*

IR-RISPETT TAS-SAĦĦA

2288 Il-ħajja u s-saħħa fiżika huma ġid għażiż fdat lilna minn Alla. Irridu nħarsuhom b'mod raġonevoli, aħna u nqisu l-ħtiġijiet tal-oħrajn u l-ġid ta' kulħadd.

*Il-kura tas-saħħa* taċ-ċittadini teħtieġ l-għajnuna tas-soċjetà biex ikollhom dawk il-kundizzjonijiet ta' ħajja meħtieġa ħa jikbru u jilħqu l-maturità tagħhom: ikel u lbies, dar, saħħa, tagħlim bażiku, xogħol, assistenza soċjali.

2289 Il-morali tistedinna nħarsu l-ħajja tal-ġisem, iżda ma tagħmilhiex xi valur assolut. Il-morali hi kontra l-fehma tal-paganiżmu tal-lum li qed ifittex iġib 'il quddiem *il-kult tal-ġisem*, u jissagrifika kollox għalih u, jagħmel allat il-perfezzjoni fiżika u s-suċċess fl-isport. Din il-fehma, minħabba l-għażla li tagħmel bejn min hu b'saħħtu u min mhuwiex, tista' twassal biex taqleb ta' taħt fuq ir-relazzjoni tal-bnedmin bejniethom.

2290 Il-virtù tar-rażan (temperanza) tħejjina biex *nevitaw kull xorta ta' esaġerazzjoni* fl-ikel, fix-xorb, fit-tipjip, fil-mediċini. Dawk li jkunu fis-sakra jew dawk li għandhom gost esaġerat tal-ġiri fis-sewqan, jistgħu jheddu l-ħajja tal-oħrajn u tagħhom fit-triqat, fuq il-baħar u fl-ajru, u għalhekk il-ħtija tagħhom hi gravi.

[1] Mt 18,6; ara 1Kor 8,10-13.
[2] Ara Mt 7,15.
[3] Piju XII, diskors tal-1 ta' Ġunju 1941.
[4] Ara Ef 6,4; Kol 3,21.

2291 *L-użu tad-drogi* jagħmel ħsarat tassew kbar fis-saħħa u l-ħajja tal-bniedem. L-użu tad-drogi, barra l-każ meta huma meħtieġa għal raġunijiet strettament terapewtiċi, hu dejjem ħtija gravi. Il-produzzjoni klandestina u t-traffikar tad-drogi huma ħidmiet skandalużi, u huma kooperazzjoni diretta għax iħajru għal drawwiet għalkollox kuntrarji b'mod gravi għal-liġi morali.

IR-RISPETT TAL-PERSUNA UMANA U R-RIĊERKA XJENTIFIKA

2292 L-esperimenti xjentifiċi, mediċi u psikoloġiċi fuq persuni jew gruppi ta' nies, jistgħu jwasslu għall-fejqan mill-mard u għall-progress fis-saħħa tal-poplu.

2293 Ir-riċerka xjentifika bażika bħalma hi r-riċerka applikata huma sinjali li jfissru sewwa s-setgħa tal-bniedem fuq il-ħolqien. Ix-xjenza u t-teknika huma riżorsi mill-aqwa meta qegħdin hemm biex jaqdu l-bniedem u jġibu 'l quddiem l-iżvilupp sħiħ tiegħu għall-ġid ta' kulħadd, iżda waħedhom ma jistgħux juru s-sens tal-ħajja u tal-progress tal-bniedem. Ix-xjenza u t-teknika huma għall-ġid tal-bniedem, li minnu għandhom il-bidu u l-kobor tagħhom: u għalhekk hu fil-persuna umana u fil-valuri morali li jsibu l-għan tagħhom u jaraw safejn jistgħu jaslu.

2294 Inkunu nidħku bina nfusna jekk nippretendu li l-morali ma għandhiex tindaħal fir-riċerka xjentifika u fl-applikazzjonijiet tagħha. Madankollu biex nisiltu l-kriterji li għandhom imexxuha m'għandniex inħarsu biss lejn kemm hi effikaċi t-teknika, jew lejn il-ġid li jista' joħroġ minnha għal xi wħud bi ħsara lil ħaddieħor, jew, wisq agħar, għax iriduha xi ideoloġiji dominanti. Ix-xjenza u t-teknika, proprju minħabba t-tifsir intrinsiku tagħhom, jitolbu r-rispett sħiħ tal-kriterji fundamentali tal-moralità, iridu jaqdu l-persuna umana u d-drittijiet tagħha li ma jista' jneħħihomlha ħadd, u l-ġid veru u sħiħ tagħha, skont il-ħsieb u r-rieda ta' Alla.

2295 Ir-riċerka u l-esperimenti fuq il-bniedem għall-ġid tiegħu ma jistgħux jagħmlu tajjeb dak l-għemil li jkun kuntrarju għad-dinjità tal-persuna umana u tal-liġi morali. Il-fatt li l-persuna li fuqha se jsiru l-esperimenti taċċettahom, mhux biżżejjed biex tiġġustifikahom. L-esperimenti fuq il-bniedem mhumiex moralment tajba jekk se jkunu ta' periklu kbir għall-ħajja u għall-integrità fiżika u psikika tal-bniedem, periklu li jista' jiġi evitat. L-esperimenti fuq il-bniedem ma jaqblux mad-dinjità tal-persuna umana, u wisq u wisq aktar jekk isiru mingħajr il-kunsens ċar tal-persuna stess jew ta' dawk li għandhom id-dritt jagħtu l-kunsens.

2296 *It-trapjanti tal-organi* huma skont il-liġi morali jekk il-ħsara u l-perikli fiżiċi u psikiċi li jista' jġarrab min joffri l-organi tiegħu jkunu proporzjonati mal-ġid li se jinkiseb minn min jirċievi l-organi. L-għoti tal-organi wara l-mewt hu għemil ta' ġieħ u hu ta' min iħeġġu bħala turija ta' solidarjetà ġeneruża. Mhuwiex moralment aċċettabbli jekk dak li jagħti l-organi jew dawk il-qraba tiegħu li għandhom id-dritt jagħtu l-organi tiegħu, ma jagħtux il-kunsens tagħhom b'mod espliċitu. Li ġġib mutilazzjoni li ddgħajjef jew twassal għall-mewt lil xi ħadd, hu għemil moralment ħażin, ukoll jekk dan isir biex tittawwal il-ħajja ta' xi persuna oħra.

IR-RISPETT GHAS-SHUHIJA TAL-ĠISEM

2297 *Il-ħtif ta' persuni u ż-żamma ta' ostaġġi* joħloq il-biża' u, minħabba t-theddid, iġib pressjoni fuq il-vittma, pressjoni li ma jkunx jista' jiflaħ għaliha. Dan il-ħtif hu moralment ħażin. *It-terroriżmu* jhedded, jidrob u joqtol addoċċ: hu għemil tassew gravi kontra l-ġustizzja u l-imħabba. It-tortura li tagħmel użu mill-vjolenza fiżika jew morali biex jinkixef xi tagħrif, biex jiġu kkastigati xi ħatjin,

biex tbeżża' lil min hu kontrik, biex tissodisfa l-mibegħda, tmur kontra r-rispett dovut lill-persuna u lid-dinjità tal-bniedem. *L-amputazzjonijiet, il-mutilazzjonijiet u l-isterilizzazzjoni* magħmulin volontarjament fuq persuni innoċenti huma kontra l-liġi morali, ħlief meta jkunu meħtieġa għal raġunijiet strettament terapewtiċi.[1]

2298 Fl-imgħoddi kien isir ħafna għemil kiefer mill-gvernijiet leġittmi stess biex tinżamm il-liġi u jiġi mħares l-ordni, u dan kemm-il darba sar mingħajr ma r-ragħajja tal-Knisja fetħu fommhom, anzi huma wkoll użaw fit-tribunali tagħhom it-tortura skont il-preskrizzjonijiet tal-liġi Rumana. Iżda flimkien ma' dawn il-fatti, li ta' min jisgħobih għalihom, il-Knisja dejjem għallmet il-ħtieġa tal-ħniena u l-mogħdrija: dejjem ipprojbiet lill-kjeriċi tagħha li jxerrdu d-demm. Fiż-żmien tal-lum deher ċar li dan l-għemil kiefer la kien meħtieġ biex jinżamm l-ordni pubbliku u lanqas jaqbel mad-drittijiet leġittmi tal-persuna umana. Għall-kuntrarju, dan l-għemil iwassal biex ibaxxi sewwa 'l-bniedem. Għandha ssir ħidma biex dan ma jsirx iżjed. Għandu jsir talb għall-vittmi ta' din il-kefrija u għal dawk li jaħqruhom.

IR-RISPETT GĦALL-MEJTIN

2299 Għandha tingħata attenzjoni u kura speċjali lill-moribondi biex ikollhom għajnuna ħa jgħixu l-aħħar mumenti b'dinjità u paċi. Jgħinhom it-talb ta' qrabathom. Dawn għandhom jaraw li l-morda jirċievu f'ħinu u f'waqtu s-sagramenti li jħejjuhom għal-laqgħa ma' Alla l-ħaj.

2300 Għandu jintwera rispett u mħabba lill-ġisem mejjet, bil-fidi u t-tama tal-qawmien mill-imwiet. Id-dfin tal-mejtin hu wieħed mill-għemejjel tal-ħniena:[2] hu ġieħ mogħti lill-ulied ta' Alla, tempji tal-Ispirtu s-Santu.

2301 L-awtopsja tal-katavri tista' tkun moralment tajba, meta ssir għal raġunijiet ta' inkjesta legali jew ta' riċerka xjentifika. L-għoti ta' organi tal-ġisem wara l-mewt jista' jsir, u jista' jkun ta' mertu.

Il-Knisja tippermetti l-kremazzjoni sakemm dan ma jkunx irid ifisser ċaħda tal-fidi fil-qawmien mill-imwiet.[3]

## II. Il-ħarsien tal-paċi

IL-PAĊI

2302 Il-Mulej, huwa u jfakkar il-kmandament "La toqtolx" *(Mt 5,21)*, talab il-paċi tal-qalb u kkundanna bħala moralment ħżiena il-korla li twassal għall-qtil, u l-mibegħda.

L-għadab jew il-korla hu xewqa ta' vendetta. "Tixtieq tivvendika ruħek għad-deni li jagħmel xi ħadd li jistħoqqlu l-kastig, hu kontra l-liġi", iżda hi ħaġa ta' min ifaħħarha titlob tpattija "ħa jitrażżnu l-vizzji u tinżamm il-ġustizzja".[4] Jekk il-korla tasal biex wieħed ikun verament irid joqtol lil għajru jew jidorbu b'mod gravi, din tkun nuqqas gravi kontra l-imħabba: hi dnub mejjet. Il-Mulej jgħid: "Il-kundanna tistħoqq lil min jinkorla għal ħuh" *(Mt 5,22)*.

---

[1] Ara Piju XI, enċiklika *Casti connubii:* Denzinger-Schonmetzer, 3722.
[2] Ara 1 Tob 1,16-18.
[3] Ara CIC kan 1176 §3.
[4] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, 2.2, 158. 1 ad 3.

2303 *Il-mibegħda* volontarja hi kontra l-imħabba. Il-mibegħda tal-proxxmu hi dnub meta l-bniedem ikun tassew irid id-deni lil għajru. Il-mibegħda tal-proxxmu hi dnub gravi meta bniedem ikun tassew irid ħsara kbira lil għajru. "Imma jien ngħidilkom: Ħobbu l-għedewwa tagħkom u itolbu għal dawk li jippersegwitawkom biex tkunu wlied Missierkom li hu fis-smewwiet…" *(Mt 5,44-45)*.

2304 Ir-rispett u l-kobor tal-ħajja tal-bniedem jitolbu li jkun hemm *paċi*. Il-paċi mhijiex biss in-nuqqas ta' gwerra u lanqas mhi t-tfittix biex dawk li huma kontra xulxin ikollhom forzi ndaqs. Ma jistax ikun hemm paċi fuq l-art jekk ma jkunx hemm ħarsien tal-ġid tal-persuni, relazzjonijiet bla xkiel bejn il-bnedmin, rispett għad-dinjità tal-bnedmin u tal-popli, u l-imġiba mimlija ħeġġa għall-imħabba tal-aħwa. Il-paċi hi "l-kwiet tal-ordni".[1] Hi opra tal-ġustizzja[2] u frott tal-imħabba.[3]

2305 Il-paċi fuq l-art hi xbieha u frott tal-*paċi ta' Kristu*, il-"Prinċep tas-sliem" messjaniku *(Is 9,5)*. Bid-demm li xerred fuq is-salib, "fil-ġisem tiegħu… qered il-mibegħda",[4] ħabbeb il-bnedmin mill-ġdid ma' Alla, u għamel il-Knisja tiegħu sagrament tal-għaqda tal-ġens kollu tal-bnedmin u tal-għaqda tal-bniedem ma' Alla. Kristu "hu s-sliem tagħna" *(Ef 2,14)* u jsejjaħ "henjin dawk li jġibu l-paċi" *(Mt 5,9)*.

2306 Dawk li ma jagħmlux użu minn għemil ta' vjolenza bit-tixrid tad-demm biex iħarsu d-drittijiet tal-bniedem, imma jfittxu mezzi ta' difiża li jistgħu jużawhom ukoll dawk li huma aktar dgħajfa, ikunu qed jagħtu xhieda ta' mħabba evanġelika, sakemm dan jagħmluh bla ħsara għad-drittijiet u d-dmirijiet ta' bnedmin oħra u tas-soċjetajiet. Huma xiehda leġittma tal-gravità tar-riskju fiżiku u morali li ġġib il-vjolenza bil-ħerba u l-mewt tagħha.[5]

NEVITAW IL-GWERRA

2307 Il-ħames kmandament jipprojbixxi l-qerda volontarja tal-ħajja tal-bniedem. Minħabba l-ħsarat u l-inġustizzji li kull gwerra ġġib magħha, il-Knisja tħeġġeġ bla heda lil kulħadd biex jitlob u jħabrek ħalli Alla, fit-tjieba tiegħu, jeħlisna mill-jasar antik tal-gwerra.[6]

2308 Kull ċittadin, kull gvern, hu fid-dmir li jaħdem biex jiġu evitati l-gwerer.

Iżda "sakemm jibqa' jeżisti l-periklu tal-gwerra, u ma jkunx hemm awtorità universali kompetenti mogħnija b'forzi adatti, il-gvernijiet ma jistgħux jiġu mċaħħda mid-dritt li jiddefendu ruħhom leġittimament, wara li jkunu sfaw fix-xejn it-tentattivi kollha li jsiru biex tinsab soluzzjoni paċifika tal-problemi li jkunu nqalgħu".[7]

2309 Iridu jitqiesu sewwa, b'mod l-aktar strett, il-kundizzjonijiet biex ikun hemm *difiża leġittma permezz ta' qawwiet militari*. Il-gravità ta' deċiżjoni hekk

[1] *Tranquillitas ordinis:* Santu Wistin, *De Il-Belt ta'Alla*, 10, 13.
[2] Ara Is 32,17.
[3] Ara Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 78.
[4] Ef 2,16; ara Kol 1,20-22.
[5] Ara Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 78.
[6] Ara *Ibid.* 81.
[7] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 79.

serja titlob li jkun hemm kundizzjonijiet iebsa biex id-deċiżjoni tkun moralment leġittma: Għandu jkun hemm f'daqqa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

— Il-ħsara li tkun saret lin-nazzjon jew lill-komunità ta' nazzjonijiet tkun ħsara li tibqa', ħsara serja u żgura.

— Il-mezzi l-oħra kollha li ntużaw biex titbiegħed it-theddida ma waslu mkien jew dehru li fil-prattika ma kinux possibbli.

— Ikun hemm il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa u serji biex id-difiża tirnexxi.

— L-użu tal-armi ma jġibx miegħu ħsarat, deni u diżordni iktar serji mid-deni li jrid jitwarrab. Il-qawwa tal-mezzi moderni għall-qerda għandu jitqies sewwa u għandu jkollu piż kbir fuq id-deċiżjoni li tittieħed.

Dawn huma l-elementi tradizzjonali tat-tagħlim dwar l-hekk imsejħa "gwerra ġusta".

Dawk li huma responsabbli tal-ġid komuni jridu jqisu bilgħaqal kollu dawn il-kundizzjonijiet li jagħmlu gwerra moralment leġittma.

2310 F'dan il-każ, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom id-dmir u d-dritt li jimponu fuq iċ-ċittadini dawk *l-obbligi li jkunu meħtieġa għad-difiża tan-nazzjon.*

Dawk li jiddedikaw ruħhom għas-servizz ta' pajjiżhom bħala militari huma l-qaddejja tas-sigurtà u tal-libertà tal-popli. Jekk jaqdu sewwa din il-ħidma tagħhom ikunu tassew qed jagħtu sehemhom għall-ġid komuni u biex tinżamm il-paċi.[1]

2311 L-awtoritajiet pubbliċi għandhom iqisu kif jixraq il-każ ta' dawk li, għal raġunijiet ta' kuxjenza, ma jridux jużaw l-armi, iżda huma dejjem lesti jaqdu mod ieħor il-komunità tal-bnedmin.[2]

2312 Il-Knisja u r-raġuni tal-bniedem jgħidu li *l-liġi morali fi żmien ġlied ta' gwerra* għandha tibqa' tgħodd dejjem. "Mhux għax hemm gwerra sejra, kollox hu permess lil dawk li qed jiġġieldu kontra xulxin".[3]

2313 Għandu jintwera rispett u jiġu ttrattati b'mod xieraq bħala bnedmin dawk li mhumiex qed jiġġieldu, is-suldati feruti, u l-priġunieri.

Kull għemil direttament kuntrarju għad-dritt tal-ġnus u għall-prinċipji fundamentali tiegħu, u l-ordnijiet li jingħataw għal dan l-għemil, huma delitti. Ubbidjenza għamja għal dawn l-ordnijiet mhijiex biżżejjed biex tiskuża lil min joqgħod għalihom. Il-qerda ta' poplu, ta' nazzjon, ta' grupp etniku għandha tiġi kkundannata bħala dnub mejjet. Wieħed hu moralment obbligat ma jobdix ordni ta' ġenoċidju.

2314 "Kull għemil ta' gwerra li, bla ma jqis xejn, iġib il-qerda ta' bliet sħaħ jew ta' reġjuni sħaħ bl-abitanti kollha tagħhom hu delitt kontra Alla u kontra l-istess bniedem, għandu jiġi kkundannat bil-qawwa kollha u bla tlaqliq.[4] Riskju ta'

[1] Ara Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 79.
[2] *Ibid.*
[3] *Ibid.*
[4] *Ibid.*, 80.

gwerra fiż-żminijiet tal-lum hu dak li jista' jkun okkażjoni biex dawk li għandhom ħażniet ta' armi atomiċi, bijoloġiċi jew kimiċi, jagħmlu delitti bħal dawn.

2315 *Il-ħażna tal-armi tal-gwerra* ħafna jqisuha bħala mod paradossali biex tbiegħed minn gwerra kontra xulxin lil dawk li jistgħu jkunu għedewwa ta' xulxin. Jaraw dan bħala l-mezz l-aktar effikaċi biex tiżgura l-paċi bejn in-nazzjonijiet. Hemm dubji serji fuq kemm hu moralment aċċettabbli dan il-mod biex iddawwar 'il dak li jkun mill-ħsieb tal-ġlied. *It-tellieqa għall-armamenti* bl-ebda mod mhi se tiżgura l-paċi; flok teqred il-kawżi li jistgħu jwasslu għall-gwerra, tirriskja li ssaħħaħhom. L-ispejjeż kbar fuq li kbar li jintefqu fit-tħejjija ta' armi dejjem aktar ġodda mhux qed iħallu li tingħata għajnuna lill-ħafna popolazzjonijiet neqsin minn kollox,[1] qed ifixklu l-iżvilupp tal-popli. *It-tkattir dejjem aktar tal-armamenti*, aktar milli meħtieġ, iżid ir-raġunijiet biex jinqala' l-ġlied u jżid ukoll ir-riskju li oħrajn jitħajru wkoll.

2316 *Il-produzzjoni u l-kummerċ fl-armi tal-gwerra* jolqot il-ġid komuni tan-nazzjonijiet u tal-komunità internazzjonali. L-awtoritajiet pubbliċi għandhom id-dritt u d-dmir li jirregolawhom. Interessi privati jew kollettivi ta' mument mhux se jiġġustifikaw il-ħidma ta' intrapriżi li jħajru għall-vjolenza u għall-ġlied bejn in-nazzjonijiet u jikkompromettu l-ordni ġuridiku internazzjonali.

2317 L-inġustizzji, id-differenzi kbar li hemm fl-ordni ekonomiku u soċjali, l-għira, is-suspetti, is-suppervja li qed jiżdiedu fost il-bnedmin u n-nazzjonijiet jheddu bla heda l-paċi u jġibu l-gwerer. Kulma jsir biex tintrebaħ din id-diżordni jgħin għall-bini tal-paċi u biex il-gwerra tinżamm 'il bogħod mid-dinja:

> Il-periklu tal-gwerer ikompli jhedded il-bnedmin, għax midinbin, u dan jibqa' veru sa ma Kristu jerġa' jiġi. Iżda daqskemm il-bnedmin, magħqudin flimkien fl-imħabba, għandhom il-ħila jirbħu d-dnub, daqshekk ieħor jirbħu l-vjolenza u jaslu biex iseħħ dan il-kliem: "Jibdlu x-xwabel tagħhom f'sikek tal-moħriet, u l-lanez tagħhom fi mnieġel. Ebda ġens ma' jerfa' x-xabla kontra ġens ieħor u s-sengħa tal-gwerra ma jitgħallmuhiex iżjed" *(Is 2*,4).[2]

## Fil-qosor

2318 *"F'idejn Alla hi l-ħajja ta' kulma jgħix, f'idejh in-nifs tal-ħajjin kollha"* (Ġobb 12,10).

2319 *Il-ħajja kollha tal-bniedem, mill-mument tat-tnissil sal-mument tal-mewt, hi qaddisa, għax il-persuna umana kienet mixtieqa għaliha nfisha bħala s-sura u x-xbieha ta' Alla l-ħaj u l-qaddis.*

2320 *Il-qtil ta' bniedem hu kuntrarju b'mod gravi għad-dinjità tal-persuna tal-bniedem u għall-qdusija ta' dak li ħalqu.*

2321 *Il-projbizzjoni tal-qtil ma tneħħix id-dritt li min qed jhedded il-ħajja ta' xi ħadd inġustament, jitqiegħed f'qagħda fejn ma jistax jagħmillu ħsara. Dawk li*

[1] Ara Pawlu VI, enċiklika *Populorum progressio*, 53.
[2] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 78.

*huma responsabbli tal-ħajja tal-oħrajn u tal-ġid komuni għandhom id-dmir serju li jħarsu l-ħajja skont il-liġi.*

2322 *Sa mit-tnissil tagħha, it-tarbija għandha dritt għall-ħajja. L-abort dirett, jiġifieri abort imfittex għalih innifsu jew bħala mezz għal xi ħaġa oħra, hu "għemil infami",*[1] *kuntrarju b'mod mill-aktar gravi għal-liġi morali. Il-Knisja tikkastiga bil-piena kanonika tal-iskomunika dan id-delitt kontra l-ħajja tal-bniedem.*

2323 *Għaliex l-embrijun għandu jitqies bħala persuna sa mill-ewwel mument tat-tnissil, irid jiġi mħares fl-integrità kollha tiegħu, kurat u mfejjaq bħal kull bniedem ieħor.*

2324 *L-ewtanasja volontarja, huma x'inhuma s-suriet u l-motivi tagħha, hi qtil. Hi graviment kuntrarja għad-dinjità tal-persuna umana u għar-rispett ta' Alla l-ħaj u l-Ħallieq.*

2325 *Is-suwiċidju hu għemil gravi kontra l-ġustizzja, it-tama u l-imħabba. Hu pprojbit mill-ħames kmandament.*

2326 *L-iskandlu hu dnub gravi meta b'xi għemil jew b'xi nuqqas ta' għemil, persuna oħra tiġi deliberatament imħajra biex tidneb graviment.*

2327 *Minħabba d-deni kollu u l-inġustizzji li kull gwerra ġġib magħha, għandna nagħmlu kulma hu raġonevolment possibbli biex nevitawha. Il-Knisja titlob: "Mill-ġuħ, mill-mard u mill-gwerer: eħlisna, nitolbuk, Mulej."*

2328 *Il-Knisja u r-raġuni tal-bniedem iżommu li l-liġi morali tibqa' dejjem tiswa, ukoll waqt gwerra. Kull għemil direttament kuntrarju għad-dritt tal-ġnus u għall-prinċipji universali tiegħu, huma delitti.*

2329 *"It-tellieqa għall-armamenti hi marda mill-aktar gravi tal-ġens tal-bnedmin u tagħmel lill-foqra ħsara li ħadd ma jiflaħ għaliha".*[2]

2330 *"Henjin dawk li jġibu l-paċi, għax huma jissejħu wlied Alla"* (Mt 5,9).

**Is-sitt artiklu**

## IS-SITT KMANDAMENT

"La tagħmilx adulterju" *(Eż 20,14; Dewt 5,17).*

Smajtu x'intqal: "La tagħmilx adulterju". Imma jiena ngħidilkom li kull min iħares lejn mara u jixtieqha jkun ġa għamel adulterju magħha f'qalbu *(Mt 5,27-28).*

### I. "Raġel u mara ħalaqhom ..."

2331 "Alla hu mħabba. Fih innifsu jgħix il-misteru tal-għaqda u l-imħabba. Meta ħalaq r-raġel u l-mara xbieha tiegħu... Alla nissel fihom *il-vokazzjoni*, u għalhekk il-ħila u r-responsabbiltà wkoll, għall-*imħabba* u għall-għaqda".[3]

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 27.
[2] *Ibid.*, 81.
[3] Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Familiaris consortio*, 11.

“Fuq xbihetu Alla ħalaq il-bniedem, raġel u mara ħalaqhom” *(Ġen 1,27)*. “U Alla berikhom u qalilhom: ‘nisslu u oktru’” *(Ġen 1,28)*. “Meta Alla ħalaq il-bniedem, fi xbieha ta’ Alla għamlu, raġel u mara ħalaqhom, u berikhom u semmiehom bnedmin nhar il-ħolqien tagħhom” *(Ġen 5,1-2)*.

2332 Is-*sesswalità* tħaddan l-aspetti kollha tal-persuna umana, fl-għaqda ta’ ruħha u ġisimha. Hija tinteressa l-aktar l-affettività, il-ħila li tħobb u tnissel u, b’mod aktar ġenerali, il-ħila li toħloq rabta ta’ għaqda ma’ ħaddieħor.

2333 Kull bniedem, raġel jew mara, għandu jagħraf u jaċċetta l-*identità* sesswali tiegħu. *Id-differenza* u l-*kumplimentarjetà* fiżika, morali u spiritwali tar-raġel u l-mara jfittxu l-ġid taż-żwieġ u l-iżvilupp tal-ħajja tal-familja. L-armonija tar-raġel u l-mara fis-soċjetà taż-żwieġ tiddependi sa ċertu punt mill-mod kif iż-żewġ sessi bejniethom jgħixu l-kumplimentarjetà, il-ħtieġa u l-għajnuna ta’ xulxin.

2334 “Meta ħalaq il-bniedem raġel u mara Alla ta l-istess dinjità personali lir-raġel u lill-mara”.[1] “Il-bniedem hu persuna u dan hu minnu kemm għar-raġel u kemm għall-mara, għax it-tnejn maħluqin fis-sura u x-xbieha personali ta’ Alla”.[2]

2335 Iż-żewġ sessi għandhom dinjità ndaqs, għalkemm differenti, dinjità li hi xbieha tas-setgħa u t-tjieba ta’ Alla. *L-għaqda tar-raġel u l-mara fiż-żwieġ* b’xi mod hi xebh fil-ġisem tal-ġenerożità u l-fekondità ta’ Alla l-Ħallieq. “Ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma’ martu u jsiru ġisem wieħed” *(Ġen 2,24)*. Minn din l-għaqda ħarġu l-ġenerazzjonijiet kollha tal-bnedmin.[3]

2336 Ġesù ġie fid-dinja biex iġedded il-ħolqien u jreġġgħu għas-safa li kellu fil-bidu. Fid-Diskors fuq il-muntanja, Ġesù fisser b’mod l-aktar ċar u qawwi l-pjan ta’ Alla: “Smajtu x’intqal: ‘La tagħmilx adulterju’, imma jiena ngħidilkom li min iħares lejn mara u jixtieqha jkun ġa għamel adulterju magħha f’qalbu” *(Mt 5,27-28)*. “Dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem” *(Mt 19,6)*.

It-Tradizzjoni tal-Knisja dejjem qieset li s-sitt kmandament iħaddan kulma għandu x’jaqsam mas-sesswalità tal-bniedem.

## II. Il-vokazzjoni għall-kastità

2337 Il-kastità tfisser l-integrazzjoni sħiħa tas-sesswalità fil-persuna umana biex hekk ikun hemm għaqda interjuri bejn ir-ruħ u l-ġisem fil-bniedem innifsu. Is-sesswalità, li biha l-bniedem jesprimi li jagħmel sehem mid-dinja korporali u bijoloġika, issir personali u tassew umana, meta tiġi integrata f’relazzjoni ta’ persuna ma’ persuna oħra, fl-għoti sħiħ lil xulxin għal żmien bla tmiem tar-raġel u l-mara.

Il-virtù tal-kastità għalhekk titlob kemm l-integrità tal-persuna umana u kemm is-sbuħija tal-għotja.

[1] Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Familiaris consortio*, 22; ara Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 49.
[2] Ġwanni Pawlu II, ittra appostolika *Mulieris dignitatem*, 6.
[3] Ara Ġen 4,1-2; 25-26; 5,1.

L-INTEGRITÀ TAL-PERSUNA

2238 Persuna li tħares il-kastità żżomm sħaħ il-qawwiet ta' ħajja u ta' mħabba li jinsabu fiha. Din l-integrità tiżgura l-għaqda fiha nfisha tal-persuna u tmur kontra kull imġiba li tista' tidrobha. La tammetti ħajja ta' wiċċ b'ieħor, u lanqas diskors li jinbidel skont ir-riħ.[1]

2339 Il-kastità titlob li wieħed *ikun imħarreġ fil-kontroll tiegħu innifsu*: din hi l-edukazzjoni tal-libertà tal-bniedem. L-alternattiva hi ċara: jew il-bniedem jikkontrolla l-passjonijiet tiegħu u jgawdi s-sliem, jew inkella jħalli ruħu titjassar mill-passjonijiet tiegħu u jsir infeliċi.[2] "Id-dinjità tal-bniedem titlob minnu li kulma jagħmel, jagħmlu għax jaf x'qiegħed jagħmel u qed jagħmlu bir-rieda ħielsa tiegħu, imqanqal u mmexxi mill-konvinzjonijiet personali tiegħu, u mhux imġiegħel minn xi istinti tiegħu jew minn xi ħadd jew xi ħaġa barra minnu. Din id-dinjità, il-bniedem jiksibha meta jeħles minn kull jasar tal-passjonijiet tiegħu u jersaq lejn id-destin tiegħu b'għażla ħielsa ta' dak li hu tajjeb, u jieħu ħsieb jikseb tassew, bl-għaqal tiegħu, kulma jeħtieġlu għal dan l-għan".[3]

2340 Dak li jrid iżomm il-wegħdiet tal-Magħmudija tiegħu u jirbaħ kull tentazzjoni li jista' jkollu, għandu jieħu ħsieb jikseb *il-mezzi* meħtieġa: jagħraf lilu nnifsu, jgħix ħajja ta' ċaħda skont il-qagħda li jkun jinsab fiha, iħares il-kmandamenti ta' Alla, iħaddem il-virtujiet morali, u ma jonqosx mit-talb. "Il-kastità tiġborna: terġa' twassalna għal dik l-għaqda li konna tlifna meta tferrixna".[4]

2341 Il-virtù tal-kastità tiġi taħt il-virtù kardinali tar-*rażan*, li bħala għan għandha li tirregola, skont ir-raġuni, il-passjonijiet u x-xewqat sensibbli tal-bniedem.

2342 Il-kontroll tiegħek innifsek hu *ħidma li trid żmien fit-tul*. Qatt ma nistgħu ngħidu li ksibna dan il-kontroll darba għal dejjem. Jitlob sforz li jrid isir tul iż-żmien kollu tal-ħajja.[5] Xi kultant, f'ċerti mumenti, l-isforz meħtieġ irid ikun akbar, bħal meta wieħed qed isawwar il-personalità tiegħu, jew matul it-tfulija u l-adolexxenza.

2343 Il-kastità għandha *l-liġi tal-iżvilupp tagħha*, kobor li jseħħ pass pass, b'mumenti ta' nuqqas ta' perfezzjoni u xi drabi wkoll, forsi ta' spiss, b'mumenti ta' dnub. Il-bniedem "jinbena fil-virtù u s-safa minn jum għall-ieħor bil-ħafna għażliet ħielsa li jagħmel. Għalhekk hu jagħraf, iħobb u jagħmel il-ġid morali huwa u jikber".[6]

2344 Il-kastità hi ħidma kollha kemm hi personali u titlob ukoll *sforz kulturali* għaliex "l-iżvilupp tal-persuna umana u dak tal-istess soċjetà jiddependu minn xulxin".[7] Il-kastità tissopponi r-rispett tad-drittijiet tal-persuna, b'mod

[1] Ara Mt 5,37.
[2] Ara Sir 1,22.
[3] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 17.
[4] Santu Wistin, *Stqarrijiet*, 10, 29.
[5] Ara Tit 2,1-6.
[6] Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Familiaris consortio*, 34.
[7] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 25.

partikulari d-dritt li wieħed ikollu informazzjoni u edukazzjoni li jirrispettaw id-dimensjoni morali u spiritwali tal-ħajja tal-bniedem.

2345 Il-kastità hi virtù morali. Hi wkoll don ta' Alla, *grazzja*, frott ta' ħidma spiritwali.[1] L-Ispirtu s-Santu, lil dak li jitwieled mill-ġdid fil-Magħmudija, jagħtih li jkun jixbah lil Kristu fis-safa tiegħu.[2]

IS-SHUHIJA TAL-GHOTJA TIEGHEK INNIFSEK

2346 L-imħabba tagħti sura lill-virtuijet kollha. Imnebbħa mill-imħabba, il-kastità tgħallimna kif għandna ningħataw lill-oħrajn. Il-kontroll tagħna nfusna għandu bħala għan din l-għotja tagħna nfusna. Il-kastità twassal lil dak li jħarisha biex ikun xhud ma' għajru tal-fedeltà u tat-tjieba ta' Alla.

2347 Il-virtù tal-kastità tiżviluppa fi *ħbiberija*. Turi lid-dixxiplu kif jimxi wara dak li għażilna bħala ħbiebu,[3] li ngħata kollu kemm hu għalina u tana sehem fin-natura tiegħu ta' Alla. Il-kastità hi wegħda ta' immortalità.

Il-kastità turi ruħha l-aktar fil-*ħbiberija mal-proxxmu*. Il-ħbiberija, li sseħħ bejn persuni tal-istess sess, jew ta' sess differenti, hi ġid kbir għal kulħadd. Twassal għall-għaqda spiritwali.

IS-SURIET DIVERSI TAL-KASTITÀ

2348 Kull min hu mgħammed hu msejjaħ biex iħaddan il-kastità. In-Nisrani "libes 'il Kristu" *(Gal 3,27)*, mudell ta' kull kastità. Il-fidili kollha ta' Kristu huma msejħin biex jgħixu ħajja ta' kastità skont l-istat partikulari ta' ħajjithom. Meta tgħammed, in-Nisrani impenja ruħu li fl-affetti kollha tiegħu jħares il-kastità.

2349 "Il-kastità trid turi ruħha skont l-istat tal-ħajja tal-persuna li tkun: f'xi wħud, f'ħajja ta' verġinità jew ta' ċelibat konsagrat, u dan hu l-aqwa mod biex wieħed, aktar malajr, joffri lil Alla qalb kollha kemm hi għalih; f'oħrajn, f'ħajja skont ma tgħid għal kulħadd il-liġi morali kemm jekk miżżewġin u kemm jekk le".[4] Il-miżżewġin huma msejħin biex jgħixu l-kastità fiż-żwieġ tagħhom; l-oħrajn oħrajn biex iħarsuha bil-kontinenza:

> Hemm tliet suriet tal-virtù tal-kastità; dik tal-miżżewġin, dik tar-romol, u dik tal-verġni. Ma nfaħħrux sura waħda u nwarrbu s-suriet l-oħra. Hu għalhekk li d-dixxiplina tal-Knisja hi għanja.[5]

2350 L-*għarajjes* huma msejħin jgħixu l-kastità tagħhom b'ħajja safja. Minn din il-prova, li jridu jgħaddu minnha, jaslu biex jiksbu rispett għal xulxin, jitgħallmu jkunu fidili lejn xulxin, u jittamaw li jkunu jistgħu jilqgħu lil xulxin mill-Mulej. Iħallu għaż-żmien taż-żwieġ dawk is-sinjali ta' mħabba li huma proprji biss tal-imħabba fiż-żwieġ. Jgħinu lil xulxin biex jikbru fil-kastità.

[1] Ara Gal 5,22.
[2] Ara 1 Ġw 3,3.
[3] Ara Ġw 15,15.
[4] Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, dikjarazzjoni *Persona humana* 11: AAS 68 (1976), 77-96.
[5] San Ambroġ, *De viduis,* 23: PL 153, 225A.

ID-DNUBIET KONTRA L-KASTITÀ

2351 Il-*lussurja* hi xewqa diżordinata jew gost bla rażan ta' pjaċir venerju. Il-pjaċir sesswali hu diżordinat meta hu mfittex għalih innifsu, bla ebda ħsieb ta' tnissil u lanqas ta' għaqda ma' xulxin.

2352 Il-*masturbazzjoni* hi l-eċċitazzjoni volontarja tal-organi ġenitali għall-pjaċir venerju. "Skont tradizzjoni li qatt ma nbidlet, kemm il-maġisteru tal-Knisja u kemm is-sens morali tal-fidili, dejjem qalu bla tlaqliq li l-masturbazzjoni hi għemil diżordinat fih innifsu, b'mod gravi. Tkun xi tkun ir-raġuni, l-użu deliberat tal-fakultà sesswali, barra r-relazzjonijiet normali taż-żwieġ, ikun kontra dak li għalih hu ż-żwieġ". Il-pjaċir sesswali fil-każ ta' masturbazzjoni hu mfittex barra "mir-relazzjoni sesswali li jitlob ordni morali, relazzjoni li sseħħ biss fi ħdan imħabba vera, fit-tifsir sħiħ tal-għoti lil xulxin tar-raġel u l-mara fiż-żwieġ u fit-tnissil tal-bniedem".[1]

Biex tagħmel ġudizzju meqjus dwar ir-responsabbiltà morali ta' min jagħmel masturbazzjoni u biex tara x'ħidma pastorali trid tagħmel, trid dejjem tqis jekk dak li jkun għadux immatur fl-affettività tiegħu: trid tqis il-qawwa tad-drawwa u l-istat ta' qtigħ il-qalb u fatturi oħra psikiċi u soċjali li jistgħu jnaqqsu, meta ma jġibux ukoll kważi fix-xejn, il-ħtija morali.

2353 Il-*fornikazzjoni* (iż-żìna) hi għaqda karnali barra ż-żwieġ ta' raġel u mara mhux miżżewġin. Hu nuqqas gravi kontra d-dinjità tal-persuni u s-sesswalità tal-bniedem, li min-natura tagħha qiegħda hemm għall-ġid tal-miżżewġin kif ukoll għat-tnissil u l-edukazzjoni tat-tfal. Hi wkoll skandlu gravi meta ssir ma' xi ħadd taħt l-età.

2354 Il-*pornografija* toħroġ fil-beraħ l-atti sesswali, veri jew taparsi, li jsiru fl-intimità bejn il-miżżewġin, u dan bil-ħsieb li jarawhom nies oħra. Hi offiża għall-kastità għaliex tmur kontra n-natura tal-att taż-żwieġ, li hu d-don intimu taż-żewġ miżżewġin lil xulxin. Tagħmel ħsara kbira lid-dinjità ta' dawk li jidħlu għaliha (atturi, kummerċjanti, pubbliku) għaliex kull wieħed isir għal ħaddieħor okkażjoni ta' pjaċir primittiv u ta' qligħ illeċtu. Tgħaddas lil kulħadd f'ħolma ta' dinja ta' frugħa. Hi ħtija gravi. L-awtoritajiet ċivili għandhom jipprojbixxu l-produzzjoni u t-tqassim ta' materjal pornografiku.

2355 Il-*prostituzzjoni* tmur kontra d-dinjità tal-persuna li tingħata għall-prostituzzjoni, għax minnha jiġi mfittex biss il-pjaċir venerju. Min iħallas jidneb graviment kontra tiegħu nnifsu. Jikser il-kastità li għaliha ntrabat fil-Magħmudija tiegħu, u jniġġes ġismu, li hu tempju tal-Ispirtu s-Santu.[2] Il-prostituzzjoni hi pjaga soċjali: ġeneralment tolqot lin-nisa, imma wkoll l-irġiel, lit-tfal jew lill-adolexxenti (f'dawn l-aħħar żewġ każi d-dnub iżid miegħu l-iskandlu). Jekk hu dejjem dnub gravi tingħata għall-prostituzzjoni, il-miżerja, it-theddid, u l-pressjoni soċjali jistgħu jwasslu biex titnaqqas il-ħtija.

2356 L-*istupru* hu dħul bi vjolenza fl-intimità sesswali ta' xi persuna. Imur kontra l-ġustizzja u l-imħabba. L-istupru jidrob sewwa d-dritt li għandu kull wieħed għar-rispett, għal-libertà u għall-integrità fiżika u morali tiegħu. Joħloq

[1] Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, dikjarazzjoni *Persona humana*, 9.
[2] Ara 1 Kor 6,15-20.

preġudizzju gravi, li jista' jimmarka l-vittma għal ħajjitha kollha. Hu għemil fih innifsu ħażin dejjem. Hu agħar jekk l-istupru jsir minn ġenituri (inċest) jew minn edukaturi li lilhom ġew fdati t-tfal.

KASTITÀ U OMOSESSWALITÀ

2357 L-omosesswalità hi r-relazzjoni ta' rġiel jew nisa li jħossu ġibda sesswali, esklussiva jew predominanti, għall-persuni tal-istess sess tagħhom. Kellha ħafna suriet tul iż-żminijiet u fil-kulturi. L-oriġini psikika tagħha għadu mhux magħruf biżżejjed. Fuq il-bażi tal-Iskrittura, li turi l-omosesswalità bħala għemil mill-aktar ħażin,[1] it-Tradizzjoni dejjem għallmet li "kull għemil omosesswali hu fih innifsu diżordinat".[2] Hu għemil kontra l-liġi naturali. Jagħlaq l-att sesswali għall-għoti tal-ħajja. Ma jiġix minn kumplimentarjetà affettiva u minn sesswalità vera. Ma jistax jiġi approvat għall-ebda raġuni.

2358 Numru mhux żgħir ta' rġiel u nisa juru tendenzi omosesswali fil-fond. Din l-inklinazzjoni, li fiha nfisha hi diżordni, għal ħafna minnhom hi prova kbira. Għandna nilqgħuhom b'rispett, mogħdrija u attenzjoni kbira. Ma għandu jkun hemm għalihom ebda sinjal ta' diskriminazzjoni mhux ġusta. Dawn il-persuni huma msejħin biex jagħmlu r-rieda ta' Alla f'ħajjithom u, jekk huma Nsara, għandhom jgħaqqdu mas-salib ta' Kristu d-diffikultajiet li magħhom jistgħu jiltaqgħu minħabba l-qagħda tagħhom.

2359 Il-persuni omosesswali huma msejħin biex iħarsu l-kastità. Permezz tal-virtujiet tal-kontroll tagħhom infushom, li jħarrġuhom fl-użu tal-libertà interjuri tagħhom, xi kultant ukoll bl-għajnuna ta' ħbiberija bla interessi, bit-talb u l-grazzja tas-sagramenti, jistgħu u għandhom jersqu bil-mod il-mod u b'fehma sħiħa, għall-perfezzjoni nisranija.

## III. L-imħabba tal-miżżewġin

2360 Is-sesswalità qiegħda għall-imħabba tar-raġel u l-mara fiż-żwieġ. Fiż-żwieġ l-intimità korporali tal-miżżewġin issir sinjal u rahan ta' għaqda spiritwali. Ir-rabta taż-żwieġ bejn l-imgħammdin hi mqaddsa permezz tas-sagrament.

2361 "Is-sesswalità, li permezz tagħha r-raġel u l-mara jingħataw lil xulxin kollhom kemm huma b'għemil li hu proprju u biss tal-miżżewġin, mhijiex biss xi ħaġa bijoloġika, imma hi ħaġa li tolqot il-bniedem bħala bniedem f'dak li hu l-qofol tiegħu. Is-sesswalità sseħħ b'mod li jixraq lill-bniedem biss meta hi parti sħiħa ta' dik l-imħabba li biha r-raġel u l-mara jingħataw lil xulxin għal dejjem sal-mewt".[3]

> Tobija qam mill-friex u qal lil Sara: "Oħti, qum, ħa nishru u nitolbu quddiem Sidna, li jagħmel ħniena magħna u jsalvana". Sara qamet u bdew jitolbu bil-ħniena s-salvazzjoni u jgħidu: "Imbierek int, o Alla ta' missirijietna, u mbierek ismek għal dejjem ta' dejjem. Iberkuk is-smewwiet u l-ħolqien kollu għal dejjem ta' dejjem. Int għamilt lil Adam u tajtu b'martu lil Eva, bħala għajnuna u appoġġ, u minnhom it-tnejn tnisslu l-bnedmin. U int għedt: 'Mhux sewwa li r-raġel jibqa' waħdu, ħa nagħmillu għajnuna li tkun tixbhu. U

[1] Ara Ġen 19,1-29; Rum 1,24-27; 1 Kor 6,10; 1 Tim 1,10.
[2] Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, dikjarazzjoni *Persona humana*, 8.
[3] Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Familiaris consortio*, 11.

issa lil din oħti ma żżewwiġthiex għall-passjoni tal-ġisem, imma fis-sewwa. Agħmel ħniena miegħi u magħha ħa nixjieħu flimkien." U qalu flimkien it-tnejn "Ammen, Ammen." U dak il-lejl raqdu *(Tob 8,4-9).*

2362 "L-għemil li jġib l-għaqda intima u safja tal-miżżewġin ma' xulxin hu għemil onest u xieraq. Meta jsir f'sura li tassew tixraq lill-bniedem, ifisser u jgħin l-għoti tagħhom infushom lil xulxin, għoti li bih iż-żewġ miżżewġin jistagħnew fil-ferħ u l-ħajr".[1] Is-sesswalità hi għajn ta' ferħ u pjaċir:

Il-Ħallieq innifsu ried li, f'dan id-dmir (tat-tnissil), il-miżżewġin iħossu pjaċir u sodisfazzjon fir-ruħ u l-ġisem. Għalhekk il-miżżewġin ma jkunu jagħmlu xejn ħażin meta jfittxu dan il-pjaċir u jifirħu bih. Qegħdin jaċċettaw dak li l-Ħallieq ħejja għalihom. Iżda l-miżżewġin għandhom ikunu jafu li għandhom iżommu ruħhom f'qies xieraq.[2]

2363 L-għaqda tal-miżżewġin bejniethom iġġib dak li għalih hemm iż-żwieġ: il-ġid tal-istess miżżewġin u l-għoti tal-ħajja. Ma nistgħux nifirdu minn xulxin dawn iż-żewġ tifsiriet jew valuri taż-żwieġ mingħajr ma nħassru l-ħajja spiritwali tal-miżżewġin u nikkompromettu l-ġid taż-żwieġ u l-ġejjieni tal-familja.

L-imħabba fiż-żwieġ tar-raġel u l-mara għalhekk titlob kemm il-fedeltà tal-miżżewġin lejn xulxin, u kemm li l-għaqda tagħhom tagħti l-frott tagħha.

IL-FEDELTÀ TAL-MIŻŻEWĠIN

2364 Il-miżżewġin jagħmlu flimkien "komunità intima ta' ħajja u ta' mħabba mibnija minn Alla l-Ħallieq u mogħtija minnu l-liġijiet proprji tagħha. Isseħħ b'patt tal-miżżewġin bejniethom, jiġifieri permezz tal-kunsens personali li jagħtu lil xulxin u li ma jistgħux jerġgħu lura minnu".[3] It-tnejn jagħtu lilhom infushom lil xulxin għalkollox u darba għal dejjem. Ma għadhomx aktar tnejn, imma issa saru ġisem wieħed. Il-patt li għamlu ma' xulxin jobbligahom li ma jkun hemm ebda patt ieħor bħalu miegħu u li ma jħassruh qatt.[4] "Dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem".[5]

2365 Il-fedeltà tfisser li l-miżżewġin se jibqgħu jżommu dejjem il-kelma li taw lil xulxin. Alla jżomm kelmtu. Is-sagrament taż-żwieġ idaħħal ir-raġel u l-mara fil-fedeltà ta' Kristu għall-Knisja tiegħu. Permezz tal-kastità tagħhom fiż-żwieġ, huma jagħtu xhieda ta' dan il-misteru quddiem id-dinja.

San Ġwann Griżostmu jistieden lill-irġiel żgħażagħ jgħidu dan lil marthom: "Erfajtek fuq dirgħajja u nħobbok, u nippreferik aktar minn ħajti. Għax il-ħajja ta' issa mhi xejn u l-ħolma l-aktar imħeġġa tiegħi hi li ngħixha miegħek hekk li nkunu żguri li ma nkunux mifrudin minn xulxin fil-ħajja li hemm imħejjija għalina. Inqis imħabbtek aktar minn kull ħaġ'oħra u xejn mhu se jweġġagħni aktar mill-fatt li ma jkollix l-istess ħsibijiet tiegħek".[6]

IL-FROTT TAŻ-ŻWIEĠ

2366 Il-frott taż-żwieġ hu don, hu wieħed mill-*iskopijiet taż-żwieġ*, għax l-imħabba tal-miżżewġin min-natura tagħha trid li jkollha l-frott tagħha. Il-wild

[1] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 49.
[2] Piju XII, diskors tad-29 ta' Ottubru 1951.
[3] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 48.
[4] Ara CIC kan 1056.
[5] Mk 10,9 ara Mt 19,1-12; 1Kor 7,10-11.
[6] San Ġwann Griżostmu, *Homiliae in ad Ephesios*, 20, 8: PG 62, 146-147.

ma jiġix minn barra biex jiżdied mal-imħabba tal-miżżewġin bejniethom. Joħroġ mill-qalba stess tal-għoti tal-miżżewġin lil xulxin u huwa l-frott ta' dan l-għoti lil xulxin. Il-Knisja wkoll, "għax hi favur il-ħajja",[1] tgħallem li "kull att taż-żwieġ għandu jkun minnu nnifsu miftuħ għall-ħajja".[2] "Dan it-tagħlim, imfisser kemm-il darba mill-maġisteru tal-Knisja, hu mibni fuq ir-rabta taż-żwieġ li ma tinħall qatt, li riedha Alla, u fuq il-fatt li l-bniedem, minn rajh, qatt ma jista' jifred minn xulxin iż-żewġ tifsiriet tal-att taż-żwieġ: l-għaqda u t-tnissil".[3]

2367 Il-miżżewġin, imsejħin biex jagħtu l-ħajja, għandhom sehem fis-setgħa ta' Alla l-Ħallieq u fil-paternità tiegħu.[4] Il-miżżewġin għandhom ikunu jafu bid-dmir li għandhom li jagħtu l-ħajja lil bniedem u jedukawh – din għandha titqies bħala l-missjoni proprja tagħhom – u li huma mseħbin fl-imħabba ta' Alla l-Ħallieq u b'xi mod huma interpreti tiegħu. Għalhekk għandhom jaqdu dan id-dmir b'sens ta' responsabbiltà ta' bnedmin u ta' Nsara li huma.[5]

2368 Aspett partikulari ta' din ir-responsabbiltà hu *l-kontroll tat-tnissil.* Għal raġunijiet ġusti l-miżżewġin jistgħu jkunu jridu li jkun hemm intervall bejn twelid u ieħor ta' wliedhom. Iridu jaraw li din ix-xewqa tagħhom ma tkunx frott tal-egoiżmu tagħhom, imma tkun xewqa li taqbel mal-ġenerożità ġusta ta' paternità responsabbli. Iridu mbagħad jirregolaw l-imġiba tagħhom skont il-kriterji oġġettivi tal-moralità:

> Meta l-miżżewġin jiġu biex isieħbu flimkien l-imħabba tagħhom fiż-żwieġ mat-tnissil responsabbli tal-ħajja, l-imġiba morali tagħhom ma tiddependix biss mill-intenzjoni sinċiera tagħhom u mill-valur tar-raġunijiet li jkollhom, imma wkoll minn kriterji oġġettivi mibnijin fuq id-dinjità stess tal-persuna umana u ta' għemilu kollu, kriterji li fil-kuntest ta' mħabba vera, iħarsu t-tifsir sħiħ tal-għotja tagħhom lil xulxin u tat-tnissil tal-bniedem.[6]

2369 L-att taż-żwieġ iżomm b'mod sħiħ is-sens ta' mħabba vera għal xulxin u tas-sejħa għolja tal-bniedem għall-paternità, biss jekk iħares iż-żewġ aspetti essenzjali tiegħu, jiġifieri l-għaqda tal-miżżewġin bejniethom u t-tnissil tal-ulied.[7]

2370 Il-kontinenza perjodika, jiġifieri l-metodi li jirregolaw it-twelid tal-ulied ibbażati fuq awto-osservazzjoni u l-użu tal-att taż-żwieġ fi żminijiet li fihom it-tnissil ma jseħħx,[8] taqbel mal-kriterji oġġettivi tal-moralità. Dawn il-metodi juru rispett lejn il-ġisem tal-għarajjes, iħajruhom ikunu delikati ma' xulxin, u jgħinuhom jistħarrġu l-libertà vera. Min-naħa l-oħra hu diżonest fih innifsu "kull għemil jew qabel l-att taż-żwieġ, jew waqt dan l-att, jew waqt l-iżvilupp tal-konsegwenzi tiegħu, li jsir bil-ħsieb, bħala għan jew bħal mezz, biex ma jkunx hemm tnissil":[9]

> "Minflok il-lingwaġġ li jfisser b'mod naturali l-għotja sħiħa tal-miżżewġin, l-użu tal-kontraċettivi jitkellem b'lingwaġġ li minnu nnifsu jwaqqa' dan it-tifsir, għax skont dan

[1] Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Familiaris consortio*, 30.
[2] Pawlu VI, enċiklika *Humanae vitae*, 11.
[3] Pawlu VI, enċiklika *Humanae vitae*, 12; ara Piju XI, enċiklika *Casti connubii.*
[4] Ara Ef 3,14; Mt 23,9.
[5] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 50.
[6] *Ibid.*, 51.
[7] Pawlu VI enċiklika *Humanae vitae*, 12.
[8] Ara *ibid*.
[9] *Ibid.* 14.

il-lingwaġġ, ma tibqax aktar sħiħa l-għotja tagħhom lil xulxin. Minn dan jiġi mhux biss li wieħed ikun jiċħad bid-dieher il-ftuħ għall-ħajja imma jkun ukoll qed jgħawweġ minn għeruqha l-imħabba tal-miżżewġin, li fiha nfisha titlob li l-miżżewġin jagħtu ruħhom lil xulxin bħala persuni, fir-ruħ u l-ġisem." Din id-differenza antropoloġika u morali bejn l-użu tal-kontraċettivi u l-użu tas-*"safe period"* juru "żewġ fehmiet tal-persuna u tas-sesswalità tal-bniedem li ma jistgħux ikunu jaqblu ma' xulxin".[1]

2371 "Madankollu, kulħadd għandu jkun jaf li l-ħajja tal-bniedem u d-dmir li jgħaddiha lill-ħaddieħor la huma biss għal din id-dinja, u lanqas ma jsibu f'din id-dinja d-dimensjoni sħiħa tagħhom jew it-tifsir sħiħ tagħhom, imma dejjem iridu jitqiesu b'referenza *għad-destin etern tal-bniedem.*[2]

2372 L-Istat hu responsabbli tal-ġid taċ-ċittadini. Għalhekk l-Istat jista' jindaħal biex jirregola d-demografija tal-popolazzjoni. Dan jista' jagħmlu billi jagħti informazzjoni oġġettiva u rispettuża, iżda mhux b'mod awtoritarju u b'obbligu bilfors. L-Istat ma jistax leġittimament jieħu l-post tal-miżżewġin, li huma l-ewwel responsabbli tat-tnissil u l-edukazzjoni ta' wliedhom.[3] F'dan il-qasam ma għandu ebda awtorità li jindaħal b'mezzi li huma kuntrarji għal-liġi morali.

ID-DON TAL-ULIED

2373 L-Iskrittura u l-prattika tradizzjonali tal-Knisja jaraw fil-familji kbar sinjal tal-barka ta' Alla u tal-qalb kbira tal-ġenituri.[4]

2374 Ikunu mġarrbin ħafna dawk il-miżżewġin li jsibu li ma jistax ikollhom tfal. "X'se tagħtini?" qal Abraham lil Alla, "għax se nibqa' bla tfal..." *(Ġen 15,2)*. "Agħtini t-tfal għax se mmut," qalet Rakel lil żewġha Ġakobb *(Ġen 30,1)*.

2375 Ir-riċerki li qegħdin isiru biex titnaqqas l-isterilità tal-bniedem ta' min jinkoraġġihom, sakemm isiru bil-ħsieb li "jaqdu l-persuna umana, id-drittijiet tiegħu li ma jistgħu jitwarrbu qatt, il-ġid veru u sħiħ tiegħu, u huma skont il-pjan u r-rieda ta' Alla".[5]

2376 Dik it-teknika li twassal biex twarrab il-ġenituri minn xulxin fit-tnissil tat-tfal, billi ddaħħal fin-nofs persuna barranija għall-miżżewġin (l-għoti ta' sperma jew ta' bajd jew self tal-uteru), hi teknika diżonesta għall-aħħar. Mezzi tekniċi oħra (inseminazzjoni jew fekondazzjoni artifiċjali eterologa) imorru kontra d-dritt tat-tifel li jitwieled minn missier u omm magħrufin minnu u marbutin bejniethom bir-rabta taż-żwieġ. Huma tradiment tad-"dritt esklussiv (tal-miżżewġin) li jkunu missier u omm permezz ta' xulxin".[6]

2377 Meta dawn it-tekniċi (inseminazzjoni u fekondazzjoni artifiċjali omologa) jintużaw bejn il-koppja, jista' jkun li mhux ta' min jikkundannahom daqs hekk imma moralment jibqgħu dejjem inaċċettabbli... Jifirdu minn xulxin l-att sesswali (l-att taż-żwieġ) mill-att prokreattiv. L-att li bih titnissel tarbija mhux aktar att li bih żewġ persuni jingħataw lil xulxin imma "jħallu fis-setgħa tat-tobba u tal-bijoloġi l-ħajja u l-identità tal-embrijun u tkun it-teknika (u mhux l-imħabba) li taħkem fuq il-bidu u d-destin tal-persuna umana. Din is-sura ta' ħakma, fiha nfisha, hi kuntrarja għad-dinjità u l-egwaljanza li għandhom ikunu l-istess għall-ġenituri u l-ulied".[7] "It-tnissil (il-prokreazzjoni) jiġi moralment imċaħħad mill-perfezzjoni proprja tiegħu, meta ma jkunx frott tal-att taż-żwieġ, jiġifieri frott tal-ġest speċifiku li bih il-miżżewġin jingħaqdu ġisem

---

[1] Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Familiaris consortio*, 32.
[2] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 32.
[3] Ara Pawlu VI, enċiklika *Humanae vitae* 23; enċiklika *Populorum progressio*, 37.
[4] Ara Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 50.
[5] Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, istruzzjoni *Donum vitae* intr., 2.
[6] *Ibid.*, 2, 2.
[7] Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, istruzzjoni *Donum vitae*, 2, 5.

wieħed… Ir-rispett għar-rabta li hemm bejn it-tifsir tal-att taż-żwieġ u r-rispett għall-għaqda tal-bniedem fih innifsu biss jippermettu tnissil li jaqbel mad-dinjità tal-persuna umana".[1]

2378 It-tarbija mhijiex *xi ħaġa li għandha tingħata*, li hemm dritt għaliha, imma hi don. "L-aqwa u l-aħjar don taż-żwieġ" hu l-persuna umana. It-tarbija ma għandhiex titqies bħala xi proprjetà: għax b'hekk inkunu nagħtu raġun lil min jippretendi li hemm xi "dritt għat-tfal". F'dan il-qasam, it-tifel biss għandu veri drittijiet: id-dritt li "jkun il-frott tal-att speċifiku tal-imħabba fiż-żwieġ tal-ġenituri tiegħu, u d-dritt li jkun rispettat bħala persuna sa mill-ewwel mument tat-tnissil tiegħu".[2]

2379 L-Evanġelju jurina li l-isterilità fiżika mhijiex xi ħaġa ħażina għalkollox. Il-miżżewġin li, wara li jkunu użaw il-mezzi leġittmi kollha li tagħtihom il-mediċina, jibqgħu mġarrbin bl-isterilità, għandhom jissieħbu mas-salib ta' Kristu, għajn ta' kull frott fl-Ispirtu. Jistgħu juru l-qalb kbira tagħhom billi jaddottaw xi tfal abbandunati jew joffru l-qadi impenjattiv tagħhom favur l-oħrajn.

## IV. L-offiżi kontra d-dinjità taż-żwieġ

2380 *L-adulterju* hu l-infedeltà fiż-żwieġ. Meta żewġ persuni, li almenu waħda minnhom hi miżżewġa, jintrabtu bejniethom b'relazzjoni sesswali, ukoll ta' darba, ikunu għamlu adulterju. Kristu jikkundanna l-adulterju, ukoll jekk hu xewqa biss.[3] Is-sitt kmandament u t-Testment il-Ġdid jikkundannaw b'mod assolut l-adulterju.[4] Il-profeti jsemmuh bħala nuqqas gravi: fl-adulterju jaraw xbieha tad-dnub tal-idolatrija.[5]

2381 L-adulterju hu inġustizzja. Min jagħmel adulterju jkun jonqos mill-impenji tiegħu. Jidrob is-sinjal tal-Patt li hi r-rabta taż-żwieġ, joffendi d-dritt tal-persuna l-oħra miżżewġa, u hu theddida għaż-żwieġ għax jikser il-kuntratt li hu mibni fuqu. Iqiegħed fil-periklu l-ġid tan-nisel kollu tal-bnedmin u tat-tfal, li jeħtieġu li l-għaqda bejn il-ġenituri tagħhom tkun qiegħda fis-sod.

ID-DIVORZJU

2382 Il-Mulej Ġesù insista ħafna fuq il-ħsieb oriġinali tal-Ħallieq li ried li ż-żwieġ ma jinħall qatt.[6] Ġesù ħassar il-permessi li kienu daħlu bil-mod fil-Liġi l-qadima.[7]

Bejn l-imgħammdin, "iż-żwieġ li jkun sar u li l-miżżewġin għamlu bejniethom, jekk ġie kkunsmat ma jista' jitħassar minn ebda setgħa tal-bnedmin."[8]

2383 *Is-separazzjoni* tal-miżżewġin, waqt li tibqa' r-rabta taż-żwieġ bejniethom, tista' tkun leġittma f'ċerti każi msemmijin fid-Dritt kanoniku.[1]

[1] Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, istruzzjoni *Donum vitae*, 2, 4.
[2] *Ibid.*, 2, 8.
[3] Ara Mt 5,27-28.
[4] Ara Mt 5,32; 19,6; Mk 10,11; 1 Kor 6,9-10.
[5] Ara Hos 2,7; Ġer 7,5;13,27.
[6] Ara Mt 5,31-32; 19,3-9; Mk 10,9; Lq 16,18; 1Kor 7,10-11.
[7] Ara Mt 19,7-9.
[8] CIC kan 1141.

Jekk divorzju ċivili biss jista' jiżgura ċerti drittijiet leġittmi, bħalma huma l-kura tat-tfal u l-ħarsien tal-ġid, dan jista' jiġi tollerat mingħajr ma jkun hemm ebda ħtija morali.

2384 *Id-divorzju* hu offiża gravi lil-liġi naturali. Jippretendi li jħassar kuntratt aċċettat liberament miż-żewġ miżżewġin li jgħixu flimkien sal-mewt. Id-divorzju hu offiża lill-Patt tas-salvazzjoni li tiegħu ż-Żwieġ sagrament hu sinjal. Rabta ġdida, ukoll jekk magħrufa mil-liġi ċivili, iżżid fil-gravità tal-ksur tal-kuntratt: dak li jerġa' jiżżewweġ isib ruħu f'qagħda ta' adulterju pubbliku u permanenti:

Jekk ir-raġel, wara li jinfired minn martu, jersaq lejn mara oħra, ikun hu nnifsu adulteru, għax iġiegħel lil din il-mara tagħmel adulterju; u l-mara li tkun tgħix miegħu hi wkoll adultera, għax ġibdet lejha r-raġel ta' mara oħra.[2]

2385 Id-divorzju jikseb il-karattru immorali tiegħu wkoll mid-diżordni li jġib fil-familja u fis-soċjetà. Din id-diżordni ġġib magħha ħafna ħsarat serji: għall-persuna miżżewġa li tiġi abbandunata; għat-tfal imġarrba minħabba s-separazzjoni tal-ġenituri tagħhom u spiss miġbudin 'l hawn u 'l hemm mill-ġenituri; u l-fatt li tħajjar oħrajn jagħmlu l-istess; tant li d-divorzju llum hu pjaga soċjali.

2386 Jista' jiġri li waħda mil-partijiet miżżewġa tisfa' vittma innoċenti ta' divorzju li ngħata minn qorti ċivili; f'dan il-każ, hi ma tkunx kisret il-liġi morali. Hemm differenza kbira bejn persuna miżżewġa li bis-sinċerità kollha tħabtet biex tibqa' fidila għas-sagrament taż-żwieġ u ssib ruħha abbandunata inġustament, u persuna miżżewġa oħra li, bi ħtija gravi min-naħa tagħha, farrket żwieġ validu kanonikament.[3]

OFFIŻI OĦRA KONTRA D-DINJITÀ TAŻ-ŻWIEĠ

2387 Wieħed jifhem it-traġedja ta' dak li jrid jikkonverti u jħaddan l-Evanġelju u, biex jagħmel dan, isib ruħu obbligat jibgħat waħda jew aktar minn mara waħda li magħhom għex ħajja ta' żwieġ għal ħafna snin. Iżda l-poligamija ma taqbilx mal-liġi morali: "Hi għalkollox kontra l-għaqda taż-żwieġ billi tmur direttament kontra l-pjan ta' Alla li ġie rrivelat lilna sa mill-bidu, għax hi kontra l-fatt li r-raġel u l-mara għandhom l-istess dinjità bħala persuni, u fiż-żwieġ jagħtu ruħhom lil xulxin b'imħabba sħiħa, li m'hemmx oħra bħalha u ebda ħaddieħor ma għandu x'jaqsam magħha".[4] Nisrani li qabel kien poligamu hu obbligat b'mod gravi, skont il-ġustizzja, li jħares l-obbligazzjonijiet li kellu ma' dawk li kienu n-nisa tiegħu u ma' wliedhom.

2388 L-*inċest* iseħħ permezz ta' relazzjonijiet intimi bejn nies jiġu minn xulxin li bejniethom ma jistax isir żwieġ.[5] San Pawl jikkundanna b'mod aħrax ħafna din il-ħtija li hi tassew gravi: "Kulħadd sama' li hemm iż-żìna fostkom… li wieħed ikollu l-mara ta' missieru! …fl-isem ta' Ġesù… itilqu lil dan il-bniedem f'idejn ix-xitan għall-qerda ta' ġismu…" *(1 Kor 5,1.4-5).* L-inċest jagħmel ħsara lir-relazzjonijiet fi ħdan il-familja u hu mixi lura lejn imġiba ta' bhejjem.

---

[1] Ara *ibid.* kan 1151-1155.
[2] San Bażilju l-Kbir ta' Ċesarija, *Moralia, regula* 73: PG 31, 849D-853B.
[3] Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Familiaris consortio*, 84.
[4] Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Familiaris consortio*, 19; ara Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 47.
[5] Ara Lev 18,7-20.

2389 Jistgħu jitqiesu bħala inċest, l-abbużi sesswali magħmulin minn kbar ma' tfal u adolexxenti fdati għall-kura tagħhom. Il-ħtija tikber u ssir skandaluża meta tolqot l-integrità fiżika u morali taż-żgħażagħ li jibqgħu jġarrbu din l-esperjenza tul ħajjithom kollha u hi ksur serju tar-responsabbiltajiet edukattivi.

2390 *L-għaqda bla rbit* hi għaqda ta' raġel u mara li ma jridux jagħtu sura ġuridika u pubblika għal rabta tagħhom magħmula bil-ħsieb ta' intimità sesswali.

Il-frażi *għaqda bla rbit* hi qarrieqa, għax kif jista' jkun hemm għaqda bejn żewġ persuni li ma jridux jintrabtu ma' xulxin u qed juru li la għandhom fiduċja f'xulxin, la fihom infushom, u lanqas fil-ġejjieni?

Il-frażi tħaddan qagħdiet differenti: konkubinaġġ, iċ-ċaħda taż-żwieġ bħala żwieġ, in-nuqqas ta' ħila għal rabtiet fit-tul.[1] Dawn il-qagħdiet kollha joffendu d-dinjità taż-żwieġ; jeqirdu l-istess fehma tal-familja, idgħajfu s-sens tal-fedeltà. Huma kontra l-liġi morali: l-att sesswali jrid isir biss fiż-żwieġ; barra miż-żwieġ hu dejjem dnub gravi u jċaħħad mit-tqarbin.

2391 Ħafna llum qed jitolbu speċî ta' *dritt ta' prova* meta jkun hemm ġa l-ħsieb li jiżżewġu. Huma kemm huma sodi fil-fehma tagħhom li 'l quddiem jiżżewġu, dawk li jkollhom bejniethom relazzjonijiet sesswali qabel iż-żwieġ, "ma jkunux b'hekk jiżguraw sinċerità u fedeltà fir-relazzjoni personali tagħhom bħala raġel u mara, speċjalment ma jkunux qegħdin iħarsu din ir-relazzjoni mill-kapriċċi u l-fantasiji".[2] L-għaqda fil-ġisem mhijiex moralment leġittma jekk mhux meta tkun twaqqfet komunità ta' ħajja għal dejjem bejn raġel u mara. L-imħabba tal-bniedem ma tridx tkun "ippruvata": titlob għoti sħiħ u definittiv ta' żewġ persuni lil xulxin.[3]

## Fil-qosor

2392 *L-imħabba hi vokazzjoni fundamentali li tinsab fil-fond ta' kull bniedem.*[4]

2393 *Meta Alla ħalaq il-bniedem raġel u mara tahom indaqs l-istess dinjità personali. Kull bniedem, raġel u mara, irid jagħraf u jaċċetta l-identità sesswali tiegħu.*

2394 *Kristu hu mudell tal-kastità. Kull Nisrani hu msejjaħ jgħix ħajja fil-kastità, kull wieħed skont l-istat tiegħu ta' ħajja.*

2395 *Il-kastità hi l-integrazzjoni tas-sesswalità fil-persuna umana. Titlob li l-bniedem ifittex li jkollu kontroll fuqu nnifsu, fuq il-persuna tiegħu.*

2396 *Fost id-dnubiet l-aktar gravi kontra l-kastità hemm il-masturbazzjoni, iż-żína, il-pornografija, u l-għemil omosesswali.*

2397 *Il-patt bejn il-miżżewġin magħmul b'mod ħieles jitlob imħabba b'fedeltà sħiħa: iridu jaraw li ż-żwieġ tagħhom ma jispiċċa qatt.*

[1] Ara Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Familiaris consortio*, 81.
[2] Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, dikjarazzjoni *Persona humana*, 7.
[3] Ara Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Familiaris consortio*, 80.
[4] *Ibid.*, 11.

2398 *Il-ftuħ taż-żwieġ għall-ħajja hu ġid, hu don u wieħed mill-għanijiet taż-żwieġ. Il-miżżewġin meta jġibu ħajja fid-dinja jkunu qed ikollhom sehem fil-paternità ta' Alla.*

2399 *Ir-regolamentazzjoni tat-twelid tat-tfal hi wieħed mill-aspetti ta' paternità u maternità responsabbli. L-intenzjonijiet leġittmi tal-miżżewġin ma jippermettulhomx jirrikorru għall-użu ta' mezzi li ma jistgħux jiġu aċċettati moralment (mezzi bħall-isterilizzazzjoni diretta u l-kontraċezzjoni).*

2400 *L-adulterju u d-divorzju, il-poligamija u l-għaqda bla rbit huma nuqqasijiet gravi kontra d-dinjità taż-żwieġ.*

### Is-seba' artiklu

## IS-SEBA' KMANDAMENT

"La tisraqx" (Dewt 5,19).

"La tisraqx" (Mt 19,18).

2401 Is-seba' kmandament jipprojbixxi li tieħu u żżomm għalik inġustament xi ħaġa ta' għajrek u li tagħmel ħsara lil għajrek f'ġidu, tkun kif tkun. Jikkmanda l-ġustizzja u l-imħabba fl-amministrazzjoni tal-ġid tal-art u tal-frott tax-xogħol tal-bniedem. Jitlob, minħabba l-ġid komuni, rispett għall-fatt li l-ġid kollu tad-dinja hu għal kulħadd, u rispett għad-dritt tal-proprjetà privata. Il-ħajja nisranija tfittex li l-użu tal-ġid tad-dinja jintuża kif irid Alla u għall-għajnuna tal-aħwa.

### I. Il-ġid tad-dinja li hu għal kulħadd u l-proprjetà privata tal-ġid

2402 Fil-bidu Alla ħalla l-art bil-ġid kollu tagħha taħt it-tmexxija tal-bniedem, biex jieħu ħsiebha, jaħkimha bix-xogħol tiegħu, u jgawdi l-frott tagħha.[1] Il-ġid kollu tal-ħolqien hu ddestinat għall-ġens kollu tal-bnedmin; iżda l-art hi mqassma fost il-bnedmin biex ħajjithom, mhedda mill-faqar u l-vjolenza, tkun fiż-żgur. Hu għemil leġittmu tagħmel tiegħek il-ġid tal-art biex ikun hemm garanzija għal-libertà u d-dinjità tal-persuni, biex tkun tista' tgħin lil kull wieħed fil-ħtiġijiet fundamentali tiegħu u ta' dawk li jiddependu minnu. Din il-ħaġa għandha twassal biex tintwera solidarjetà naturali fost il-bnedmin kollha.

2403 *Id-dritt għall-proprjetà privata* li jinkiseb b'mod ġust ma jmurx kontra l-fatt li fil-bidu l-art ngħatat lill-ġens kollu tal-bnedmin. *Id-destinazzjoni universali tal-ġid tal-art*, jiġifieri li Alla ta l-ġid tal-art lill-ġens kollu tal-bnedmin, jibqa' l-fatt

[1] Ara Ġen 1,26-29.

ewlieni, ukoll jekk il-ġid komuni ta' kulħadd jitlob ir-rispett tal-proprjetà privata, id-dritt għaliha, u l-użu tagħha.

2404 "Il-bniedem huwa u jagħmel użu mill-ġid tal-art, ma għandux iqis li l-ġid li għandu huwa tiegħu biss, imma huwa wkoll ta' kulħadd fis-sens li jista' jgawdi minnu mhux hu biss imma oħrajn ukoll".[1] Il-ġid li wieħed ikollu, jagħmlu amministratur tal-Providenza biex iħaddmu ħalli jagħti frott li jaqsam mal-oħrajn, u l-ewwel ma' dawk qrib tiegħu.

2405 Il-ġid, materjali jew mhux materjali, li jiġi mill-prodotti tal-art jew mix-xogħol fil-fabbriki, mill-kapaċità u mill-arti ta' min jagħmlu, jistenna li l-proprjetarji tiegħu jaraw li mill-frott tal-ħidma tagħhom se jgawdu l-ikbar għadd ta' nies. Min għandu fil-pussess tiegħu affarijiet ta' użu jew ta' konsum, irid jużahom bir-rażan u jerfa' l-aħjar għall-barrani, għall-marid u għall-fqir.

2406 *L-awtorità politika* għandha d-dritt u d-dmir li tirregola, minħabba l-ġid komuni, l-użu leġittmu tad-dritt tal-proprjetà.[2]

## II. Ir-rispett tal-persuna u ta' ġidha

2407 F'kulma għandu x'jaqsam mal-ekonomija, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem jitlob li titħaddem il-virtù tar-*rażan*, biex ir-rabta mal-ġid tal-art ma tkunx bla qies; li titħaddem il-virtù tal-*ġustizzja* ħa jiġu mħarsa d-drittijiet tal-proxxmu u kulħadd jieħu dak li ħaqqu; u li titħaddem is-*solidarjetà* skont ir-regola tad-deheb u skont l-id miftuħa tal-Mulej li "kien għani u ftaqar, biex mill-faqar tiegħu nistagħnew aħna" *(2 Kor 8,9).*

IR-RISPETT GĦALL-ĠID TA' ĦADDIEĦOR

2408 Is-seba' kmandament jipprojbixxi *s-serq*, jiġifieri l-ħtif tal-ġid ta' ħaddieħor kontra r-rieda raġonevoli tiegħu. M'hemmx serq meta wieħed jissopponi li se jkun hemm il-kunsens, jew meta min jiċħad li jittieħed ġidu jkun qed imur kontra r-raġuni u d-destinazzjoni universali tal-ġid tal-art. Dan jiġri meta dak li jkun ikun f'każ ta' bżonn urġenti u tassew ċar biex jagħmel tajjeb għall-ħtiġijiet li ma jistgħux jistennew u mingħajrhom ma jgħaddix (ikel, kenn, ilbies...) u ma jkunx jista' jagħmel mod ieħor ħlief jiddisponi u jagħmel użu mill-ġid ta' ħaddieħor.[3]

2409 Kull mod kif tieħu u żżomm għandek inġustament il-ġid ta' ħaddieħor, ukoll jekk dak li tagħmel ma jkunx ipprojbit mil-liġi ċivili, hu kontra s-seba' kmandament. U wkoll kontra s-seba' kmandament iżżomm deliberatament ġid misluf lilek jew xi ħaġa mitlufa; jew tqarraq fin-negozju,[4] jew tħallas salarji mhux

[1] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes,* 69.
[2] Ara Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes,* 71; Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Sollicitudo rei socialis* 42; u enċiklika *Centesimus annus,* 40, 48.
[3] Ara Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes,* 69.
[4] Ara Dewt 25,13-16.

skont il-ġustizzja,[1] jew tgħolli l-prezzijiet billi tapprofitta mill-injoranza u l-ħtieġa tal-oħrajn.[2]

Huma wkoll moralment ħżiena: l-ispekulazzjoni li biha wieħed ibiddel artifiċjalment il-valur ta' xi ġid biex jikseb vantaġġ fuq id-danni li jġarrab ħaddieħor; il-korruzzjoni li biha dawk li skont id-dritt għandhom jieħdu deċiżjoni ġġiegħelhom ibiddlu l-fehma tagħhom; tagħmel tiegħek u tuża għalik il-ġid soċjali ta' xi intrapriża; xogħol magħmul ħażin; qerq fid-dikjarazzjonijiet ta' dħul tiegħek lill-Istat; falsifikar ta' ċekkijiet u ta' fatturi, spejjeż esaġerati, il-ħala. Tagħmel ħsara f'xi proprjetà privata jew pubblika hi kontra l-liġi morali u titlob riparazzjoni.

2410 Il-*wegħdiet* iridu jinżammu u l-*kuntratti* mħarsa sakemm l-impenn meħud hu moralment ġust. Parti tassew kbira tal-ħajja ekonomika u soċjali tiddependi mill-valur tal-kuntratti li jsiru bejn persuni fiżiċi u morali. Hekk huma l-kuntratti ta' bejgħ u xiri, ta' kera u ta' xogħol. Kull kuntratt għandu jsir u jiġi mħares b'rieda tajba.

2411 Il-kuntratti jaqgħu taħt il-*ġustizzja kommutattiva* li tirregola n-negozju bejn persuni u bejn istituzzjonijiet b'rispett sħiħ tad-drittijiet tagħhom. Il-ġustizzja kommutattiva tobbliga strettament u tesiġi l-ħarsien tad-dritt tal-proprjetà, il-ħlas tad-djun, u li jsir dak li wieħed ftiehem b'mod ħieles li jagħmel. Mingħajr il-ġustizzja kommutattiva ma jista' jkun hemm ebda sura oħra ta' ġustizzja.

Irridu nagħżlu bejn ġustizzja *kommutattiva* u ġustizzja *legali* li hi dwar dak li ċ-ċittadin hu obbligat raġonevolment jagħti lill-komunità, u bejn ġustizzja *kommutattiva* u ġustizzja *distributtiva* li tirregola dak li l-komunità hi fid-dmir li tagħti liċ-ċittadini skont il-kontribuzzjonijiet li jagħtu u l-ħtiġijiet li jkollhom.

2412 Il-ġustizzja kommutattiva titlob li *titpatta l-inġustizzja* li tkun saret, u li jintradd lura lill-proprjetarju dak li tteħidlu:

Ġesù bierek lil Żakkew meta dan impenja ruħu li: "Jekk qarraqt b'xi ħadd u sraqtu, inroddlu għal erba' darbiet iżjed" *(Lq 19,8)*. Dawk li b'xi mod, direttament jew indirettament, ħadu xi ħaġa ta' ħaddieħor għandhom irodduha lura u, jekk ma għadhiex aktar, jagħtu flokha xi ħaġa oħra li taqbel magħha fin-natura jew fil-kwalità, kif ukoll il-ġid u l-vantaġġi li l-proprjetarju kien se jikseb leġittimament minnha. Huma obbligati wkoll iroddu lura, skont kemm kienet ir-responsabbiltà tagħhom u skont kemm approfittaw, dawk li ħadu sehem f'xi serqa, jew b'xi mod jew ieħor approfittaw minnha għax kienu jafu biha: jiġifieri dawk li ordnawha, jew għenu jew aċċettaw li jieħdu dak li nsteraq.

2413 *Il-logħob tal-azzard (logħob tal-karti u l-bqija) u l-imħatri* fihom infushom mhumiex kontra l-ġustizzja. Isiru moralment mhux aċċettabbli meta minħabba fihom persuna tiċċaħħad minn dak li teħtieġ għall-ħtiġijiet tagħha u tal-oħrajn. Il-kilba għal-logħob tista' ssir jasar kiefer. Imħatri inġusti u serq fil-logħob huma ħtijiet gravi, ħlief meta l-ħsara li ssir tkun tant żgħira li dak li jġarrabha raġonevolment iqisha li ma tfisser xejn għalih.

2414 Is-seba' kmandament jipprojbixxi wkoll għemil jew intrapriżi, tkun xi tkun ir-raġuni għalihom – egoiżmu jew ideoloġija, negozju jew totalitariżmu –, illi jwasslu *għat-tjassir ta' bnedmin*, għaċ-ċaħda tal-għarfien ta' drittijiethom, għall-bejgħ u għax-xiri u għall-bdil tagħhom qishom xi ħaġa tan-negozju. Hu dnub kontra d-dinjità tal-persuni u tad-drittijiet fundamentali tagħhom meta bi vjolenza, tagħmilhom jew tqishom biss bħala xi ħaġa li tuża jew xi ħaġa biex biha

[1] Ara Dewt 24,14-15; Ġak 5,4.
[2] Ara Għam 8,4-6.

taqla' l-flus. San Pawl lil wieħed sid Nisrani ordnalu biex lill-ilsir tiegħu Nisrani jilqgħu "mhux bħala lsir imma bħala ħuh għażiż…" *(Filem 16)*, bħala bniedem fil-Mulej.

IR-RISPETT GHAS-SHUHIJA TAL-HOLQIEN

2415 Is-seba' kmandament jitlob li tkun rispettata s-sħuħija jew l-integrità tal-ħolqien. L-annimali, il-pjanti, u l-ħlejjaq bla ħajja ġew naturalment destinati minn Alla għall-ġid tal-bnedmin kollha tal-imgħoddi, ta' issa, u tal-ġejjieni.[1] L-użu tar-riżorsi minerali, veġetali u annimali tal-univers ma għandux jinfired minn dak li titlob il-morali. Il-ħakma li l-Ħallieq ta lill-bnedmin fuq il-ħlejjaq bla ħajja u fuq il-ħlejjaq ħajja kollha mhijiex ħakma assoluta; għandha tiġi rregolata minn kemm nieħdu ħsieb il-kwalità tal-ħajja tal-proxxmu tagħna, ukoll dawk li għad iridu jiġu fid-dinja; titlob rispett reliġjuż għall-integrità tal-ħolqien kollu.[2]

2416 L-*annimali* huma ħolqien ta' Alla. Hu jipprovdilhom għall-ħtiġijiet tagħhom.[3] Bil-ħajja sempliċi tagħhom huma jbierku u jfaħħru u jgħollu l-Mulej.[4] Il-bnedmin ukoll għandhom juruhom tjieba. Imissna niftakru b'liema tjieba l-qaddisin, bħal San Franġisk ta' Assisi jew San Filippu Neri, ittrattaw l-annimali.

2417 Alla ried jafda l-annimali lil dak li hu ħalaq xbieha tiegħu.[5] Hi ħaġa leġittma tinqeda bl-annimali għall-ikel u għall-ilbies. Tista' trabbihom. Jistgħu jiġu domestikati biex jgħinu l-bniedem fix-xogħol tiegħu u fir-rikreazzjonijiet tiegħu. Esperimenti mediċi u xjentifiċi fuq l-annimali jistgħu jiġu aċċettati moralment jekk isiru f'limiti raġonevoli u jgħinu biex jikkuraw u jsalvaw il-ħajja tal-bnedmin.

2418 Hu kontra d-dinjità tal-bniedem taħqar l-annimali u ġġib fix-xejn ħajjithom bla bżonn. Lanqas jixraq lill-bniedem itajjar flejjes kbar fl-annimali, flejjes kbar li jistgħu jintużaw ħa jerfgħu l-bnedmin mill-miżerja li jinsabu fiha. Nistgħu nħobbu l-annimali, iżda mhijiex ħaġa sewwa jekk l-imħabba li għandu jkollna biss għall-bnedmin ħutna nagħtuha lill-annimali.

## III. Id-duttrina soċjali tal-Knisja

2419 "Ir-rivelazzjoni nisranija twassalna għall-għarfien aktar fil-fond tal-liġijiet tal-ħajja soċjali".[6] Il-Knisja rċeviet mill-Evanġelju rivelazzjoni sħiħa dwar il-verità tal-bniedem. Meta l-Knisja taqdi l-missjoni tagħha li xxandar l-Evanġelju, hi tkun qiegħda tagħti xhieda lill-bniedem, f'isem Kristu, tad-dinjità proprja tiegħu u tas-sejħa tiegħu biex jgħix f'xirka mal-bnedmin l-oħra, u tgħallmu x'jistennew minnu l-ġustizzja u s-sliem skont ma jrid l-għerf ta' Alla.

2420 Il-Knisja tagħmel ġudizzju morali f'materja ekonomika u soċjali "meta dan hu mitlub mid-drittijiet fundamentali tal-persuna jew mis-salvazzjoni tal-

[1] Ara Ġen 1,28-31.
[2] Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Centesimus annus*, 37-38.
[3] Ara Mt 6,26.
[4] Ara Dan 3,57-58.
[5] Ara Ġen 2,19-20; 9,1-4.
[6] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 23.

erwieħ".[1] Il-missjoni tal-Knisja fl-ordni morali mhijiex l-istess bħal dik tal-awtoritajiet politiċi: il-Knisja tieħu ħsieb l-aspetti temporali tal-ġid komuni għaliex huma jwasslu għall-ogħla ġid tagħna li lejh irridu mmorru. Il-Knisja tħabrek biex ikun hemm imġiba ġusta fir-relazzjonijiet tal-bniedem mal-ġid tal-art u fir-relazzjonijiet soċjo-ekonomiċi tiegħu.

2421 Id-duttrina soċjali tal-Knisja żviluppat fis-seklu dsatax meta l-Evanġelju ltaqa' mas-soċjetà industrijali moderna, bl-istrutturi ġodda tagħha għall-produzzjoni tal-ġid ta' konsum, mal-fehma ġdida tagħha tas-soċjetà, tal-Istat u tal-awtorità, mas-suriet ġodda tagħha ta' xogħol u ta' proprjetà. L-iżvilupp tad-duttrina soċjali tal-Knisja fil-qasam ekonomiku u soċjali, juri x'siwi għandu għal dejjem it-tagħlim tal-Knisja, u fl-istess ħin juri t-tifsir veru tat-Tradizzjoni tagħha dejjem ħajja u attiva.[2]

2422 It-tagħlim soċjali tal-Knisja jinsab f'ġabra ta' duttrina li żviluppat skont kif il-Knisja fissret il-ġrajjiet huma u jseħħu fl-istorja, fid-dawl ta' dak kollu li ġie rrivelat minn Kristu Ġesù, bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu.[3] Il-bnedmin ta' rieda tajba jkunu jistgħu jilqgħu dejjem aktar dan it-tagħlim daqskemm l-Insara jwettquh b'mod konvint fl-imġiba tagħhom.

2423 Id-duttrina soċjali tal-Knisja tħaddan prinċipji ta' riflessjoni: tagħti kriterji fuqiex wieħed jista' jiġġudika, u orjentamenti dwar azzjoni:

Kull sistema li fiha r-relazzjonijiet soċjali kollha jkunu jiddependu biss minn raġunijiet ekonomiċi hi kuntrarja għan-natura tal-persuna umana u għal għemilu.[4]

2424 Teorija li tqis il-profitt bħala r-regola waħdanija u l-għan aħħari ta' kull attività ekonomika, bl-ebda mod ma tista' tiġi aċċettata. Il-kilba għall-flus ma tonqos qatt li toħloq effetti mill-agħar. Hi waħda mill-kawżi ta' ħafna konflitti li qed iħarbtu l-ordni soċjali.[5]

Sistema li "tissagrifika d-drittijiet fundamentali tal-persuni u tal-gruppi biex ikun hemm organizzazzjoni kollettiva tal-produzzjoni" hi kuntrarja għad-dinjità tal-bniedem.[6] Kull għemil li jwassal biex il-bnedmin ikunu biss mezzi ħa jinkiseb il-qligħ, hu għemil li jagħmel lill-bniedem ilsir, iwassal biex il-flus isiru alla tiegħu, u jgħin biex jinxtered l-ateiżmu. "Ma tistgħux taqdu lil Alla u lill-flus" *(Mt 6,24; Lq 16,13)*.

2425 Il-Knisja warrbet l-ideoloġiji totalitarji u ateji taż-żmien tal-lum imseħbin mal-"komuniżmu" u s-"soċjaliżmu". Iżda l-Knisja warrbet ukoll mill-"kapitaliżmu" l-individwaliżmu u l-primat assolut tal-liġi tas-suq fuq ix-xogħol tal-bniedem.[7] Ir-regolamentazzjoni tal-ekonomija permezz biss ta' pjanifikazzjoni ċentralizzata tħassar il-pedament tar-rabtiet soċjali: ir-regolamentazzjoni tal-ekonomija biss skont il-liġi tas-suq tmur kontra l-ġustizzja soċjali "għaliex hemm ħafna ħtiġijiet tal-bniedem li ma jistgħux jiġu sodisfatti mis-suq".[8] Jeħtieġ tinħaseb regolamentazzjoni raġonevoli tas-suq u tal-inizjattivi ekonomiċi, skont ġerarkija ġusta tal-valuri għall-ġid komuni ta' kulħadd.

## IV. L-attività ekonomika u l-ġustizzja soċjali

2426 L-iżvilupp tal-attività ekonomika u t-tkattir tal-produzzjoni jridu jkunu ta' għajnuna għall-ħtiġijiet tal-bnedmin. Il-ħajja ekonomika ma tħarisx biss lejn

---

[1] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes,* 76.
[2] Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Centesimus annus,* 3.
[3] Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Sollicitudo rei socialis,* 1, 41.
[4] Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Centesimus annus,* 24.
[5] Ara Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes,* 63; Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Centesimus annus,* 35; enċiklika *Laborem exercens,* 7.
[6] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes,* 65.
[7] Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Centesimus annus,* 10; 13; 44.
[8] Ara *ibid.,* 34.

it-tkattir tal-ġid li jiġi prodott u lejn iż-żjieda fil-qligħ u fis-setgħa; qabelxejn trid tfittex taqdi l-persuni, lill-bniedem sħiħ u l-komunità kollha tal-bnedmin. L-attività ekonomika, li titmexxa bil-metodi proprji tagħha, trid titħaddem skont l-ordni morali, u timxi skont il-ġustizzja soċjali biex twieġeb għall-pjan ta' Alla għall-bniedem.[1]

2427 *Ix-xogħol tal-bniedem* hu xogħol ta' persuni maħluqin xbieha ta' Alla u msejħin biex ikomplu, flimkien u għal xulxin, l-opra tal-ħolqien huma u jaħkmu fuq l-art.[2] Ix-xogħol għalhekk hu dmir: "Jekk xi ħadd ma jridx jaħdem, lanqas għandu jiekol".[3] Ix-xogħol jagħti ġieħ lid-doni tal-Ħallieq u lit-talenti li hu jagħti lill-bnedmin. Ix-xogħol jista' jkun ukoll ta' fidwa. Il-bniedem, waqt li jerfa' t-toqol[4] tax-xogħol flimkien ma' Ġesù, il-mastrudaxxa ta' Nazaret li ssallab fuq il-Kalvarju, ikun qiegħed jissieħeb b'xi mod mal-Iben ta' Alla fl-opra tas-salvazzjoni. Juri ruħu dixxiplu ta' Kristu huwa u jerfa' s-salib tiegħu kuljum, fil-ħidma li hu msejjaħ jagħmel.[5] Ix-xogħol jista' jkun mezz ta' qdusija u jagħti ħajja lir-realtajiet tal-art bl-Ispirtu ta' Kristu.

2428 Fix-xogħol, il-persuna tkun qed tħaddem u twettaq parti mill-kapaċitajiet li għandha fl-istess natura tagħha. Il-valur ewlieni tax-xogħol hu fil-bniedem innifsu, għax jagħmlu hu u jsir għalih. Ix-xogħol hu għall-bniedem, u mhux il-bniedem għax-xogħol.[6]

Kulħadd għandu jkun jista' jikseb mix-xogħol kulma jeħtieġ għall-ħajja tiegħu u tal-familja tiegħu, u bih jaqdi wkoll il-komunità tal-bnedmin.

2429 Kulħadd għandu d-*dritt għall-inizjattiva ekonomika*: kulħadd għandu juża sewwa t-talenti li għandu, ħa jgħin fi tkattir li jkun ta' siwi għal kulħadd, u biex jikseb frott xieraq tal-isforzi tiegħu. Irid joqgħod attent li jħares ir-regolamenti magħmulin mill-awtoritajiet leġittmi għall-ġid komuni ta' kulħadd.[7]

2430 *Il-ħajja ekonomika* tqanqal ħafna interessi li xi kultant ikunu kontra xulxin. Dan jurina għaliex jinħolqu konflitti li huma karatteristiċi tal-ħajja ekonomika.[8] Għandu jsir sforz biex jitnaqqsu dawn il-konflitti, permezz ta' negozjati li jirrispettaw id-drittijiet u d-dmirijiet ta' kull imsieħeb soċjali: ir-responsabbli tal-intrapriżi, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema bħalma huma t-trejd unjons, u eventwalment ukoll l-awtoritajiet pubbliċi.

2431 *Ir-responsabbiltà tal-Istat*... "Il-ħidma ekonomika, speċjalment l-attività tal-ekonomija tas-suq, ma titmexxiex f'vojt istituzzjonali, ġuridiku u politiku: għall-kuntrarju, tissopponi garanziji żguri ta' libertà individwali u ta' proprjetà privata, ta' politika monetarja soda u servizzi pubbliċi effiċjenti. Għalhekk il-ħidma ewlenija tal-Istat hi li jkunu mħarsin dawn il-garanziji biex dawk li jaħdmu u jipproduċu jkunu jistgħu jgawdu l-frott tax-xogħol tagħhom u jħossu li huma mħeġġin jaħdmu b'mod effettiv u onest... L-Istat hu fid-dmir li jgħasses fuq id-drittijiet tal-bniedem fis-settur ekonomiku biex jara li huma mħarsin tajjeb.

1 Ara Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 64.
2 *Ibid.* 34; Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Centesimus annus*, 31. Ara Ġen 1,28.
3 2 Tes 3,10; ara 1 Tes 4,11.
4 Ara Ġen 3,14-19.
5 Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Laborem exercens*, 27
6 Ara *ibid.*, 6.
7 Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Centesimus annus*, 32; 34.
8 Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Laborem exercens*, 11.

Iżda ewlenija f'dan is-settur mhijiex ir-responsabbiltà tal-Istat, imma dik tal-individwi u dik tal-ħafna gruppi u istituzzjonijiet li jiffurmaw is-soċjetà".[1]

2432 *Dawk responsabbli tal-intrapriżi* għandhom quddiem is-soċjetà responsabbiltà ekonomika u ekoloġika tal-ħidma tagħhom.[2] Huma fid-dmir li jqisu l-ġid tal-persuni u mhux biss it-tkattir tal-*qligħ*, għalkemm dan hu meħtieġ, għaliex permezz tal-qligħ jistgħu jsiru investimenti li jiżguraw il-ġejjieni tal-intrapriżi u jiggarantixxu l-impjiegi.

2433 *Il-bieb għax-xogħol* u għall-professjoni għandu jkun miftuħ għal kulħadd, bla ebda diskriminazzjoni inġusta, miftuħ l-istess għall-irġiel u n-nisa, għal dawk f'saħħithom u għall-ħandikappati, għan-nies tal-pajjiż u għall-emigranti.[3] Skont iċ-ċirkostanzi, is-soċjetà trid tgħin min-naħa tagħha liċ-ċittadini jsibu xogħol jew impjieg.[4]

2434 *Il-paga ġusta* hi l-frott leġittmu tax-xogħol. Tiċħad lil xi ħadd il-paga li jkun ħaqqu jew ma tagħtihulux jista' jkun inġustizzja kbira.[5] Biex tiġi ffissata liema hi l-paga xierqa, iridu jitqiesu flimkien il-ħtiġijiet u l-kontribuzzjoni ta' kull wieħed. "Ix-xogħol għandu jitħallas b'mod li kull min jaħdem ikollu mezzi biżżejjed għalih u għall-familja tiegħu biex jgħix ħajja tixraqlu materjalment, soċjalment, kulturalment u spiritwalment, skont l-uffiċċju li jkollu u x-xogħol li jagħti, skont il-qagħda tal-intrapriża u l-ġid komuni ta' kulħadd".[6] Il-ftehim biss bejn il-partijiet mhux biżżejjed biex jiġġustifika l-ammont tas-salarju.

2435 *Il-waqfien mix-xogħol* (strajk) hu moralment leġittmu, u meħtieġ ukoll, meta m'hemmx mezz ieħor, iżda jrid jkun proporzjonat għall-ġid li jista' jinkiseb. Ma jistax jiġi aċċettat moralment jekk miegħu tissieħeb il-vjolenza jew ikollu skopijiet li ma jkunux direttament marbutin mal-kundizzjonijiet tax-xogħol jew kuntrarji għall-ġid komuni ta' kulħadd.

2436 Mhijiex ħaġa ġusta li ma tħallasx il-*kontribuzzjonijiet* għas-servizzi soċjali, iffissati mill-awtorità leġittma.

It-telfien tax-xogħol minħabba l-qgħad aktarx ikun dejjem offiża għad-dinjità ta' min iġarrbu, u theddida għall-ħajja rżina tiegħu. Barra l-ħsara li jġarrab personalment, ikun hemm perikli kbar għall-ħajja tal-familja tiegħu.[7]

## V. Ġustizzja u solidarjetà bejn in-nazzjonijiet

2437 Fuq livell internazzjonali, id-differenzi fir-riżorsi u l-mezzi ekonomiċi huma tant kbar bejn in-nazzjonijiet li hemm qisu "foss"[8] kbir bejniethom; min-naħa għandek nazzjonijiet li għandhom il-mezzi kollha għall-kobor tagħhom u

---

[1] Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Centesimus annus*, 48.
[2] Ara *ibid.*, 37.
[3] Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Laborem exercens*, 19; 22-23.
[4] Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Centesimus annus*, 48.
[5] Ara Lev 19,13; Dewt 24,14-15; Ġak 5,4.
[6] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 67.
[7] Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Laborem exercens*, 18.
[8] Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Sollicitudo rei socialis*, 14.

dejjem aktar qed itejbuhom, u min-naħa l-oħra hemm in-nazzjonijiet li dejjem aktar qed jitgħabbew bid-djun.

2438 Huma ħafna l-kawżi reliġjużi, politiċi, ekonomiċi u finanzjarji li qed jagħtu "lill-kwistjoni soċjali dimensjoni dinjija".[1] Hi meħtieġa solidarjetà bejn dawk in-nazzjonijiet li ġa jiddependu minn xulxin politikament. Wisq aktar imbagħad hi meħtieġa s-solidarjetà meta jridu jitkissru l-"mekkaniżmi perversi" li qegħdin ifixklu l-iżvilupp tal-pajjiżi inqas avvanzati.[2] Flok sistemi finanzjarji li qed jabbużaw, meta mhumiex ukoll jipprattikaw l-użura,[3] flok relazzjonijiet kummerċjali kiefra, flok tellieqa għall-armamenti, għandu jkun hemm sforz sħiħ minn kulħadd biex ir-riżorsi kollha li hemm jintużaw għall-iżvilupp morali, kulturali u ekonomiku ta' kulħadd u "mill-ġdid jingħad x'għandu jiġi l-ewwel u x'ordni għandu jkun hemm bejn il-valuri".[4]

2439 *In-nazzjonijiet għonja* għandhom responsabbiltà morali gravi lejn dawk in-nazzjonijiet li waħedhom ma jistgħux jiżguraw għalihom il-mezzi li jeħtieġu għall-iżvilupp tagħhom jew huma mfixklin f'dan minħabba ġrajjiet traġiċi tal-istorja. Dan hu dmir ta' solidarjetà u ta' mħabba. Huwa wkoll obbligu ta' ġustizzja meta l-qagħda tajba li qed igawdu n-nazzjonijiet għonja ġejja minn riżorsi li ma sarx ħlas xieraq għalihom.

2440 *L-għajnuna diretta* hi tweġiba adatta għall-ħtiġijiet straordinarji li jinqalgħu ħin bla waqt, minħabba xi diżastri naturali kbar, xi epidemija, u ġrajjiet oħra bħal dawn. Iżda din l-għajnuna diretta qatt mhi biżżejjed biex tagħmel tajjeb għall-ħsarat kbar li jirriżultaw minn qagħdiet bħal dawn u lanqas biex tipprovdi fit-tul għall-ħtiġijiet tan-nies. Jeħtieġ ukoll *riforma fl-istituzzjonijiet* ekonomiċi u finanzjarji internazzjonali, biex iġibu 'l quddiem relazzjonijiet aktar xierqa mal-pajjiżi inqas avvanzati.[5] Trid tingħata għajnuna lill-isforzi li qed jagħmlu l-pajjiżi foqra biex jikbru u jiksbu l-libertà tagħhom.[6] Dan it-tagħlim jgħodd ħafna b'mod partikulari, għall-qasam tax-xogħol fil-biedja. Il-bdiewa, l-aktar dawk tat-Tielet Dinja, huma l-kotra l-kbira tal-foqra.

2441 Biex iseħħ l-*iżvilupp sħiħ tas-soċjetà tal-bnedmin* irid jiżdied fil-bniedem is-sens ta' Alla u l-għarfien tiegħu nnifsu. Żvilupp bħal dan ikattar il-ġid materjali u jara li jiġi użat biex jaqdi l-bniedem u biex iħarislu l-libertà tiegħu. Inaqqas il-miżerja u l-isfruttament ekonomiku. Ikabbar ir-rispett għall-identità kulturali ta' kull bniedem u jiftaħ kull bniedem għal dak li hu traxxendenti u 'l fuq minnu.[7]

2442 Mhux dmir tar-ragħajja tal-Knisja jindaħlu direttament fl-istrutturi politiċi u fl-organizzazzjoni tal-ħajja soċjali. Din il-ħidma hi parti mill-vokazzjoni tal-lajċi Nsara, b'inizjattivi proprji tagħhom, flimkien maċ-ċittadini l-oħra. Il-ħidma soċjali jista' jkollha għadd ta' triqat differenti fil-prattika. Il-ħidma soċjali trid tfittex dejjem il-ġid komuni ta' kulħadd u tkun taqbel mal-Bxara t-Tajba tal-Evanġelju u mat-tagħlim tal-Knisja. Hu dmir l-Insara lajċi "jagħtu ħajja lir-

[1] Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Sollicitudo rei socialis*, 9.
[2] Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Sollicitudo rei socialis*, 17; 45.
[3] Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Centesimus annus*, 35.
[4] Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Centesimus annus*, 28.
[5] Ara Ġwanni Pawlu II enċiklika *Sollicitudo rei socialis*, 16.
[6] Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Centesimus annus*, 26.
[7] Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Sollicitudo rei socialis*, 32; enċiklika C*entesimus annus*, 51.

realtajiet ta' din id-dinja u li fihom juru ruħhom ħaddiema ta' paċi u ta' ġustizzja".[1]

## VI. L-imħabba għall-foqra

2443 Alla jbierek lil dawk li jgħinu l-foqra u jisħet lil dawk li jwarrbuhom: "Agħti lil min jitolbok u ddawwarx spallejk lil min irid jissellef mingħandek" *(Mt 5,42)*. "B'xejn ħadtu, b'xejn agħtu" *(Mt 10,8)*. Ġesù Kristu jagħraf min huma l-magħżulin tiegħu: huma dawk li jkunu għenu lill-foqra.[2] Meta "l-Bxara t-Tajba titħabbar lill-foqra"[3] jkun sinjal tal-preżenza ta' Kristu.

2444 "L-imħabba tal-Knisja għall-foqra... hi parti mit-tradizzjoni tagħha ta' dejjem".[4] Hi mnebbħa mill-Evanġelju tal-beatitudni,[5] u mill-faqar ta' Kristu[6] u l-l-ħerqa tiegħu għall-foqra.[7] L-imħabba għall-foqra hi wkoll waħda mir-raġunijiet raġunijiet għax hu dmir tagħna li naħdmu biex inkunu nistgħu ngħinu "lil min hu fil-bżonn" *(Ef 4,28)*. L-għajnuna mhijiex biss għal dawk li huma foqra materjalment, imma wkoll għal dawk li huma mġarrbin minn għadd kbir ta' suriet ta' faqar kulturali u reliġjuż.[8]

2445 Ma jistax ikun li wieħed iħobb il-foqra u fl-istess ħin iħobb bla ebda rażan l-għana u jużah biss għalih innifsu:

> Ejjew issa, intom l-għonja: ibku u ixhru fuq l-għawġ li ġej fuqkom! Ġidkom tħassar, ħwejjiġkom kilithomlkom il-kamla. Id-deheb u l-fidda tagħkom rabbew is-sadid, u s-sadid tagħhom qed jixhed kontra tagħkom u jiklilkom ġisimkom bħan-nar. Ħżintu l-ġid fl-aħħar jiem! Ara l-ħlas tal-ħaddiema li ħasdu l-għelieqi tagħkom – ħlas li intom żammejtulhom bil-qerq – qiegħed jgħajjat kontra tagħkom, u l-biki ta' dawk li ħasdu wasal f'widnejn il-Mulej tal-eżerċti. Fuq l-art għextu fix-xalar u l-lussu; qgħadtu tissemmnu għall-jum tal-qatla. Intom għamiltu ħaqq mill-ġust, għax ma jistax jiqfilkom!" *(Ġak 5,1-6)*.

2446 San Ġwann Griżostmu ifakkar dan bil-qawwa kollha: "Meta ma sseħibx 'il-foqra fil-ġid tiegħek, int tkun qed tisraqhom u toħdilhom ħajjithom. Għaliex il-ġid li għandna mhux tagħna, imma tagħhom".[9] "Irid isir l-ewwel dak li titlob il-ġustizzja, biex ma jiġrix li jingħata b'karità dak li messu ngħata b'ġustizzja".[10]

> Meta aħna nagħtu lill-foqra dak li ma jistgħux jgħaddu mingħajru, ma jfissirx li nkunu qed nagħtuhom xi rigal, imma nkunu qed nagħtuhom dak li hu tagħhom. Inkunu qegħdin aktar nagħmlu att ta' ġustizzja milli att ta' mħabba.[11]

2447 *L-għemejjel tal-ħniena* huma għemejjel ta' mħabba li bihom aħna ngħinu l-proxxmu tagħna fil-ħtiġijiet materjali u spiritwali tiegħu.[1] Tgħallem, agħti

---

[1] Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Sollicitudo rei socialis,* 47; ara wkoll *ibid.*, 42.
[2] Ara Mt 25,31-36.
[3] Mt 11,5; ara Lq 4,18.
[4] Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Centesimus annus,* 57.
[5] Ara Lq 6,20-22.
[6] Ara Mt 8,20.
[7] Ara Mk 12,41-44.
[8] Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Centesimus annus,* 57.
[9] San Ġwann Griżostmu, *In Lazarum,* 1, 6; PG 48, 992D.
[10] Konċ. Vatikan II, *Apostolicam actuositatem,* 8.
[11] San Girgor il-Kbir, *Regula pastoralis,* 3, 21.

parir, tfarraġ, tqawwi l-qalb huma għemejjel ta' ħniena spiritwali bħalma huma l-maħfra u s-sabar bl-oħrajn. L-għemejjel tal-ħniena korporali huma l-aktar li: titma' lil min hu bil-ġuħ, tipprovdi kenn għal min ma għandux dar, tlibbes lil min hu għeri, iżżur il-morda u dawk fil-ħabs, u tidfen il-mejtin.[2] Fost dawn l-għemejjel kollha, il-karità lill-foqra[3] hi xhieda mill-aqwa tal-imħabba għall-aħwa: hi wkoll att ta' ġustizzja li togħġob lil Alla:[4]

> "Min għandu żewġ ilbiesi jaqsam ma' min ma għandu xejn, u min għandu x'jiekol jagħmel l-istess" *(Lq 3,11)*. "Agħtu karità minn dak li hemm ġewwa u taraw kif kollox ikunilkom nadif" *(Lq 11,41)*. "Jekk ħuk jew oħtok ikunu għarwenin u neqsin mill-ikel ta' kuljum u wieħed minnkom jgħidilhom: 'Morru bis-sliem, ishru, kulu sa tixbgħu', bla ma jagħtihom dak li hu meħtieġ għall-ġisem, dan x'jiswa?" [5]

2448 *"Il-miżerja tal-bniedem* fis-suriet kollha tagħha – nuqqas ta' kull ġid materjali, moħqrija inġusta, mard fiżiku u psikiku, u l-mewt– hi sinjal ċar tal-qagħda ta' dgħufija li fiha l-bniedem sab ruħu wara l-ewwel dnub u għalhekk il-ħtieġa li għandu ta' salvazzjoni. Hu għalhekk li s-Salvatur ħass mogħdrija għall-bniedem u ried jitgħabba bil-miżerji tiegħu u jkun jixbah l-iċken fost ħutu. Hu għalhekk li l-Knisja sa minn dejjem uriet *imħabba preferenzjali* għal dawk li jinsabu mgħaffġin mill-miżerja, u minkejja n-nuqqasijiet ta' ħafna mill-membri tal-Knisja, qatt ma waqfet tfarraġhom, tħarishom u teħlishom. Dan għamlitu permezz ta' għadd kbir ta' għemejjel ta' għajnuna li jibqgħu dejjem meħtieġa kullimkien".[6]

2449 Fi żmien it-Testment il-Qadim il-miżuri ta' kull tip li huma fil-liġi (is-sena tal-maħfra, il-projbizzjoni li jittieħed l-imgħax jew li jinżamm ir-rahan, l-obbligu tal-għexur, il-ħlas tal-ġurnata lil min jaħdem bil-jum, id-dritt tat-tlaqqit li jibqa' fl-għelieqi) huma tweġiba għall-eżortazzjoni tad-Dewteronomju: "Qatt ma jonqos xi ħadd fil-bżonn fil-pajjiż, għalhekk jien nordnalek u ngħidlek: Iftaħ idejk sewwa lil ħuk, lill-fqir u lill-miskin f'artek" *(Dewt 15,11)*. Ġesù għamel tiegħu dan il-kliem: "Il-foqra dejjem issibuhom magħkom, lili mhux dejjem issibuni" *(Ġw 12,8)*; iżda b'hekk ma ġiebx fix-xejn l-ebusija tal-kundanna tal-profeta tal-qedem: "Nixtru bil-flus il-foqra u b'żewġt iqrieq l-imsejken" *(Għam 8,6)*, imma jistedinna biex naraw lilu fil-foqra għax huma ħutu.[7]

> Dak inhar li omm Santa Roża ta' Lima ċanfritha għax kienet iddaħħal id-dar il-foqra u l-morda, wieġbet: "Meta aħna naqdu l-foqra u l-morda, nkunu qegħdin naqdu lil Ġesù! M'għandniex ma ngħinux lil għajrna, għax meta ngħinuh inkunu qegħdin ngħinu lil Ġesù stess".[8]

### Fil-qosor

2450 *"La tisraqx"* (Dewt 5,19). *"La ħallelin, la ħattafa, la rgħiba... ma jirtu s-Saltna ta' Alla"* (1Kor 6,10).

---

1 Ara Is 58,6-7; Lh 13,3.
2 Ara Mt 25,31-46.
3 Ara Tob 4,5-11; Sir 17,22.
4 Ara Mt 6,2-4.
5 Ġak 2,15-16; ara 1 Ġw 3,17.
6 Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi istruzzjoni *Libertatis conscientia*, 68.
7 Ara Mt 25,40.
8 P. Hansen, *Vita mirabilis*, Louvain 1668.

2451 *Is-seba' kmandament jordna li l-amministrazzjoni tal-ġid tal-art u tal-frott ta' xogħol il-bniedem isiru skont il-ġustizzja u l-imħabba.*

2452 *Il-ġid tal-ħolqien Alla riedu jkun tal-ġens kollu tal-bnedmin. Id-dritt tal-proprjetà privata ma jneħħix il-fatt li l-ġid kollu tal-art hu destinat għall-bnedmin kollha.*

2453 *Is-seba' kmandament jikkundanna s-serq. Tisraq meta tieħu xi ħaġa ta' ħaddieħor, kontra r-rieda raġonevoli ta' sidha.*

2454 *Kull sura ta' ħtif u ta' użu inġust ta' xi ħaġa ta' ħaddieħor huma kontra s-seba' kmandament. Din l-inġustizzja trid titpatta. Il-ġustizzja kommutattiva trid li jintradd lura dak li nsteraq.*

2455 *Il-liġi morali tipprojbixxi dak l-għemil li, għal raġunijiet ta' negozju jew minħabba fehmiet ta' totalitariżmu, iwassal għat-tjassir ta' bnedmin, għax-xiri, għall-bejgħ u għall-bdil ta' nies qishom xi merkanzija.*

2456 *Il-ħakma li l-Ħallieq ta lill-bniedem fuq ir-riżorsi minerali, veġetali u annimali tal-univers ma tistax tinfired mir-rispett għall-obbligi morali lejn il-bnedmin l-oħra, ukoll lejn dawk li għad iridu jitwieldu.*

2457 *L-annimali ġew fdati lill-bniedem biex jieħu ħsiebhom u juri t-tjieba magħhom. Jista' jinqeda bihom għall-ħtiġijiet ġusti tiegħu.*

2458 *Il-Knisja tagħti l-ġudizzju tagħha fi kwistjonijiet ekonomiċi u soċjali meta dan hu mitlub mid-drittijiet fundamentali tal-persuna jew mis-salvazzjoni tal-erwieħ. Tinteressa ruħha fil-ġid komuni li l-bnedmin għandhom fuq din l-art minħabba li jwassal għall-Ogħla Ġid, li għalih ġejna maħluqa.*

2459 *Il-bniedem innifsu hu l-awtur, iċ-ċentru u l-għan ta' kull ħidma soċjali u ekonomika. Il-qofol tal-kwistjoni soċjali hu li l-ġid kollu li ħalaq Alla għandu jasal għand kulħadd skont il-ġustizzja, bl-għajnuna tal-imħabba.*

2460 *Il-valur ewlieni tax-xogħol hu l-bniedem innifsu: jagħmlu hu u jagħmlu għalih. Bix-xogħol tiegħu l-bniedem jissieħeb fl-opra tal-ħolqien. Fi Kristu x-xogħol jista' jkun mezz ta' fidwa.*

2461 *Il-veru żvilupp hu dak tal-bniedem kollu kemm hu. Iqawwi l-ħila ta' kull bniedem biex iwieġeb għas-sejħa li Alla qed jagħmillu.*[1]

2462 *Il-karità li tingħata lill-foqra hi xhieda tal-imħabba bejn l-aħwa; hi wkoll għemil ta' ġustizzja li jogħġob lil Alla.*

2463 *F'tant u tant bnedmin bla ikel, bla saqaf, bla pajjiż, kif ma tarax 'il Lazzru, il-fqir imġewwaħ tal-parabbola*? [2] *Kif ma tagħtix widen għal kliem Ġesù: "Anqas miegħi ma għamiltuh"* (Mt 25,45)?

---

[1] Ara Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Centesimus annus*, 29.
[2] Ara Lq 17,19-31.

### It-tmien artiklu

## IT-TMIEN KMANDAMENT

> La tagħtix xhieda giddieba kontra għajrek *(Eż 20,16).*
>
> Smajtu x'intqal lin-nies ta' dari: "Tonqosx mill-wegħda li ħlift, imma rodd lill-Mulej il-wegħdiet li ħliftlu" *(Mt 5,33).*

2464 It-tmien kmandament jipprojbixxi t-tagħwiġ tal-verità fir-relazzjonijiet ma' ħaddieħor. Dan il-preċett morali joħroġ mis-sejħa tal-poplu qaddis biex ikun xhud ta' Alla tiegħu, li hu l-verità u jrid il-verità. In-nuqqasijiet kontra l-verità jfissru, bil-kliem u bl-għemil, ċaħda ta' impenn skont prinċipji morali tajba: huma nuqqasijiet fundamentali ta' fedeltà lejn Alla, u għalhekk f'dan jheżżu l-pedamenti tal-Patt.

### I. Tgħix fil-verità

2465 It-Testment il-Qadim jixhed li *Alla hu l-bidu ta' kull verità*. Il-kelma tiegħu hi verità.[1] Il-liġi tiegħu hi verità.[2] "Minn nisel għal nisel il-fedeltà tiegħek" *(Salm 119,90; Lq 1,50).* Għaliex Alla hu "sinċier" *(Rum 3,4)*, il-membri tal-Poplu tiegħu huma msejħin biex jgħixu fil-verità.[3]

2466 F'Ġesù Kristu l-verità ta' Alla dehret fis-sħuħija kollha tagħha. "Mimli bil-grazzja u l-verità" *(Ġw 1,14)*, hu "d-dawl tad-dinja" *(Ġw 8,12)*, hu l-*Verità*.[4] "Min jemmen fih ma jibqax fid-dlam" *(Ġw 12,46)*. Id-dixxiplu ta' Ġesù "jżomm il-kelma tiegħu" biex jagħraf il-verità li "teħilsu"[5] u tqaddsu.[6] Tmur wara Ġesù jfisser tgħix bl-"Ispirtu tal-verità" *(Ġw 14,17)*, li l-Missier jibgħat f'ismu *(Ġw 14,26)* u li jwassal għall-verità kollha *(Ġw 14,17; 16,13)*. Ġesù ta lid-dixxipli xhieda ta' mħabba sħiħa tal-verità: "Ħa jkun id-diskors tagħkom "Iva, iva. Le, le" *(Mt 5,37)*.

2467 Il-bniedem minnu nnifsu jinġibed lejn il-verità. Hu fid-dmir li juriha ġieħ u jixhed għaliha. "Il-bnedmin kollha, minħabba d-dinjità tagħhom għax huma persuni… huma mġegħlin mill-istess natura tagħhom, u obbligati moralment, li jfittxu l-verità, u l-ewwel nett il-verità dwar ir-reliġjon. Huma obbligati wkoll iħaddnu l-verità malli jagħrfuha u jirregolaw l-imġiba tagħhom skont ma titlob minnhom il-verità".[7]

2468 Il-verità, bħala mġiba tajba fil-kliem u fl-għemil tal-bniedem, tissejjaħ *sewwa*, sinċerità, kliem bla qerq… Il-verità jew is-sewwa hi dik il-virtù li biha wieħed juri li għemilu hu veru, li qiegħed jgħid il-verità bi kliemu, u qed iħares ruħu minn kull qerq fi kliemu u f'għemilu, minn kull ħabi u wiri ta' ħaġa b'oħra (simulazzjoni) u minn kull sura ta' wiċċ b'ieħor (ipokrisija).

---

[1] Ara Salm 8,6; 2 Sam 7,28.
[2] Ara Salm 119,142.
[3] Ara Salm 119,30.
[4] Ara Ġw 14,6.
[5] Ara Ġw 8,32.
[6] Ara Ġw 17,17.
[7] Konċ. Vatikan II, *Dignitatis humanae*, 2.

2469 "Il-bnedmin ma jistgħux jgħixu flimkien jekk ma *jafdawx* f'xulxin, jiġifieri jekk ma jurux il-verità lil xulxin".[1] Il-virtù tal-verità tagħti lil ħaddieħor dak li bir-raġun kollu hu tiegħu, li għandu dritt għalih. Il-verità żżomm qies xieraq bejn dak li għandu jingħad u s-sigriet li ma għandux jixxandar: tistenna onestà u għaqal. Il-ġustizzja titlob li "bniedem għandu, bl-onestà kollha, jgħid il-verità lil ħaddieħor".[2]

2470 Id-dixxiplu ta' Kristu jaċċetta li "jgħix fil-verità", jiġifieri li jgħix ħajja sempliċi, taqbel mal-eżempju ta' ħajja li tana l-Mulej, u li jibqa' fil-verità: "Jekk ngħidu li aħna mseħbin miegħu, imma nimxu fid-dlam, inkunu qegħdin nigdbu u ma nagħmlux il-verità" *(1 Ġw 1,6).*

## II. "Ix-xhieda għall-verità"

2471 Quddiem Pilatu Ġesù stqarr: "Għalhekk ġejt fid-dinja biex nixhed għall-verità" *(Ġw 18,37)*. In-Nisrani m'għandu "għax jistħi xejn minħabba fix-xhieda għall-Mulej" *(2 Tim 1,8)*. F'qagħda li titlob ix-xhieda għall-fidi, in-Nisrani għandu jistqarrha bla ebda logħob bil-kliem, kif ġieb ruħu San Pawl quddiem l-imħallfin. Irridu nfittxu li "ngħixu b'kuxjenza nadifa quddiem Alla u quddiem il-bnedmin" *(Atti 24,16)*.

2472 Minħabba d-dmir li għandhom li jissieħbu fil-ħajja tal-Knisja, l-Insara għandhom iġibu ruħhom bħala *xhieda tal-Evanġelju* u tal-obbligi li jiġu minnu. Din ix-xhieda mhijiex ħlief tħabbira tal-fidi bil-kliem u bl-għemil; hi att ta' ġustizzja li bih turi jew tgħarraf il-verità:[3]

> L-Insara kollha, kull fejn jgħixu, huma fid-dmir li juru, bl-eżempju ta' ħajjithom u bix-xhieda ta' kliemhom, il-bniedem il-ġdid li bih tlibbsu fil-Magħmudija u l-qawwa tal-Ispirtu s-Santu li wettaqhom permezz tal-Konfermazzjoni jew Griżma.[4]

2473 *Il-martirju* hu l-aqwa xhieda li tingħata lill-verità tal-fidi, hi xhieda li tasal sal-mewt. Il-martri jagħti xhieda għal Kristu, mejjet u rxoxt, li miegħu ngħaqad permezz tal-imħabba. Jagħti xhieda għall-verità tal-fidi u għat-tagħlim nisrani. Jilqa' l-mewt b'att ta' qawwa. "Ħalluni nkun ikel għall-bhejjem selvaġġi: bihom inkun nista' nikseb 'l Alla".[5]

2474 B'kura mill-aqwa, il-Knisja ħasbet biex tiġbor it-tifkiriet ta' dawk li waslu sal-mewt biex jagħtu xhieda tal-fidi tagħhom. Huma l-Atti tal-martri: fihom hemm l-arkivju tal-Verità miktub b'ittri tad-demm:

> Ma jħajrunix aktar il-frugħat tad-dinja u s-setgħat ta' dan iż-żmien. Aħjar għalija li mmut biex ningħaqad ma' Kristu Ġesù milli nsaltan sa truf l-art. Lilu jien infittex, lilu li miet għalina, lilu rrid, lilu li qam mill-imwiet għalina. It-twelid tiegħi fil-qrib… [6]
>
> Tkun imbierek, Mulej, għax int għoġbok li llum, f'din is-siegħa, (ningħadd) mal-martri… kif urejtni… li jseħħ, o Alla tas-sewwa li ebda gidba ma hemm fik. Għalhekk infaħħrek,

---

[1] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, 2-2, 109, 3 ad 1.
[2] *Ibid.*, 2-2, 109, 3.
[3] Ara Mt 18,16.
[4] Konċ. Vatikan II, *Ad gentes*, 11.
[5] San Injazju ta' Antjokja, *Epistula ad Romanos*, 4, 1.
[6] *Ibid.*, 6, 1-2.

inbierkek, u nigglorifikak għal dak kollu li għamilt miegħi b'Ibnek l-għażiż, Ġesù Kristu, il-Qassis etern tagħna mis-sema; permezz tiegħu tingħata glorja lilek, miegħu u mal-Ispirtu s-Santu, issa u għal dejjem ta' dejjem. Ammen.[1]

## III. In-nuqqasijiet kontra l-verità

2475 Id-dixxipli ta' Kristu "libsu l-bniedem il-ġdid, maħluq skont Alla fil-ġustizzja u l-qdusija ġejja mill-verità" *(Ef 4,24)*. "Warrbu minnhom il-gideb" *(Ef 4,25)*, "kull ħażen u kull qerq, il-wiċċ b'ieħor u l-għira u kull xorta ta' tqassis" *(1 Piet 2,1)*.

2476 *Xhieda falza u ħalf fil-falz*. Meta stqarrija li tkun kontra l-verità ssir pubblika, hi ħtija partikularment gravi. Quddiem qorti tissejjaħ xhieda falza,[2] meta l-istqarrija ssir taħt ġurament, ikun każ ta' ħalf fil-falz. Din l-imġiba tista' twassal jew għall-kundanna ta' xi ħadd bla ħtija, jew għall-ħelsien ta' xi wieħed ħati, jew għaż-żieda fil-kastig li jingħata lil min hu mixli.[3] Dan l-għemil iġib fix-xejn b'mod l-aktar gravi t-tħaddim tal-ġustizzja u ma jħallix li l-imħallfin jagħtu sentenza meqjusa.

2477 *Ir-rispett tal-fama tajba* tan-nies jipprojbixxi kull imġiba u kull diskors li jistgħu inġustament jagħmlu ħsara lil xi ħadd;[4] ikun ħati ta':

— *ġudizzju temerarju*, ukoll bis-skiet tiegħu biss, min jammetti bħala veru, mingħajr ebda raġuni biżżejjed, xi difett morali ta' għajru;

— *malafama*, min mingħajr ebda raġuni li oġġettivament tiswa xi ħaġa, jgħarraf bid-difetti u nuqqasijiet ta' ħaddieħor, lil persuni li ma jkunux jafu bihom;[5]

— *kalunnja,* min, bi kliem kontra l-verità, jagħmel ħsara lill-ġieħ tal-oħrajn, u joħloq okkażjonijiet biex jagħmlu ġudizzji ħżiena fuqu.

2478 Biex wieħed jevita ġudizzju temerarju jrid jipprova jagħti, sa fejn jista' jkun, tifsir tajjeb tal-ħsibijiet, tal-kliem u tal-għemil tal-proxxmu:

> Kull Nisrani tajjeb għandu jkun iktar lest li jsalva l-fehma mhux ċara tal-proxxmu, milli jikkundannaha. Jekk ma jistax isalvaha, għandu jistaqsih kif jifhimha hu, u jekk l-ieħor fehemha ħażin, in-Nisrani jikkorreġih bl-imħabba; u jekk dan mhux biżżejjed, ħa jfittex il-mezzi kollha adatti biex jgħinu jifhimha tajjeb ħa jsalva mill-iżball.[6]

2479 Il-malafama u l-kalunnja jeqirdu l-*fama tajba u l-ġieħ tal-proxxmu.* Issa l-ġieħ hu x-xhieda li s-soċjetà tagħti lid-dinjità tal-bniedem u kull bniedem għandu d-dritt naturali li jgawdi l-ġieħ ta' ismu, il-fama tajba, u r-rispett. Għalhekk il-malafama u l-kalunnja huma kontra l-virtujiet tal-ġustizzja u tal-imħabba.

---

[1] San Polikarpu fil-*Martyrium Polycarpi*, 14, 2-3.
[2] Ara Prov 19,9.
[3] Ara Prov 18,5.
[4] Ara CIC kan 220.
[5] Ara Sir 21,28.
[6] San Injazju ta' Loyola, *Eżerċizzi spiritwali*, 22

2480 Hi pprojbita kull kelma jew imġiba *li bihom tfaħħar iżżejjed, b'mod esaġerat lil xi ħadd, tfaħħru bla ma jistħoqqlu, bil-qerq, u tapprovalu kulma jagħmel, tagħlaq għajnejk għal kull nuqqas tiegħu*. Kliem u għemil bħal dan iħajjar u jwettaq lil dak li jkun fil-ħażen ta' għemilu u fil-qerq tal-imġiba tiegħu. Meta tfaħħar lil xi ħadd bla ma jistħoqqlu, bil-qerq (adulazzjoni), int tkun ħati ta' nuqqas gravi jekk b'dan il-mod tkun qed issieħeb lilek innifsek ma' vizzji u dnubiet kbar. Ix-xewqa li tagħmel pjaċir jew turi ħbiberija mhijiex raġuni biżżejjed għal din is-sura ta' diskors wiċċ b'ieħor. Għemil bħal dan hu dnub venjal jekk isir biss biex togħġob lil xi ħadd, biex tevita xi deni, biex tegħleb xi ħtieġa, jew biex tikseb xi vantaġġ ġustifikat.

2481 *Il-ftaħir żejjed bik innifsek* hu dnub kontra l-verità, kif hi dnub wkoll l-ironija, meta bi ħsieb ħażin u b'qerq, twaqqa' għaċ-ċajt u tagħmel karikatura ta' xi aspett u xi mġiba ta' xi ħadd.

2482 "*Il-gideb* hu diskors mhux veru li jsir bi ħsieb li tqarraq".[1] Il-Mulej jara fil-gideb għemil tax-xitan: "Intom ġejjin minn missierkom li hu x-xitan ...il-verità ma tinsabx fih. Meta jigdeb ikun qiegħed jitkellem talli hu, għax hu giddieb u missier il-gideb" *(Ġw 8,44)*.

2483 Il-gideb hu n-nuqqas l-aktar dirett kontra l-verità. Tigdeb ifisser titkellem jew tagħmel xi ħaġa biex tqarraq. Il-gideb, għax jidrob ir-relazzjoni tal-bniedem mal-verità u ma' għajru, hu offiża lir-relazzjoni fundamentali li l-bniedem u kelmtu għandhom ma' Alla.

2484 *Il-gravità tal-gideb* titqies min-natura tal-verità li wieħed jgħawweġ, miċ-ċirkostanzi, mill-intenzjoni ta' min jgħid il-gidba, mill-ħsara li jġarrbu dawk li jkunu vittmi tal-gideb. Jekk il-gidba fiha nfisha ma tkunx ħlief dnub venjal, issir dnub mejjet meta toffendi b'mod gravi l-virtù tal-ġustizzja u tal-imħabba.

2485 Il-gideb hu ta min jikkundannah minħabba n-natura tiegħu stess. Hu profanazzjoni tal-kelma li, bħala għan tagħha, għandha li twassal lill-oħrajn il-verità magħrufa. Il-fehma maħsuba li tqarraq il-proxxmu u twaqqgħu fl-iżball permezz ta' fehmiet kuntrarji għall-verità, hi nuqqas kontra l-ġustizzja u l-imħabba. Il-ħtija tkun akbar meta l-ħsieb li tqarraq jista' jġib miegħu konsegwenzi mill-agħar għal dawk li jiġu mwarrba mill-verità.

2486 Il-gideb (għaliex hu ksur tal-virtù tas-sinċerità) hu tassew vjolenza kontra ħaddieħor; hu theddida għad-dritt li għandu l-bniedem li jkun jaf dak li jeħtieġlu biex jagħmel ġudizzju tajjeb u jieħu deċiżjoni xierqa. Fil-gideb hemm iż-żerriegħa tal-firda fil-qlub u tad-deni kollu li jista' jaqla'. Il-gideb hu ta' ħsara kbira għas-soċjetà kollha; jeqred il-fiduċja li l-bnedmin għandu jkollhom f'xulxin u jċarrat in-nisġa tar-relazzjonijiet soċjali.

2487 Kull ħtija li ssir kontra l-ġustizzja u l-verità titlob *riparazzjoni,* ukoll jekk il-giddieb qala' l-maħfra. Meta ma jistax ikun li tpatti pubblikament l-offiża li tkun saret, għandek tpatti privatament; jekk il-ħsara li wieħed ġarrab bil-gideb ma tistax tissewwa direttament, trid issir tpattija moralment, f'isem l-imħabba. Dan id-dmir ta' riparazzjoni u tpattija jorbot ukoll kull għemil kontra l-fama tajba

[1] Santu Wistin, *De Mendacio*, 4, 5: PL 40, 491.

tal-oħrajn. Din it-tpattija morali, u xi kultant materjali wkoll, għandha titqies skont il-ħsara li tkun saret: hi obbligu tal-kuxjenza.

## IV. Ir-rispett għall-verità

2488 *Id-dritt għax-xandir* tal-verità għandu ċerti kundizzjonijiet miegħu. Kulħadd għandu jgħix skont il-kmandament evanġeliku tal-imħabba tal-aħwa. U dan jitlob li, f'ċerti okkażjonijiet li jinqalgħu, wieħed irid iqis sewwa għandux jgħid jew le l-verità lil min jitlobhielu.

2489 L-imħabba u r-rispett għall-verità għandhom jirregolaw kull tweġiba li tingħata għal *kull talba li ssir għall-informazzjoni u għall-komunikazzjoni*. Il-ġid u s-sigurtà ta' ħaddieħor, ir-rispett għall-ħajja privata tiegħu, il-ġid komuni ta' kulħadd, huma raġunijiet biżżejjed li ma turix dak li ma għandux ikun magħruf, jew twieġeb bi kliem meqjus. Id-dmir li tevita skandlu spiss jitlob li jkun hemm qies strett fit-tweġib. Ħadd mhu obbligat jgħid verità lil min ma għandux dritt li jkun jafha.[1]

2490 *Is-sigriet tal-qrar* hu sagru, u ma għandu qatt jinkixef, tkun xi tkun ir-raġuni. "Is-sigriet tal-qrar ma jistax jintmess, u għalhekk il-konfessur hu pprojbit li jikxef penitent lil xi ħadd, ikun min ikun, bi kliem jew b'xi għemil ieħor, tkun xi tkun ukoll ir-raġuni biex jagħmel dan".[2]

2491 *Is-sigriet professjonali* – li għandhom, biex insemmu xi eżempji, il-politiċi, il-militari, it-tobba, il-ġuristi – u kull tagħrif marbut bis-siġill tas-sigriet għandu jiġi rispettat, ħlief f'xi każ eċċezzjonali meta sigriet jista' joħloq ħsarat kbar lil min fdah, lil min ġie fdat, jew lil oħrajn ukoll, u dawn il-ħsarat jistgħu jiġu evitati biss jekk tixxandar il-verità. Kull tagħrif privat li jista' jkun ta' ħsara, ukoll jekk ma ġiex mgħarraf taħt is-siġill tas-sigriet, ma għandux jixxandar jekk ma jkunx hemm raġuni gravi u proporzjonata.

2492 Kulħadd għandu jirrispetta b'mod xieraq il-ħajja privata tan-nies. Min hu responsabbli tal-mezzi tal-komunikazzjoni għandu jżomm il-qies xieraq bejn dak li jitlob il-ġid komuni ta' kulħadd u d-drittijiet partikulari tan-nies. L-indħil għall-informazzjoni fil-ħajja privata ta' nies impenjati f'xi ħidma politika jew pubblika hu ta' min jikkundannah jekk ikun ta' theddid għall-intimità u għal-libertà ta' dawn in-nies.

## V. L-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali

2493 Fi ħdan is-soċjetà tal-lum, il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali għandhom sehem mill-aqwa fix-xandir tal-informazzjoni, fil-promozzjoni tal-kultura u fil-formazzjoni. Din il-ħidma tikber aktar ma jimxi 'l quddiem il-progress tekniku, aktar ma jiżdied u jkun varjat it-tagħrif li jiġi trażmess, u aktar ma tiġi influwenzata l-fehma tan-nies u l-opinjoni pubblika.

---

[1] Ara Sir 27,16; Prov 25,9-10.
[2] CIC kan 983 §1.

2494 L-informazzjoni li tingħata mill-*mass media* hi għall qadi tal-ġid komuni ta' kulħadd.[1] Is-soċjetà għandha dritt għall-informazzjoni bbażata fuq il-verità, il-libertà, il-ġustizzja, u s-solidarjetà:

> L-użu tajjeb ta' dan id-dritt jitlob li kull tagħrif li jingħata jkun skont il-verità u sħiħ, kif jitolbu l-ġustizzja u l-imħabba. Dwar il-mod kif jingħata t-tagħrif, dan għandu jkun onest u xieraq, jiġifieri fil-ksib u x-xandir tat-tagħrif għandhom ikunu mħarsin il-liġijiet morali, id-drittijiet u d-dinjità tal-bniedem.[2]

2495 "Jeħtieġ li l-membri kollha tas-soċjetà jaqdu, f'dan il-qasam, id-dmirijiet tagħhom ta' ġustizzja u ta' verità. Għandhom jużaw il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali biex jgħinu fil-formazzjoni u fix-xandir ta' opinjoni pubblika tajba".[3] Is-solidarjetà mbagħad tkun tidher bħala konsegwenza ta' tagħrif veru u ġust u ta' bdil ħieles ta' fehmiet, li jgħinu biex l-oħrajn ikunu magħrufa u rispettati.

2496 Il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, u l-aktar il-*mass media*, jistgħu joħolqu ċerta passività f'dawk li jużawhom u jwasslu biex ftit joqogħdu attenti għal dak li qiegħed jingħad jew qegħdin jaraw. Dawk li jagħmlu użu mill-*mass media* għandhom jevitaw kull esaġerazzjoni f'dan l-użu u għandhom ikunu jafu jirregolaw lilhom infushom fl-użu tal-mass media. Għandhom joħolqu fihom kuxjenza ċara u dritta biex ikunu jistgħu jwarrbu aktar malajr minnhom ċerti influwenzi ftit li xejn onesti.

2497 Minħabba l-istess professjoni tagħhom, dawk responsabbli tal-gazzetti, fix-xandir tal-informazzjoni, għandhom l-obbligu li jaqdu l-verità u ma jonqsu qatt mill-imħabba. Għandhom ifittxu jirrispettaw, bl-istess ħerqa, in-natura tal-fatti dwar in-nies u ma jmorrux 'l hemm minn dak li hu sewwa fil-kritika tagħhom. Għandhom joqogħdu attenti li ma joffendux il-fama tan-nies.

2498 Minħabba l-ġid komuni ta' kulħadd *l-awtoritajiet ċivili* għandhom dmirijiet partikulari. L-awtorità pubblika hi fid-dmir li tiddefendi u tħares il-libertà vera u ġusta għall-informazzjoni".[4] L-awtorità pubblika, hija u tagħmel il-liġijiet u tara li jiġu mħarsa, trid tiżgura li l-użu ħażin tal-*mass media* ma "jasalx biex joħloq ħsarat kbar għall-imġiba pubblika tan-nies u għall-progress tas-soċjetà".[5] Għandhom jorbtu pieni mal-ksur tad-drittijiet li kull bniedem għandu għal ġieħu u għall-ħajja privata tiegħu. Għandhom jagħtu f'ħin waqtu u bl-onestà kollha kull tagħrif li jinteressa l-ġid ta' kulħadd jew hu ta' tħassib ġust tal-popolazzjoni. Xejn ma jiġġustifika x-xandir ta' tagħrif falz permezz tal-*media* biex jinfluwenza l-opinjoni pubblika. Indħil bħal dan ma għandux jhedded il-libertà tal-individwi u tal-gruppi.

2499 Il-morali tikkundanna l-pjaga tal-istati totalitarji li b'mod sistematiku jgħawġu l-verità, u permezz tal-*mass media* jaħkmu politikament l-opinjoni pubblika, "jimmanipulaw" mixlijin u xhieda fi proċessi pubbliċi biex hekk iżommu fiżgur it-tirannija tagħhom, u joħonqu u jeqirdu kulma jqisu bħala "delitt ta' opinjoni".

## VI. Verità, ġmiel u arti sagra

2500 L-għemil tajjeb hu msieħeb ma' pjaċir spiritwali bla ħlas u ma' ġmiel morali. Hekk ukoll, il-verità ġġib l-hena u d-dija tal-ġmiel spiritwali. Il-verità hi sabiħa fiha nfisha. Il-verità tal-kelma, li biha jingħarfu u jitfissru raġonevolment ir-realtajiet maħluqa u mhumiex, hi meħtieġa għall-bniedem li għandu l-intelliġenza. Iżda l-verità tidher ukoll f'suriet oħra umani, kumplimentari, u dan l-aktar meta l-ħsieb hu dwar dak li ma jistax jitfisser bil-kliem, dwar dak li hu fil-

[1] Ara Konċ. Vatikan II, *Inter mirifica*, 11.
[2] *Ibid.*, 5.
[3] *Ibid.*, 8.
[4] Konċ. Vatikan II, *Inter mirifica*, 12.
[5] *Ibid.*

qiegħ l-aktar fond tal-qalb tal-bniedem, dwar l-irfigħ tar-ruħ, dwar il-misteru ta' Alla. Alla, qabel stess ma wera lilu nnifsu lill-bniedem bi kliem ta' verità, wera lilu nnifsu bil-kliem universali tal-ħolqien, opra tal-kelma tiegħu, ta' Għerfu: l-ordni u l-armonija tal-univers juru, kemm lit-tifel u kemm lill-bniedem tax-xjenza, li "fil-kobor u l-ġmiel tal-ħlejjaq jingħaraf, bħal f'xi xbieha dak li għamilhom" *(Għerf 13,5)*, "għax min għamilhom hu l-bidu ta' kull ġmiel" *(Għerf 13,3)*.

L-Għerf bu bħal daħna ħafifa tas-setgħa ta' Alla, nixxiegħa safja tal-glorja ta' dak li ħalaq kollox, għalhekk xejn imdennes ma jidħol fih. Hu raġġ tad-dawl ta' dejjem, mera bla tebgħat tas-setgħa ħaddiema ta' Alla u xbieha tat-tjieba tiegħu *(Għerf 7,25-26)*. L-Għerf jiddi aktar mix-xemx, u aqwa minn kull ġemgħa ta' kwiekeb; imxebbah mad-dawl hu isbaħ minnu, wara d-dawl tal-jum jiġi d-dlam tal-lejl, imma l-għerf ebda ħażen ma' jista' għalih *(Għerf 7,29-30)*. Jien tgħaxxaqt bi ġmielu *(Għerf 8,2)*.

2501 "Maħluq xbieha ta' Alla" *(Ġen 1,26),* il-bniedem ifisser il-verità tar-relazzjoni tiegħu ma' Alla li ħalqu permezz ta' opri tal-arti wkoll. *L-arti* hi sura ta' espressjoni tal-bniedem, bħala bniedem; fil-bniedem, wisq aktar mill-ħerqa li għandu flimkien mal-ħlejjaq kollha ħajjin li jfittex il-meħtieġ għall-ħajja, għandu fih kotra bla qies ta' għana spiritwali mogħtija lilu b'xejn minn Alla. L-arti, li hi frott ta' talent mogħti minn Alla u ta' sforz il-bniedem innifsu, hi sura ta' għerf prattiku li tgħaqqad flimkien it-tagħrif li jinkiseb u l-ħila li wieħed ikollu *(Għerf 7,17)* biex jagħti sura lill-verità ta' xi ħaġa li tista' tidher jew tinstema'. L-arti hi għalhekk b'xi mod xebh mal-ħidma ta' Alla fil-ħolqien daqskemm tkun ispirata mill-verità u mill-imħabba tal-ħlejjaq. Bħal kull attività oħra tal-bniedem, l-arti mhijiex għan assolut fiha nfisha, iżda hi indirizzata lejn l-għan aħħari tal-bniedem, u minnu tieħu l-ġieħ tagħha.[1]

2502 *L-arti sagra* hi vera u sabiħa meta bis-sura tagħha twieġeb għas-sejħa tagħha li tfakkar u tagħti glorja, bil-fidi u bl-adorazzjoni, il-misteru traxxendenti ta' Alla, l-ogħla Ġmiel li ma jidhirx tal-Verità u tal-Imħabba li deher fi Kristu, "dija tal-glorja ta' Alla u xbieha tal-essenza tiegħu" *(Lh 1,3)*, u li fih hemm "il-milja tad-divinità fil-ġisem" *(Kol 2,9)*. Dan il-ġmiel spiritwali ġie rifless fl-Imqaddsa Verġni Omm Alla, fl-anġli u fil-qaddisin. L-arti sagra vera twassal il-bniedem biex jadura, jitlob u jħobb lil Alla, Ħallieq u Salvatur, Qaddis u jqaddes.

2503 Hu għalhekk li l-isqfijiet, huma stess jew permezz ta' delegati tagħhom, għandhom jgħassu biex tiġi 'l quddiem l-arti sagra, antika u ġdida, fis-suriet kollha tagħha, u jwarrbu bl-istess attenzjoni reliġjuża mil-liturġija u mill-knejjes u postijiet oħra tal-kult dak kollu li ma jaqbilx mal-verità tal-fidi u mal-ġmiel veru tal-arti *sagra*.[2]

## Fil-qosor

2504 *"La tagħtix xhieda giddieba kontra għajrek"* (Eż 20,15). *Id-dixxipli ta' Kristu "libsu l-bniedem il-ġdid maħluq skont Alla fil-ġustizzja u l-qdusija ġejja mill-verità"* (Ef 4,24).

[1] Ara Piju XII, diskors tal-25 ta' Diċembru 1955 u diskors tat-3 ta' Settembru 1950.
[2] Ara Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 122-127

2505 *Il-verità jew is-sewwa hi dik il-virtù li biha wieħed juri ruħu veru f'għemilu kollu, jgħid il-veru bi kliemu, ma jilgħabx bil-kliem, ma jurix ħaġa b'oħra u lanqas żewġt uċuħ.*

2506 *In-Nisrani m'għandu għax "jistħi xejn minħabba fix-xhieda għal Kristu"* (2 Tim 1,8) *bi kliemu u b'għemilu. Il-martirju hu l-ogħla xhieda li tingħata għall-verità tal-fidi.*

2507 *Ir-rispett għall-fama tajba u għall-ġieħ tal-persuni jipprojbixxi kull imġiba u kull diskors ta' malafama u ta' kalunnja.*

2508 *Tigdeb jiġifieri tgħid il-falz biex tqarraq b'għajrek li għandu d-dritt ikun jaf il-verità.*

2509 *Kull ħtija kontra l-verità titlob riparazzjoni, tpattija.*

2510 *Ir-regola tad-deheb tgħinna naraw f'qagħdiet konkreti, ikunx jaqbel jew le turi l-verità lil min qed jitlobha.*

2511 *"Is-sigriet tal-qrar qatt ma jista' jinkixef".*[1] *Is-sigrieti professjonali għandhom jinżammu. It-tagħrif mogħti kunfidenzjalment, li jista' jkun ta' ħsara għall-oħrajn, m'għandux jixxandar.*

2512 *Is-soċjetà għandha dritt għall-informazzjoni bbażata fuq il-verità, il-libertà u l-ġustizzja. Għandu jkun hemm il-qies u d-dixxiplina fl-użu tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali.*

2513 *L-arti, u l-aktar l-arti sagra, trid, "min-natura tagħha, turi b'xi mod fl-għemejjel tal-bniedem il-ġmiel bla qies ta' Alla, u hekk tfittex tkattar it-tifħir u l-glorja ta' Alla, għax m'għandhiex għan ieħor ħlief dak li tgħin kemm jista' jkun biex iddawwar qlub il-bnedmin lejn Alla".*[2]

### Id-disa' artiklu

## ID-DISA' KMANDAMENT

La tixtieqx dar għajrek, la tixtieqx il-mara ta' għajrek, il-qaddej jew il-qaddejja tiegħu, l-għoġol jew il-ħmar tiegħu, u xejn minn kulma għandu għajrek *(Eż 20,17)*.

Kull min iħares lejn mara u jixtieqha jkun ġa għamel adulterju magħha f'qalbu *(Mt 5,28).*

2514 San Ġwann jagħżel tliet suriet ta' ġibda jew konkupixxenza: il-ġibda tal-ġisem, il-ġibda tal-għajnejn, u l-kburija tal-ħajja *(1 Ġw 2,16)*. Skont it-tradizzjoni kateketika Kattolika d-disa' kmandament jipprojbixxi l-ġibda tal-ġisem, waqt li l-għaxar kmandament jipprojbixxi l-ġibda għall-ġid ta' ħaddieħor.

[1] CIC kan 983 §1.
[2] Konċ. Vatikan II, *Sacrosanctum concilium*, 122.

2515 Fit-tifsir etimoloġiku tagħha l-kelma "konkupixxenza" tista' tfisser kull xewqa bla rażan tal-bniedem. It-teoloġija nisranija tat tifsira partikulari lill-kelma "konkupixxenza": il-ġibda tal-ġisem li tmur kontra l-ħidma tar-raġuni tal-bniedem. L-Appostlu San Pawl jaraha bħala l-ġlieda ta' "l-ġisem" kontra l-"ispirtu".[1] Hi frott tad-diżubbidjenza tal-ewwel dnub *(Ġen 3,11)*. Tħarbat il-fakultajiet morali tal-bniedem u, għalkemm fiha nfisha mhijiex dnub, tħajjar il-bniedem għad-dnub.[2]

2516 Fil-bniedem, għax hu *magħmul mir-ruħ u l-ġisem*, ġa hemm ċerta tensjoni. Hemm ġlieda bejn dak li jrid "l-ispirtu" u dak li jrid "il-ġisem". Iżda din il-ġieda hi, fil-fatt wirt id-dnub, hi konsegwenza tad-dnub u, fl-istess ħin, tikkonferma li d-dnub jeżisti. Hi parti mill-esperjenza li għandna kuljum tal-ġlieda spiritwali:

> San Pawl jidhirlu li ma għandniex nistmerru u nikkundannaw il-ġisem li, flimkien ma' ruħ spiritwali, jagħmel in-natura tal-bniedem u jagħtih il-personalità tiegħu. Fil-fatt, iqis l-għemejjel, jew aħjar id-dispożizzjonijiet li huma dejjem fil-bniedem – virtujiet jew vizzji – moralment *tajbin jew ħżiena*, u li huma l-frott ta' *sottomissjoni* (fil-każ tal-virtujiet) jew għall-kuntrarju ta' *reżistenza* (fil-każ tal-vizzji) *għall-ħidma salvifika tal-Ispirtu s-Santu*. Għalhekk l-Appostlu jikteb: "Jekk ngħixu bl-Ispirtu ħalli nimxu bl-Ispirtu" *(Gal 5,25)*.[3]

## I. Is-safa tal-qalb

2517 Fil-qalb tinsab il-personalità morali tal-bniedem: "Mill-qalb joħorġu l-ħsibijiet ħżiena, qtil, adulterji, żìna" *(Mt 15,19)*. Il-ġlieda kontra l-ġibda tal-ġisem tintrebaħ bis-safa tal-qalb u bil-prattika tar-rażan:

> Kun sempliċi u bla ħtija, u tkun tixbah it-tfal żgħar li ma jafux x'inhu l-ħażen qerriedi tal-ħajja tal-bnedmin.[4]

2518 Is-sitt beatitudni tħabbar: "Henjin dawk li huma safja f'qalbhom għax huma jaraw lil Alla" *(Mt 5,8)*. "Dawk ta' qalbhom safja" huma dawk li jagħmlu r-rieda u l-intelliġenza tagħhom jaqblu ma' dak li titlob il-qdusija ta' Alla, u l-aktar fit-tliet oqsma: tal-imħabba,[5] tal-kastità jew ta' mġiba sesswali tajba,[6] u tal-imħabba tal-verità u tal-ortodossija fil-fidi.[7] Hemm rabta bejn is-safa tal-qalb, is-safa tal-ġisem u s-safa tal-fidi:

> Il-fidili għandhom jemmnu fl-artikli tas-Simbolu (Kredu) biex "huma u jemmnu, jobdu 'l Alla; huma u jobdu, jgħixu tajjeb; huma u jgħixu tajjeb, isaffu qalbhom; u huma u jsaffu qalbhom, jifhmu dak li jemmnu".[8]

2519 Lil "dawk ta' qalbhom safja" hu mwiegħed li jaraw 'l Alla wiċċ imb wiċċ u li jkunu jixbhuh.[9] Is-safa tal-qalb hi l-kundizzjoni meħtieġa biex wieħed jara 'l

[1] Ara Gal 5,16.17.24; Ef 2,3.
[2] Ara Konċ. ta' Trento: Denzinger-Schonmetzer, 1515.
[3] Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Dominum et Vivificantem*, 55.
[4] Erma, *Mandata pastoris*, 2, 1.
[5] Ara 1 Tim 4,3-9; 2 Tim 2,22.
[6] Ara 1 Tes 4,7; Kol 3,5; Ef 4,19.
[7] Ara Tit 1,15; 1 Tim 1,3-4; 2 Tim 2,23-26.
[8] Santu Wistin, *De fide et symbolo*, 10, 25: PL 40, 196.
[9] Ara 1 Kor 13,12; 1 Ġw 3,2.

Alla. Minn issa stess, is-safa tal-qalb tagħtina li naraw, *kif jara* Alla, li nilqgħu lil ħaddieħor bħala "proxxmu", u li nqisu ġisimna u ġisem għajrna bħala tempju tal-Ispirtu s-Santu, dehra tal-ġmiel ta' Alla.

## II. It-taqbida għas-safa

2520 Il-Magħmudija tagħti lil dak li jitgħammed il-grazzja li jissaffa mid-dnubiet kollha. Iżda l-imgħammed irid ikompli jitqabad kontra l-konkupixxenza jew il-ġibda tal-ġisem u kontra kull xewqa diżordinata. Bil-grazzja ta' Alla jasal għal dan:

— bil-*virtù u d-don tal-kastità* għax il-kastità tagħtina li nħobbu b'qalb retta u safja u bla ebda qsim fina nfusna;

— bis-*safa tal-fehma* li ġġegħelna naraw fejn tassew għandu jasal il-bniedem. Min hu mgħammed ifittex bis-sempliċità kollha u jara kif jista' jagħmel dejjem ir-rieda ta' Alla;[1]

— bis-*safa ta' ħarstu*, bl-għajnejn tal-ġisem u bl-għajnejn tar-ruħ, bit-trażżin tas-sentimenti u tal-immaġinazzjoni tiegħu, biċ-ċaħda ta' kull pjaċir fi ħsibijiet ħżiena li jħajru 'l bogħod mit-triq tal-kmandamenti ta' Alla. "Bid-dehra tagħha tqanqal fil-boloh il-leblieba" *(Għerf 15,5)*;

— bit-*talb:*

> Ħsibt li stajt inżomm ruħi fil-qies bil-ħila tiegħi waħdi, bla ma kont naf x'ħila kelli. Fil-bluha tiegħi ma għaraftx li ħadd ma jista' jżomm ruħu fil-qies jekk mhux b'don tiegħek. Dan kien don li int kont tagħtihuli kieku ġejt inħabbat il-bieb ta' widnejk bit-tnehid ta' qalbi, kieku ħallejt it-taħbit tiegħi f'idejk b'fiduċja sħiħa.[2]

2521 Is-safa jitlob il-*mistħija*. Dan hu element li jsaħħaħ ir-rażan tal-bniedem. Il-mistħija tħares l-intimità tal-persuna: tfisser li dak li jkun ma jkunx irid jikxef fil-beraħ dak li għandu jibqa' mistur. Tfittex il-kastità u tagħti xhieda tagħha bil-ħlewwa u l-attenzjoni kollha; tirregola l-ħars u l-għemil skont id-dinjità tal-persuna li tkun u skont l-għaqda tal-persuni bejniethom.

2522 Il-mistħija tħares il-misteru tal-persuni u ta' mħabbithom: tistieden għas-sabar u għar-rażan fir-relazzjonijiet ta' mħabba għal xulxin; titlob li jkunu seħħew il-kundizzjonijiet tal-għotja tar-raġel u l-mara lil xulxin u din l-għotja jgħixuha b'impenn għal dejjem. Il-mistħija hi modestja; tgħin fl-għażla tal-ilbies; iżda żżomm is-skiet jew tibqa' lura meta hemm il-periklu ta' kurżitajiet ħżiena. Hi diskrezzjoni u galbu mal-oħrajn.

2523 Hemm mistħija kemm dwar is-sentimenti u kemm dwar il-ġisem. Il-mistħija, biex insemmu eżempju, ma tippermettix li kif jiġri f'ċerti riklami l-ġisem tal-bniedem isir oġġett ta' tkixxif biex jaqta' l-kurżità żienja ta' xi wħud jew li l-"*mass media*" jitħajru juru fid-dieher ċerti kunfidenzi intimi. Il-mistħija tħajjar għal sura ta' ħajja li ma ċċedix għal dak li titlob il-moda u għal dak li jippretendu dawk l-ideoloġiji li huma minn fuq illum.

---

[1] Ara Rum 12,2; Kol 1,10.
[2] Santu Wistin, *Stqarrijiet*, 6, 1, 30.

2524 Is-suriet tal-mistħija jvarjaw minn kultura għall-oħra. Madankollu kullimkien tagħti ħjiel ta' dik id-dinjità spiritwali li hi proprja tal-bniedem. Il-bniedem jibda jistħi malli tissawwar il-kuxjenza tiegħu. Meta tgħallem il-mistħija lit-tfal u l-adolexxenti tkun qed tqajjem fihom ir-rispett għall-persuna tagħhom bħala bnedmin.

2525 Is-safa nisrani jitlob *li l-ambjent soċjali jkun safi wkoll*: jitlob li l-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali jagħtu informazzjoni li tagħti kas ir-rispett u l-qies li għandu jkun hemm għas-safa u r-rażan fl-imġiba. Is-safa tal-qalb teħles mill-erotiżmu li hawn imxerred illum kullimkien u taħrab minn dawk l-ispettakli li iktar isaħħu l-kurżità żienja u l-illużjoni tal-bniedem.

2526 Dak li qed jissejjaħ *permessività fl-imġiba* hu mibni fuq fehma żbaljata tal-libertà tal-bniedem; sabiex tiżviliuppa l-libertà vera jeħtieġ li qabelxejn inħallu lilna nfusna niġu mħarrġa fil-liġi morali. Dawk responsabbli mill-edukazzjoni huma mistennija jagħtu liż-żgħażagħ tagħlim mimli rispett għall-virtù u għall-verità, għall-kwalitajiet tal-qalb, u għad-dinjità morali u spiritwali tal-bniedem.

2527 "Il-Bxara t-Tajba ta' Kristu ġġedded bla heda l-ħajja u l-kultura tal-bniedem li waqa' fid-dnub, teħodha kontra u twarrab l-iżbalji u l-ħażen kollu li jiġi minn dak li d-dnub jħajjarna għalih u jheddidna bih. Ma tieqaf qatt issaffi u tgħolli l-moralità tal-ġnus. B'għana li jiġi mis-sema, tqawwi fil-ġnus il-kwalitajiet spiritwali u d-doni proprji tagħhom u ta' kull żmien. Issaħħaħhom, tipperfezzjonahom, u ġġeddidhom fi Kristu".[1]

## Fil-qosor

2528 *"Kull min iħares lejn mara u jixtieqha, ikun ġa għamel adulterju magħha f'qalbu"* (Mt 5,28).

2529 *Id-disa' kmandament jordnalna nħarsu ruħna miż-żina u mill-ġibda tal-ġisem.*

2530 *It-taqbida kontra l-ġibda tal-ġisem trid is-safa tal-qalb u ħajja ta' rażan.*

2531 *Is-safa tal-qalb tagħtina li naraw 'l Alla: tagħtina minn issa li naraw kollox kif jarah Alla.*

2532 *Is-safa tal-qalb tiġi mit-talb, mill-ħarsien tal-kastità, u mis-safa tal-fehmiet u tal-ħars.*

2533 *Is-safa tal-qalb titlob il-mistħija li tfisser sabar, modestja u għaqal. Il-mistħija hi ħarsien tal-intimità tal-persuna.*

[1] Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 58.

## L-għaxar artiklu

# L-GĦAXAR KMANDAMENT

La tixtieqx… xejn minn kulma għandu għajrek *(Eż 20,17)*. La tixxennaqx għal dar għajrek: għar-raba' tiegħu, għall-qaddej tiegħu, għall-qaddejja tiegħu, għall-gendus tiegħu, għall-ħmar tiegħu, għal xejn milli għandu għajrek *(Dewt 5,21)*.

Fejn hemm it-teżor tiegħek, hemm hi qalbek ukoll *(Mt 6,21)*.

2534 L-għaxar kmandament itenni d-disa' kmandament u jagħmlu sħiħ. Id-disa' kmandament hu dwar il-ġibda tal-ġisem; l-għaxar wieħed jipprojbixxi x-xenqa għall-ġid tal-proxxmu, għerq tas-serq kollu, tal-ħtif bil-vjolenza, u tal-qerq li hu pprojbit mis-seba' kmandament. Il-"ġibda tal-għajnejn"[1] twassal għall-vjolenza u għall-inġustizzja pprojbiti mill-ħames kmandament.[2] Ix-xeħħa, bħaż-żína, għandha l-għerq tagħha fl-idolatrija pprojbita mill-ewwel tliet kmandamenti tal-Liġi.[3] L-għaxar kmandament hu dwar l-intenzjoni tal-qalb: flimkien mad-disa' kmandament jiġbor fil-qosor il-kmandamenti kollha tal-Liġi.

## I. Id-diżordni ta' kull ġibda

2535 Il-ħajriet tal-ġisem iwassluna biex nixtiequ dawk il-ħwejjeġ li jagħtuna pjaċir u li ma għandniex. Il-ġuħ iħajjarna għall-ikel, il-bard iħajjarna biex nissaħħnu. Dawn ix-xewqat huma tajbin fihom infushom; iżda spiss mhumiex skont il-qies tar-raġuni, u jwassluna biex nixtiequ inġustament dak li mhuwiex tagħna imma hu, jew għandu jkun, ta' ħaddieħor.

2536 L-għaxar kmandament jipprojbixxi x-*xeħħa,* li hi x-xewqa li tagħmel tiegħek bir-radam il-ġid tal-art. Jipprojbixxi wkoll ir-*regħba* mingħajr qies li tiġi minn passjoni bla rażan għall-għana u għas-setgħa. L-għaxar kmandament jipprojbixxi wkoll ix-xewqa ta' xi għemil inġust li bih tagħmel xi ħsara lil għajrek fil-ġid tiegħu ta' din id-dinja:

Meta l-Liġi tgħidilna "La tixtieqx" tkun qed tgħidilna fi kliem ieħor biex inżommu bogħod ix-xewqat tagħna minn dak kollu li mhux tagħna. Għax kbir fuq li kbir hu l-għatx għall-ġid ta' għajrna, bla qies, u qatt ma jinqata', tant li hemm miktub: "Min iħobb il-flus ma jixbax bil-flus" *(Sir 5,9)*.[4]

2537 Ma jkunx ksur tal-għaxar kmandament ix-xewqa li tikseb dak li hu ta' ħaddieħor, jekk dan trid tiksbu b'mezzi ġusti. Il-katekeżi tradizzjonali b'mod realistiku ħafna tgħid "lil dawk li għandhom ħafna, biex jeħduha kontra x-xewqat kriminali tagħhom" u għalhekk "tħeġġiġhom aktar biex iħarsu dan il-kmandament":

Dawn huma n-negozjanti li jixtiequ li jkun hemm skarsezza ħa jogħlew il-prezzijiet, li jiddispjaċihom li mhux huma biss jixtru u jbigħu, għax ikunu jistgħu jbigħu bl-għoli u

[1] Ara 1 Ġw 2,16.
[2] Ara Mik 2,2.
[3] Ara Għerf 14,12.
[4] *Catechismus Romanus*, 3, 37.

jixtru b'irħis dak li jkunu ħażnu; huma dawk li jixtiequ jaraw nies fil-miżerja, biex jaqilgħu minn fuq darhom sew jekk ibigħulhom u sew jekk jixtru mingħandhom... It-tobba li jixtiequ li n-nies jimirdu, l-avukati li jitolbu li jkun hemm ħafna kawżi u proċessi importanti...[1]

2538 L-għaxar kmandament jitlob li nbiegħdu kull *għira* minn qalbna. Meta l-profeta Natan ried iħeġġeġ lis-sultan David ħa jindem, irrakkontalu l-istorja ta' wieħed fqir li kellu nagħġa waħda biss, u li kien iqisha bħala bintu, u tal-għani li, minkejja li kellu għadd ta' merħliet, għer għall-fqir u wasal biex jisraqlu n-nagħġa waħda.[2] L-għira tista' twassal għall-għemil ta' ħażen mill-agħar.[3] Hu minħabba l-għira tax-xitan li l-mewt daħlet fid-dinja.[4]

Aħna lkoll niġġieldu bejnietna, u hi l-għira li ġġellidna ma' xulxin... Jekk ilkoll niħraxu biex infarrku l-ġisem ta' Kristu, fejn se naslu? Sejrin indgħajfu l-ġisem ta' Kristu... Ngħidu li aħna membri tal-istess ġisem, u qed niddivorawh kif jiddivorawh il-bhejjem selvaġġi.[5]

2539 L-għira hi wieħed mis-seba' rjus tad-dnub il-mejjet: tfisser in-niket li wieħed iħoss quddiem il-ġid tal-oħrajn, u x-xewqa bla rażan biex dan il-ġid isir tiegħu, ukoll b'mezzi li m'għandux juża. Meta jwassal biex wieħed ikollu xewqa ta' ħsara kbira lill-proxxmu, dan ikun dnub mejjet:

Santu Wistin fl-għira kien jara "d-dnub proprju tax-xitan".[6] "Mill-għira jiġu l-mibegħda, mibegħda, il-malafama, il-kalunnja, il-pjacir għad-deni tal-proxxmu, u d-dispjaċir għar-risq tiegħu".[7]

2540 L-għira hi waħda mill-għamliet tad-dwejjaq u għalhekk hi ċaħda tal-imħabba. Min hu mgħammed għandu jirbaħ l-għira billi juri tjieba u ħlewwa ma' kulħadd. L-għira kemm-il darba hi frott tas-suppervja; min hu mgħammed għandu jħabrek biex ikun umli:

Trid li Alla jkun imsebbaħ? Ifraħ bil-progress ta' ħuk, u, minnufih, Alla bik ikun imsebbaħ. Alla jkun imfaħħar, għandna ngħidu, meta l-qaddej tiegħu jagħraf jirbaħ l-għira billi jibda jifraħ bil-merti tal-oħrajn.[8]

## II. Ix-xewqat tal-ispirtu

2541 Il-pjan tal-Liġi u tal-Grazzja jbiegħed il-bnedmin mix-xeħħa u l-għira: jagħtihom li jixtiequ lil Alla, il-Ġid Setgħani: jgħallimhom ix-xewqat tal-Ispirtu, li jissodisfaw il-qalb tal-bniedem.

Alla tal-wegħdiet minn dejjem wissa lill-bniedem biex iħares ruħu mill-ħajra għal dak li sa mill-bidu "deher tajjeb għall-ikel u jiġbdek fl-għajn u jħajrek".[9]

[1] *Catechismus Romanus,* 3, 37.
[2] Ara 2 Slat 12,1.4.
[3] Ara Ġen 4,3-7; 1 Slat 21,1-29.
[4] Ara Għerf 2,24.
[5] San Ġwann Griżostmu, *Homiliae in secumdum ad Corinthios,* 28, 3-4: PG 61, 594-595.
[6] Santu Wistin *De catechizandis rudibus,* 4, 8.
[7] San Girgor il-Kbir, *Moralia in Iob,* 31, 45: PL 76, 621.
[8] San Ġwann Griżostmu, *Homilia in ad Romanos,* 7, 3: PG 60, 445.
[9] Ara Ġen 3,6.

2542 Il-Liġi mogħtija lil Israel ma kinitx biżżejjed biex tagħti l-ġustifikazzjoni lil dawk li kienet torbot. Din il-Liġi stess saret strument tal-"konkupixxenza" *(Rum 7,7)*. In-nuqqas ta' qbil bejn ir-rieda u l-għemil[1] hu xhieda tal-konflitt bejn il-liġi ta' Alla, li hi "l-liġi tar-raġuni", u l-liġi l-oħra li "tjassarni għal-liġi tad-dnub li hemm ġewwa ġismi" *(Rum 7,23)*.

2543 "Issa l-ġustizzja ta' Alla dehret mingħajr il-Liġi, għad li l-Liġi u l-profeti jixhdu għaliha. U din hi l-ġustizzja ta' Alla u li Alla jagħti permezz tal-fidi f'Ġesù Kristu, lil dawk li jemmnu, bla ma jagħżel bejniethom" *(Rum 3,21-22)*. Minn dak iż-żmien, dawk li jemmnu fi Kristu "sallbu l-ġisem bil-ġibdiet u l-passjonijiet tiegħu" (Gal 5,24) u jafu x'inhi x-xewqa tal-Ispirtu.[2]

## III. Il-faqar tal-qalb

2544 Ġesù ried li d-dixxipli tiegħu jagħżlu lilu qabel kollox u qabel kulħadd, u ħajjarhom "jitilqu ġidhom kollu" *(Lq 14,33)* minħabba fih u l-Evanġelju.[3] Ftit qabel il-passjoni tiegħu semmielhom l-eżempju tal-armla fqira li, fil-faqar tagħha, tat kulma kellha biex tgħix.[4] Il-kmandament li tinqata' mill-għana kollu hu meħtieġ għad-dħul fis-Saltna tas-smewwiet.

2545 Il-fidili kollha ta' Kristu "għandhom jirregolaw sewwa l-ġibdiet tagħhom biex l-użu tal-ġid tad-dinja u r-rabta mal-għana li hi kuntrarja għall-ispirtu tal-faqar evanġeliku, ma tbegħedhomx milli jfittxu l-perfezzjoni tal-imħabba".[5]

2546 "Henjin il-foqra fl-ispirtu" *(Mt 5,3)*. Il-beatitudnijiet ixandrulna ordni ta' hena u ta' grazzja, ta' ġmiel u ta' sliem. Ġesù jiċċelebra l-ferħ tal-foqra li ġa għandhom tagħhom is-Saltna tas-smewwiet:[6]

> Il-Verb isejjaħ "faqar fl-Ispirtu" l-umiltà tal-ispirtu uman u ċ-ċaħda tiegħu; u l-Appostlu jagħtina bħala eżempju l-faqar ta' Alla meta jgħidilna li Kristu "ftaqar għalina" *(2 Kor 8,9)*.[7]

2547 Il-Mulej jisgħobbih għall-għonja għax il-faraġ tagħhom isibuh fil-ġid bil-kotra *(Lq 6,24)*: "Min hu supperv ifittex setgħa fuq l-art, waqt li l-fqir fl-ispirtu jfittex is-Saltna tas-smewwiet".[8] Meta nafdaw ruħna f'idejn il-providenza tal-Missier tas-sema, inkunu qed neħilsu mit-tħassib għall-għada.[9] Il-fiduċja f'Alla tħejjina għall-hena tal-foqra: huma jaraw lil Alla.

## IV. "Irrid nara 'l Alla"

2548 Ix-xewqa għall-ġid veru toftom il-bniedem mir-rabta bla qies għall-ġid tad-dinja, biex jasal għall-milja tiegħu fid-dehra u l-hena ta' Alla. "Il-wegħda li

[1] Ara Rum 7,10.
[2] Ara Rum 8,27.
[3] Ara Mk 8,35.
[4] Ara Lq 21,4.
[5] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 42.
[6] Ara Lq 6,20.
[7] San Girgor ta' Nissa, *Orationes de beatitudinibus*, 1: PG 44, 1200D
[8] Santu Wistin, *De sermone Domini in monte*, 1, 1, 3; PL 34, 1232.
[9] Ara Mt 6,25-34.

tara 'l Alla hi aqwa minn kull hena. Fl-Iskrittura 'tara' jfisser 'ikollok'. Min jara lil Alla għandu l-ġid kollu li wieħed jista' qatt jittama għalih".[1]

2549 Il-poplu qaddis għandu jitqabad, bl-għajnuna tal-grazzja ta' Alla l-Għoli, biex jikseb il-ġid li Alla jwiegħed. Biex ikollhom 'l Alla u jikkontemplawh, il-fidili ta' Kristu jridu jgħakksu x-xewqat tagħhom u bil-grazzja ta' Alla, jbegħduhom minn kull ħajra għall-hena fieragħ u għas-setgħa.

2550 Fit-triq tal-perfezzjoni, l-Ispirtu u l-Għarusa jsejħu lil dawk li jisimgħuhom[2] għall-għaqda perfetta ma' Alla:

> Hemm tinsab il-glorja vera; ħadd ma jfaħħar lil xi ħadd bi żball jew fil-fieragħ; il-ġieħ veru ma jiġix imċaħħad lil dawk li jistħoqqilhom, u lanqas jingħata lil min ma jistħoqqlux; madankollu ebda wieħed li ma jistħoqqlux ma jista' jippretendi ġieħ fejn ma jeħduhx ħlief dawk li jistħoqqilhom. Hemm ikun hemm is-sliem tassew u ħadd ma jġarrab il-kuntrarju minnu nnifsu jew minn oħrajn. Alla nnifsu jkun il-ħlas tal-virtù, hu li jagħti kull virtù u li wiegħed lilu nnifsu bħala l-aħjar u l-aqwa ħlas li jista' jeżisti: "Jien inkun Alla tagħkom u intom tkunu l-poplu tiegħi" *(Lev 26,12)*. Dan ukoll ifisser kliem l-Appostlu: "sabiex Alla jkun kollox f'kollox" *(1 Kor 15,28)*. Hu nnifsu jkun it-tmiem tax-xewqat kollha tagħna, lilu nikkontemplaw għal dejjem ta' dejjem, lilu nħobbu bla xebgħa, lilu nfaħħru mingħajr qatt ma negħjew. U dan id-don, din l-imħabba, din il-ħidma jkunu żguri għalina, daqs kemm hi żgura l-ħajja ta' dejjem, għal kulħadd.[3]

## Fil-qosor

2551 *"Fejn hemm it-teżor tiegħek, hemm hi qalbek ukoll"* (Mt 6,21).

2552 *L-għaxar kmandament jipprojbixxi x-xeħħa bla rażan u r-regħba għall-għana u s-setgħa.*

2553 *L-għira hi d-dwejjaq li wieħed iħoss quddiem il-ġid ta' ħaddieħor u x-xewqa bla rażan biex jagħmlu tiegħu. Hi wieħed mill-irjus tad-dnubiet il-mejta.*

2554 *Min hu mgħammed jissielet kontra l-għira bit-tjieba u l-ħlewwa tiegħu, billi jkun umli u jintelaq f'idejn il-providenza ta' Alla.*

2555 *Il-fidili ta' Kristu "sallbu l-ġisem bil-ġibdiet u l-passjonijiet tiegħu"* (Gal 5,24); *l-Ispirtu jmexxihom, u jagħmlu dak li jixtieq minnhom.*

2556 *Min irid jidħol fis-Saltna tas-smewwiet irid jinfatam mill-għana tad-dinja: "Henjin il-foqra fl-ispirtu"* (Mt 5,3).

2557 *Il-vera xewqa tal-bniedem hi: "Irrid nara 'l Alla". L-għatx ta' Alla jaqtgħu l-ilma li jfawwar sal-ħajja ta' dejjem.*[4]

---

[1] San Girgor ta' Nissa, *Orationes de beatitudinibus*, 6: PG 44, 1265A.
[2] Ara Apok 22,17.
[3] Santu Wistin, *Il-Belt ta' Alla*, 22, 30.
[4] Ara Ġw 4,14.